

**Paġna ewlenija>Proċeduri tal-qorti>Kawżi ċivili>Servizz ta' dokumenti: trasmissjoni uffiċjali ta' dokumenti legali****Servizz ta' dokumenti: trasmissjoni uffiċjali ta' dokumenti legali**

Jekk inti involut fi proċediment ġuridiku u għandek bżonn tibgħat u/jew tirċievi dokumenti ġuridiċi jew extraġudizzjarji, hawnhekk tista' ssib l-informazzjoni nazzjonali dwar kif għandek tipproċedi.

**Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) 1393/2007** tat-13 ta' Novembru 2007 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali jirregola n-notifika tad-dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri. Jipprovdi proċedura għan-notifika ta' dokumenti permezz ta' "aġenziji mittenti" u "aġenziji riċeventi" maħtura, bejn il-pajjiżi tal-UE, inkluża d-Danimarka. Ir-Regolament jirreferi, pereżempju, għad-dokumenti ġudizzjarji bħaċ-ċitazzjonijiet li jinnotifikaw il-bidu tal-proċedimenti, l-appelli, in-noti ta' eċċezzjonijiet, l-inġunzjonijiet jew għad-dokumenti extraġudizzjarji bħall-atti notarili li jkunu jridu jiġu nnotifikati f'pajjiż tal-UE li ma jkunx dak li fihi inti ttrissiedi.

**Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.**

L-aħħar aġġornament: 13/05/2019

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.

**In-notifika ta' atti - Belġju****1 F'termini prattiċi xi f'fisser it-terminu legali "notifika ta' dokumenti"? Għaliex hemm regoli speċifiċi dwar in-"notifika ta' dokumenti"?**

Meta jinfetħu kawżi l-qorti, il-komunikazzjoni hi estremament importanti. Hu assolutament vitali li l-partijiet għall-proċedimenti u l-imħallef ikunu jafu x'inhuma t-talbiet tal-attur, l-argumenti tal-konvenut, l-iżvolġiment tal-proċedimenti u d-deċiżjoni tal-qorti. Parti li ma taċċettax id-deċiżjoni u tappella quddiem qorti superjuri jeħtiġilha tinforma lill-partijiet l-oħra bid-deċiżjoni tagħha billi tippreżenta jew tibgħat dokumenti (pereż. taħrikiet, applikazzjonijiet, preżentazzjonijiet lill-qorti, sentenzi, appelli, eċċ.). Hawn ma nidħlux fid-dokumenti nfushom iżda fil-mod li bih dawn jingħaddew lill-partijiet u, fejn xieraq, lill-qorti. Ir-regoli rilevanti huma stabbiliti fl-Artikoli minn 32 sa 47 tal-Kodiċi Ġudizzjarju [*code judiciaire*].

Fil-Belġju ssir distinzjoni bejn notifika bil-posta [*notification*] u notifika minn uffiċjal ġudizzjarju [*signification*].

Essenzjalment, notifika minn uffiċjal ġudizzjarju tintuża meta dokument jinħareġ lil persuna oħra permezz ta' uffiċjal tal-gvern. Fil-Belġju dak l-uffiċjal hu magħruf bħala uffiċjal ġudizzjarju ("huissier de justice"). Fil-prattika, l-uffiċjal ġudizzjarju joħroġ kopja attestata tad-dokument għall-persuna inkwistjoni.

L-uffiċjal ġudizzjarju jista' jwassallek diversi taħrikiet (hawn taħt imsejħa "notifika minn uffiċjal ġudizzjarju" jew "rekord tan-notifiki minn uffiċjal ġudizzjarju"). L-aktar magħrufa huma:

- taħrika biex tidher il-qorti;
- notifika ta' sentenza (possibilmment b'ordni ta' f'ħlas);
- ordni ta' f'ħlas;
- ordni ta' tluq minn abitazzjoni;
- sekwestru (eż. mill-proprjetà personali tiegħek, mill-akkomodazzjoni);
- notifika ta' avviż preċedenti;
- ...

Għall-kuntrarju ta' notifika minn uffiċjal ġudizzjarju, notifika bil-posta ssir meta dokument tal-qorti (oriġinali jew kopja) jintbagħat bil-posta, jiġifieri mingħajr l-involviment ta' uffiċjal tal-gvern.

Id-data tan-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju hi importanti.

Fil-każ ta' taħrikiet, iridu jiġu rrispettati ċerti perjodi ta' żmien bejn il-ħin tan-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju u ż-żmien li fihi il-każ jiġi ttrattat fis-smiġħ inizjali tal-qorti.

Meta sentenza tiġi nnotifikata minn uffiċjal ġudizzjarju, dik id-data tkun id-data tal-bidu tal-perjodu għall-oġġezzjonijiet jew għal kwalunkwe appell li jista' jitressaq.

B'mod ġenerali, id-dokumenti jiġu nnotifikati minn uffiċjal ġudizzjarju. In-notifika bil-posta tintuża f'każijiet speċifiċi ddefiniti bil-liġi.

Iċ-ċitazzjoni [*l'exploit de signification*] trid tiġi ffirmata mill-uffiċjal ġudizzjarju eżekutorju u trid tinkompli dawn li ġejjin, kif speċifikat fl-Artikolu 43 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, peress li mingħajrhom ma tkunx valida:

- 1° il-jum, ix-xahar, is-sena u l-post tan-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju;
- 2° il-kunjom, l-isem, l-okkupazzjoni, id-domiċilju u, jekk applikabbli, il-kapaċità u l-elenkar fir-reġistru kummerċjali jew tan-negozji tal-persuna li fuq it-talba tagħha ċ-ċitazzjoni tiġi nnotifikata minn uffiċjal ġudizzjarju;
- 3° il-kunjom, l-isem, id-domiċilju, jew, fin-nuqqas ta' domiċilju, ir-residenza u, jekk applikabbli, il-kapaċità tad-destinatarju taċ-ċitazzjoni;
- 4° il-kunjom, l-isem u, jekk applikabbli, il-kapaċità tal-persuna li lilha tingħata l-kopja, jew fejn tħalliet kopja fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 38(1), jew fejn intbagħtet bil-posta ċ-ċitazzjoni fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 40;
- 5° il-kunjom u l-isem tal-uffiċjal ġudizzjarju u l-indirizz tal-uffiċċju tiegħu;
- 6° spjegazzjoni tat-tariffi tad-dokument.

Il-persuna li lilha tingħata l-kopja tiffirma l-oriġinali. Jekk tirrifjuta milli tiffirma, l-uffiċjal ġudizzjarju jieħu nota tar-rifjut fuq l-avviż.

Skont l-Artikolu 47 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, l-uffiċjal ġudizzjarju ma jistax jinnotifika dokumenti:

- 1° qabel is-6 a.m. jew wara d-9 p.m. f'post mhux miftuħ għall-pubbliku;
- 2° is-Sibtijiet, il-Ħdud jew fil-vaganzi pubbliċi (din ir-restrizzjoni ma tapplikax għal notifika f'każijiet kriminali, ara l-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Kassazzjoni, Kass., is-27 ta' Marzu 1984, R.W. 1984-1985, 1093; Antwerp, it-2 ta' Ottubru 1975, R.W. 1976-1977, 1834), ħlief f'każijiet urġenti u bil-permess tal-maġistrat [*jugte de paix*] għal taħrikiet f'kawżi li jkunu se jinfetħu quddiemu, bil-permess tal-imħallef li jkunu awtorizza d-dokument għal dokumenti li jeħtiġu awtorizzazzjoni preliminari u fil-każijiet l-oħra kollha bil-permess tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza.

Meta d-dokument jiġi nnotifikat minn uffiċjal ġudizzjarju, il-persuna li lilha jiġi nnotifikat tingħata kopja (notifika minn uffiċjal ġudizzjarju) u l-uffiċjal ġudizzjarju jżomm l-oriġinali fil-waqt li l-każ ikun għaddej fl-uffiċċju tiegħu. Fil-każ ta' taħrikiet, l-uffiċjal ġudizzjarju ma jżommx l-oriġinali iżda jibagħtu lill-qorti biex tiżdied mal-lista ta' każijiet (avviż tat-taħrikiet lill-qorti).

Il-kopja tal-avviż irid ikun fiha l-informazzjoni kollha dwar l-oriġinali u tiġi ffirmata mill-uffiċjal ġudizzjarju (l-Artikolu 43 tal-Kodiċi Ġudizzjarju), għaliex fin-nuqqas ta' dawn din ma tkunx valida.

## 2 Liema dokumenti jeħtieġ li jkunu notifikati b'mod formali?

Il-liġi tispeċifika liema dokumenti għandhom jiġu nnotifikati minn uffiċjal ġudizzjarju jew innotifikati bil-posta. Madankollu, hemm wisq biex jiġu elenkati kollha kemm huma. L-eżempji jinkludu taħrikiet, applikazzjonijiet, sentenzi, appelli u oġġezzjonijiet.

## 3 Min hu responsabbli biex jinnotifika dokument?

Id-dokumenti jiġu nnotifikati minn uffiċjal ġudizzjarju u, għaldaqstant, iridu jiġu nnotifikati mill-uffiċjal ġudizzjarju stess.

Notifika bil-posta tinħareġ mill-iskrivan tal-qorti (f'okkażjonijiet rari mill-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku) b'konsenja ġudizzjarja rreġistrata (tip speċjali ta' ittra rreġistrata b'konferma tar-riċevuta) jew bil-posta ordinarja jew irreġistrata. Ir-regoli li jirregolaw il-konsenja ġudizzjarja rreġistrata huma stabbiliti fl-Artikolu 46 tal-Kodiċi Ġudizzjarju.

## 4 Tiftix tal-indirizz

### 4.1 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, l-awtorità rikjesta f'dan l-Istat Membru tipprova u tistabbilixxi hi bl-inizjattiva tagħha fejn tinsab il-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokumenti ladarba din ma tkunx għadha toqgħod fl-indirizz magħruf mill-awtorità rikjedenti?

Iva.

Fil-każ tal-Belġju, l-aġenziji riċevituri ddeżinjati f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) huma uffiċjali ġudizzjarji b'għurisdizzjoni territorjali.

Skont l-Artikolu 1 tad-Digriet Irjali tas-16 ta' Mejju 1986, l-awtorizzazzjoni tal-aċċess mill-uffiċjali ġudizzjarji għar-Reġistru Nazzjonali tal-Persuni Fiżiċi (*Arrêté royal du 16 mai 1986 autorisant l'accès des huissiers de justice au Registre national des personnes physiques*), għall-eżekuzzjoni tal-kompiti li jkollhom kompetenza għalihom, l-uffiċjali ġudizzjarji huma awtorizzati jaċċessaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 3 minn (1) sa (9) u fl-Artikolu 3(2) tal-Liġi tat-8 ta' Awwissu 1983 li tistabbilixxi Reġistru Nazzjonali ta' Persuni Fiżiċi (*loi du 8 août 1983 organisant un Registre national des personnes physiques*). B'mod partikolari, l-informazzjoni tinkludi l-indirizz irreġistrat bħala l-indirizz ewlieni għal kull persuna fiżika fir-reġistri tal-popolazzjoni (domiċilju).

### 4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-indirizz attwali tal-persuna? Jekk Iva, x'reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhil l-proċedura li trid tiġi segwita? Xi hias irid isir, jekk hemm? Le.

Fil-prinċipju, huma biss il-persuni, l-awtoritajiet pubbliċi, il-korpi pubbliċi u l-professjonijiet Belġjani msemmija fl-Artikolu 5 tal-Liġi tat-8 ta' Awwissu 1983 li tistabbilixxi Reġistru Nazzjonali ta' Persuni Fiżiċi li jistgħu jingħataw aċċess għall-informazzjoni fir-Reġistru Nazzjonali.

L-awtorizzazzjoni tingħata mill-Kumitat Settorjali tar-Reġistru Nazzjonali (*Comité sectoriel du Registre National*) imwaqqaf fil-Kummissjoni għall-Protezzjoni tal-Privatezza (*Commission de la protection de la vie privée*) skont l-Artikolu 15 tal-Liġi tat-8 ta' Awwissu 1983 li tistabbilixxi Reġistru Nazzjonali ta' Persuni Fiżiċi.

### 4.3 L-awtoritajiet f'dan l-Istat Membru kif jitrattaw talba mibgħuta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali bl-għan li jinstab l-indirizz attwali ta' persuna?

Dawn ma jistgħux jaġixxu fuqha sakemm is-sejbien tal-indirizz ma jidherx bħala miżura investigatorja għall-fini ta' kisba tal-evidenza li għandha tintuża fi proċeduri ġudizzjarji ċivili jew kummerċjali, mibdija jew ikkontemplati.

Il-kunċett ta' "evidenza" mhuwiex iddefinit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali. Dan ikopri, fost affarijiet oħra, intervisti ta' xhieda, ta' partijiet jew ta' esperti, il-produzzjoni ta' dokumenti, investigazzjonijiet, l-istabbiliment tal-fatti, il-konsultazzjoni ta' speċjalisti tal-familja u tal-benesseri tat-tfal.

Skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 1206/2001 imsemmi aktar 'il fuq, ma tistax issir talba "biex tinkiseb xhieda li mhijex maħsuba għall-użu fi proċedimenti ġudizzjarji, li jkunu bdew jew li hemm il-ħsieb li jinbdew".

Għalhekk, fil-prinċipju, l-indirizz ta' persuna li għaliha jkun meħtieġ li ssir notifika minn uffiċjal ġudizzjarju jew notifika bil-posta ta' dokument ġudizzjarju jew extra-ġudizzjarju ma jistax jitqies bħala evidenza skont it-tifsira tal-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2006/2001.

Barra minn hekk, l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 2006/2001 jiddikjara b'mod espliċitu li t-talba jrid ikun fiha "l-ismijiet u l-indirizzi tal-partijiet ...".

## 5 Fil-prattika, normalment kif jiġi notifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (ħlief in-notifika indiretta msemmija fil-punt 6 iktar 'l isfel)?

(a) Notifika minn uffiċjal ġudizzjarju

Il-metodu ta' notifika minn uffiċjal ġudizzjarju hu rregolat mill-Artikoli minn 32 sa 47 tal-Kodiċi Ġudizzjarju u japplika għal kawżi ċivili kif ukoll kriminali.

- Notifika b'mod personali minn uffiċjal ġudizzjarju (l-Artikoli minn 33 sa 34 tal-Kodiċi Ġudizzjarju)

Jekk l-uffiċjal ġudizzjarju jkun biħsiebu jinnotifika dokument, l-ewwel dan jieħu impenn li jwassal il-kopja tad-dokument lid-destinatariju b'mod personali. Din hi n-notifika b'mod personali minn uffiċjal ġudizzjarju.

Id-dokumenti jistgħu jiġu nnotifikati minn uffiċjal ġudizzjarju b'mod personali lid-destinatariju kull fejn isibu l-uffiċjal ġudizzjarju. Dan mhux bilfors irid ikun il-post tar-residenza tad-destinatariju; notifika valida minn uffiċjal ġudizzjarju tista' ssir, pereżempju, fil-post tax-xogħol tad-destinatariju, fit-triq jew fl-uffiċċju personali tal-uffiċjal ġudizzjarju.

Il-kundizzjoni hi li l-post tan-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju jrid ikun fi h'dan iż-żona tal-għurisdizzjoni tal-uffiċjal ġudizzjarju.

Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni dwar fejn jinsab id-destinatariju, l-uffiċjal ġudizzjarju imur direttament fid-domiċilju tad-destinatariju bit-tama li jsibu hemm.

Jekk l-uffiċjal ġudizzjarju jsib lill-parti (tkun fejn tkun) u l-parti tirrifjuta milli taċċetta l-kopja tad-dokument, l-uffiċjal ġudizzjarju jieħu nota tar-rifjut fuq l-oriġinali (imbagħad il-kopja tiġi mehmuża mal-oriġinali) u n-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju titqies li saret b'mod personali.

Fir-rigward tal-persuni ġuridiċi, in-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju titqies li tkun saret b'mod personali meta l-kopja tad-dokument tkun ingħatat lill-aġenzija jew lil impjegat awtorizzat skont il-liġi, skont l-istatut ta' assoċjazzjoni jew skont id-delegazzjoni dovuta biex jirrappreżenta lill-persuna ġuridika fil-proċeduri ġudizzjarji, anki fuq bażi konġunta. B'hekk, pereżempju, fil-każ ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata, in-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju tkun valida jekk issir lill-manijer, kemm jekk ikun fil-post tan-negozju rreġistrat jew f'xi post ieħor, lill-hinn mill-post tan-negozju rreġistrat.

- Notifika minn uffiċjal ġudizzjarju fid-domiċilju / fil-post tan-negozju rreġistrat (l-Artikolu 35 tal-Kodiċi Ġudizzjarju)

Jekk in-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju ma tkunx tista' ssir b'mod personali, din issir fid-domiċilju tad-destinatariju. "Domiċilju" tfisser il-post imniżżel bħala l-indirizz ewlieni għad-destinatariju fir-reġistri tal-popolazzjoni, jiġifieri l-indirizz tad-domiċilju.

Għal destinatariju mingħajr indirizz tad-domiċilju uffiċjali, in-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju tista' ssir fir-residenza tiegħu. "Residenza" tfisser kwalunkwe stabbiliment ieħor, bħall-post li fi h' il-persuna jkollha uffiċċju jew topera negozju jew industrija. L-uffiċjal kap tal-pulizija jeħtieġu jinforma lill-uffiċjal ġudizzjarju għall-eżekuzzjoni bil-post tar-residenza ta' parti li ma jkollhiex domiċilju uffiċjali meta jiġi ordnat jagħmel dan.

Fil-każ ta' persuna ġuridika, in-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju tista' ssir fil-post tan-negozju rreġistrat jew fl-uffiċċju amministrattiv jekk in-notifika b'mod personali minn uffiċjal ġudizzjarju tkun impossibbli.

B'notifika minn uffiċjal ġudizzjarju fid-domiċilju, il-kopja tad-dokument titwassal lil qarib, lil qarib tar-rispett, lil qaddej jew lil impjegat tad-destinatarju. Ma tistax tingħata lil tfal taħt l-età ta' 16-il sena. L-uffiċjal ġudizzjarju jniżżel nota fuq l-orijinali u fuq il-kopja tal-kapaċità tal-persuna li lilha tingħata l-kopja (pereż. relazzjoni mad-destinatarju).

- Notifika minn uffiċjal ġudizzjarju b'kontrofirma (l-Artikolu 38(1) tal-Kodiċi Ġudizzjarju)

Jekk l-uffiċjal ġudizzjarju ma jkunx jista' jinnotifika d-dokument b'wieħed mill-metodi speċifikati (l-Artikoli 33 sa 35 tal-Kodiċi Ġudizzjarju), in-notifika ssir f'konformità mal-Artikolu 38(1) tal-Kodiċi Ġudizzjarju, jiġifieri billi jħalli ċ-ċitazzjoni fid-domiċilju jew, fin-nuqqas ta' domiċilju, fir-residenza tad-destinatarju (notifika minn uffiċjal ġudizzjarju b'kontrofirma).

Il-kopja tad-dokument tinħareġ fl-indirizz billi tintuża l-kaxxa tal-ittri, f'envelopp issiġillat (li juri l-uffiċju tal-uffiċjal ġudizzjarju, il-kunjom u l-isem tad-destinatarju u l-post tan-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju, immarkat "*Pro Justitia – A remettre d'urgence* (għal konsenja urġenti)").

Jekk ma jkunx hemm kaxxa tal-ittri, l-uffiċjal ġudizzjarju hu awtorizzat iħalli l-kopja, f'envelopp, bi kwalunkwe mezz (pereż. jgħaddiha minn taħt il-bieb, minn ġo grada jew ċint, iwaħħalha mal-bieb bit-tejp).

L-uffiċjal ġudizzjarju jindika d-data, il-ħin u l-post fejn tħalliet il-kopja fuq iċ-ċitazzjoni oriġinali u fuq il-kopja nnotifikata minnu.

Mhux aktar tard mill-ewwel jum ta' xogħol wara n-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju taċ-ċitazzjoni, l-uffiċjal ġudizzjarju jibgħat ittra ffirmata lid-domiċilju, jew, fin-nuqqas ta' domiċilju, fir-residenza tad-destinatarju. L-ittra tindika d-data u l-ħin tal-konsenja u tiddikjara li kopja identika taċ-ċitazzjoni tista' tingħabar mid-destinatarju b'mod personali jew bi prokura awtorizzata kif xieraq bil-miktub mill-uffiċju tal-uffiċjal ġudizzjarju fi żmien tliet xhur mid-data li fiha ċ-ċitazzjoni għet innotifikata minn uffiċjal ġudizzjarju.

Meta destinatarju jkun applika għal tibdil tad-domiċilju (talba biex jinbidel l-indirizz), l-ittra rreġistrata msemmija fil-paragrafu 3 tintbagħat fil-post fejn dan ikun elenkat fir-reġistru tal-popolazzjoni u fl-indirizz li fiha ikun indika li jixtieq li jstabbilixxi d-domiċilju l-ġdid tiegħu.

Meta tkun saret proposta għat-tneħħija mir-reġistru pubbliku (tal-indirizz tad-domiċilju) għad-destinatarju u l-uffiċjal ġudizzjarju ma jkunx jista' jassumi mill-fatti li d-destinatarju m'għadux residenti propju aktar fl-indirizz tad-domiċilju, ikun biżżejjed li n-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju ssir skont l-Artikolu 38(2) tal-Kodiċi Ġudizzjarju (ara aktar 'l isfel).

Meta tkun għet proposta t-tneħħija mir-reġistru pubbliku, in-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju lill-prosekutur pubbliku f'konformità mal-Artikolu 38(2) tal-Kodiċi Ġudizzjarju (ara aktar 'l isfel) tkun permessibbli biss meta l-uffiċjal ġudizzjarju jikkonferma li d-destinatarju ma jkunx għadu jirresjedi fl-indirizz tad-domiċilju (pereż. meta l-uffiċjal ġudizzjarju jkun stabbilixxa li d-destinatarju fl-indirizz inkwistjoni jkun tkeċċa mid-dar) jew ikun fiżikament impossibbli li uffiċjal ġudizzjarju jinnotifika d-dokumenti.

Kif imsemmi aktar 'il fuq, notifika bil-posta ssir b'ittra, b'ittra rreġistrata jew b'konsenja ġudizzjarja rreġistrata. Fil-ġejjieni, in-notifika bil-posta elettronika tista' tkun possibbli wkoll.

- L-impossibbiltà fiżika tan-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju (Artikolu 38(2) tal-Kodiċi Ġudizzjarju)

Jekk mill-fatti stabbiliti fl-indirizz jirriżulta li hu fiżikament impossibbli (eż. minħabba li d-dar inqerdet minn nirien, jinstab li l-indirizz tad-domiċilju hu art mhux mibnija) biex in-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju ssir billi titħalla kopja taċ-ċitazzjoni fid-domiċilju (jew, fin-nuqqas ta' domiċilju, fir-residenza) tad-destinatarju, il-kopja tingħata lill-prosekutur pubbliku b'ġurisdiżjoni lokali.

L-orijinali u l-kopja jiddikjaraw iċ-ċirkustanzi li wasslu għan-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju lill-prosekutur pubbliku.

L-istess japplika meta l-proprjetà (li fiha jkun iddomiċiljat id-destinatarju) tkun evidentement għet abbandunata u d-destinatarju ma jkunx applika għal tibdil tad-domiċilju (eż. fil-każ ta' tkeċċija mid-dar id-destinatarju ma jkunx preżenti. Imbagħad in-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju ssir lill-prosekutur pubbliku f'konformità mal-Artikolu 38(2) tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

Kif stipulat aktar 'il fuq, in-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju f'konformità mal-Artikolu 38(2) tal-Kodiċi Ġudizzjarju tapplika wkoll fil-każ ta' tneħħija posposta mir-reġistru pubbliku, meta l-uffiċjal ġudizzjarju jkun jista' jstabbilixxi li d-destinatarju fil-fatt ma jgħixx fl-indirizz inkwistjoni.

In-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju lill-prosekutur pubbliku ma tkunx valida jekk il-parti li saret fuq it-talba tagħha kienet taf bid-domiċilju jew bir-residenza stabbiliti tad-destinatarju, skont liema minnhom ikun/tkun applikabbli.

- Notifika minn uffiċjal ġudizzjarju f'domiċilju stabbilit (Artikolu 39 tal-Kodiċi Ġudizzjarju)

Meta d-destinatarju jkun stabbilixxa d-domiċilju b'aġent, id-dokumenti jistgħu jiġu nnotifikati minn uffiċjal ġudizzjarju jew jiġu nnotifikati bil-posta fid-domiċilju stabbilit. Din hi possibbiltà u mhux obbligu. Għaldaqstant, ma hemm ebda raġuni għaliex jinħteġ li n-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju ma ssirx fid-domiċilju propju (fil-Belġju) minflok fid-domiċilju stabbilit (Kass. (Il-Prim'Awla), is-26 ta' Frar 2010, J.T., 2010, nru 6397, 371; Kass. (Il-Prim'Awla), l-10 ta' Mejju 2012, R.W., 201213, 1212).

Hemm biss eċċezzjoni waħda li, meta destinatarju li d-domiċilju propju (jew il-post tan-negozju rreġistrat) tiegħu jkun barra l-pajjiż jkollu domiċilju stabbilit fil-Belġju, in-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju trid issir fid-domiċilju stabbilit, u jekk ma ssirx hemm din ma tkunx valida (l-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, ara wkoll Kass. (Il-Prim'Awla), id-9 ta' Jannar 1997, R.W. 1997-98, 811: "Meta l-parti li fuq it-talba tagħha tkun saret in-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju tkun taf bid-domiċilju stabbilit tad-destinatarju, dik il-parti hi meħtieġa li titlob li ċ-ċitazzjoni tiġi nnotifikata minn uffiċjal ġudizzjarju f'dak il-post; din mhux possibbiltà iżda obbligu, u hi kwistjoni ta' ordni pubbliku").

Jekk il-kopja tingħadda lill-aġent b'mod personali fid-domiċilju stabbilit, din tiqies bħala notifika b'mod personali minn uffiċjal ġudizzjarju. In-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju u n-notifika bil-post ma jibqgħux possibbli fid-domiċilju stabbilit jekk l-aġent ikun deċedut, ma jibqax iddomiċiljat hemmhekk jew ikun temm l-operazzjonijiet.

Id-domiċilju jiġi stabbilit fuq il-bażi ta' relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet (jiġifieri fi proċedura bejn il-partijiet). B'hekk, hu validu biss bejn dawk il-partijiet u hu ristrett għal dik ir-relazzjoni legali. B'hekk, il-Qorti tal-Kassazzjoni ġudikat li l-istabbiliment ta' domiċilju f'att proċedurali tal-prim'istanza (eż. fit-taħrikiet jew fit-trattazzjonijiet) kien validu biss għall-proċeduri tal-prim'istanza sħaħ, għall-infurzar tas-sentenza sussegwenti u għal appell kontra dak il-ġudizzju (mill-parti kontradittorji). Jekk dak l-istabbiliment tad-domiċilju ma jkunx ġie ripetut fil-proċeduri sussegwenti (pereż. f'appell), dan ma kienx japplika għal dawk il-proċeduri sussegwenti (Kass. Il-Prim'Awla, id-30 ta' Mejju 2003, R.W. 2003-2004, 974; Kass. It-Tieni Awla, l-10 ta' Mejju 2006, R.W. 20082009, 455; Kass. Il-Prim'Awla, id-29 ta' Mejju 2009, R.W. 2010-2011, 1561).

Trid issir distinzjoni bejn il-kunċett ta' "domiċilju stabbilit" u l-kunċett ta' "indirizz tal-akkomodazzjoni", li hu diskuss hawn taħt.

Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-lingwa (Liġi tal-15 ta' Ġunju 1935 dwar l-użu tal-lingwi f'materji ġudizzjarji, *loi du 15 juin 1935 concernant l'emploi des langues en matière judiciaire*), l-imħallef tas-sekwestri [*juge des saisies*] qata' sentenza ċara fi Bruges (l-imħallef tas-sekwestri, Bruges, il-11 ta' Ottubru 2006, T.G.R. 2010, 95): hu l-post fejn fil-fatt seħħet in-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju (f'dan il-każ id-domiċilju stabbilit) li jgħodd u mhux id-domiċilju propju. F'dak il-każ, kemm l-applikant kif ukoll il-parti li għexet fir-reġjun fejn hu mitkellem il-Franċiż. Madankollu, il-parti mħarrka kienet stabbilixxiet id-domiċilju fir-reġjun fejn hu mitkellem l-Olandiż. Din għet imħarrka (bl-Olandiż biss) f'oppożizzjoni quddiem l-imħallef tas-sekwestri fi Bruges. Skont il-leġiżlazzjoni dwar il-lingwa, it-taħrikiet kellhom isiru bl-Olandiż. Il-kwistjoni kienet jekk kienx jenħteġ li magħha tiġi meħmuża traduzzjoni bil-Franċiż f'konformità mal-Artikolu 38 tal-Liġi dwar l-użu tal-lingwi. L-imħallef sab li ma kienx hemm bżonn li tiġi meħmuża traduzzjoni bil-Franċiż mat-taħrika bl-Olandiż, peress li l-għażla tal-lingwa għet iddeterminata biss mill-post tan-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju.

- Notifika minn uffiċjal ġudizzjarju meta d-domiċilju ma jkunx magħruf (Artikolu 40 tal-Kodiċi Ġudizzjarju)

“Għal persuni li ma jkollhom ebda domiċilju jew residenza magħrufin jew domiċilju stabbilit fil-Belġju, l-uffiċjal għidizzjarju jibgħat il-kopja tad-dokument bil-posta reġistrata fid-domiċilju jew fir-residenza tagħhom barra l-pajjiż, bl-ajru jekk id-destinazzjoni ma tkunx fi Stat ġar, mingħajr ħsara għall-forom l-oħra ta' trażmissjoni miftiehma bejn il-Belġju u l-pajjiż ta' domiċilju jew tar-residenza tagħhom. In-notifika minn uffiċjal għidizzjarju titqies li tkun saret meta d-dokumenti jingħataw lis-servizz postali filwaqt li tinkiseb prova tal-impostar kif indikat f'dan l-artikolu.

Għal persuni li ma jkollhom ebda domiċilju jew residenza magħrufin jew domiċilju stabbilit fil-Belġju jew barra l-pajjiż, in-notifika minn uffiċjal għidizzjarju ssir lill-prosekutur pubbliku għad-distrett li fih jippresjedi l-imħallef li jkun se jisma' jew li jkun sema' l-applikazzjoni; jekk ma ssir jew ma tkun saret ebda applikazzjoni quddiem l-imħallef, in-notifika minn uffiċjal għidizzjarju ssir lill-prosekutur pubbliku li fil-ġurisdiżzjoni tiegħu l-attur ikollu d-domiċilju tiegħu jew, jekk dan ma jkollu ebda domiċilju fil-Belġju, il-prosekutur pubbliku għal Brussell.

...

In-notifika minn uffiċjal għidizzjarju dejjem tista' ssir b'mod personali jekk dawn ikunu jinsabu fil-Belġju.

In-notifika minn uffiċjal għidizzjarju barra l-pajjiż jew lill-prosekutur pubbliku tkun nulla u bla effett jekk il-parti li n-notifika tkun saret fuq it-talba tagħha kienet taf bid-domiċilju jew ir-residenza jew bid-domiċilju stabbilit tad-destinatarju fil-Belġju jew barra l-pajjiż, skont liema minnhom ikun/tkun applikabbli”.

Il-Qorti ta' Kassazzjoni hi tal-fehma li din mhix għażla iżda obbligu li hu materja ta' ordni pubbliku (Kass., Prim'Awla, id-9 ta' Jannar 1997, R.W. 1997-1998, 811).

Parti li lilha tiġi nnotifikata ċitazzjoni minn uffiċjal għidizzjarju u li targumenta li l-parti kontradittori kienet taf bir-residenza tagħha, pereżempju, u, għalhekk, tinwoka r-regola li n-notifika minn uffiċjal għidizzjarju lill-prosekutur pubbliku kienet nulla u bla effett jeħtiġilha tipprovdi l-evidenza. Għaldaqstant, l-oneru tal-provi jaqqa' fuq il-parti li lilha għet innotifikata ċ-ċitazzjoni minn uffiċjal għidizzjarju (l-imħallef tas-sekwestri ta' Ghent, it-18 ta' Marzu 2008, R.W. 2010-2011, 124).

- Regoli speċjali għan-notifika minn uffiċjal għidizzjarju (ara l-Artikoli 41 u 42 tal-Kodiċi Għidizzjarju).

- Notifika minn uffiċjal għidizzjarju u notifika bil-posta li jkunu ser isiru għal persuni bi trustee lill dawk il-persuni nnifishom u fid-domiċilju jew fir-residenza tat-trustee, dment li n-notifika minn uffiċjal għidizzjarju jew in-notifika bil-posta tkun relatata mal-funzjoni tat-trustee (Artikolu 499/12 tal-Kodiċi Ċivili).

L-indirizz tal-akkomodazzjoni: “Indirizz tal-akkomodazzjoni” tfisser l-indirizz ta' persuna fiżika elenkata fir-reġistru tal-popolazzjoni fil-post fejn tkun stabbilixxiet ir-residenza prinċipali tagħha, jew ta' persuna ġuridika, li fiha, bil-kunsens ta' dik il-persuna fiżika jew ġuridika, persuna fiżika mingħajr residenza fissa tkun irreġistrata (Artikolu 1(2) tal-Liġi tad-19 ta' Lulju 1991 dwar ir-reġistri tal-popolazzjoni, il-karti tal-identità għaċ-ċittadini barranin u d-dokumenti ta' residenza, li temenda l-Liġi tat-8 ta' Awwissu 1983 li tistabbilixxi Reġistru Nazzjonali ta' Persuni Fiżiċi (kif emendata fil-31 ta' Awwissu 2015) (*Loi du 19 juillet 1991 relative aux registres de la population, aux cartes d'identité, aux cartes d'étranger et aux documents de séjour et modifiant la loi du 8 août 1983 organisant un Registre national des personnes physiques (dans sa teneur modifiée au 31 août 2015)*).

Persuna mingħajr residenza fissa tuża l-indirizz tad-domiċilju ta' persuna oħra bħallikieku. Persuna li tawtorizza persuna fiżika biex tuża l-indirizz tad-domiċilju tagħha bħala indirizz tal-akkomodazzjoni tiegħu impenn li tgħaddi d-dokumenti kollha (eż. posta) mibgħuta lilha mingħajr ħlas. Barra minn hekk, ċerti benefiċċji (li jeħtieġu indirizz uffiċjali) (bħal benefiċċji tal-familja, benefiċċji tal-qgħad, benefiċċji reċiproċi) jistgħu jintbagħtu fuq indirizz tal-akkomodazzjoni (madankollu, ma hu meħtieġ ebda indirizz tal-akkomodazzjoni biex jiġu riċevuti f'ħlasijiet tal-integrazzjoni soċjali!)

Persuni (b'ebda domiċilju jew residenza fissi) li jistgħu jużaw indirizz tal-akkomodazzjoni huma:

- persuni li jgħixu f'residenza mobbli (eż. dgħajsa jew karavan) (mhux inklużi karavans residenzjali);
- persuni li huma assenti fuq studju jew vjaġġi tax-xogħol għal anqas minn sena;
- persunal ċivili u militari tal-forzi armati bbażat barra l-pajjiż u l-unitajiet domestiċi tagħhom;
- persuni li ma jkollhomx jew ma jibgħax ikollhom post tar-residenza minħabba nuqqas ta' riżorsi.

L-uffiċċju tas-servizzi soċjali (*Centre public d'aide sociale*) jew persuna fiżika jistgħu jipprovdu indirizz tal-akkomodazzjoni.

Meta persuna jkollha indirizz tal-akkomodazzjoni, l-uffiċjal għidizzjarju jista' jinnotifika d-dokumenti kollha fuq dak l-indirizz, għall-kuntrarju tal-kunċett ta' domiċilju stabbilit iddefinit aktar 'il fuq: l-uffiċjal għidizzjarju jista' jinnotifika biss fuq dak l-indirizz dokumenti relatati mat-tranżazzjoni/mal-proċedimenti legali li għalihom id-domiċilju jkun għe stabbilit hemm.

Madankollu, l-uffiċjali għidizzjarji ma jistgħux jagħmlu sekwestri fl-indirizz tal-akkomodazzjoni (mingħand il-persuna li jkollha l-indirizz tal-akkomodazzjoni), peress li dik il-persuna titqies li mhix proprjetarja ta' kwalunkwe proprjetà mobbli f'dak l-indirizz.

(b) Notifika bil-posta

Artikolu 46(1) [..].

“Meta l-ittra għidizzjarja rreġistrata tintbagħat f'forma stampata, l-uffiċċju tas-servizz postali jagħtiha lid-destinatarju b'mod personali jew fid-domiċilju tiegħu kif speċifikat fl-Artikoli 33, 34, 35 u 39. Il-persuna li lilhom tingħata l-ittra tiffirma u tniżżel id-data fuq il-konferma tar-riċevuta u s-servizz postali jirritornaha lill-emittent. L-impjegat tal-posta jieħu nota ta' kwalunkwe rifjut ta' ffirmar fil-qiegħ tal-konferma tar-riċevuta.

Meta l-ittra għidizzjarja rreġistrata ma tkunx tista' tingħadda lid-destinatarju b'mod personali jew fid-domiċilju tiegħu, l-impjegat tal-posta jħalli notifika bil-posta tal-konsenja. L-ittra tinżamm fl-uffiċċju postali għal tmint ijiem. Tista' tingħabar matul dak il-perjodu mid-destinatarju jew minn prokura awtorizzata kif xieraq bil-miktub.

Madankollu, jekk id-destinatarju jkun talab li l-posta tiegħu tiġi ridirezzjonata jew tinżamm fl-uffiċċju postali, l-ittra tiġi rritornata jew tinżamm fl-indirizz stipulat mid-destinatarju matul il-perjodu kopert mit-talba.

Ittra indirizzata lil persuna falluta tingħadda lill-amministratur.

Ir-regoli għall-applikazzjoni tal-paragrafi 3 sa 5 huma stabbiliti mir-Re.

...

Artikolu 46(4) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jiddetermina l-forom u l-indikazzjonijiet tan-notifika minn uffiċjal għidizzjarju li jridu jakkumpanjaw id-dispaċċ tal-ittra għidizzjarja rreġistrata. Jekk id-destinazzjoni tkun barra l-pajjiż, l-ittra għidizzjarja rreġistrata tiġi ssostitwita minn ittra rreġistrata mal-uffiċċju postali, mingħajr ħsara għall-metodi ta' trażmissjoni previsti mill-konvenzjonijiet internazzjonali u għall-applikazzjoni tal-paragrafi 2 u 3.

Jekk jiġi miftiehem hemm minn wieħed mill-atturi jew mill-applikanti, jew fiċ-ċitazzjoni jew inkella fl-applikazzjoni, jew bil-miktub, sal-ewwel dehra quddiem il-qorti, l-ittri għidizzjarji rreġistrati jiġu ssostitwiti minn notifika minn uffiċjal għidizzjarju fuq it-talba tal-parti li tkun responsabbli biex tagħmel dawk l-arranġamenti.

Art. 46(1) In-notifika b'ittra biss lil parti li għaliha avukat ikun qed jaġixxi f'konformità mal-Artikoli 728, 729 jew 729(1) u ma jkunx informa lir-reġistru tal-qorti f'konformità mal-Artikolu 729(1) li hu waqaf jaġixxi għal dik il-parti ssir biss permezz ta' ittra lil dak l-avukat.

L-Artikolu 32b tal-Kodiċi Għidizzjarju joħloq qafas legali għall-komunikazzjonijiet u għan-notifiki bil-posta bejn numru ta' parteċipanti fis-sistema għidizzjarja.

**6 Hija permessa n-notifika elettronika ta' dokumenti (notifika ta' dokumenti għidizzjarji jew extra-għidizzjarji permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, bħall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa permess dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatarju (professjonist tal-liġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?**

Fil-futur qarib se tiddaħħal sistema għan-notifika elettronika tad-dokumenti minn uffiċjal ġudizzjarju. L-istruttura legali diġà nħolqot iżda għadha trid tidħol fis-seħħ. L-uffiċjali ġudizzjarji jistgħu jiddeċiedu f'kawżi ċivili jew kriminali jekk jinnotifikawx it-taħrikiet tagħhom b'mod elettroniku jew personali. Il-prinċipju ta' territorjalità ser ikompli japplika.

Fil-prattika, in-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju ser issir f'indirizz legali elettroniku dettat mill-awtoritajiet jew fuq indirizz elettroniku tad-domiċilju stabbilit. Biex jirċievu n-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju fuq l-indirizz elettroniku, id-destinatarij ser ikollhom jagħtu kunsens espliċitu permezz tal-identifikazzjoni-e tagħhom.

## **7 Notifika "indiretta"**

### **7.1 Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika fejn ma jkunx possibbli li d-dokumenti jkunu nnotifikati lid-destinatariju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamar)?**

Il-liġi Belġjana tipprovdi għal diversi metodi ta' trażmissjoni tad-dokumenti (ara t-tweġiba għall-mistoqsija 5).

Il-metodu tas-soltu għat-trażmissjoni ta' dokumenti ġudizzjarji hu n-notifika b'taħrika minn uffiċjal ġudizzjarju.

L-Artikolu 32 tal-Kodiċi Ġudizzjarju jiddefinixxi n-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju bħala "t-tqassim tad-dokument oriġinali jew ta' kopja ta' dan; dan isir b'taħrika minn uffiċjal ġudizzjarju jew, fil-każijiet stabbiliti bil-liġi, kif indikat mil-liġi".

Madankollu, il-liġi tiddefinixxi ċerti każijiet li fihom id-dokumenti jistgħu jintbagħtu purament b'**notifika bil-posta**.

L-Artikolu 32 tal-Kodiċi Ġudizzjarju jiddefinixxi n-notifika bil-posta bħala "d-dispaċċ tad-dokument proċedurali oriġinali jew ta' kopja ta' dan bis-servizz postali jew bil-posta elettronika fuq l-indirizz ġudizzjarju elettroniku jew, fil-każijiet stabbiliti bil-liġi, b'fax jew kif indikat mil-liġi".

L-Artikolu 14 tar-tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u *extra*-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) jiddikjara li n-notifika bil-posta trid issir "permezz ta' ittra rreġistrata bl-avviż tal-wasla ta' l-ittra għand id-destinatariju jew l-ekwivalenti".

### **1. Forum ewlenin tan-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju**

(a) Notifika b'mod personali minn uffiċjal ġudizzjarju (Artikoli 33 u 34 tal-Kodiċi Ġudizzjarju)

Skont l-Artikolu 33 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, "notifika minn uffiċjal ġudizzjarju ssir b'mod personali meta l-kopja tad-dokument tingħadda direttament lid-destinatariju. In-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju tista' ssir b'mod personali kull fejn jista' jkun l-uffiċjal ġudizzjarju. Jekk id-destinatariju jirrifjuta milli jaċċetta l-kopja tad-dokument, l-uffiċjal ġudizzjarju jieħu nota tar-rifjut fuq l-oriġinal u n-notifika titqies li saret b'mod personali.

L-Artikolu 34 tal-Kodiċi Ġudizzjarju jżid li "in-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju lil persuna ġuridika titqies li tkun saret meta l-kopja tad-dokument tkun ingħaddiet lill-aġenzija jew lil impjegat awtorizzat skont il-liġi, skont l-Istatut ta' assoċjazzjoni jew skont id-delegazzjoni dovuta biex jirrappreżenta lill-persuna ġuridika fil-proċeduri ġudizzjarji, anki fuq bażi konġunta".

(b) Notifika minn uffiċjal ġudizzjarju f'domiċilju (Artikolu 35 tal-Kodiċi Ġudizzjarju)

L-Artikolu 35 tal-Kodiċi Ġudizzjarju jipprovdi li "jekk in-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju ma tkunx tista' ssir b'mod personali, din għandha sseħħ fid-domiċilju jew, fin-nuqqas ta' domiċilju, fir-residenza tal-indirizz u, fil-każ ta' persuna ġuridika, il-post tan-negozju rreġistrat jew fl-uffiċċju amministrattiv tagħha. Il-kopja tad-dokument għandha titwassal lil qarib, lil qarib tar-rispett, lil impjegat jew lil qaddej tad-destinatariju. Ma tistax tingħata lil tfaħt l-età ta' 16-il sena ...". Skont l-Artikolu 36 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, id-domiċilju hu "l-post elenkat bħala l-indirizz prinċipali għall-persuna fuq ir-reġistri tal-popolazzjoni", filwaqt li r-residenza hi "kwalunkwe stabbiliment ieħor, bħall-post fejn il-persuna jkollha uffiċċju jew topera negozju jew industrija".

(c) Notifika bi tħallija ta' kopja tat-taħrika minn uffiċjal ġudizzjarju (Artikolu 38(1) tal-Kodiċi Ġudizzjarju)

L-Artikolu 38(1) tal-Kodiċi Ġudizzjarju jipprovdi li meta ma jkunx possibbli li d-dokument jiġi nnotifikat b'mod personali minn uffiċjal ġudizzjarju jew fid-domiċilju, "in-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju ssir mill-uffiċjal ġudizzjarju li jħalli kopja tat-taħrika f'envelopp issiġillat fid-domiċilju jew, fin-nuqqas ta' domiċilju, fir-residenza tad-destinatariju". L-envelopp irid juri ċerta informazzjoni speċifikata mill-Artikolu 44(1) tal-Kodiċi Ġudizzjarju.

L-Artikolu 38(1) tal-Kodiċi Ġudizzjarju jkompli billi jiddikjara: "Mhux aktar tard mill-ewwel jum ta' xogħol wara n-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju taċ-ċitazzjoni, l-uffiċjal ġudizzjarju jibgħat ittra ffirmata lid-domiċilju, jew, fin-nuqqas ta' domiċilju, fir-residenza tad-destinatariju. L-ittra tindika d-data u l-ħin tal-konsenja u tiddikjara li kopja identika taċ-ċitazzjoni tista' tingħabar mid-destinatariju b'mod personali jew bi prokura awtorizzata kif xieraq bil-miktub mill-uffiċċju tal-uffiċjal ġudizzjarju fi żmien tliet xhur mid-data li fiha ċ-ċitazzjoni ġiet innotifikata minn uffiċjal ġudizzjarju."

(b) Stabbiliment ta' domiċilju (Artikolu 39 tal-Kodiċi Ġudizzjarju)

Skont l-Artikolu 39 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, "meta d-destinatariju jkun stabbilixxa d-domiċilju b'aġent, in-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju u n-notifika bil-posta jistgħu jsiru f'dak id-domiċilju. Jekk il-kopja tingħata lill-aġent personalment fid-domiċilju stabbilit, din titqies bħala notifika b'mod personali minn uffiċjal ġudizzjarju. In-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju fid-domiċilju stabbilit ma tibqax possibbli jekk l-aġent ikun deċedut, ma jibqax iddomiċiljat hemmhekk jew ikun temm l-operazzjonijiet hemmhekk".

### **2. Notifika bil-posta permezz ta' ittra rreġistrata b'konferma tar-riċevuta**

Meta d-dokument jintbagħat b'ittra rreġistrata b'konferma tar-riċevuta, jekk id-destinatariju ma jkunx jista' jinstab fl-indirizz muri fuq l-ittra, tiħalla notifika tal-konsenja f'dak l-indirizz. F'dak il-każ, l-ittra tista' tingħabar mill-post iddeżinjat fuq in-notifika tal-konsenja jew mill-post miftiehem bejn is-servizz postali u d-destinatariju fi żmien 15-il jum, mhux inkluża d-data tar-rimessa.

### **7.2 Jekk japplikaw metodi oħrajn, id-dokumenti meta jitqiesu li ġew innotifikati?**

Meta d-dokument jintbagħat b'ittra rreġistrata b'konferma tar-riċevuta, jekk id-destinatariju ma jkunx jista' jinstab fl-indirizz muri fuq l-ittra, tiħalla notifika tal-konsenja f'dak l-indirizz. F'dak il-każ, l-ittra tista' tingħabar mill-post iddeżinjat fuq in-notifika tal-konsenja jew mill-post miftiehem bejn is-servizz postali u d-destinatariju fi żmien 15-il jum, mhux inkluża d-data tar-rimessa.

Meta d-dokument jiġi **nnotifikat minn uffiċjal ġudizzjarju**, ir-rekord tan-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju jrid juri d-data tan-notifika minn uffiċjal ġudizzjarju (Artikolu 43 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

Meta d-dokument jiġi **nnotifikat bil-posta**, il-Belġju juża sistema b'data doppja.

Id-data applikabbli għall-emittent tvarja mid-data applikabbli għad-destinatariju tad-dokument.

Għall-emittent, id-data tan-notifika bil-posta hi d-data tad-dispaċċ.

L-Artikolu 53 bis tal-Kodiċi Ġudizzjarju tal-Belġju jiddikjara li, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor mil-liġi, il-perjodu għad-destinatariju għandu jibda mill-għada tad-data li fiha l-ittra ġiet ikkonsenjata fid-domiċilju tiegħu, jew fir-residenza jew fid-domiċilju stabbilit tiegħu, skont kif ikun applikabbli.

### **7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika huwa d-depożitu tad-dokumenti f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatariju kif ikun infurmat b'dak id-depożitu?**

Għan-**notifika minn uffiċjal ġudizzjarju** billi tiħalla kopja tat-taħrika, ara aktar 'il fuq: Notifika bi tħallija ta' kopja tat-taħrika minn uffiċjal ġudizzjarju (Artikolu 38(1) tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

### **7.4 Jekk id-destinatariju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokumenti, xi jkunu l-konsegwenzi? Id-dokumenti jitqiesu bħala effettivament innotifikati jekk ir-rifjut ma jkunx leġittimu?**

Meta d-dokument jiġi **nnotifikat minn uffiċjal ġudizzjarju**, ma hemm ebda possibbiltà li d-destinatariju joġġezzjona għan-notifika, apparti l-motivazzjoni għar-rifjut imsemmija fl-Artikolu 5 sa 8 tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 (rekwiżit ta' traduzzjoni) imsemmi aktar 'il fuq.

Meta d-dokument jintbagħat permezz ta' **notifika bil-posta**, l-Artikolu 53a tal-Kodiċi Ġudizzjarju jstabbilixxi li, ħliet kif ikun previst mod ieħor bil-liġi, il-perjodu għad-destinatariju għandu jibda mill-għada tad-data li fiha l-ittra tkun ġiet **ikkonsenjata** fid-domiċilju tiegħu, jew fir-residenza jew fid-domiċilju stabbilit tiegħu, skont kif ikun applikabbli. B'hekk, m'hemm ebda possibbiltà li d-destinatariju joġġezzjona għan-notifika bil-posta rreġistrata b'konferma tar-riċevuta. Madankollu, destinatariju ta' notifika b'ittra rreġistrata b'konferma tar-riċevuta jista' mbagħad jikkontesta l-validità ta' dik in-notifika bil-posta billi juri li hu ma kien fid-domiċilju tiegħu, jew fir-residenza jew fid-domiċilju stabbilit tiegħu fl-indirizz muri fl-ittra rreġistrata. Għaldaqstant, in-notifika minn uffċjal ġudizzjarju tipprovdi aktar ċertezza tad-dritt minn notifika bil-posta rreġistrata b'konferma tar-riċevuta. Bin-notifika minn uffċjal ġudizzjarju, l-uffċjal ġudizzjarju eżekutorju jivverifika l-indirizz tar-riċevitur fir-Reġistru Nazzjonali ta' Persuni Fiżiċi. Barra minn hekk, id-data tan-notifika b'ittra rreġistrata ma tistax tiġi stabbilita b'mod affidabbli jekk id-destinatariju ma jkunx immarka d-data fuq il-konferma tar-riċevuta jew iffirma meta l-ittra rreġistrata ġiet ippreżentata (għall-ewwel darba) fid-domiċilju, fir-residenza jew fid-domiċilju stabbilit tiegħu, filwaqt li d-data tan-notifika bil-posta dejjem tintwera fuq ir-rekord tan-notifiki minn uffċjal ġudizzjarju.

Barra minn hekk, mill-ħidma preparatorja fuq ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 imsemmi aktar 'il fuq u, b'mod partikolari, mill-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, ippreżentata mill-Kummissjoni fil-11 ta' Lulju 2005, jidher li l-emenda tal-Artikolu 14 kienet immirata biex tiġi introdotta "regola uniformi għall-Istati Membri kollha li jikkonċernaw is-servizzi postali [billi jiġi pprovdut għal] rekwiżit uniformi (ittra rreġistrata b'konferma tar-riċevuta jew l-ekwivalenti) ... Dan ir-rekwiżit jiggarrantixxi b'ċertezza suffiċjenti li d-destinatariju jkun irċieva d-dokument, u li jkun hemm biżżejjed provi ta' dan". B'hekk, ir-rekwiżit għal konferma tar-riċevuta hu mfassal biex jiżgura ċertezza tad-dritt għall-partijiet. Skont dik il-ħidma preparatorja, ma jistax jiġi stabbilit li d-destinatariju "rċieva" id-dokument jekk ma jkunux iffirma il-konferma tar-riċevuta. Madankollu, is-soluzzjoni adottata fl-Artikolu 53 bis tal-Kodiċi Ġudizzjarju tal-Belġju tfisser li n-notifika trid tingħata meta d-dokument jiġi "ppreżentat" fid-domiċilju, fir-residenza jew fid-domiċilju stabbilit tad-destinatariju, mingħajr il-ħtieġa li d-dokument jingħadda lilhom jew li l-konferma tar-riċevuta tiġi ffirmata.

## **8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki)**

### **8.1 Jekk is-servizz postali jwassal dokument mibgħut minn barra lil destinatariju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn tal-aċċettazzjoni tal-irċevuta (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki), is-servizz postali jista' jħalli d-dokument biss mad-destinatariju stess jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-posta, iħalli d-dokument ukoll ma' persuna oħra fl-istess indirizz?**

L-Artikolu 1 tad-Digriet Irjali tas-27 ta' April 2007 dwar is-servizzi postali (*Arrêté royal du 27 avril 2007 portant réglementation du service postal*) jiddikjara li l-posta tal-konsenja rreġistrata tikkonsisti f'posta rreġistrata u f'posta b'valur iddikjarat.

Fil-prinċipju, il-posta rreġistrata b'konferma tar-riċevuta tista' tingħadda lid-destinatariju biss wara l-verifika tal-identità tiegħu, filwaqt li jiffirma l-konferma tar-riċevuta (Artikoli 30, 53 u 54, *a contrario*, tad-Digriet Irjali tas-27 ta' April 2007).

Madankollu, l-Artikolu 57 tad-Digriet Irjali tas-27 ta' April 2007 jiddikjara "posta b'konsenja rreġistrata li fuqha l-indirizz jiddeżinja persuna li magħha d-destinatariju jkun stabbilixxa domiċilju tista' tingħata lil dik il-persuna".

L-Artikolu 62 tad-Digriet Irjali tas-27 ta' April 2007 jiddikjara li "persuni li kapaċi jirċievu korrispondenza, f'konformità mar-regoli tal-liġi ordinarja, għandhom jitqiesu li huma destinatariji tal-korrispondenza indirizzata lil kwalunkwe kumpanija, assoċjazzjoni, organizzazzjoni, ditta u komunità".

L-Artikolu 58 tad-Digriet Irjali tas-27 ta' April 2007 jipprovdi li "posta rreġistrata indirizzata lil minuri li għandhom anqas minn 15-il sena għandha tingħata lill-persuni li jitqiegħdu taħt l-awtorità jew it-tutela tagħhom".

Finalment, skont l-Artikolu 65 tad-Digriet Irjali tas-27 ta' April 2007, posta rreġistrata "tista' tingħata ... lil aġent tad-destinatariju ... fuq ir-rimessa ta' awtorità postali li b'mod formali tagħti setgħa ta' riċevuta tal-oġġetti tal-posta".

### **8.2 Skont ir-regoli tal-posta f'dan l-Istat Membru kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tan-Notifiki Nru 1393/2007, jekk la d-destinatariju u lanqas ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-posta – ara fuq) ma jkun instab fl-indirizz fejn tkun intbagħtet?**

Il-posta tintbagħat fuq l-indirizz indikat, ħliet meta jkun hemm żball ovvju (pereż. isem tat-triq spellut ħażin, numru ħażin tad-dar, kodiċi postali evidentement żbaljat).

Jekk id-destinatariju ma jkunx jista' jinstab fl-indirizz indikat, il-posta rreġistrata ma tiġix ikkonsenjata, sakemm id-destinatariju ma jkunx talab biex il-posta tintbagħat fuq indirizz differenti permezz ta' servizz ta' ridirezzjoni (l-Artikolu 51 tad-Digriet Irjali tas-27 ta' April 2007 dwar is-servizzi postali).

### **8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perjodu speċifiku għall-ġbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għax ma twasslux? Jekk iva, kif ikun infurmat id-destinatariju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?**

Skont l-Artikolu 60 tad-Digriet Irjali tas-27 ta' April 2007 dwar is-servizzi postali, "jekk isir tentattiv li ma jirnexxix biex tiġi kkonsenjata l-posta rreġistrata f' domiċilju, għandha tiħalla notifika tal-konsenja. F'dawn il-każijiet, il-posta tista' tingħabar mill-post indikat fuq in-notifika tal-konsenja jew mill-post miftiehem bejn is-servizz postali u d-destinatariju fi żmien 15-il jum, mhux inkluża d-data meta ntagħtet".

L-Artikolu 66 tad-Digriet Irjali msemmi hawn fuq tas-27 ta' April 2007 jiddikjara li: "il-posta li ma setgħetx tiġi kkonsenjata lid-destinatariju ma għandhiex tiġi rritornata lill-emittent ... Posta rreġistrata u kotba dejjem iridu jiġu rritornati".

## **9 Ikun hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun ġie nnotifikat?**

Fil-każ ta' notifika minn uffċjal ġudizzjarju, l-Artikolu 43 tal-Kodiċi Ġudizzjarju jistipula li l-persuna li lilha tingħata l-kopja jeħtiġiha tiffirma l-oriġinali. Jekk din tirrifjuta milli tiffirma, l-uffċjal ġudizzjarju jieħu nota ta' dak ir-rifjut fuq it-taħrika. B'hekk ikun hemm prova tan-notifika minn uffċjal ġudizzjarju f'kull każ. Hu diffiċli ħafna li wieħed jikkontesta r-rekord ta' uffċjal ġudizzjarju.

Fil-każ ta' notifika bil-posta, ovvjament ikun hemm prova bil-miktub peress li din issir bil-posta rreġistrata. Fil-każ ta' notifika ġudizzjarja bil-posta wkoll, l-Artikolu 46 jipprovdi għal prova tar-riċevuta. Dik il-prova tinżamm fil-fajl tal-każ.

## **10 X'jiġi jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatariju tan-notifika ma jirċievi id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi nnotifikat lil terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika ġdida tad-dokument?**

F'ċirkustanzi normali, ir-riskju li d-destinatariju ma jirċievi it-taħrika hu baxx, billi skont il-liġi Belġjana din tiġi nnotifikata minn uffċjal ġudizzjarju lill-persuna stess. Fi kliem ieħor, l-uffċjal ġudizzjarju jqassam il-kopja lid-destinatariju b'mod personali. Madankollu, il-liġi tipprovdi wkoll biex id-dokument jiġi nnotifikat minn uffċjal ġudizzjarju lil terza persuna (l-Artikolu 35 tal-Kodiċi Ġudizzjarju) jew jitħalla f'indirizz (l-Artikolu 38). F'dawn il-każijiet, in-notifika minn uffċjal ġudizzjarju titqies kompletament valida anki jekk id-dokument ma jkunx ġie kkonsenjat lid-destinatariju b'mod personali. L-individwi li jkunu rċieva tarika skont l-Artikolu 35 u jonqsu milli jgħadduha jew jinformat lid-destinatariju jistgħu jkunu soġġetti għal responsabbiltà ċivili. Dawn l-arranġamenti jaħdmu tajjeb ħafna fil-prattika.

Madankollu, il-possibbiltà li tinkiser il-liġi meta jiġi nnotifikat minn uffċjal ġudizzjarju jew bil-posta dokument ma tistax tiġi eliminata għalkollox (pereż. nuqqas ta' inklużjoni ta' ċerta informazzjoni fit-taħrika). Il-penali proċedurali għan-notifika minn uffċjal ġudizzjarju jew għan-notifika bil-posta b'mod skorrett hi li d-dokumenti proċedurali jiġu ddikjarati nulli u bla effett. Ir-regoli li jirregolaw in-nullità huma stabbiliti fl-Artikoli minn 860 sa 866 tal-Kodiċi Ġudizzjarju.

Bħala konklużjoni, jenħteġ li jiġi nnotat li l-persuni li jikkawżaw nullità jistgħu jinżammu responsabbli jekk jirriżulta li dawn kellhom tort.

## **11 Hemm xi ħlas għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-ħlas?**

L-uffiċjali ġudizzjarji jirċievu ħlas, bir-rati li huma rregolati mill-Artikolu 522(1) tal-Kodiċi Ġudizzjarju.

Ir-rati preċiżi, li jridu jiġu rrispettati, huma stabbiliti fid-Digriet Irjali tat-30 ta' Novembru 1976 li jistabbilixxi r-rati għas-servizzi tal-uffiċjal ġudizzjarju f'kawżi ċivili u kummerċjali u għal ċerti benefiċċji (*Arrêté royal du 30 novembre 1976 fixant le tarif des actes accomplis par les huissiers de justice en matière civile et commerciale ainsi que celui de certaines allocations*), [http://www.ejustice.just.fgov.be/cgi\\_loi/change\\_lg.pl?](http://www.ejustice.just.fgov.be/cgi_loi/change_lg.pl?language=fr&la=F&cn=1976113030&table_name=loi)

[http://www.ejustice.just.fgov.be/cgi\\_loi/change\\_lg.pl?language=fr&la=F&cn=1976113030&table\\_name=loi](http://www.ejustice.just.fgov.be/cgi_loi/change_lg.pl?language=fr&la=F&cn=1976113030&table_name=loi) ).

L-aħħar aġġornament: 19/12/2018

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## In-notifika ta' atti - Bulgarija

### 1 F'termini prattiċi xi jfisser it-terminu legali "notifika ta' dokumenti"? Għaliex hemm regoli speċifiċi dwar in-"notifika ta' dokumenti"?

In-notifika tad-dokumenti fi proċedimenti ġudizzjarji hija l-metodu stabbilit mill-leġislatura biex tinnotifika lill-partijiet u lill-parteċipanti l-oħra fil-proċedimenti ġudizzjarji bl-atti ġudizzjarji bil-miktub.

In-notifika tagħti lill-parteċipanti fil-proċedimenti ġudizzjarji l-opportunità illi jsiru aktar mid-fjala tal-progress li sar f'fin tajjeb u skont il-liġi, li b'hekk tiggarrantixxi illi l-proċedimenti jkunu ġusti u ekwitabbli.

L-għan tan-notifika huwa illi r-riċevitur jiġi nnotifikat bil-proċedimenti li jkunu għaddejjin jew tal-inqas jingħata kull garanzija li jiġi nnotifikat. In-natura tan-notifika tad-dokumenti hija għalhekk illi r-riċevituri jsiru mid-fjala tal-kontenut tad-dokumenti; jekk jagħmlux hekk huwa fid-diskrezzjoni u l-għażla personali tagħhom.

Il-karatteristika ewlenija tan-notifika hija illi min jinnotifika għandu jivverifika l-ħin u l-metodu ta' notifika u l-identità tal-persuna li se tiġi nnotifikata sabiex dik in-notifika tista' titqies li saret kif xieraq mil-lat taċ-ċertezza tad-dritt. Bħala prinċipju, taħrika eżegwita skont il-proċedura prevista mil-liġi u mfassla mill-uffiċjal tan-notifika hija dokument uffiċjali awtentiku fir-rigward tal-fatti li jattesta.

### 2 Liema dokumenti jeħtieġ li jkunu notifikati b'mod formali?

Taħrikiet biex wieħed jitlea l-qorti jiġu nnotifikati lill-parteċipanti fil-proċedimenti.

Il-qorti obbligata tinnotifika lill-partijiet b'kopja duplikata tal-istrumenti suġġetti għal appell awtonomu (l-Artikolu 7(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (Grazhdanski protsesualen kodeks (GPK)). Id-deċiżjonijiet ġudizzjarji, is-sentenzi u l-ordnijiet jiġu nnotifikati lill-partijiet fil-proċedimenti, lill-partijiet terzi li jieħdu sehem fl-istadju quddiem il-qorti u kull parti terza oħra mitluba mill-qorti biex teżegwixxi l-ordni tagħha.

Rikorsi u appelli mill-partijiet jiġu nnotifikati lill-parti avversarja.

Il-komunikazzjonijiet mill-qorti jiġu nnotifikati lill-partijiet fil-proċedimenti wkoll.

It-titoli eżekuttivi (l-Artikolu 418(5) tal-GPK) u l-avviżi ta' konformità volontarja (l-Artikolu 428 tal-GPK) jiġu nnotifikati mill-uffiċjali ġudizzjarji.

Id-dokumenti l-oħrajn kollha, meta jkun meħtieġ mil-liġi, inkluż in-notifika lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-gvern, u lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

### 3 Min hu responsabbli biex jinnotifika dokumenti?

Il-persuni li ġejjin, kif imsemmi fl-Artikolu 42 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, huma kompetenti biex jinnotifikaw il-komunikazzjonijiet, it-taħrikiet u dokumenti oħrajn:

uffiċjali tal-qorti; il-konsenjatarji u r-reġistraturi tal-qorti (fil-każijiet meta l-persuna tippreżenta ruħha fir-reġistru tal-qorti jew tiġi nnotifikata permezz tat-telefon, tal-faks jew tal-posta elettronika, filwaqt li r-reġistratur jinnota l-isem tal-persuna fuq il-lista ta' persuni li jridu jitħarrku;

ħaddiema tal-posta jew kurrieri: meta d-dokumenti jiġu nnotifikati b'ittra rreġistrata jew b'servizz ta' kurrier bil-konferma tal-irċevuta,

is-sindku tal-muniċipalitajiet ikkonċernati, u meta ma jkunx hemm istituzzjoni ġudizzjarja fil-lokalità fejn għandha ssir in-notifika;

uffiċjali ġudizzjarji privati, b'ordni tal-qorti fuq talba espressa ta' parti minnhom, li f'dan il-każ iġġarrab l-ispejjeż tan-notifika.

### 4 Tiftix tal-Indirizz

#### 4.1 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, l-awtorità rikjesta f'dan l-Istat Membru tipprova u tistabbilixxi hi bl-inizjattiva tagħha fejn tinsab il-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokumenti ladarba din ma tkunx għadha toqgħod fl-Indirizz magħruf mill-awtorità rikjedenti?

Skont l-Artikolu 38 tal-GPK, il-komunikazzjoni tiġi nnotifikata fl-Indirizz imsemmi fil-kawża.

Meta intimat li jkun persuna fiżika ma jippreżentax ruħu biex jiġbor id-dokumenti, il-qorti *ex officio*, tivverifika l-Indirizz irregiſtrat tiegħu fil-Bażi tad-Data Nazzjonali tal-Popolazzjoni. Jekk l-Indirizz mogħti ma jkunx l-Indirizz permanenti attwali tal-parti, il-qorti tordna n-notifika fl-Indirizz attwali jew permanenti. Il-qorti tivverifika wkoll *ex officio* l-post tax-xogħol tal-intimat u tordna n-notifika fil-post tax-xogħol jew, rispettivament, fil-post tas-servizz ċivili jew il-post fejn titwettaq l-attività ekonomika.

Jekk id-dokumenti jkunu jridu jiġu nnotifikati lil negozjant jew persuna ġuridika, l-Indirizz jista' jiġi stabbilit billi wieħed ifittex, mingħajr ħlas, ir-reġistru kummerċjali elettroniku, u jdaħħal l-isem eżatt tan-negozjant (persuna ġuridika), parti minn dak l-isem jew in-numru ta' identifikazzjoni uniformi (EIK).

#### 4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-Indirizz attwali tal-persuna? Jekk Iva, x'reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhil l-proċedura li trid tiġi segwita? Xi ħlas irid isir, jekk hemm?

Ir-Reġistru Kummerċjali u r-Reġistru tal-Persuni Ġuridiċi Bla Skop ta' Qliġ huma pubbliċi u aċċessibbli fuq l-internet fl-Indirizz <http://www.brra.bg>.

Il-bażi tad-*data* li fiha ċ-ċirkustanzi rreġistrati dwar negozjanti u persuni ġuridiċi bla skop ta' qliġ tista' tiġi aċċessata liberament mill-pubbliku ġenerali mingħajr ħlas.

L-Indirizz irregiſtrat tan-negozjant jew tal-persuna ġuridika jista' jinstab permezz ta' tiftixa fir-reġistru mingħajr ħlas.

L-Aġenzija tar-Reġistru tipprovdi aċċess regiſtrat, fuq ħlas ta' tariffa statutorja, għall-fajl tan-negozjament u d-dokumenti li jkun hemm fih (pereżempju l-istatut ta' assoċjazzjoni).

Skont l-Artikolu 16d tal-Iskeda dwar it-Tariffi Statutorji Miġbura mill-Aġenzija ta' Regiſtrazzjoni, trid titħallas tariffa annwali ta' BGN 100 għall-aċċess għall-bażi tad-*data* tar-Reġistru Kummerċjali kollu, inkluż l-aġġornamenti.

Il-Bażi tad-*Data* Nazzjonali tal-Popolazzjoni (NPD) hija bażi tad-*data* elettronika li tiġbor ir-rekords ta' regiſtrazzjoni personali taċ-ċittadini Bulgari kollha. Hija tinkludi wkoll informazzjoni dwar persuni barranin li huma residenti permanenti jew fuq terminu twil fil-Bulgarija u persuni li ngħataw l-istatus ta' refuġjat, l-istatus umanitarju jew tal-ażil fir-Repubblika tal-Bulgarija. Din hija l-akbar bażi ta' *data* tal-Bulgarija, li fiha d-*data* personali tal-persuni fiżiċi (l-ismijiet, id-dati tat-twelid, in-numri ta' identifikazzjoni personali (EGN) jew in-numri ta' identifikazzjoni (LNCh), il-postijiet tat-twelid, ir-regiſtrazzjonijiet tat-twelid, l-istatuses familjari u l-parentela, id-dokument ta' identità, eċċ. tal-barranin). L-NPD qed tinżamm mid-Direttorat-Ġenerali għar-Regiſtrazzjoni Ċivili u s-Servizzi Amministrattivi fi ħdan il-Ministeru tal-Liżvilupp Reġjonali u x-Xogħlijiet Pubbliċi.

L-Att dwar ir-Regiſtrazzjoni Ċivili (ZGR) jirregola speċifikament il-każijiet meta d-*data* maħżuna fl-NPD tkun tista' ssir disponibbli u jispeċifika l-persuni li jstgħu jiġu pprovduti b'din id-*data*.

1. Dawn huma primarjament il-persuni fiżiċi (ċittadini Bulgari u barranin) li d-*data* hi relatata magħhom u terzi (persuni fiżiċi) li d-*data* hija ta' importanza għalihom fir-rigward tal-okkorrenza, l-eżistenza, l-emenda jew il-terminazzjoni tad-drittijiet u l-interessi legali tagħhom;
2. L-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet tal-Gvern għandhom ukoll dritt ta' aċċess skont is-setgħat statutorji tagħhom, jiġifieri fl-isfera tal-kompetenzi tagħhom;
3. Persuni ġuridiċi (Bulgari u barranin) jistgħu wkoll jingħataw aċċess għall-bażi ta' *data*, meta jkun previst fl-iġi specificka jew f'att ġudizzjarju (ordni tal-qorti) jew meta jkun awtorizzat mill-Kummissjoni għall-Protezzjoni tad-*Data* Personali.

Fil-prattika, l-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u/jew il-partijiet għall-proċedimenti ġudizzjarji jistgħu jużaw l-informazzjoni fil-bażi tad-*Data* Nazzjonali tal-Popolazzjoni billi javviċinaw il-qorti li proċedimenti speċifiċi jkunu ġew istitwiti quddiemha u billi jiddikjaraw il-ħtieġa li jiġi stabbilit l-indirizz tal-persuna kkonċernata.

#### **4.3 L-awtoritajiet f'dan l-Istat Membru kif jitrattaw talba mibgħuta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qorti tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali bl-għan li jinstab l-indirizz attwali ta' persuna?**

Tapplika l-proċedura standard għall-eżami ta' talba għall-ġbir tal-provi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar il-kooperazzjoni bejn il-qorti tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali (l-Artikoli 614 sa 618 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

#### **5 Fil-prattika, normalment kif jiġi notifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (ħlief in-notifika indiretta msemmija fil-punt 6 iktar 'l isfel)?**

Ħafna taħrikiet u komunikazzjonijiet normalment jiġu nnotifikati minn uffiċjali tal-qorti u ħaddiema tal-posta tas-servizz ta' konsenja rilevanti.

L-Artikolu 43 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jipprevedi l-metodi ta' notifika li ġejjin:

notifika personali;

notifika permezz ta' persuna oħra;

notifika bit-twaħħil ta' notifika fl-indirizz permanenti jew attwali tal-intimat;

notifika permezz ta' pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern;

in-notifika lix-xhieda, lix-xhieda esperti jew lil terzi li ma jkunux qed jipparteċipaw fil-kawża ssir billi tiffhalla komunikazzjoni fil-kaxxa tal-ittri jew billi jitwaħħal avviż.

**Notifika personali:** In-notifika ssir lill-persuna fl-indirizz għan-notifika kif speċifikat fil-każ partikolari. Jekk id-destinatarju ma jinstabx fl-indirizz speċifikat, il-komunikazzjoni tiġi nnotifikata fl-indirizz attwali u, fin-nuqqas ta' dan, fl-indirizz permanenti (l-Artikolu 38 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Meta l-parti tkun semmiet persuna għan-notifika ta' komunikazzjonijiet fis-sede tal-qorti jew meta l-parti jkollha rappreżentant bil-prokura għall-każ, tiġi nnotifikata dik il-persuna jew dak ir-rappreżentant. Meta d-destinatarju jkun inkapaċitat proċeduralment, il-komunikazzjoni tiġi nnotifikata lir-rappreżentant legali tiegħu. In-notifika fuq rappreżentant titqies ekwivalenti għal notifika personali skont l-Artikolu 45 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

**Notifika permezz ta' persuna oħra:** Din issir meta l-komunikazzjoni ma tkunx tista' tiġi nnotifikata personalment lid-destinatarju u l-persuna l-oħra taqbel li taċċettaha. Il-persuna l-oħra tista' tkun kull adult li jappartjeni għall-familja tad-destinatarju jew li jgħix fl-indirizz jew ħaddiem, impjegat jew impjegatur fl-indirizz. Il-persuna li n-notifika ssir permezz tagħha tiffirma l-konferma tal-irċevuta u timpenja ruħha li tgħaddi t-taħrika lid-destinatarju.

Il-qorti teskludi mill-grupp ta' persuni oħrajn li jistgħu jaċċettaw il-komunikazzjoni lil dawk involuti fil-kawża bħala parti avversarja, lil kull min ikollu interess fl-eżitu tal-kawża u lil min ikun espressament imsemmi f'dikjarazzjoni bil-miktub mid-destinatarju.

Skont l-Artikolu 46 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, il-wasla tal-komunikazzjoni mill-persuna l-oħra titqies bħala notifika tad-destinatarju.

Il-post tan-notifika lil negozjant u lil persuna ġuridika li tkun imniżżla fir-reġistru rilevanti jkun l-aħħar indirizz imsemmi f'dak ir-reġistru. Jekk il-persuna tkun ħalliet l-indirizz tagħha u l-indirizz il-ġdid tagħha ma jkunx iddaħħal fir-reġistru, il-komunikazzjonijiet kollha jitniżżlu fl-atti tal-kawża u jitqiesu li jkunu ġew debitament innotifikati: L-Artikolu 50(2) tal-GPK.

In-negozjanti u l-persuni ġuridiċi jiġu nnotifikati fl-uffiċċji tagħhom, u n-notifika tista' tiġi effettwata lil kull uffiċċju jew ħaddiem tal-fabbrika li jkun lest jaċċettaha. L-istituzzjonijiet tal-gvern u l-muniċipalitajiet huma marbuta jinnominaw uffiċjal li jaċċetta l-komunikazzjonijiet fil-ħinjiet normali tax-xogħol.

Parti f'kawża li tkun assenti għal aktar minn xahar mill-indirizz li dik il-parti tkun semmiet fil-kawża jew li darba tkun ġiet nnotifikata komunikazzjoni lil dik il-parti hemmhekk, tkun marbuta tinnotifika lill-qorti bl-indirizz il-ġdid tagħha. L-istess obbligu japplika għar-rappreżentant legali, il-kustodju u r-rappreżentant bil-prokura ta' kwalunkwe parti tali. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' dan l-obbligu, il-komunikazzjonijiet kollha jitniżżlu fl-atti tal-kawża u jitqiesu li ġew innotifikati (l-Artikolu 41 tal-GPK).

#### **6 Hija permessa n-notifika elettronika ta' dokumenti (notifika ta' dokumenti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, bħall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa permess dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatarju (professjonist tal-iġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?**

Il-komunikazzjonijiet jistgħu jiġu nnotifikati wkoll lil parti f'indirizz elettroniku speċifikat minn dik il-parti. Komunikazzjonijiet bħal dawn jitqiesu li ġew innotifikati ladarba jkunu ġew irċevuti fis-sistema ta' informazzjoni speċifikata (l-Artikolu 42(4) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). In-notifika f'indirizz elettroniku tiġi kkonfermata b'kopja tar-reġistru elettroniku assoċjat. Ma hemm l-ebda restrizzjoni fir-rigward tat-tip ta' proċedimenti jew tal-kapaċità tal-parti. L-unika restrizzjoni hija li l-partijiet iridu jkunu pprovdew l-indirizz elettroniku huma stess, u mbagħad il-kunsens jitqies li jkun ingħata għal dan il-metodu ta' notifika. Meta l-komunikazzjoni ma tkunx ġiet innotifikata b'mod ieħor, il-qorti tista' tordna, b'eċċezzjoni, li jkun jenħtieġ li uffiċjal tal-qorti jinnotifika l-komunikazzjoni bit-telefon, bit-telex, bil-faks, jew b'telegramma. In-notifika bit-telefon jew bil-faks tiġi kkonfermata bil-miktub mill-konsenjatarju, in-notifika b'telegramma tiġi kkonfermata b'avviż tal-wasla tat-telegamma, u n-notifika bit-telex tiġi kkonfermata b'konferma tal-wasla tal-messaġġ bil-miktub, li jintbagħtu lura lill-qorti immedjatament wara li jsiru.

#### **7 Notifika "indiretta"**

##### **7.1 Il-iġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika fejn ma jkunx possibbli li d-dokumenti jkunu nnotifikati lid-destinatarju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamar)?**

**Notifika bit-twaħħil ta' avviż:** Skont l-Artikolu 47 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, jekk l-intimat ma jkunx jista' jinstab fl-indirizz speċifikat għal dik il-kawża għal xahar u ma tkun tista' tinstab l-ebda persuna oħra li tkun lesta taċċetta l-komunikazzjoni, il-konsenjatarju jwaħħal avviż mal-bieb ta' barra jew mal-kaxxa tal-ittri tad-destinatarju jew, jekk ma jkunx aċċessibbli, mad-daħla prinċipali tal-bini jew f'post viżibbli fil-viċinanza tiegħu. Meta l-kaxxa tal-ittri tkun aċċessibbli, il-konsenjatarju jiffa' l-avviż fiha wkoll. Il-fatt li l-intimat ma jkunx jista' jinstab fl-indirizz imsemmi fil-kawża jiġi aċċertat minn tal-inqas tliet żjarat f'dak l-indirizz, b'kull waħda minnhom tkun mill-inqas ġimgħa 'l bogħod mill-oħra, b'mill-inqas waħda minn dawn iż-żjarat ssir f'jum mhux tax-xogħol. Din ir-regola ma tapplikax jekk il-konsenjatarju jkun ġie avżat mill-aġent tal-ġestjoni tal-blokka ta' appartamenti jew mis-sindku lokali jew jekk ikun kiseb informazzjoni b'mod ieħor li l-intimat ma jkunx residenti f'dak l-indirizz u jiċċertifika dan il-fatt billi jiddikjara s-sors tal-informazzjoni.

L-avviż jiddikjara li d-dokumenti thallaw fl-uffiċċju tal-qorti, meta n-notifika ssir minn uffiċjal tal-qorti jew minn uffiċjal ġudizzjarju privat, jew fil-muniċipalità, meta n-notifika ssir minn uffiċjal muniċipali, u li d-dokumenti jistgħu jingħabru hemmhekk fi żmien ġimgħtejn min-notifika.

Il-komunikazzjoni titqies li ġiet innotifikata mal-iskadenza tal-limitu taż-żmien biex tingħabar mill-uffiċċju tal-qorti jew tal-muniċipalità.

Meta l-imħallef jistabbilixxi li l-komunikazzjoni tkun ġiet debitament innotifikata, hu jordna li tiżdied mal-atti tal-kawża u jaħtar rappreżentant speċjali tal-intimat a spejjeż tar-rikorrent.



It-twaħħil ta' avviż huwa wkoll il-metodu użat għan-notifika ta' komunikazzjonijiet lil partijiet li jassistu.

Meta persuni ġuridiċi jkollhom jiġu nnotifikati, jekk l-uffiċjal ma jkunx kiseb aċċess għall-uffiċċju jew ma jsibx persuna li tkun lesta taċċetta l-komunikazzjoni, l-uffiċjal iwaħħal avviż. Ma jitwaħħalx avviż ieħor. Il-parti titqies li tkun għet innotifikata meta jiskadi l-perjodu ta' żmien ta' ġimgħatejn.

Il-proċedura ta' twaħħil ta' avviż tapplika wkoll għan-notifika lix-xhieda, lix-xhieda esperti jew lil terzi li ma jkunux qed jieħdu sehem fil-kawża u ssir billi l-komunikazzjoni titħalla fil-kaxxa tal-ittri jew, jekk l-aċċess għall-kaxxa tal-ittri ma jkunx possibbli, permezz tat-twaħħil ta' avviż.

**Notifika b'pubblikazzjoni:** In-notifika b'pubblikazzjoni hija rregolata mill-Artikolu 48 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

Jekk, meta tinftaħ il-kawża, l-intimat ma jkollu l-ebda indirizz permanenti jew attwali rreġistrat, ir-rikorrent jista' jitlob li n-notifika ssir bil-pubblikazzjoni fit-taqsimha mhux uffiċjali tal-Gazzetta tal-Istat mill-inqas xahar qabel is-seduta tal-qorti. In-notifika tista' ssir biss b'dan il-mod jekk ir-rikorrent jiċċertifika, b'dikjarazzjoni ta' tiftix fir-reġistri, li l-intimat ma jkollux indirizz irreġistrat u r-rikorrent jikkonferma permezz ta' dikjarazzjoni li ma jkunx jaf l-indirizz tal-intimat barra l-pajjiż. Jekk, minkejja l-pubblikazzjoni, l-intimat jonqos milli jidher fil-qorti meta tinstema' l-kawża, il-qorti taħtar rappreżentant speċjali għall-ispejjeż tar-rikorrent.

## 7.2 Jekk japplikaw metodi oħrajn, id-dokumenti meta jitqiesu li ġew innotifikati?

Meta n-notifika ssir permezz tat-twaħħil ta' avviż, il-komunikazzjoni titqies li għet innotifikata fil-ħin mal-iskadenza tal-limitu ta' żmien biex tinġabar.

Fi kwalunkwe każ, in-notifika titqies li saret mal-konferma:

- meta n-notifika ssir bit-telefon jew bil-faks, tiġi kkonfermata bil-miktub mill-konsenjatarju;
- notifika b'telegramma tiġi ċċertifikata b'avviż tal-kunsinna tagħha;
- notifika bit-telex tiġi ċċertifikata b'konferma bil-miktub tal-komunikazzjoni mibgħuta;
- notifika bil-posta tiġi ċċertifikata b'konferma tal-irċevuta;
- notifika fl-indirizza elettroniku tiġi ċċertifikata minn kopja tar-reġistru elettroniku tan-notifikat.

## 7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika huwa d-depożitu tad-dokumenti f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatarju kif ikun infurmat b'dak id-depożitu?

Meta n-notifika tkun bit-twaħħil ta' avviż, l-avviż stess jiddikjara li d-dokumenti tħallew fl-uffiċċju tal-qorti, meta n-notifika ssir minn uffiċjal tal-qorti jew minn aġent tal-eżekuzzjoni privat, jew fil-muniċipalitá, meta n-notifika ssir minn uffiċjal muniċipali, u li d-dokumenti jistgħu jinġabru hemmhekk fi żmien ġimgħatejn min-notifika.

## 7.4 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokumenti, xi jkun l-konsegwenzi? Id-dokumenti jitqiesu bħala effettivament innotifikati jekk ir-rifjut ma jkunx leġittimu?

Ir-rifjut tal-aċċettazzjoni tan-notifika ma jitqiesx bħala leġittimu jew illeġittimu. Il-fattur deċiżiv ikun l-osservanza tal-proċedura tan-notifika iktar milli r-raġunijiet tal-parti biex taċċetta jew ma taċċettax il-proċess. Ir-rifjut tal-aċċettazzjoni ta' komunikazzjoni jrid jitniżżel fil-konferma tal-irċevuta u jiġi ċċertifikat bil-firma tal-konsenjatarju. Jekk ir-riċevitur jirrifjuta li jaċċetta komunikazzjoni, in-notifika xorta titqies li tkun twettqet kif suppost.

Meta n-notifika ssir permezz tat-twaħħil ta' avviż, id-dokumenti jitqiesu li jkun għet debitament innotifikati jekk il-proċedura stabbilita għat-twaħħil tal-avviż tkun għet osservata u l-limitu ta' żmien għal talba tad-dokumenti jkun skada. Jekk il-parti ma tidherx fiż-żmien stabbilit biex tiġbor id-dokumenti u jekk l-imħallef jistabbilixxi li l-komunikazzjoni tkun għet debitament innotifikata, hu jorndna li tiżdied mal-atti tal-kawża u jaħtar rappreżentant speċjali tal-intimat a spejjeż tar-rikorrent.

## 8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki)

### 8.1 Jekk is-servizz postali jwassal dokument mibgħut minn barra lil destinatarju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn tal-aċċettazzjoni tal-irċevuta (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki), is-servizz postali jista' jħalli d-dokument biss mad-destinatarju stess jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-posta, iħalli d-dokument ukoll ma' persuna oħra fl-istess indirizz?

Skont l-Artikolu 5(1) tar-Regoli Komuni għall-Kundizzjonijiet tal-Konsenja tal-Oġġetti Postali u l-Pakketti Postali (adottati bid-Deċiżjoni Nru 581 tal-Kummissjoni dwar ir-Regolament tal-Komunikazzjonijiet tas-27 ta' Meju 2010), il-firma tar-riċevitur hija meħtieġa għall-konsenja ta' oġġetti mibgħuta bil-posta rreġistrata. L-oġġetti li jintbagħtu bil-posta rreġistrata jistgħu jintbagħtu lil persuna li tkun membru tad-dar, li tkun laħqet l-etá ta' 18-il sena u li tkun tgħix fl-indirizz tal-konsenja speċifikat. Mal-wasla trid tiġi pprovduta firma u jiġi ppreżentat dokument ta' identitá.

### 8.2 Skont ir-regoli tal-posta f'dan l-Istat Membru kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tan-Notifiki Nru 1393/2007, jekk la d-destinatarju u lanqas ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-posta – ara fuq) ma jkun instab fl-indirizz fejn tkun intbagħtet?

Jekk oġġett postali ma jkunx jista' jiġi kkonsejnat waqt iżjara fl-indirizz minħabba li d-destinatarju ma jkunx hemm u lanqas ma jkun hemm persuna oħra li n-notifika tista' titħalla magħha, jiħalla avviż bil-miktub fil-kaxxa tal-ittri, li jitlob lid-destinatarju jidher fl-uffiċċju postali u jiġbor l-oġġett sa ċerta data speċifikata mill-fornitur tas-servizz postali, li ma tistax tkun inqas minn 20 jum jew aktar minn 30 jum mid-data tal-wasla fl-uffiċċju postali għall-konsenja. L-għadd ta' notifiki formali u ż-żmien għall-ġbir jiġu stabbiliti mill-fornituri tas-servizzi postali fit-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratt tagħhom mal-utenti; f'kull każ, iridu jintbagħtu mill-inqas żewġ avviżi formali.

### 8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perjodu speċifiku għall-ġbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għax ma twasslux? Jekk iva, kif ikun infurmat id-destinatarju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?

Ara t-tweġiba għal 8.2.

## 9 Ikun hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun għet nnotifikat?

Meta n-notifika tkun twettqet, timtela konferma tal-irċevuta mill-membri tal-persunal rilevanti. Din is-servizi ta' prova tan-notifika. Il-konferma tal-irċevuta jrid ikun fiha d-dettalji kollha meħtieġa li jagħtu prova li n-notifika tkun twettqet kif suppost. Dawn huma:

- isem il-persuna li l-komunikazzjoni hija indirizzata lilha;
- isem il-persuna li qed tiġi nnotifikata;
- il-persuna li qed twassal in-notifika: l-uffiċjal tal-qorti, l-impjegat tal-posta jew il-kurrier, is-sindku jew l-uffiċjal ġudizzjarju privat.

Meta n-notifika ssir lil persuna li ma tkunx id-destinatarju, dejjem ikun speċifikat li dik il-persuna l-oħra tkun obbligata tibgħat il-komunikazzjoni lid-destinatarju. L-Artikolu 44 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jispeċifika l-metodi li ġejjin li jiċċertifikaw li n-notifika tkun saret:

- il-konsenjatarju jiċċertifika bil-firma tiegħu d-data u l-metodu ta' notifika u l-identitá tal-persuna li għet innotifikata bil-komunikazzjoni;
- ir-rifjut tal-aċċettazzjoni ta' komunikazzjoni jrid jitniżżel fil-konferma tal-irċevuta u jiġi ċċertifikat bil-firma tal-konsenjatarju; in-notifika xorta titqies li saret kif suppost; Minkejja dan ir-rifjut, in-notifika titqies li tkun saret kif suppost.
- in-notifikat bit-telefon jew bil-faks jiġu ċċertifikati mill-konsenjatarju bil-miktub;
- in-notifika b'telegramma tiġi ċċertifikata b'avviż tal-konsenja;
- in-notifika bit-telex tiġi ċċertifikata b'konferma bil-miktub tal-komunikazzjoni mibgħuta;
- in-notifika bil-posta tiġi ċċertifikata b'konferma tal-irċevuta;
- in-notifika fl-indirizza elettroniku tiġi ċċertifikata b'kopja tar-reġistru elettroniku tan-notifiki.

L-irċevuta tat-tweqqiq tan-notifika trid tinżied mal-atti tal-kawża malli tiffassal.

## **10 X'jiġri jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirċevix id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi notifikat lil terza persuna)? Minkjeja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika ġdida tad-dokument?**

Jekk id-destinatarju ma jirċevix il-komunikazzjoni jew il-komunikazzjoni ma tiġix innotifikata lilu bil-mod preskritt mil-liġi, tali notifika ma tagħti lok għall-ebda konsegwenza legali. Meta parti f'kawża ma tkunx tħarrket kif suppost għas-seduta tal-qorti, l-Artikolu 46 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jipprevedi li s-seduta tiġi posposta u li tiġi nnotifikata taħrika ġdida. Madankollu, il-parti tista' tidher personalment u titlob bil-fomm jew bil-miktub biex tidher quddiem il-qorti, u tiddikjara li tkun ġiet innotifikata bis-seduta u tixtieq li l-kawża tinstema'. F'dak il-każ, it-taħrika titqies li tkun ġiet innotifikata kif suppost.

Meta l-partijiet ikunu tħarrku kif suppost iżda l-kawża tiġi posposta għal raġunijiet ta' provi, ma jkunx hemm bżonn li tiġi nnotifikata taħrika ġdida.

Jekk parti ssostni li tkun qabżet terminu ta' skadenza stabbilit mil-liġi jew stabbilit mill-qorti minħabba li ma tkunx ġiet innotifikata kif suppost, hija tkun tista' titlob li dak it-terminu jerġa' jibda mill-ġdid jekk turi bil-provi li t-terminu ta' skadenza nqabeż minħabba ċirkostanzi speċjali u imprevisti li ma setgħetx tegħleb (l-Artikolu 63 et seq. tal-GPK).

Il-parti interessata tista' titlob l-annullament ta' deċiżjoni eżekutorja skont il-proċedura tal-Artikolu 303 tal-GPK meta, b'konsegwenza ta' ksur tar-regoli rilevanti, tkun ġiet imċaħħda mill-opportunità li tipparteċipa fil-kawża jew ma tkunx ġiet irrappreżentata kif suppost, jew ma tkunx tista' tidher personalment jew permezz ta' avukat minħabba ċirkostanzi speċjali u imprevisti li ma setgħetx tegħleb.

Jekk id-debitur isostni li ġie mċaħħad mill-opportunità li jikkontesta kreditu li jkun inħareġ mandat eżekuttiv għalih, id-debitur jista' jressaq oġġezzjoni quddiem il-qorti tal-appell skont il-proċedura tal-Artikolu 423 tal-GPK.

## **11 Hemm xi ħlas għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-ħlas?**

It-tariffi statutorji miġbura mill-qorti fir-Repubblika tal-Bulgarija biex jeżaminaw kawża ikopru l-ispejjeż kollha tat-taħrika, meta jitwettqu minn uffiċjal tal-qorti, minn ħaddiem tal-posta jew mis-sindku tal-municipalitá kkonċernata.

Normalment ma tkun trid titħallas l-ebda tariffa għan-notifika ta' dokumenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007.

Meta parti titlob lill-qorti tordna li komunikazzjonijiet jiġu nnotifikati minn uffiċjal ġudizzjarju privat, l-Artikolu 42(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jipprevedi li dik il-parti tħallas l-ispejjeż tan-notifika. F'dan il-każ, it-tariffa għan-notifika tad-dokumenti hija ta' BGN 20.

Meta n-notifika ssir permezz ta' pubblikazzjoni fit-taqsimha mhux uffiċjali tal-Gazzetta tal-Istat, jiġi t-tariffi li ġejjin:

- għal tul ta' mhux aktar minn 1/2 paġna standard: BGN 20;

- għal tul ta' mhux aktar minn paġna standard (30 linja, 60 karattru għal kull linja): BGN 40;

- għal tul ta' mhux aktar minn paġna standard: BGN 40 u BGN 35 għal kull paġna addizzjonali.

L-aħħar aġġornament: 24/11/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtoritá nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltá fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [CS](#) ġiet

emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment

qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

## **In-notifika ta' atti - Repubblika Ċeka**

### **1 F'termini prattiċi xi jfisser it-terminu legali "notifika ta' dokumenti"? Għaliex hemm regoli speċifiċi dwar in-"notifika ta' dokumenti"?**

In-notifika tad-dokumenti tal-qorti hija kompitu proċedurali li jwettqu l-qorti matul il-proċedimenti ġudizzjarji. Qorti tista' tinnotifika diversi dokumenti marbuta mal-proċedimenti, mal-partijiet fil-proċedimenti, mal-persuni involuti fil-proċedimenti, u persuni oħra (pereżempju miżuri, ċitazzjonijiet, l-għoti ta' sentenza bil-miktub, eċċ).

Fl-interessi taċ-ċertezza legali u sabiex jiġu mħarsa l-partijiet involuti, in-notifika għandha konsegwenzi proċedurali serji. Pereżempju, sentenza mogħtija kif xieraq biss jista' jkollha effett ġuridiku, li jfisser illi jkollha konsegwenzi vinkolanti fuq ir-relazzjonijiet ġuridiċi li għalihom ġiet mogħtija.

### **2 Liema dokumenti jeħtieġ li jkunu notifikati b'mod formali?**

Il-konsenja tal-komunikazzjonijiet li għandha effett ġuridiku trid issir formalment. Il-bżonn għal konsenja formali ġejja mill-ħtieġa tal-qorti illi jkollha prova tal-fatt illi ġiet nnotifikat dokument speċifiku u illi l-effetti rikjesta jmorru lura għal dik in-notifika fil-proċedimenti ġudizzjarji kkonċernati.

Skont l-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (minn hawn il-quddiem is-"CCP" jew "il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili"), id-dokumenti ġudizzjarji jiġu nnotifikati jew permezz ta' notifika personali jew bil-posta "regolari", skont in-natura tad-dokument. In-notifika personali tintuża għal dawk id-dokumenti stipulati mil-liġi (pereżempju kawżi, lill-konvenut; l-sentenzi, fuq il-partijiet fil-proċedimenti) jew jekk hekk ordnat mill-qorti. Għad-dokumenti l-oħra tintuża l-posta "regolari".

### **3 Min hu responsabbli biex jinnotifika dokument?**

Il-korpi li jiżguraw in-notifika tad-dokumenti tal-qorti huma l-qorti, li jinnotifikaw id-dokumenti permezz tal-korpi tas-servizzi (il-korpi tas-servizzi huma l-persunal tal-qorti, korpi ta' Gwardjani Ġudizzjarji, bailiffs tal-qorti u operaturi tas-servizz postali, u taħt ċerti kundizzjonijiet, għal ċerti indirizzi, l-awtoritajiet tas-Servizz tal-Fabs, istituti jew istituzzjonijiet protettivi edukattivi, faċilitajiet ta' detenzjoni preventiva, kwartieri ġenerali militari reġjonali, il-Ministeru tal-Intern u l-Ministeru tal-Ġustizzja).

## **4 Tifix tal-indirizz**

### **4.1 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, l-awtoritá rikjesta f'dan l-Istat Membru tipprova u tistabbilixxi hi bl-inizjattiva tagħha fejn tinsab il-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokumenti ladarba din ma tkunx għadha toqgħod fl-indirizz magħruf mill-awtoritá rikjedenti?**

Jekk it-talba tinkludi l-indirizz tad-destinatarju fejn ma setgħetx issir in-notifika b'suċċess, għaliex id-destinatarju ma għadux joqgħod f'dak l-indirizz, il-qorti twettaq investigazzjoni u tipprova tikxef, billi tikkonsulta s-Sistema ta' Informazzjoni tar-Reġistru tal-Popolazzjoni Ċek, l-indirizz tar-residenza permanenti/post ta' negozju ta' individwu, jew l-indirizz tas-sede reġistrata/l-indirizz tal-unitá organizzattiva reġistrata fir-reġistru rilevanti f'każ ta' entitá ġuridika.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, l-indirizz għan-notifika lil individwu jinkludi l-indirizz tar-residenza permanenti tiegħu u l-indirizz tan-negozju tiegħu; għall-entitajiet ġuridiċi, dan huwa l-indirizz tas-sede reġistrata tagħha reġistrata fir-reġistru rilevanti u l-indirizz tas-sede reġistrata ta' unitá organizzattiva. Jekk id-destinatarju għandu kaxxa postali għad-dejta rreġistrata fir-Repubblika Ċeka, il-qorti tibgħat id-dokumenti fil-kaxxa postali tiegħu permezz tan-netwerk tad-dejta pubbliku. It-twissil fil-kaxxa postali titqies bħala konsenja personali. (L-entitajiet legali biss għandhom l-obbligu li jkollhom kaxxa postali għad-data. għall-individwi, din hija fakultattiva).

### **4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-indirizz attwali tal-persuna? Jekk iva, x'reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhi l-proċedura li trid tiġi segwita? Xi ħlas irid isir, jekk hemm?**

L-informazzjoni dwar fejn jinsabu attwalment persuni fiżiċi fir-Repubblika Ċeka tista' tinkiseb primarjament mis-Sistema ta' Informazzjoni tar-Reġistru tal-Popolazzjoni Ċeka. Il-qrati kollha fir-Repubblika Ċeka għandhom aċċess għas-sistema u jistgħu jiksibu estratt minnu skont il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 8 tal-Att Nru 133/2000 dwar ir-reġistru tal-popolazzjoni tal-abitanti u dwar in-numri ta' identifikazzjoni personali (l-Att dwar ir-Reġistru tal-Popolazzjoni) u skont il-kundizzjonijiet previsti fl-Att Nru 101/2000 dwar il-protezzjoni tal-informazzjoni personali u li jemenda ċerti atti. Għat-talbiet li jsiru minn barra l-pajjiż, l-informazzjoni personali mis-sistema ta' informazzjoni tingħata fuq talba ta' persuna minn barra jew mill-ambaxxata ta' stat barrani biss jekk tingħata minħabba trattat internazzjonali li jorbot lir-Repubblika Ċeka (l-Artikolu 8(9) tal-Att dwar ir-Reġistru tal-Popolazzjoni). Il-qrati fir-Repubblika Ċeka għandhom ukoll aċċess għal sistema ta' informazzjoni dwar ċittadini barranin miżmuma skont l-Att Nru 326/1999 dwar ir-residenza tal-barranin fir-Repubblika Ċeka. L-informazzjoni dwar entitajiet ġuridiċi u individwi li għandhom negozju, li jgħixu jew li għandhom negozju fir-Repubblika Ċeka u li japplikaw għar-reġistrazzjoni, hija mantnuta f'reġistru pubbliku skont l-Att Nru 304/2013 dwar ir-reġistri pubbliċi tal-entitajiet ġuridiċi u l-individwi. Regjistru pubbliku huwa lista pubblika li fih tiġi reġistrata informazzjoni prevista mil-liġi dwar entitajiet ġuridiċi u individwi li għandhom negozju, u dan ir-reġistru jinkludi Kollezzjoni ta' Dokumenti. Ir-reġistru huwa aċċessibbli kemm għaċ-ċittadini Ċeki u dawk barranin, u kulħadd jista' jikkonsultah u jagħmel kopji jew jieħu estratti minnu. Ir-reġistru pubbliku jinżamm f'forma elettronika u jista' b'hekk jiġi aċċessat minn postijiet il-bogħod ħafna, fl-indirizz li ġej:

[https://www.czso.cz/csu/res/business\\_register](https://www.czso.cz/csu/res/business_register).

L-informazzjoni fuq is-sit elettroniku hija disponibbli mingħajr ħlas. Hemm tariffa ta' CZK 50 għal kull paġna jew parti minn paġna sabiex issir kontroparti, duplikazzjoni jew kopja ta' dokument miżmum fil-kollezzjoni, inklużi estratti mir-Reġistru Kummerċjali biċ-Ċek, jekk ma ssir verifika, u tariffa ta' CZK 70 bil-verifika.

### 4.3 L-awtoritajiet f'dan l-Istat Membru kif jittrattaw talba mibgħuta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali bl-għan li jinstab l-indirizz attwali ta' persuna?

Skont il-liġi Ċeka, tiftixa dwar indirizz ma tikkostitwix prova. Il-prattika stabbilita mill-qrati tar-Repubblika Ċeka turi illi l-qrati normalment jaċċettaw illi jagħmlu talba skont ir-Regolament (KE) Nru 1206/2001 sabiex jiġi stabbilit fejn tinsab preżentement persuna u biex iwettqu l-investigazzjoni meħtieġa, jekk l-informazzjoni hija meħtieġa minħabba kawża ċivili li għadha għaddejjja.

Madankollu, jekk ikun ġie konkluż f'them bilaterali li għandu dispożizzjonijiet ċari dwar tiftix ta' indirizzi bejn ir-Repubblika Ċeka u Stat Membru ieħor tal-UE, wieħed għandu jimxi skont dak il-ftehim. [1]

Fir-rigward ta' komunikazzjoni ta' indirizz ta' individwu li għandu negozju jew ta' entità ġuridika (tipikament korporazzjoni kummerċjali), il-liġijiet tar-Repubblika Ċeka ma jipprovdux għal xi rekwiżiti legali speċjali biex tingħata dik l-informazzjoni. Kif intqal hawn fuq, l-aċċess għall-informazzjoni f'reġistru pubbliku mhu ristrett bl-ebda mod.

[1] It-tiftix għall-indirizzi ġie miftiehem fi ftehimiet bilaterali ma: il-Belġju, il-Bulgarija, l-Ungerija, il-Polonja, il-Greċja, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja.

### 5 Fil-prattika, normalment kif jiġi notifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (ħlief in-notifika indiretta msemmija fil-punt 6 iktar 'l isfel)?

Skont il-liġijiet tar-Repubblika Ċeka, qorti tinnotifika dokumenti bil-miktub matul is-seduta ta' smiġh jew matul sessjoni oħra tal-qorti. Jekk ma jintużax dan il-metodu ta' notifika, il-qorti tinnotifika d-dokument lid-destinatarju permezz ta' network tad-dejta pubbliku fil-kaxxa postali tad-dejta tiegħu. Jekk dokument ma jistax jiġi jtwassal permezz ta' network tad-dejta pubbliku, tibgħatu l-qorti, fuq talba tad-destinatarju, f'indirizz ieħor jew indirizz elettroniku.

Jekk dokument ma jistax jiġi nnotifikat b'dawn il-metodi, il-qorti tordna illi n-notifika ssir permezz ta' korp tas-servizzi (għal aktar informazzjoni, ara l-paragrafu 3) jew lil parti fil-proċedimenti jew lir-rappreżentant tagħha għan-notifika tad-dokument (Artikoli 45, 46c, 47 u 48 CCP).

Skont il-kundizzjonijiet previsti b'mod preċiż mil-liġi, qorti tista' wkoll tinnotifika dokument billi ttellgħu fuq bord pubbliku tal-avviż (Artikolu 501 CCP).

### 6 Hija permessa n-notifika elettronika ta' dokumenti (notifika ta' dokumenti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji permezz ta' mezz ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, bħall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-Internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa permess dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatarju (professjonist tal-liġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?

In-notifika elettronika tad-dokumenti tfisser notifika minn network tad-dejta pubbliku lil kaxxa postali tad-dejta.

Jekk dan il-metodu ta' notifika mhux possibbli, il-qorti, fuq talba tad-destinatarju, tista' tinnotifika d-dokument fuq indirizz elettroniku provdut mid-destinatarju jekk huwa jkun talab lill-qorti biex tinnotifika d-dokument b'dan il-mezz, jew ikun ta' kunsens tiegħu għal dan it-tip ta' notifika, u jekk ikun ħatar fornitur ta' servizz ta' ċertifikazzjoni akkreditat li ħareġ ċertifikat ta' kwalità u żamm rekord tiegħu, jew ippreżenta ċertifikat kwalifikat validu. Jekk jintuża dan it-tip ta' notifika, il-qorti titlob lid-destinatarju biex jikkonferma n-notifika lill-qorti fi żmien tliet ijiem mill-konsenja tad-dokumenti, b'messaġġ dejta ffirmat bil-firma elettronika rikonnoxxuta tiegħu. Jekk id-dokument mibgħut f'indirizz elettroniku jiġi ritornat il-qorti għaliex ma setgħax jintbagħat, jew jekk id-destinatarju ma jirċevix konferma illi d-dokument wasal fi żmien tliet ijiem mid-data li fih intbagħat, in-notifika ma kienetx effettiva.

L-ebda metodi oħra ta' notifika tad-dokumenti b'mezzi elettroniċi mhuma previsti mil-liġi.

### 7 Notifika "indiretta"

#### 7.1 Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika fejn ma jkunx possibbli li d-dokumenti jkunu nnotifikati lid-destinatarju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamar)?

Fir-rigward ta' din il-mistoqsija, ara wkoll l-informazzjoni msemmija hawn fuq, fil-paragrafu 5.

Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jagħmel distinzjoni bejn żewġ tipi ta' notifika: **in-notifika personali**, u n-notifika ta' dokumenti oħra.

Jekk qed jiġu notifikati dokumenti li għalihom liġi jew qorti tiddetermina illi għandhom jiġu nnotifikati personalment, u l-korp tan-notifika ma jistax isib lid-destinatarju, id-dokument jiġu miżmum f'fergħa tal-posta jew il-qorti u jitħalla avviż bil-miktub għad-destinatarju, fejn jintalab jiġbor id-dokument (ara iktar l-isfel, il-paragrafu 7.2.).

Jekk id-dokumenti qed jiġu nnotifikati mingħajr ma jkun hemm previst notifika personali għalihom (magħruf bħala n-notifika ta' dokumenti oħra), id-dokumenti jintbagħtu fil-kaxxa postali tad-destinatarju jekk ma jinstabx, u d-dokument jitqies notifikat meta jitpoġġa fil-kaxxa postali. Jekk id-dokument ma jistax jitħalla fil-kaxxa postali, il-qorti tinnotifikah billi ttellgħu fuq il-bord tal-avviżi uffċjali tagħha (l-Artikolu 50 CCP).

#### 7.2 Jekk japplikaw metodi oħrajn, id-dokumenti meta jitqiesu li ġew innotifikati?

Id-dokumenti li jridu jiġu nnotifikati personalment jitqiesu mibgħuta fl-għaxar jum wara d-data li fiha d-dokument kien lest għall-ġbir (jiġifieri mid-data li fiha d-dokument twassal f'uffiċċju tal-posta jew il-qorti, jew meta avviż li talab għall-ġbir tad-dokument twaħħal fuq il-bord tal-avviżi uffċjali tal-qorti, jekk l-avviż ma jistax jitħalla fil-post ta' konsenja). Dokument jitqies li ġie nnotifikat anke jekk id-destinatarju ma kienx jaf illi d-dokument kien ġie ddepożitat. Jekk jiskadi l-perjodu ta' għaxart'ijiem u ma jseħħ xejn, il-korp tan-notifika jiffa d-dokument fil-kaxxa postali tad-destinatarju u fin-nuqqas, jirritorna d-dokument lill-qorti li bagħtlu u jwaħħal avviż fuq il-bord tal-avviżi uffċjali tal-qorti. Għal xi dokumenti, (primarjament ordnijiet għal ħlas ta' kambjala, ordnijiet għal ħlas u l-ordni ta' ħlas Ewropej) in-notifika sostitwita mhix permessa mil-liġi jew minn deċiżjoni tal-qorti - wara l-iskadenza tal-perjodu ta' għaxart'ijiem, id-dokumenti jiġu ritornati lill-qorti li bagħtithom mingħajr ma titqies li saret notifika (l-Artikolu 49(5) tas-CCP).

Id-dokumenti notifikati permezz ta' network tad-dejta pubbliku jitqiesu li ġew notifikati personalment. Dokument notifikat f'kaxxa postali tad-dejta jitqies li ġie nnotifikat meta l-persuna li, skont l-awtorizzazzjoni li għandha, għandha dritt ta' aċċess d-dokument, tidħol fil-kaxxa postali. Jekk dik il-persuna ma tidħol fil-kaxxa postali fi żmien għaxart'ijiem minn meta d-dokument ġie nnotifikat fil-kaxxa postali, id-dokument jitqies li wasal fl-għaxar jum; dan mhux il-każ jekk in-

notifika sostituta ma tistax issir għal dan id-dokument (l-Artikolu 17(3) u (4) tal-Att Nru 300/2008 dwar l-azzjonijiet elettroniċi u l-konverżjoni awtorizzata tad-dokumenti).

Id-dokumenti l-oħra (dawk li mhumiex intiżi għan-notifika personali) jitqiesu notifikati fid-data li fih jitpoġġew f'kaxxa postali, jew, jekk notifikati permezz ta' twaħħil fuq il-bord ta' avviżi ufficiali tal-qorti, fl-għaxar jum wara t-twaħħil.

### **7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika huwa d-depożitu tad-dokumenti f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatarju kif ikun infurmat b'dak id-depożitu?**

Id-destinatarju jiġi nfurmat b'dokument li għie depożitat f'uffiċċju tal-posta b'avviż bil-miktub fejn jintalab jiġbor id-dokument, li jkun tħalla għalih mill-awtorità tan-notifika b'zmod xieraq (normalment, billi jitqiegħed fil-kaxxa postali tiegħu). Jekk l-avviż ma jistax jitħalla fil-post fejn sar tentattiv ta' konsenja, l-awtorità tan-notifika tirritorna d-dokument lill-qorti li baġħitu u l-qorti toħroġ avviż fejn titlob il-ġbir tad-dokument minn fuq il-bord tal-avviżi ufficiali tagħha.

It-talba jrid ikun fiha d-dettalji speċifikati fl-Att (l-Artikolu 50h tas-CCP), b'mod partikolari t-tip ta' qorti, id-dokument li qed jiġi notifikat, id-destinatarju u l-indirizz tiegħu, l-awtorità tan-notifika u l-ismijiet u l-kunjomijiet ta' min qed jagħmel in-notifika, u l-firma tiegħu. Jekk in-notifika ta' sostituzzjoni ma tiġix eskluża, l-avviż irid ikun fih ukoll twissija dwar il-konsegwenzi legali tan-nuqqas ta' ġbir tad-dokument. Huwa jgħid ukoll ma min, fejn u f'liema data d-dokument ikun lest għall-ġbir, u d-data li fiha u d-data sa meta u l-ħinijiet li fihom jista' jinġabar.

### **7.4 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokumenti, xi jkun l-konsegwenzi? Id-dokumenti jitqiesu bħala effettivament innotifikati jekk ir-rifjut ma jkunx leġittimu?**

Ir-rifjut ta' notifika ta' dokument huwa regolat mill-Artikolu 50h tas-CCP, li jistipula illi jekk destinatarju jew riċevitur jirrifjuta n-notifika ta' dokument, id-dokument jitqies li għie notifikat fid-data meta għet rifjutata n-notifika. Id-destinatarju jrid jiġi nfurmat bil-konsegwenzi. Skont il-liġi Ċeka, l-istess notifika fittizja sseħħ jekk id-destinatarju jirrifjuta li juri l-identità tiegħu jew li juri kooperazzjoni meħtieġa għan-notifika kif xieraq. F'dak il-każ, id-dokument jitqies li għie notifikat fid-data meta seħħew ir-rifjut ta' turija ta' identità jew ta' kooperazzjoni. Skont il-liġi Ċeka, l-ebda eżami ma jsir dwar jekk ir-rifjut kienx leġittimu jew le, u n-notifika fittizja sseħħ awtomatikament, mal-att ta' rifjut.

### **8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki)**

#### **8.1 Jekk is-servizz postali jwassal dokument mibgħut minn barra lill-destinatarju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm b'żonn tal-aċċettazzjoni tal-irċevuta (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki), is-servizz postali jista' jħalli d-dokument biss mad-destinatarju stess jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-posta, iħalli d-dokument ukoll ma' persuna oħra fl-istess indirizz?**

Meta twestaq notifikati barra l-pajjiż, il-Posta Ċeka tuża metodu simili għal dak domestiku. Dan ifisser illi sakemm l-envelope jew il-karta tal-konsenja ma tispeċifikax illi l-oġġett jista' jiġi notifikat biss personalment, huwa jista' jiġi nnotifikat mhux biss lid-destinatarju iżda wkoll lill-aġent tiegħu, rappreżentant statutorju jew l-aġent tar-rappreżentant statutorju tiegħu, soġġett għall-istess kundizzjonijiet tad-destinatarju Ż(jiġifieri jrid juri l-identità tiegħu u jikkonferma li rċieva d-dokument billi jiffirma).

Barra minn hekk, skont it-Termini u Kundizzjonijiet tal-Posta, oġġett postali jista' jasal fil-post speċifikat mill-indirizzat postali minn:

#### **1. Jekk l-oġġett postali huwa indirizzat lill-individwu:**

- Individwu li jgħatta' l-ħin f'appartament, ufficiali, stabbiliment, jew bini magħluq ieħor li fuqu għandu l-isem u l-kunjom tad-destinatarju jew kunjom identiku għal dak tad-destinatarju u li jikkonferma li rċieva l-oġġett bil-firma tiegħu;

#### **2. Jekk l-oġġett postali huwa indirizzat lill-entità ġuridika:**

- Individwu li jikkonferma li aċċetta l-oġġett bil-firma tiegħu u t-timbru tad-destinatarju;

- Individwu li jikkonferma li aċċetta l-oġġett bil-firma tiegħu u juri illi huwa persuna awtorizzata;

- Individwu li jgħatta' l-ħin f'appartament, ufficiali, stabbiliment, jew bini magħluq ieħor li fuqu għandu l-isem tad-destinatarju li jiddikjara illi d-destinatarju ma jużax timbru u jikkonferma li rċieva l-oġġett bil-firma tiegħu u jniżżel ismu u kunjomu;

Jekk dokument ma jiġix imwassal b'suċċess lill-din il-persuna, l-uffiċċju tal-posta jista' jgħaddih lill-persuna xierqa, b'mod partikolari xi għar tad-destinatarju li jaqbel illi jth l-oġġett u jikkonferma li rċieva l-oġġett bil-firma tiegħu.

Dan huwa eskluż jekk:

a) Id-destinatarju ta lill-Posta Ċeka dikjarazzjoni fejn jgħid illi ma jaqbilx ma' dan il-metodu ta' konsenja;

b) Id-destinatarju ta lill-Posta Ċeka dikjarazzjoni fejn jgħid illi l-Posta Ċeka biss tista' twassallu l-oġġetti postali;

c) Il-prezz iddikjarat jaqbeż CZK 10 10,000 (l-Artikolu 25(6) tat-Termini u l-Kundizzjonijiet Postali).

#### **8.2 Skont ir-regoli tal-posta f'dan l-Istat Membru kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tan-Notifiki Nru 1393/2007, jekk la d-destinatarju u lanqas ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-posta – ara fuq) ma jkun instab fl-indirizz fejn tkun intbagħtet?**

Jekk qed issir in-notifika ta' dokument skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (jiġifieri permezz tas-servizz postali, minflok l-aġenzija riċevitriċi) u l-oġġett postali ma ġiex imwassal, l-oġġett jiġi depożitat u jitħalla avviż lid-destinatarju fil-kaxxa tal-ittri tiegħu id-dar, fejn jintalab jiġbor l-oġġett postali fi żmien speċifiku f'uffiċċju postali speċifiku. Jekk huwa jonqos milli jagħmel dan fiż-żmien mogħti għal dan il-għan, l-oġġett postali jiġi ritornat lill-min baġħtu bħala oġġett li ma setax jitwassal.

#### **8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perjodu speċifiku għall-ġbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għax ma twasslux? Jekk iva, kif ikun infurmat id-destinatarju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?**

F'każ illi n-notifika personali tkun qed tuża s-servizzi tal-posta ta' stat ieħor, fi h'dan it-tifsira tal-Artikolu 14 tar-Regolament, id-destinatarju jista' jiġbor l-oġġett postali fi żmien 15-il jum mid-data li fiha l-oġġett kien lest għall-ġbir. Id-destinatarju jiġi nfurmat dwar id-depożitu tal-oġġett postali permezz ta' avviż bil-miktub fejn jintalab jiġbor l-oġġett, li s-servizz ta' notifika jkun h'alla fil-kaxxa tal-ittri tad-dar tiegħu.

#### **9 Ikun hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun għie notifikat?**

Meta qorti tkun qed tinnotifika dokument matul seduta ta' smiġħ jew xi proċedimenti ieħor tal-qorti li fih jiġu prodotti r-rekords tal-qorti, dan jiġi indikat fir-rekords. Minbarra partikolari oħra (l-Artikolu 40(6) CCP), ir-rekords iridu juru n-natura tad-dokument. Il-protokoll irid jiġi ffirmat mill-persuna li nnotifikatu, u mir-riċevitur.

Għan-notifika permezz ta' network tad-dejta pubbliku f'kaxxa postali elettronika, ara aktar il-fuq, paragrafu 7.2.

Jekk id-dokument jiġi nnotifikat permezz ta' network tad-dejta pubbliku fuq indirizz elettroniku, in-notifika tiġi dokumentata permezz ta' messaġġ elettroniku mid-destinatarju ffirmat bil-firma elettronika rikonoxxuta tiegħu, li biha jikkonferma illi rċieva d-dokument.

Jekk il-qorti qed tinnotifika dokument matul proċediment il-qorti fejn ma jiġu prodotti l-ebda rekords tal-qorti, jew permezz ta' korp tan-notifika, it-tip ta' dokument jiġi mmarkat fuq il-karta tan-notifika. Karta tan-notifika hija dokument pubbliku. Sakemm mhux provdut mod ieħor, id-dejta mniżżla fuq il-karta tan-notifika titqies korretta.

Il-karta tan-notifika jrid ikun fiha:

a) it-tip tal-qorti li titlob in-notifika tad-dokument;

b) it-tip ta' korp tan-notifika;

- c) it-tip ta' dokument li qed jiġi notifikat;
- d) it-tip ta' destinatarju u l-indirizz li fih se jiġi notifikat id-dokument;
- e) dikjarazzjoni mill-korp tan-notifika li jindika d-data li fiha d-destinatarju ma nstabx, id-data li fiha d-dokument ingħata lid-destinatarju jew lir-riċevitur, id-data li fiha d-dokument kien lest għall-ġbir, id-data li fiha għet rifjutata in-notifika jew ma ngħatat il-kooperazzjoni meħtieġa għan-notifika xierqa tad-dokument;
- f) is-siegħa u l-minuti tan-notifika, jekk għe mitlub "il-ħin preċiż tan-notifika";
- g) l-isem u l-kunjom ta' min qed iwettaq in-notifika, il-firma tiegħu, u kopja tat-timbru uffiċjali tal-korp tan-notifika;
- h) l-isem u l-kunjom tal-persuna li aċċettat id-dokument jew irrifjutat in-notifika jew irrifjutat li tikkoopera sabiex issir notifika kif xieraq tad-dokument, jekk din l-informazzjoni hija magħrufa mal-korp tan-notifika, informazzjoni dwar ir-relazzjoni tal-persuna mad-destinatarju jekk id-dokument jiġi aċċettat f'isem id-destinatarju, u l-firma ta' dik il-persuna;
- i) informazzjoni dwar jekk hux eskluż it-tqegħid tad-dokument f'kaxxa postali.

Jekk id-dokument għe depożitat, il-karta tan-notifika jrid ikun fiha informazzjoni dwar jekk tħallix avvizz għad-destinatarju biex jiġbor id-dokument.

Jekk id-destinatarju jew riċevitur jiġbru d-dokument depożitat, il-karta tan-notifika jrid ikun fiha wkoll:

- a) l-isem u l-kunjom ta' min ikkonsenja d-dokument, il-firma tiegħu, u kopja tat-timbru uffiċjali tal-korp tan-notifika;
- b) dikjarazzjoni mill-korp tan-notifika li tindika d-data li fiha d-dokument għe miġbur;
- c) is-siegħa u l-minuti tan-notifika, jekk għe mitlub "il-ħin preċiż tan-notifika";
- d) l-isem u l-kunjom tal-persuna li għabret id-dokument, u l-firma tagħha.

Jekk id-destinatarju jew riċevitur jirrifjutaw in-notifika ta' dokument jew ma jikkooperax b'mod illi n-notifika ssir kif xieraq, il-karta tan-notifika jrid ikun fiha wkoll informazzjoni dwar jekk ingħatawx struzzjonijiet, bil-miktub jew bil-fomm, dwar il-konsegwenzi ta' rifjut ta' notifika tad-dokument jew tan-nuqqas ta' kooperazzjoni, u dwar u kif ir-rifjut tan-notifika tad-dokument kien iġġustifikat jew dwar in-natura tan-nuqqas ta' kooperazzjoni.

Jekk id-dokument jiġi nnotifikat bil-"metodu tas-soltu" u mhux lid-destinatarju jew riċevitur, il-karta tan-notifika jrid ikun fiha wkoll:

- a) dikjarazzjoni mill-korp tan-notifika li tindika d-data li fiha d-dokument tqiegħed fil-kaxxa tal-ittri tad-dar jew kaxxa postali oħra wżata mid-destinatarju;
  - b) is-siegħa u l-minuti tan-notifika, jekk għe mitlub "il-ħin preċiż tan-notifika";
  - c) l-isem u l-kunjom ta' min qed iwettaq in-notifika, il-firma tiegħu, u kopja tat-timbru uffiċjali tal-korp tan-notifika;
- Jekk ir-riċevitur ma jistax jikkonferma n-notifika ta' dokument bil-firma tiegħu, individwu xieraq ieħor għajr min qed iwettaq in-notifika jrid jikkonferma l-konsenja lir-riċevitur billi jiffirma l-karta tan-notifika.

### **10 X'jiġri jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirreċevix id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi notifikat lil terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika għada tad-dokument?**

Il-liġijiet tar-Repubblika Ċeka ma jipprovdux għal possibiltà illi jkun hemm rimedju għal metodu difettuż tan-notifika. Jekk il-proċedura statutorja ma tiġix osservata waqt in-notifika ta' dokument speċifiku, id-dokument irid jerġa jiġi nnotifikat.

Minħabba li l-liġijiet tar-Repubblika Ċeka jipprovdu għal notifika "sostituta" u n-notifika fittizja tirrigwarda dan, hemm il-possibiltà ta' notifika mhux effettiva f'każijiet fejn id-destinatarju ma jkunx jista' jkseb id-dokument minħabba **ostaklu oġġettiv**.

Notifika mhux effettiva tiġi ddikjarata mill-qorti li għandha ġuriżdizzjoni, fuq talba esklussiva tal-parti li hija d-destinatarja tad-dokument speċifiku (bl-eċċezzjoni ta' proċedimenti mhux litiġjużi, meta qorti tista' teżamina wkoll l-effetti tan-notifika ex officio). Rikors għandu jiġi ppreżentat fi żmien ħmistax mid-data li fiha d-destinatarju jsir jaf bid-dokument li qed jiġi notifikat, jew li seta' sar jaf bih. Il-qorti tiddikjara illi n-notifika ma kienetx effettiva biss jekk id-destinatarju ma jkunx jista' jsir jaf bid-dokument minħabba **raġuni skużabbli** Għalhekk, il-parti trid tindika dawk il-provi fir-rikors tagħha illi jappoġġjaw l-osservanza taż-żmien mogħti għan-notifika (il-perjodu ta' ħmistax-il jum imsemmi hawn fuq) u l-ġustifikazzjoni għar-rikors tiegħu. Raġunijiet skużabbli jistgħu jinkludu mard, bżonn ta' spjar, eċċ, jiġifieri raġunijiet li jinvolvu ostaklu oġġettiv li ma jħallix lill-parti ssir taf bid-dokument. In-notifika ma tistax tiġi ddikjarata mhux effettiva jekk id-destinatarju konxjament jaħrab min-notifika jew jekk ma jkunx joqgħod b'mod permanenti fl-indirizz mogħti għan-notifika (il-partijiet huma obbligati jagħtu indirizz għan-notifika tal-post fejn jgħixu kurrentement).

### **11 Hemm xi ħlas għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-ħlas?**

Bħala regola, l-ispejjeż tan-notifika jitħallsu mill-qorti li tinnotifika d-dokument.

L-aħħar aġġornament: 20/11/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

### **In-notifika ta' atti - Ġermanja**

#### **1 F'termini prattiċi xi jfisser it-terminu legali "notifika ta' dokumenti"? Għaliex hemm regoli speċifiċi dwar in-"notifika ta' dokumenti"?**

In-notifika (ta' dokumenti) hija terminu legali li jintuża meta n-notifika ta' dikjarazzjonijiet bil-miktub u deċiżjonijiet trid titwettaq u tiġi dokumentata f'forma ġuridika. In-notifika tista' tkun iddefinita bħala li tagħmilha possibbli għal destinatarju li jjeħu nota ta' ċerta informazzjoni.

Id-dokumenti huma nnotifikati fl-interess li jiġi żgurat proċess ġuridiku ġust u proċedimenti ġuridiċi ġusti. In-notifika hija ntiża sabiex jiġi żgurat li d-destinatarju jsir attwalment konxju minn proċedimenti ġuridiċi jew, għallinqas, li huwa għandu ċans mingħajr xkiel li jsir konxju minnhom. Konsegwentement, kull meta d-dokumenti huma nnotifikati, l-għan huwa dejjem li tingħid l-attenzjoni għall-kontenuti tagħhom. Madankollu, hija r-responsabbiltà tad-destinatarju li attwalment jieħu nota tagħhom.

Il-parti li tinnotifika d-dokumenti trid tiġi pprovduta b'mezz li jivverifika meta u kif dokument kien għe kkonsenjat lid-destinatarju. Dan huwa rekwiżit ta' ċertezza tad-dritt.

#### **2 Liema dokumenti jeħtieġ li jkunu notifikati b'mod formali?**

Ma hemm ebda leġiżlazzjoni definittiva li tirregola liema dokumenti partikolari jridu jkunu nnotifikati formalment.

Id-dokumenti li jridu jiġu nnotifikati b'mod awtomatiku huma dawk fejn hemm stipulazzjoni legali korrispettiva jew ordni tal-qorti (Artikolu 166(2) tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili) (*Zivilprozessordnung – ZPO*).

In-notifika fuq it-talba tal-partijiet issir meta tkun stipulata mil-liġi, bħal fil-każ ta' arrest, ordni temporanju ta' restrizzjoni jew mandat ta' sekwestru bit-trasferiment tat-talba għas-sekwestru (Artikolu 191 tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili).

In-notifika formali hija meħtieġa kull fejn adegwat u fejn jagħmel sens, u kull meta tkun meħtieġa għaċ-ċertezza tad-dritt – pereżempju, meta d-drittijiet jiġu stabbiliti biss u l-iskadenzi jibdw jiskattaw biss permezz tal-avviż li jkun ingħata. Dan ifisser, pereżempju, li r-rikorsi jew is-sentenzi u d-deċiżjonijiet tal-qorti li jistgħu jiġu kkontestati permezz ta' appell immedjat iridu jiġu nnotifikati skont il-liġi.

#### **3 Min hu responsabbli biex jinnotifika dokument?**

Trid issir distinzjoni bejn notifika awtomatika u notifika wara t-talba tal-partijiet.

Meta d-dokumenti huma nnotifikati b'mod awtomatiku, dawn ikunu dejjem innotifikati mir-reġistru tal-qorti fejn il-proċedimenti jkunu għadhom pendenti (Artikolu 168(1) tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili). Ir-reġistru huwa intitolat li jagħżel il-metodu ta' notifika skont l-aħjar għudizzju tiegħu u huwa liberu li jagħżel bejn l-għażliet segwenti:

Huwa jista' pereżempju, jinnotifika dokumenti lil avukat bil-konferma tar-riċevuta (Artikolu 174 tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili).

Huwa jista' jinnotifika dokument lid-destinatarju jew lir-rappreżentant legali tiegħu direttament billi jikkonsenjha fiżikament fil-post uffiċjali tal-qorti (Artikolu 173 tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili).

Huwa jista' jħalli f'idejn is-servizz postali għan-notifika ta' dokumenti. Fil-Ġermanja, il-kelma "servizz postali" tfisser kumpaniji li huma liċenzjati mill-Aġenzija tan-Netzwerk Federali (*Bundesnetzagentur*) sabiex jipprovdu servizzi postali. F'dan il-kuntest, hija tista' tagħżel submetodu speċjali: notifika permezz ta' ittra reġistrata, bil-konferma tar-riċevuta (Artikolu 175 tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili).

Hija tista' tordna lil impjegat tal-ġudikatura sabiex jinnotifika d-dokumenti.

F'xi każijiet stipulati fil-liġi, l-imħallef huwa responsabbli li jirranġa għan-notifika, pereżempju fil-każ ta' notifika barra mill-pajjiż (Artikoli 183 u 184 tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili) jew notifika permezz ta' pubblikazzjoni (Artikoli 186 u 187 tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili).

In-notifika wara t-talba tal-partijiet trid dejjem titwettaq mill-marixxall maħtur mill-qorti, li huwa fdat b'din il-funzjoni direttament mill-parti jew permezz tal-intermedjarju tar-reġistru tal-qorti li qed tisma' il-kawża (Artikolu 192 tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili).

Min-naħa tiegħu, il-marixxall maħtur mill-qorti jista' jafda s-servizz postali bin-notifika tad-dokumenti (Artikolu 194 tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili).

#### **4 Tifix tal-indirizz**

##### **4.1 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti għudizzjarji u extra-għudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, l-awtorità rikjesta f'dan l-Istat Membru tipprova u tistabbilixxi hi bl-inizjattiva tagħha fejn tinsab il-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokumenti ladarba din ma tkunx għadha toqgħod fl-indirizz magħruf mill-awtorità rikjedenti?**

Fejn id-destinatarju ma jgħix fl-indirizz speċifikat fit-talba għan-notifika, l-aġenzija riċeventi Ġermaniża li tilqa' ir-rikors tipprova ġeneralment tiċċertifika l-indirizz tiegħu. Dan ma japplikax biss f'każijiet fejn id-destinatarju jkun iċċaqlaq iżda wkoll meta l-indirizz tiegħu wara t-talba għan-notifika jkun żbaljat jew mhux komplut. Madankollu, l-aġenzija riċeventi tipprovdi s-servizzi tagħha volontarjament f'dan ir-rigward u ma hija taħt obbligu li tagħmel dan.

##### **4.2 L-awtoritajiet għudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti għudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-indirizz attwali tal-persuna? Jekk iva, x-reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhi l-proċedura li trid tiġi segwita? Xi ħlas irid isir, jekk hemm?**

Skont l-Artikolu 44 tal-Att Federali Ġermaniż dwar ir-Reġistrazzjoni taċ-Ċittadini (*Bundesmeldegesetz – BMG*), l-awtoritajiet pubbliċi barranin u individwi barranin privati huma intitolati li jiksibu ċerta informazzjoni dwar persuna partikolari mill-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni Ġermaniżi mingħajr ma jagħtu r-raġunijiet tagħhom għalfejn qegħdin jitolbuha. Dan id-dokument jissejjaħ estratt sempliċi mir-reġistru (*einfache Melderegisterauskunft*).

L-estratt sempliċi mir-reġistru jinkludi:

- il-kunjom,
- l-ismijiet, b'mod li jiġi indikat l-isem li normalment jintuża,
- il-lawrja dottorali,
- l-indirizzi attwali u,
- fil-każ li l-persuna tkun mejta, dikjarazzjoni għal dan il-fini.

It-talba trid tiġi indirizzata lill-awtorità tar-reġistrazzjoni kompetenti. Bħala regola, dan ikun l-uffiċċju amministrattiv għaċ-ċittadini (*Bürgeramt*) fil-muniċipalità jew belt fejn huwa maħsub li l-persuna qed tirisjedi. Aktar u aktar muniċipalitajiet qed joffru l-għażla ta' kisba tal-informazzjoni b'mod elettroniku permezz tal-Internet.

Hemm tariffa għall-estratt mir-reġistru. L-ammont tal-miżata jvarja minn stat federali għall-ieħor.

L-estratt mir-reġistru jista' jinħareġ biss jekk il-persuna li qed tiġi mftixxa tista' tiġi identifikata b'mod preċiż mid-dettalji pprovduti mill-awtorità riċeventi, jiġifieri mhuwiex possibbli li tintbagħat "lista ta' riżultati" ta' individwi possibbli. Barra minn hekk, il-persuna jew l-entità li titlob l-informazzjoni trid tiddikjara li ma tużax id-*data* għal skopijiet ta' reklamar jew ta' negozjar.

Estratt mir-reġistru ma għandux jinħareġ jekk ikun iddaħħal impediment ta' divulgazzjoni fir-reġistru għall-persuna kkonċernata f'konformità mal-Artikolu 51 jew avvż ta' nuqqas ta' divulgazzjoni kondizzjonali skont l-Artikolu 52 tal-Att Federali dwar ir-Reġistrazzjoni taċ-Ċittadini u jekk il-ksur tal-interessi protetti ma jistax jiġi eskluż.

Fil-kuntest ta' attivitajiet li jaqgħu, kompletament jew parzjalment, fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE, *data* fundamentali li teċċedi dak il-kamp ta' applikazzjoni tista' tiġi trażmessa, skont l-Artikolu 35 tal-Att Federali dwar ir-Reġistrazzjoni taċ-Ċittadini lill-awtoritajiet pubbliċi fi Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea, lill-awtoritajiet pubbliċi fi stati kontraenti oħra tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, lill-istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni Ewropea jew lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, safejn ikun meħtieġ biex jitwettqu l-kompiti tal-korp rikjedenti.

##### **4.3 L-awtoritajiet f'dan l-Istat Membru kif jitrattaw talba mibgħuta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qorti tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali bl-għan li jinstab l-indirizz attwali ta' persuna?**

Fil-Ġermanja, il-proċess li indirizz jiġi ċċertifikat mhuwiex ġeneralment meqjus bħala funzjoni għudizzjarja.

Peress li anki l-awtoritajiet pubbliċi barranin u l-individwi privati barranin jistgħu jiksibu estratt sempliċi mir-reġistru fuq l-inizjattiva tagħhom stess, ma hemmx b'żonn li ssir talba skont ir-Regolament (KE) Nru 1206/2001.

##### **5 Fil-prattika, normalment kif jiġi notifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (ħliet in-notifika indiretta msemmija fil-punt 6 iktar 'l isfel)?**

It-tip ta' notifika l-iktar komuni li seħħ fil-prattika hija n-notifika awtomatika. Dan jitwettaq ġeneralment mis-servizz postali. Ir-reġistratur tal-qorti jagħmel talba għan-notifika u jitrażmetti fiżikament id-dokument li għandu jiġi nnotifikat f'envelop siġillat flimkien ma' rekord tan-notifika stampat minn qabel u lest għall-użu (Artikolu 176 tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili). Id-dokument huwa mbagħad innotifikat mill-impjegat tal-posta. Preferibbilment, id-dokument jeħtieġ li jiġi nnotifikat direttament lid-destinatarju, li jfisser li dan jenħtieġ jiġi kkonsejnat lid-destinatarju personalment. Din il-konsenja fiżika tista' issir f'kull post u mhijjex marbuta ma' post speċifiku (Artikolu 177 tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili).

Id-destinatarju msemmi aktar 'il fuq hija l-persuna li d-dokument huwa intiż għaliha, ir-rappreżentant tagħha (Artikolu 170 tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili), jew ir-riċevitur awtorizzat tagħha (Artikolu 171 tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili).

Ladarba d-dokument jiġi nnotifikat, l-impjegat tal-posta jimla r-rekord tan-notifika stampat minn qabel u jibgħatu minnufih lura għand ir-reġistru tal-qorti bħala prova li saret in-notifika.

Jekk il-parti tkun rappreżentata minn avukat, id-dokumenti jiġu ġeneralment innotifikati permezz tal-avukat bil-konferma tar-riċevuta (Artikoli 171 u 174 tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili). Meta jirċievi d-dokument, l-avukat jiffirma l-konferma tar-riċevuta u jibgħatha lura lill-qorti.

Jekk iż-żewġ partijiet ikunu rappreżentati minn avukat, avukat wieħed minnhom jista' jinnotifika d-dokumenti permezz tal-avukat l-ieħor (Artikolu 195 tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili). Dan japplika wkoll għal ittri li għandhom jiġu nnotifikati b'mod awtomatiku, sakemm il-kwerelant ma jkollux għalfejn ikun informat b'ordni tal-qorti fl-istess ħin. L-ittra trid tinkludi dikjarazzjoni li tistipula li din qed tiġi nnotifikata minn avukat wieħed għal ieħor. Għal darba oħra, hija l-konferma tar-riċevuta ffirmata u ddatata li tipprovdi prova li n-notifika tkun saret.

**6 Hija permessa n-notifika elettronika ta' dokumenti (notifika ta' dokumenti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, bħall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa permess dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatarju (professjonist tal-liġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?**

Id-dokumenti legali assoċjati mal-proċedimenti ċivili kollha jistgħu jiġu nnotifikati b'mod elettroniku. Għall-iskop tat-trasferiment, id-dokument irid ikun fih firma elettronika leġittima u jkun protett minn aċċess mhux awtorizzat minn partijiet terzi. Id-dokumenti jistgħu jiġu trasferiti wkoll permezz ta' sistema tal-posta elettronika sigura ta' De-Mail fl-ambitu tal-Artikolu 1 dwar l-Att ta' De-Mail. Id-dokumenti elettroniċi jridu jitwasslu permezz ta' mezz ta' trażmissjoni sikur (De-Mail, kaxxi postali elettroniċi speċjali) u protetti minn aċċess mhux awtorizzat minn partijiet terzi. Kull avukat, nutar, uffiċjal eżekuttiv maħtur mill-qorti u konsulent tat-taxxa, u kull persuna oħra li, minħabba l-impjeg tagħha, mistennija li tkun tassew affidabbli, kif ukoll l-awtoritajiet, il-korpi jew l-istituzzjonijiet kollha tal-liġi pubblika huma meħtieġa li jiffidu rotta ta' trażmissjoni sigura għal dokumenti innotifikati b'mod elettroniku. Id-dokumenti jistgħu biss jiġu nnotifikati elettronikament fuq il-partijiet l-oħra tal-proċedimenti jekk dawn ikunu qablu espressament mat-trasferiment tad-dokumenti elettroniċi. Id-dokumenti jistgħu jiġu nnotifikati wkoll lill-avukati, lin-nutara, lill-uffiċjali inkarigati mill-eżekuzzjoni maħtura mill-qorti, lill-konsulenti tat-taxxa, u lil kull persuna oħra li, minħabba l-impjeg tagħha, hija mistennija li tkun tassew affidabbli, kif ukoll lill-awtoritajiet, lill-korpi u lill-istituzzjonijiet tal-liġi pubblika permezz ta' faks.

Bħala prova li n-notifika tkun saret, il-konferma tar-riċevuta li tkun ġiet iffirmata u ddata mid-destinatarju hija biżżejjed. Il-konferma tar-riċevuta tista' tintbagħat lura lill-qorti fuq formula bil-miktub stampata minn qabel, bil-faks jew bħala dokument elettroniku.

In-notifika bl-SMS mhijiex permessa.

## **7 Notifika "indiretta"**

**7.1 Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika fejn ma jkunx possibbli li d-dokumenti jkunu nnotifikati lid-destinatarju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamar)?**

Jekk mhuiwix possibbli li d-dokumenti jiġu nnotifikati lid-destinatarju direttament, tista' tiġi segwita minflok proċedura msejħa "notifika alternattiva".

### **Notifika alternattiva lil "riċevitur alternattiv"**

L-ewwel għażla hija notifika alternattiva fir-residenza, fil-post tan-negozju u fl-entitajiet (Artikolu 178 tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili). Skont din il-proċedura, in-notifika alternattiva tista' titwettaq jekk il-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokumenti mhijiex preżenti fir-residenza tagħha, fil-post tan-negozju u fl-entità li hija residenti fiha.

In-notifika alternattiva titwettaq bil-konsenja fiżika tad-dokument lil waħda mill-persuni segwenti:

Fir-residenza tad-destinatarju: membru familjari adult, persuna impjegata mill-familja jew adult li jgħix b'mod permanenti fid-dar tad-destinatarju

Fil-post tan-negozju tad-destinatarju: persuna impjegata hemmhekk

F'entitajiet: il-kap tal-entità jew rappreżentant debitament awtorizzat

Madankollu, in-notifika alternattiva fuq il-persuni msemmija aktar 'il fuq mhijiex permessa jekk il-persuna kkonċernata tkun involuta fit-tilwima ġuridika bħala kwerebant kontra l-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokumenti.

### **Notifika alternattiva permezz ta' impostar fil-kaxxa postali**

Jekk in-notifika alternattiva fir-residenza jew fil-post tan-negozju ma setgħetx issir, hija possibbli n-notifika alternattiva permezz ta' impostar fil-kaxxa postali (Artikolu 180 tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili). F'dan il-każ, id-dokument irid jiġi impostat f'kaxxa postali li tappartjeni lir-residenza jew lill-post tan-negozju.

### **Notifika alternattiva permezz ta' trażmissjoni tad-dokumenti**

Jekk mhuiwix possibbli li ssir notifika alternattiva fil-post tar-residenza tad-destinatarju jew li ssir notifika alternattiva permezz tal-impostar fil-kaxxa postali, in-notifika alternattiva tista' issir bit-trażmissjoni tad-dokument lill-qorti (Artikolu 181 tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili).

Id-dokument jista' jiġi trażmess lir-reġistru tal-qorti lokali (*Amtsgericht*) li għandha ġurisdizzjoni għall-post tan-notifika jew, jekk is-servizz postali għie fdat bin-notifika tad-dokument, f'post stabbilit mis-servizz postali fil-post tan-notifika jew fil-lokazzjoni tal-qorti lokali.

Notifika bil-miktub ta' tali trażmissjoni trid tintbagħat lid-destinatarju bil-mod standard għall-konsenja ta' ittri regolari. Jekk dan mhuiwix possibbli, in-notifika bil-miktub trid titwaħħal mal-bieb tar-residenza, tal-post tan-negozju jew tal-entità.

Id-dokument trażmess irid jinżamm disponibbli għall-ġbir sa tliet xhur. Jekk dan ikun għadu ma nġabarx sal-aħħar ta' dan il-perjodu, irid jintbagħat lura lill-ispeditur.

### **7.2 Jekk japplikaw metodi oħrajn, id-dokumenti meta jitqiesu li għew innotifikati?**

Fil-każ ta' notifika alternattiva fir-residenza, fil-post tan-negozju u fl-entitajiet (Artikolu 178 tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili), in-notifika ssir billi d-dokument jiġi kkonsejnat fiżikament lill-persuna alternattiva.

Fil-każ ta' notifika alternattiva bl-impostar fil-kaxxa postali (Artikolu 180 tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili), id-dokument jitqies bħala li jkun għie nnotifikat minn meta jkun għie mqiegħed hemmhekk.

Fil-każ ta' notifika alternattiva permezz ta' trażmissjoni tad-dokumenti (Artikolu 181 tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili), id-dokument jitqies bħala li jkun għie nnotifikat minn meta n-notifika bil-miktub tkun ġiet trażmessa.

### **7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika huwa d-depożitu tad-dokumenti f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatarju kif ikun infurmat b'dak id-depożitu?**

Mhux biss id-dokumenti jridu jkunu għew trażmessi, iżda trid ukoll titħalla notifika fl-indirizz tal-persuna li tkun ġiet innotifikata bid-dokumenti, bl-użu tal-forma indikata u bil-mod standard għall-konsenja ta' ittri regolari. Jekk dan mhuiwix possibbli, din trid titwaħħal mal-bieb tar-residenza, tal-post tan-negozju jew tal-entità.

### **7.4 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokumenti, xi jkunu l-konsegwenzi? Id-dokumenti jitqiesu bħala effettivament innotifikati jekk ir-rifjut ma jkunx leġittimu?**

Jekk id-destinatarju jinsab id-dar iżda jirrifjuta li jaċċetta d-dokument, trid issir distinzjoni bejn ix-xenarji segwenti:

Jekk ir-rifjut ikun għustifikat, il-proċedura tan-notifika trid tibda mill-ġdid mill-bidu nett. Eżempju ta' rifjut għustifikat ikun jekk l-indirizz kien żbaljat jew jekk id-destinatarju ma kienx għie identifikat preċiżament.

Jekk ir-rifjut ma jkunx għustifikat, id-dokument irid jitħalla fir-residenza jew fil-post tan-negozju. Jekk id-destinatarju ma għandux residenza jew post tan-negozju, id-dokument irid jintbagħat lura lill-ispeditur. Jekk id-dokument li għandu jiġi nnotifikat huwa rrifjutat mingħajr għustifikazzjoni, id-dokument jitqies xorta waħda li jkun għie nnotifikat (Artikolu 179 tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili).

## **8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki)**

**8.1 Jekk is-servizz postali jwassal dokument mibgħut minn barra lil destinatarju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn tal-aċċettazzjoni tal-riċevuta (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki), is-servizz postali jista' jħalli d-dokument biss mad-destinatarju stess jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-posta, iħalli d-dokument ukoll ma' persuna oħra fl-istess indirizz?**

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha tat-2 ta' Marzu 2017, il-Kawża C-354/15 - Henderson, in-notifika skont l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-notifika ta' dokumenti ssir ukoll permezz ta' kull trasferiment lil parti terza jekk dan iseħħ fid-dar tad-destinatarju. Dan japplika biss għal adulti li huma fid-dar tar-riċevitur maħsub, irrispettivament jekk humiex membri tal-familja li jgħixu fl-istess indirizz jew persuni impjegati minnhom. Skont l-Artikolu 18-003 Nru 4.1. tad-dispożizzjonijiet addizzjonali għall-ittri bil-posta tal-Konvenzjoni tal-Unjoni Postali Universali, il-firma fuq il-konferma tar-riċevuta tista' tinkiseb ukoll minn persuna oħra li hija awtorizzata li taċċetta konsenja tal-ittri abbażi ta' regolamenti nazzjonali. (Bħala operatur magħżul għat-traffiku postali internazzjonali, Deutsche Post AG jirreferi għal din il-persuna bħala "riċevitur alternattiv" ("*Ersatzempfänger*"), kif definit mit-termini u mill-kundizzjonijiet ġenerali tiegħu għall-posta nazzjonali tal-ittri (*Allgemeine Geschäftsbedingungen Brief National.*)) Barra minn dan, ir-riċevituri alternattivi jistgħu jkunu l-persuni speċifikati fl-Artikolu 178 tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili kif elenkati taħt 7.1 aktar 'il fuq.

**8.2 Skont ir-regoli tal-posta f'dan l-istat Membru kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tan-Notifiki Nru 1393 /2007, jekk la d-destinatarju u lanqas ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-posta – ara fuq) ma jkun instab fl-indirizz fejn tkun intbagħtet?**

Skont l-Artikolu 19-104 Nru 5.3. tad-dispożizzjonijiet addizzjonali għall-ittri bil-posta tal-Konvenzjoni tal-Unjoni Postali Universali, is-servizz postali jrid iżomm l-ittri lesti għall-ġbir jekk it-tentattiv ta' notifika tad-dokumenti jkun falla. Deutsche Post AG tikkonsenja biss l-ittri reġistrati lid-destinatarju jew lil xi ħadd li jkun għe awtorizzat mid-destinatarju bil-miktub sabiex jaċċetta l-konsenja. Fis-sentenza tagħha tat-2 ta' Marzu 2017, il-Kawża C-354/15 - Henderson, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tiddikjara li notifika skont l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-notifika ta' dokumenti tiġi meqjusa li tkun saret jekk id-destinatarju jew ir-riċevitur sostitut ikun wettaq in-notifika ta' ritorn jew ekwivalenti għaliha. Jekk il-konsenja ma tingābarx, titqies bħala mhux konsenjata.

**8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perjodu speċifiku għall-ġbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għax ma twasslux? Jekk iva, kif ikun infurmat id-destinatarju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?**

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19-104 Nru 5.3 tal-Konvenzjoni tal-Unjoni Postali Universali, il-perjodu ta' kustodja huwa ddefinit bir-regolamenti nazzjonali rispettivi. Madankollu, jenħteġ li dan ma jaqbiżx perjodu ta' xahar. F'każijiet eċċezzjonali limitati ħafna, il-perjodu jista' ikun ta' xahrejn. Ladarba d-destinatarju jkun għe nnotifikat bl-ittra, Deutsche Post AG iżżommha għal ġimgħa. L-aġent inkarigat mill-konsenja jgħall notifika fil-kaxxa postali tad-destinatarju bid-dettalji tal-fergħa li minnha jistgħu jingābru l-ittri u kemm idumu disponibbli għall-ġbir.

**9 Iku hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun għe nnotifikat?**

Iva. Sabiex jiġi pprovat li d-dokument jkun ġew innotifikati, irid isir rekord tan-notifika fuq formularju stampat minn qabel previst għal dan l-għan u dan għandu jiġi ritornat minnufih lir-reġistru tal-qorti (Artikolu 182 tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili). Dan ikun fih id-dettalji kollha meħtieġa għall-prova tan-notifika, inkluż b'mod partikolari:

L-isem tal-persuna li trid tkun innotifikata bid-dokument

L-isem tal-persuna li lilha jkun twassal fiżikament id-dokument

Il-post, id-data u – fuq l-ordni tal-qorti – il-ħin tan-notifika

Il-kunjom, l-ismijiet u l-firma tal-aġent tal-konsenja u, meta jkun applikabbli, id-dettalji tal-kumpanija kkummissjonata jew l-awtorità rikjesta

Fil-każ ta' notifika wara t-talba tal-partijiet, ir-rekord tan-notifika jrid jintbagħat lill-parti li f'isimha d-dokumenti jkunu ġew innotifikati (Artikolu 193(3) tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili).

F'każijiet ta' notifika alternattiva, japplikaw rekwiżiti speċjali: F'dawn il-każijiet, ir-raġuni għal servizz alternattiv trid dejjem tiġi inkluża fir-rekord ukoll. Fil-każ ta' notifika alternattiva permezz ta' trażmissjoni tad-dokumenti, trid issir nota fuq ir-rekord sabiex tindika kif din it-trażmissjoni għet ikkomunikata bil-miktub.

Jekk l-aċċettazzjoni tad-dokument tiġi rrifutata mingħajr ġustifikazzjoni, trid issir nota fuq ir-rekord sabiex jiġi indikat min irrifuta li jaċċettah u li l-ittra tħalliet fil-post tan-notifika jew li għet irritornata lill-ispeditur.

F'xi xenarji legali, ebda rekord tan-notifika ma huwa meħtieġ bħala prova:

Meta dokument jiġi nnotifikat billi jiġi trażmess fiżikament fil-bini uffiċjali tal-qorti, nota fuq id-dokument u fil-fajlijiet li tindika li dan għe nnotifikat u meta dan sar, tikkostitwixxi prova tan-notifika (it-tieni sentenza tal-Artikolu 173 tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili).

Meta dokument jiġi nnotifikat lil avukat, konferma tar-riċevuta mingħand l-avukat tikkostitwixxi prova suffiċjenti (Artikolu 174(1) u (4) tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili).

Fil-każ ta' notifika b'ittra reġistrata b'talba ta' konferma tar-riċevuta, il-konferma tar-riċevuta tikkostitwixxi prova suffiċjenti (it-tieni sentenza tal-Artikolu 175 tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili).

L-istess japplika meta d-dokumenti huma nnotifikati barra mill-pajjiż bl-użu tal-proċedura "permezz ta' ittra reġistrata, bil-konferma tar-riċevuta" (it-tieni sentenza fil-punt 1 tal-Artikolu 183(2), l-ewwel sentenza tas-subartikolu (5) tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili).

Meta d-dokumenti huma nnotifikati barra mill-pajjiż b'assistenza mill-awtoritajiet tal-istat barrani jew il-missjoni tal-konsulat tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja (*konsularische Vertretung des Bundes*) jew l-Uffiċċju Federali għall-Affarijiet Barranin (*Auswärtiges Amt*), il-konferma mill-awtorità rikjesta tikkostitwixxi prova tan-notifika (it-tieni sentenza tal-Artikolu 183(2), it-tieni sentenza tas-subartikolu (5) tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili).

**10 X'jiġi jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirċevix id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi nnotifikat lil terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika ġdida tad-dokument?**

Bħala prinċipju bażiku, in-notifika tiġi invalidata jekk din tonqos milli taderixxi mal-forma preskritta b'mod legali u b'dan il-mod tikser ir-regolamenti fundamentali.

Il-liġi tippermetti għal eċċezzjonijiet minn dan il-prinċipju li jieħdu inkunsiderazzjoni l-għan tan-notifika, jiġifieri li jiġi pprovat jekk id-destinatarju rċevix id-dokument li jrid jiġi nnotifikat u, jekk iva, meta.

Jekk mhux possibbli li jiġi pprovat li dokument għe nnotifikat fil-forma debita jew jekk id-dokument għe riċevut bi ksur tar-regolamenti obligatorji li jirregolaw in-notifika ta' dokumenti, id-dokument jitqies li jkun għe nnotifikat fil-punt li fih id-dokument għe fil-fatt riċevut mill-persuna li lilha n-notifika kienet jew setgħet tiġi indirizzata legalment (Artikolu 189 tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili). F'dan il-każ, id-difett fin-notifika jiġi rrimedjat. Il-qorti ma għandha ebda setgħat diskrezzjonali fuq ir-rimedji tal-ksur ta' regolamenti għan-notifika. Anki f'każijiet fejn in-notifika tiskatta xi terminu ta' skadenza fiss, jiġifieri skadenza li ma tkunx negozjabbli, xorta jista' ikun hemm rimedju jekk japplikaw il-kundizzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq.

Jekk id-destinatarju ma jirċevix id-dokument tan-notifika, żewġ xenarji differenti huma possibbli:

Jekk in-notifika tikser ir-regolamenti fundamentali, ma jista' ikun hemm ebda rimedju. Dan ifisser li l-proċedura tan-notifika hija invalida u trid issir mill-ġdid mill-bidu nett.

Jekk in-notifika tkun saret f'konformità mar-regolamenti legali, l-avviż jiġi preżunt li jkun ingħata abbażi tad-dispożizzjonijiet tan-notifika alternattiva.

Madankollu, jekk – mingħajr ebda żball tagħha – parti tibqa' ma tkunx konxja li d-dokumenti jkunu ġew innotifikati, it-treġġieġ lura tal-istatus quo ante huwa possibbli (Artikolu 230 et seq tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili).

**11 Hemm xi ħlas għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-ħlas?**

Trid issir distinzjoni bejn notifika awtomatika u notifika wara talba mingħand il-partijiet.



Fil-kuntest ta' xi proċedimenti, fejn it-tariffi huma bbażati fuq l-ammont ikkontestat, it-tariffa proċedurali tkopri l-ewwel għaxar darbiet li d-dokumenti jkunu ġew innotifikati. Fil-każ ta' dokumenti li jkunu ġew innotifikati sussegwentement u kull meta d-dokumenti jkunu nnotifikati fil-kuntest ta' proċedimenti oħra, jittieħed ħlas ta' darba ta' EUR 3,50 kull darba li d-dokumenti jkunu ġew innotifikati permezz ta' rekord tan-notifika, permezz ta' ittra reġistrata bit-talba ta' konferma tar-riċevuta jew permezz ta' impjegat tal-qorti. In-notifika wara talba mingħand il-partijiet issir mill-marixxall tal-qorti. Sabiex jirranġa għan-notifika tat-trażmissjoni tad-dokument(i) mis-servizz postali, il-marixxall tal-qorti jirċievi ħlas ta' EUR 3,00. Barra minn dan, l-ispejjeż huma pagabbli sabiex jiġi kopert il-kost tal-fotokopji u ta' affrankament meħtieġa. Jekk dokument ikun ġie fdat lill-marixxall tal-qorti bl-għan li jinnotifikah u dan irid jiġi ċċertifikat, trid titfallas tariffa speċjali li tammonta għal tariffa ta' darba fuq dokument. Din tqum EUR 0,50 għal kull paġina għall-ewwel ħamsin paġna u EUR 0,15 għal kull paġna sussegwenti.

Jekk id-dokument huwa nnotifikat personalment mill-marixxall tal-qorti, it-tariffa tkun ta' EUR 10,00. F'dan il-każ, il-marixxall tal-qorti jrid jitħallas ukoll għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar ta' bejn EUR 3,25 u EUR 16,25, skont id-distanza li trid tkun koperta sabiex jasal għand id-destinatarju.

L-aħħar aġġornament: 23/11/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa orijinali ta' din il-paġna [\[et\]](#) ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

## In-notifika ta' atti - Estonja

### 1 F'termini prattiċi xi fisser it-terminu legali "notifika ta' dokumenti"? Għaliex hemm regoli speċifiċi dwar in-"notifika ta' dokumenti"?

In-notifika ta' dokument ġudizzjarju fisser in-notifika ta' dokument lir-riċevent tiegħu b'mod li jippermetti lir-riċeventi jeżaminaw id-dokument fil-ħin biex jeżerċitaw u jipproteġu d-drittijiet tagħhom. Il-Kapitolu 34 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jipprovdi diversi manjieri ta' notifika, inkluża notifika b'ittra rreġistrata, elettronikament, permezz ta' bailiff, notifika lil rappreżentant tar-riċevitur, notifika ta' dokument ġudizzjarju permezz ta' trażmissjoni, u b'dikjarazzjoni pubblika permezz tal-ippubblikar tagħna fil-pubblikazzjoni *Ametlikud Teadaanded* (Dikjarazzjonijiet Uffiċjali). Sabiex dokument ġudizzjarju jitqies bħala notifika, l-att tal-konsenja tad-dokument irid jilħaq ir-rekwiżiti legali, u jkun dokumentat fil-format imħejji għal dan l-għan.

### 2 Liema dokumenti jeħtieġ li jkunu notifikati b'mod formali?

Skont l-Artikolu 306(5) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, id-dokumenti segwenti jiġu innotifikati minn qorti lill-parteċipanti fi proċediment: id-dikjarazzjoni ta' pretensjoni, id-dikjarazzjoni tal-appell u annessi għal din, taħrik, deċiżjonijiet ġudizzjarji, deċiżjonijiet dwar it-tmiem ta' proċedimenti, u kull dokument ġudizzjarju ieħor speċifikat mil-liġi.

### 3 Min hu responsabbli biex jinnotifika dokument?

Il-qorti tirranġa għan-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji permezz ta' fornitur professjonali ta' servizzi postali, bailiff, gwardja tas-sigurtà ġudizzjarju jew, f'konformità mar-regoli interni tal-qorti, xi uffiċjal kompetenti ieħor tal-qorti. Tista' ukoll tinnotifika d-dokumenti b'mod ieħor speċifikat mil-liġi. Parteċipant f'każ li jkun ressaq dokument li jkollu bżonn jiġi nnotifikat jew li jeħtieġ dokument ġudizzjarju ieħor li għandu jiġi nnotifikat jista' jitlob lill-qorti sabiex tirranġa għan-notifika tad-dokument b'mod indipendenti. Parteċipant fi proċediment jista' jinnotifika dokumenti ġudizzjarji biss permezz ta' bailiff. Fit-tali każ, in-notifika u d-dokumentazzjoni tan-notifika jsiru taħt l-istess kundizzjonijiet bħas-servizz mill-qorti permezz ta' bailiff. Il-qorti tivvaluta jekk id-dokument ġudizzjarju jistax jitqies bħala notifika.

### 4 Tiftix tal-indirizz

#### 4.1 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, l-awtorità rikjesta f'dan l-Istat Membru tipprova u tistabbilixxi li bl-inizjattiva tagħha fejn tinsab il-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokumenti ladarba din ma tkunx għadha toqgħod fl-indirizz magħruf mill-awtorità rikjedenti?

L-istituzzjoni li tirċievi t-talba (il-Ministeru tal-Ġustizzja (*Justiitsministeerium*) jew il-qorti) tivverifika wkoll, barra mid-dejta eżistenti, il-fatt li l-persuna tkun irreġistrata fir-Reġistru tal-Popolazzjoni (*Rahvastikuregister*) u / jew ir-Reġistru Kummerċjali (*Äriregister*).

#### 4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-indirizz attwali tal-persuna? Jekk iva, x'reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhil-proċedura li trid tiġi segwita? Xi ħlas irid isir, jekk hemm? Ir-Reġistru Kummerċjali jista' jintuża minn kulħadd mingħajr ħlas u huwa possibbli li wieħed jara l-indirizzi ta' kumpaniji hawnhekk. Ir-Reġistru Kummerċjali jista' jinsab fuq <https://ariregister.rik.ee/>.

Sabiex jiġi stabbilit l-indirizz ta' persuna privata, tista' ssir domanda uffiċjali sabiex tinkiseb dejta mdaħħla fir-Reġistru tal-Popolazzjoni. Id-domanda trid tistabbilixxi għalfejn id-dejta hija meħtieġa sabiex il-proċessuri tad-data jiddeċiedu dwar jekk il-ħruġ tad-dejta huwiex ġustifikat. Ir-Reġistru tal-Popolazzjoni huwa amministrat miċ-Ċentru tal-IT u l-Iżvilupp tal-Ministeru tal-Intern (*Siseministeerium*), li s-sit web tiegħu jikkontjeni informazzjoni dwar domandi, u huwa disponibbli fuq <https://www.smit.ee/>.

#### 4.3 L-awtoritajiet f'dan l-Istat Membru kif jittrattaw talba mibgħuta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qorti tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali bl-għan li jinstab l-indirizz attwali ta' persuna?

Il-qorti jipproċessaw it-talbiet internazzjonali għan-notifika ta' dokumenti u t-teħid ta' evidenza mit-taħrik, jiġifieri l-qorti għandhom obbligu li jagħmlu kull sforz sabiex jistabbilixxu l-indirizz tal-persuna kkonċernata.

### 5 Fil-prattika, normalment kif jiġi notifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (ħlief in-notifika indiretta msemmija fil-punt 6 iktar 'l isfel)?

Id-deċiżjoni dwar kif dokument jiġi nnotifikat issir ġeneralment mill-korp li jmexxi l-proċedimenti. Madankollu, jeħtieġ li l-qorti jinnotifikaw id-dokumenti primarjament b'mod elettroniku, permezz tal-portal pubbliku tal-Fajl elettroniku rilevanti jew bil-posta elettronika. Ir-rekwiżit li tiġi prijorizzata n-notifika tad-dokumenti b'mod elettroniku mhuwiex stabbilit fil-liġi, iżda jgħin lill-qorti sabiex tiffirka fuq l-ispejjeż postali. Ix-xejra ġenerali hija waħda ta' żieda kostanti fuq il-żewġ tan-notifika elettronika. Wara li tqis in-notifika elettronika, il-qorti tqis alternattivi oħra, bħal notifika permezz tal-posta, notifika minn messaġġier tal-qorti u diversi għażliet oħra stabbiliti mil-liġi.

### 6 Hija permessa n-notifika elettronika ta' dokumenti (notifika ta' dokumenti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, bħall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa permess dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatarju (professjonist tal-liġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?

In-notifika elettronika hija permessa fil-proċedimenti kollha.

Skont l-Artikolu 3111 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, id-dokumenti ġudizzjarji huma nnotifikati b'mod elettroniku permezz tas-sistema ta' informazzjoni magħżula, billi tintbagħat nota lill-parteċipanti fil-proċedimenti sabiex tinformahom li d-dokument huwa disponibbli fis-sistema. Il-qorti tirrendi d-dokumenti ġudizzjarji kollha, inkluż id-deċiżjonijiet tal-qorti, disponibbli minnufih lill-parteċipanti fil-proċedimenti permezz tas-sistema ta' informazzjoni, irrispettivament

minn kif id-dokumenti ġew notifikati lill-parteċipanti matul il-proċedimenti. Tenhieg il-karta tal-identità sabiex wieħed jilloggja fis-sistema ta' informazzjoni. Dokument ġudizzjarju jitqies li jkun ġie nnotifikat meta r-riċevitur jifih fis-sistema ta' informazzjoni jew jikkonferma riċevuta mingħajr ma jiftaħ id-dokument. L-istess japplika jekk dan isir minn persuna oħra, li lilha r-riċevitur ikun ta aċċess sabiex jara' d-dokumenti fis-sistema ta' informazzjoni. Is-sistema ta' informazzjoni tirreġistra n-notifika tad-dokument b'mod awtomatiku.

Jekk riċevitur ma jistax jiġi mistenni li juża s-sistema ta' informazzjoni użata sabiex jinnotifika d-dokumenti ġudizzjarji, jew jekk in-notifika ta' dokumenti permezz tas-sistema ta' informazzjoni hija teknikament impossibbli, il-qorti tista' wkoll tinnotifika d-dokumenti ġudizzjarji elettronikament b'mod ieħor. F'dan il-każ, id-dokument jitqies li jkun innotifikat meta r-riċevitur jikkonferma r-riċevuta tad-dokument ġudizzjarju bil-miktub, bil-faks jew elettronikament. Il-konferma trid tistabbilixxi d-data tar-riċevuta tad-dokument u jkollha l-firma tar-riċevitur jew tar-rappreżentant tiegħu. Il-konferma mħejjija f'forma elettronika jrid ikollha l-firma diġitali tal-ispeditur jew tiġi trażmessa b'mod sikur ieħor li jagħmilha possibbli li jiġi identifikat l-ispeditur u l-ħin meta ntbagħtet, sakemm il-qorti ma għandha ebda raġuni li tiddubta li l-konferma mingħajr firma diġitali ntbagħtet mir-riċevitur jew ir-rappreżentant tiegħu. Il-konferma trid tintbagħat lill-qorti mingħajr dewmien. Qorti tista' timmulta parteċipant fi proċediment jew ir-rappreżentant tiegħu jekk jikser dan l-obbligu.

Id-dokumenti ġudizzjarji jistgħu jiġu notifikati biss lill-avukati, nutara, bailiffs, trustees f'falliment u aġenziji statali jew lokali tal-gvern b'mod ieħor għajr metodu elettroniku jekk ikun hemm raġuni valida għal dan.

## **7 Notifika "indiretta"**

### **7.1 Il-iġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika fejn ma jkunx possibbli li d-dokumenti jkunu nnotifikati lid-destinatariju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamar)?**

Skont l-Artikolu 322(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, jekk ir-riċevitur ta' dokument ġudizzjarju ma jistax jinsab f'daru jew darha, id-dokument jitqies li jkun ġie nnotifikat jekk ikun ġie kkonsenjat lil persuna li jkollha mill-inqas erbatax-il sena li tgħix mar-riċevitur jew li sservi lill-familja tar-riċevitur. Is-subartikolu 2 tal-istess artikolu jistipula li, minflok ma dokument ġudizzjarju jiġi nnotifikat fuq ir-riċevitur, dan jista' jiġi nnotifikat fuq l-assoċjazzjoni tal-appartamenti li jiġġestixxi l-bini tal-appartament fejn tinsab id-dar jew fejn jinsab in-negozju tar-riċevitur, l-amministratur ta' proprjetà konġunta jew is-sid tar-riċevitur. Bl-istess mod, dan jista' jiġi nnotifikat lill-impjegatur tar-riċevitur jew lil persuna oħra li lilha r-riċevitur jipprovdvi servizzi abbażi ta' kuntratt. Dokument ġudizzjarju jitqies li jkun ġie nnotifikat lir-riċevitur skont s-subartikolu 3 anki jekk dan ikun innotifikat lil rappreżentant tar-riċevitur b'wieħed mill-modi speċifikati fis-subartikli 1 u 2 tal-istess artikolu. Skont l-Artikolu 322(4) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, dokument jitqies li jkun ġie nnotifikat lil persuna li sservi fil-forzi tad-difiża, li tkun qed tiskonta piena jew li tkun qed toqgħod fi stabbiliment tal-kura tas-saħħa jew post simili għal perjodu ta' żmien mtawwal, sakemm id-dokument jiġi kkonsenjat lill-kap tal-istabbiliment jew lil xi ħadd maħtur minnu, dejjem jekk ma jiġix stabbilit mod ieħor mil-liġi.

L-Artikolu 323 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jistipula li, jekk dokument ikun qed jiġi nnotifikat lil persuna fiżika li jkollha attività ekonomika jew professjonali, iżda din il-persuna ma tibqax fil-post tan-negozju fil-ħinjiet tax-xogħol regolari jew ma tistax tirċievi d-dokument, f'dan il-każ id-dokument ikun jista' jiġi kkonsenjat lil impjegat li ġeneralment jibqa' fil-post tan-negozju tar-riċevitur, jew lil persuna li ġeneralment tipprovdvi servizzi lir-riċevitur fuq bażi kuntrattwali simili. L-istess japplika wkoll, skont is-subartikolu 2, għal notifika ta' dokumenti lil persuni ġuridiċi, aġenziji amministrattivi, nutara u bailiffs, kif ukoll fil-każ ta' notifika ta' dokument lir-rappreżentant tar-riċevitur jew lil kull persuna oħra li tista' tiġi nnotifikata bid-dokument minflok ir-riċevitur.

Skont l-Artikolu 326 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, dokument ġudizzjarju li ma jistax jiġi nnotifikat għax ma jistax jiġi kkonsenjat fil-post tad-dar jew tan-negozju tar-riċevitur jew tar-rappreżentant tiegħu jista' jitqies bħala li jkun ġie nnotifikat jekk jifhalla fil-kaxxa postali li tappartjeni lill-bini tad-dar jew tan-negozju, jew f'post simili li r-riċevitur jew ir-rappreżentant tiegħu juża biex jirċievi l-ittri u li jkun jiproteġi d-dokument kontra l-elementi f'ċirkustanzi normali. Dokument ġudizzjarju jista' jiġi nnotifikat b'dan il-mod lill-assoċjazzjoni tal-appartamenti li tiġġestixxi l-bini tal-appartamenti fejn jinsab il-post tad-dar jew tan-negozju tar-riċevitur, l-amministratur ta' proprjetà li tappartjeni lil iktar minn persuna waħda jew is-sid tar-riċevitur, kif ukoll lill-impjegatur tar-riċevitur jew persuna oħra li lilha r-riċevitur jipprovdvi servizzi abbażi ta' kuntratt biss jekk ikun impossibbli li d-dokument jiġi nnotifikat lir-riċevitur jew lir-rappreżentant tiegħu personalment. Il-fatt li d-dokument jiġi nnotifikat bil-mod deskritt fis-subartikolu (1) ta' dan l-Artikolu huwa, skont is-subartikolu 2 tal-istess Artikolu, permess biss jekk ikunu saru sforzi sabiex jiġi kkonsenjat id-dokument ġudizzjarju lir-riċevitur personalment f'għallinqas żewġ okkażjonijiet li jkunu tliet ijiem imbegħdin minn xulxin u f'ħinjiet differenti, u jekk ikun impossibbli wkoll li d-dokument ġudizzjarju jiġi nnotifikat lil persuna oħra li tkun qed tgħix fil-bini tad-dar jew tan-negozju f'konformità mal-Artikolu 322(1) jew l-Artikolu 323 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

L-Artikolu 327 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jippermetti wkoll sabiex id-dokument ġudizzjarju jiġi nnotifikat billi jiġi trażmess f'post speċifiku. Skont l-Artikolu 217(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, dwar il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 326 tal-Kodiċi, dokument jista' wkoll jiġi trażmess lill-uffiċċju postali, lill-muniċipalitá rurali jew lill-gvern tal-belt responsabbli għall-post tan-notifika tad-dokument, jew lill-uffiċċju tal-qorti tal-kontea fil-ġuridizzjoni territorjali fejn jinsab il-post għan-notifika tad-dokument.

Skont l-Artikolu 317(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, abbażi ta' deċiżjoni tal-qorti, parteċipant fi proċedimenti jista' jkun innotifikat b'dokument ġudizzjarju b'dikjarazzjoni pubblika jekk:

l-indirizz tal-parteċipant fil-proċedimenti mhuwiex imdaħħal fir-reġistru jew il-persuna ma tgħix fl-indirizz imdaħħal fir-reġistru u l-qorti ma għandha ebda mod ieħor li tkun taf l-indirizz tal-persuna jew fejn din qed toqgħod, u d-dokument ma jistax jiġi kkonsenjat lil rappreżentant tal-persuna jew lil persuna awtorizzata li tirċievi d-dokument jew bi kwalunkwe mod ieħor previst f'dan l-Artikolu;

in-notifika tad-dokument fi stat barrani f'konformità mar-rekwiżiti titqies bħala impossibbli;

id-dokument ma jistax jiġi nnotifikat billi l-post tan-notifika huwa d-dar ta' persuna extraterritorjali.

Skont l-Artikolu 317(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, estratt minn dokument suġġett għal notifika pubblika huwa ppubblikat fil-pubblikazzjoni *Ametlikud Teadaanded*. Il-qorti li tisma' l-kawża tista' tagħti deċiżjoni dwar il-possibilitá ta' publikazzjoni tal-estratt f'pubblikazzjonijiet oħra wkoll.

### **7.2 Jekk japplikaw metodi oħrajn, id-dokumenti meta jitqiesu li ġew innotifikati?**

Jekk dokument jiġi nnotifikat skont l-Artikoli 322 u 323 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, dan jitqies li jkun ġie nnotifikat ladarba jkun ġie kkonsenjat lill-persuna li lilha d-dokument jeħtieġ li jiġi kkonsenjat f'konformità mal-Artikoli 322 u 323 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

Jekk dokument jiġi nnotifikat billi jitpoġġa f'kaxxa postali skont l-Artikolu 326 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, dan jitqies li jkun ġie nnotifikat ladarba jkun ġie impostat fil-kaxxa postali.

Jekk dokument jiġi nnotifikat billi jiġi trażmess, skont l-Artikolu 327(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, dan jitqies li jkun ġie nnotifikat ladarba jkunu għaddew tliet ijiem minn meta jkun tħalla jew intbagħat l-avviż bil-miktub speċifikat fis-subartikolu 2 tal-istess Artikolu. Id-data tan-notifika titniżżel fuq l-envelopp tad-dokument.

Fil-każ ta' notifika pubblika, dokument ġudizzjarju jitqies li jkun ġie nnotifikat ladarba jkunu għaddew 30 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tal-estratt fil-*Ametlikud Teadaanded* (Artikolu 317(5) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Il-qorti li tisma' l-kawża tista' tistabbilixxi terminu itwal sabiex dokument jitqies li jkun ġie nnotifikat. F'dan il-każ, it-terminu jiġi ppubblikat flimkien man-notifika pubblika tad-dokument.

### **7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika huwa d-depożitu tad-dokumenti f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatariju kif ikun infurmat b'dak id-depożitu?**

Jekk dokument ġudizzjarju jiġi nnotifikat billi jiġi trażmess, skont is-subartikolu 327(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili għandu jifhalla jew jintbagħat avviż bil-miktub dwar dan fl-indirizz tar-riċevitur. Jekk dan ikun impossibbli, l-avviż jifhalla mal-bieb tad-dar, fil-post tan-negozju jew tas-soġġorn tar-riċevitur jew

jinħareġ lil persuna li toqgħod fil-viċinat tiegħu sabiex tgħaddih lir-riċevitur. L-avviż irid jiddikjara ċarament li d-dokument li ġie trażmess intbagħat mill-qorti u li d-dokument jitqies li jkun ġie nnotifikat minn meta dan ikun ġie trażmess, u t-termini fil-proċedimenti jistgħu jibdew jiskattaw mill-bidu ta' dak iż-żmien.

#### **7.4 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokumenti, xi jkun l-konsegwenzi? Id-dokumenti jitqiesu bħala effettivament innotifikati jekk ir-rifjut ma jkunx leġittimu?**

Skont l-Artikolu 325 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, jekk persuna tirrifjuta li taċċetta dokument mingħajr raġuni valida, id-dokument jitqies li jkun ġie nnotifikat lill-persuna minn meta din tirrifjuta li taċċetta d-dokument. F'dan il-każ, id-dokument jifhalla fid-dar jew fil-post tan-negozju tar-riċevitur, jew jipprova fil-kaxxa postali tiegħu. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe post jew kaxxa postali, id-dokument jintbagħat lura lill-qorti.

#### **8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki)**

##### **8.1 Jekk is-servizz postali jwassal dokument mibgħut minn barra lill-destinatarju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn tal-aċċettazzjoni tal-irċevuta (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki), is-servizz postali jista' jħalli d-dokument biss mad-destinatarju stess jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-posta, iħalli d-dokument ukoll ma' persuna oħra fl-istess indirizz?**

Skont l-Artikolu 316(5) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li jkopri l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u abbażi ta' dan ir-Regolament, id-dokumenti huma nnotifikati fl-Estonja f'konformità mal-proċedura stabbilita għan-notifikazzjoni ta' dokumenti ġudizzjarji fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Id-dokumenti ma jistgħux jiġu nnotifikati permezz ta' dikjarazzjoni pubblika.

Skont l-Artikolu 313(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, dokument ġudizzjarju li huwa nnotifikat jista' jingħata lil persuna li mhijiex ir-riċevitur biss fil-każijiet previsti fil-Parti VI tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Din il-persuna trid tagħti d-dokument lir-riċevitur mal-ewwel ċans li jkollha. Hija tista' tirrifjuta li taċċetta d-dokument għall-konsenja lir-riċevitur biss jekk hija tipprova li mhijiex kapaċi li tikkonsenja d-dokument lir-riċevitur. L-obbligu li tikkonsenja d-dokument irid jiġi spjegat lill-persuna. Id-dokument jitqies li jkun ġie nnotifikat irrispettivament minn jekk din l-ispeġja ingħatatx jew le.

B'hekk, skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, huwa possibbli wkoll li jiġu applikati l-modi ta' notifika deskritti fil-punt 2.1 iktar 'il fuq u previsti fl-Artikoli 322 u 323 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili:

Skont l-Artikolu 322(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, jekk ir-riċevitur ta' dokument ġudizzjarju ma jinstabx f'daru jew darha, id-dokument jitqies li jkun ġie nnotifikat jekk ikun ġie kkonsenjat lil persuna li jkollha mill-inqas erbatax-il sena li tgħix mar-riċevitur jew li sservi lill-familja tar-riċevitur. Is-subartikolu 2 tal-istess artikolu jistipula li, minflok ma dokument ġudizzjarju jiġi nnotifikat fuq ir-riċevitur, dan jista' jiġi nnotifikat fuq l-assoċjazzjoni tal-appartamenti li tiġġestixxi l-bini tal-appartament fejn tinsab id-dar jew fejn jinsab in-negozju tar-riċevitur, l-amministratur ta' proprjetà konġunta jew is-sid tar-riċevitur. Bl-istess mod, dan jista' jiġi nnotifikat lill-impjegatur tar-riċevitur jew persuna oħra li lilha r-riċevitur jipprovi servizzi abbażi ta' kuntratt. Dokument ġudizzjarju jitqies li jkun ġie nnotifikat lir-riċevitur skont is-subartikolu 3 anki jekk dan ikun innotifikat lil rappreżentant tar-riċevitur b'wieħed mill-modi speċifikati fis-subartikoli 1 u 2 tal-istess artikolu. Skont l-Artikolu 322(4) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, dokument jitqies li jkun ġie nnotifikat lil persuna li sservi fil-forzi tad-difiża, li tkun qed tiskonta piena jew li tkun qed toqgħod fi stabbiliment tal-kura tas-saħħa jew post simili għal perjodu ta' żmien mtawwal, sakemm id-dokument jiġi kkonsenjat lill-kap tal-istabbiliment jew lil xi ħadd maħtur minnu, dejjem jekk ma jiġix stabbilit mod ieħor mil-liġi.

L-Artikolu 323 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jistipula li, jekk dokument ikun qed jiġi nnotifikat lil persuna fiżika li jkollha attività ekonomika jew professjonali, iżda din il-persuna ma tibqax fil-post tan-negozju fil-ħinjiet tax-xogħol regolari jew ma tistax tirċievi d-dokument, f'dan il-każ id-dokument ikun jista' jiġi kkonsenjat lil impjegat li ġeneralment jibqa' fil-post tan-negozju tar-riċevitur, jew lil persuna li ġeneralment tipprovi servizzi lir-riċevitur fuq bażi kuntrattwali simili. L-istess japplika wkoll, skont is-subartikolu (2), għal notifika ta' dokumenti lil persuni ġuridiċi, aġenziji amministrattivi, nutara u bailiffs, kif ukoll fil-każ ta' notifika ta' dokument lir-rappreżentant tar-riċevitur jew lil kull persuna oħra li tista' tiġi nnotifikata bid-dokument minflok ir-riċevitur.

##### **8.2 Skont ir-regoli tal-posta f'dan l-Istat Membru kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tan-Notifiki Nru 1393/2007, jekk la d-destinatarju u lanqas ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-posta – ara fuq) ma jkun instab fl-indirizz fejn tkun intbagħtet?**

F'konformità mat-tieni sentenza tal-Artikolu 316(5) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, ebda dikjarazzjoni pubblika ma tista' tintuża meta jiġi nnotifikat dokument ġudizzjarju skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Huwa possibbli li jiġi nnotifikat dokument ġudizzjarju billi jiġi impostat f'kaxxa postali, skont l-Artikolu 326 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, jew, f'konformità mal-Artikolu Artikolu 327 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, billi jiġi trażmess id-dokument ġudizzjarju.

Skont l-Artikolu 326(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, dokument ġudizzjarju li ma jstax jiġi nnotifikat għax ma jstax jiġi kkonsenjat fil-post tad-dar jew tan-negozju tar-riċevitur jew tar-rappreżentant tiegħu jista' jitqies bħala li jkun ġie nnotifikat jekk jifhalla fil-kaxxa postali li tappartjeni lill-bini tad-dar jew tan-negozju, jew f'post simili li r-riċevitur jew ir-rappreżentant tiegħu juża biex jirċievi l-ittri u li jipproteġi d-dokument kontra l-elementi f'ċirkustanzi normali.

Dokument ġudizzjarju jista' jiġi nnotifikat b'dan il-mod lill-assoċjazzjoni tal-appartamenti li tiġġestixxi l-bini tal-appartamenti fejn jinsab il-bini tad-dar jew tan-negozju tar-riċevitur, lill-amministratur ta' proprjetà li tappartjeni lil iktar minn persuna waħda jew lis-sid tar-riċevitur, kif ukoll lill-impjegatur tar-riċevitur jew lil persuna oħra li lilha r-riċevitur jipprovi servizzi abbażi ta' kuntratt biss jekk ikun impossibbli li d-dokument jiġi nnotifikat lir-riċevitur jew lir-rappreżentant tiegħu personalment. Il-fatt li d-dokument jiġi nnotifikat bil-mod deskritt fis-subartikolu (1) ta' dan l-Artikolu huwa, skont is-subartikolu (2) tal-istess Artikolu, permess biss jekk ikunu saru sforzi sabiex jiġi kkonsenjat id-dokument ġudizzjarju lir-riċevitur personalment f'għallinqas żewġ okkażjonijiet li jkun tliet ijiem imbegħdin minn xulxin u f'ħinjiet differenti, u jekk ikun impossibbli wkoll li d-dokument ġudizzjarju jiġi nnotifikat lil persuna oħra li tkun qed tgħix fil-bini tad-dar jew tan-negozju f'konformità mal-Artikolu 322(1) jew l-Artikolu 323 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

L-Artikolu 327 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jippermetti wkoll li d-dokument ġudizzjarju jiġi nnotifikat billi jiġi trażmess f'post speċifiku. Skont l-Artikolu 217(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, dwar il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 326 tal-Kodiċi, dokument jista' ukoll jiġi trażmess lill-uffiċċju postali, lill-muniċipalitá rurali jew lill-gvern tal-belt responsabbli għall-post tan-notifika tad-dokument, jew lill-uffiċċju tal-qorti tal-kontea fil-ġurisdizzjoni fejn jinsab il-post għan-notifika tad-dokument.

Billi l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jistipula li d-dokumenti ġudizzjarji jridu jingħataw b'konferma tar-riċevuta, mhuxiex ċert jekk in-notifika, kif applikata fil-każijiet stabbiliti fl-Artikoli 326 u 327 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, hijiex ammissibbli.

##### **8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perjodu speċifiku għall-ġbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għax ma twasslux? Jekk iva, kif ikun infurmat id-destinatarju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?**

Skont l-Artikolu 6(1) tar-"Rekwiżiti għat-trażmissjoni ta' ittri reġistrati u oġġetti inxurjati fil-qafas tas-servizz postali universali" approvat bir-Regolament Nru 57 tal-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi u tal-Komunikazzjonijiet tat-22 ta' Ġunju 2006, jekk ir-riċevitur ta' oġġett ta' korrespondenza mhuxiex fil-post tar-residenza jew lokazzjoni tiegħu jew tagħha fil-ħin tan-notifika, jifhalla avviż lir-riċevitur mill-uffiċċju postali l-aktar qrib fil-lokazzjoni inkwistjoni, fejn jiġi spjegat li l-konsenja saret.

Jekk l-ispeditur ma għamilx notazzjonijiet oħra fl-avviż tal-konsenja dwar is-servizz b'mod ieħor, id-dokumenti ġudizzjarji jinżammu fl-uffiċċju postali sa 15-il jum mit-tieni tentattiv ta' spedizzjoni, sakemm l-ispeditur ma jkunx ta perjodu ta' żmien differenti. Ladarba l-perjodu jiskadi, id-dokumenti ġudizzjarji jintbagħtu lura formalment lill-ispeditur flimkien mar-raġunijiet tar-ritorn, u jingħataw lir-rappreżentant tal-ispeditur li jiffirmahom (Termini u kundizzjonijiet tan-notifika ta' AS Eesti Post għall-konsenja ta' dokumenti ġudizzjarji).

#### **9 Ikun hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun ġie nnotifikat?**

Skont l-Artikolu 306(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, meta dokument ġudizzjarju huwa nnotifikat, l-att tal-konsenja jrid jilħaq ir-reqwiziti formali previsti mil-liġi u jiġi d-dokumentat fil-format preskritt għal dan l-għan. Skont l-Artikolu 307(4) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, id-dispaċċ ta' dokument ġudizzjarju intiż għan-notifika jrid jiddaħħal fil-fajl tal-qorti. Skont l-Artikolu 3111 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, is-sistema ta' informazzjoni magħżula tirreġistra n-notifika ta' dokument ġudizzjarju b'mod awtomatiku (ara d-deskrizzjoni tan-notifika permezz tas-sistema ta' informazzjoni fil-punt 6 iktar 'il fuq). Skont l-Artikolu 313 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, in-notifika ta' dokument b'ittra reġistrata hija ċertifikata permezz tal-avviż tal-konsenja. Meta dokument jintbagħat b'ittra li ma tkunx reġistrata jew b'faks, dan jitqies li jkun għe nnotifikat jekk ir-riċevitur jibgħat lill-qorti konferma dwar ir-riċevuta tad-dokument b'ittra, faks jew b'mod elettroniku, kif magħżul mir-riċevitur. Il-konferma trid tistabbilixxi d-data tar-riċevuta tad-dokument u jkollha l-firma tar-riċevitur tad-dokument jew tar-rappreżentant tiegħu. Skont l-Artikolu 315(5) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, avviż tal-konsenja tiġi stabbilita fir-rigward ta' notifika ta' dokument ġudizzjarju minn bailiff, uffiċjal tal-qorti jew persuna jew istituzzjoni oħra. Wara n-notifika, l-avviż ta' notifika jintbagħat lura lill-qorti mingħajr dewmien.

Man-notifika ta' dokument ġudizzjarju abbażi tal-Artikolu 3141 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, jekk dan ikun innotifikat meta jintbagħat, issir nota fil-fajl, li tistabbilixxi fejn u meta d-dokument jew l-informazzjoni dwar kif dan isir disponibbli jkun intbagħat/tkun intbagħtet, sakemm l-ispedizzjoni tiġi rreġistrata b'mod awtomatiku fis-sistema ta' informazzjoni maħluqa għal dan l-għan.

**10 X'jiġi jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirċevix id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi notifikat lil terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika ġdida tad-dokument?**

Skont l-Artikolu 307(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, jekk dokument, li kellu jiġi nnotifikat jew li jista' jiġi nnotifikat lil parteċipant fi proċediment skont il-liġi, ikun wasal għandu matul il-proċediment iżda ma kienx possibbli li n-notifika tiġi ċċertifikata, jew jekk kien hemm ksur tal-proċedura ta' notifika prevista mil-liġi, id-dokument jittqies bħala li jkun għe nnotifikat lill-parteċipant fil-proċediment biss minn meta d-dokument ikun wasal fil-fatt għand ir-riċevitur.

Man-notifika b'ittra reġistrata skont l-Artikolu 313 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-qorti tista' tqis avviż ta' konsenja li ma jissodisfax ir-reqwiziti formali previsti fis-subartikli 3 u 4 tal-istess Artikolu bħala li huwa adegwat għall-iskop ta' notifika jekk in-notifika għadha d-dokumentata b'mod affidabbli fl-avviż ta' konsenja. Jekk il-qorti ma tistax tqis dokument ġudizzjarju bħala li jkun għe nnotifikat billi l-fornitur tas-servizzi postali naqas milli jinnotifika d-dokument korrettament, il-qorti tista' tagħti d-dokument ġudizzjarju lill-fornitur tas-servizzi postali sabiex jiġi nnotifikat mill-ġdid b'ebda spejjeż għall-qorti. Eżempji ta' nuqqas milli d-dokument jiġi nnotifikat korrettament jinkludu li ma jintużawx l-għażliet kollha msemmija f'dan l-Att meta d-dokument ġudizzjarju jiġi nnotifikat b'ittra reġistrata, meta d-dokument ġudizzjarju jiġi kkonsejnat lil persuna li lilha ma kellux jiġi kkonsejnat skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, in-nuqqas ta' konformità mar-reqwiziti previsti fl-Artikolu 326 ta' dan il-Kodiċi għan-notifika ta' dokument ġudizzjarju meta dan jiġi impostat f'kaxxa postali jew fl-Artikolu 327 ta' dan il-Kodiċi għan-notifika ta' dokument ġudizzjarju permezz ta' trażmissjoni, jew meta n-notifika ma tiġix innotata korrettament, b'tali mod li jwassal sabiex in-notifika ma tistax titqies bħala li tkun twettqet.

**11 Hemm xi ħlas għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-ħlas?**

Abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007, in-notifika ta' materjali hija ġeneralment bla ħlas, barra minn jekk tintalab in-notifika permezz ta' bailiff. Jekk id-dokumenti ġudizzjarji għew innotifikati permezz ta' bailiff, il-ħlas pagabbli lil bailiff għan-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji huwa, skont l-Artikolu 48(2) tal-Att dwar il-Bailiffs, ta' EUR 30 jekk id-dokumenti setgħu jiġu nnotifikati fuq id-destinatarju jew ir-rappreżentant legali tiegħu: 1) permezz tad-dejta tal-indirizz jew tat-telekommunikazzjonijiet imdaħħala fir-Reġistru tal-Popolazzjoni jew permezz tal-indirizz tal-posta elettronika: isikukood@eesti.ee; jew 2) f'indirizz imdaħħal fir-reġistru tal-proprietarji uniċi u persuni ġuridiċi li jkun hemm fl-Estonja permezz tad-dejta ta' telekommunikazzjonijiet irreġistrata fis-sistema ta' informazzjoni tar-reġistru msemmi aktar 'il fuq. Skont is-subartikolu 3, jekk dokument ġudizzjarju ma setax jiġi nnotifikat anki jekk il-bailiff għamel dak kollu li kien meħtieġ u raġonevolment possibbli għan-notifika tad-dokument skont il-proċedura stabbilita fil-liġi, il-bailiff għandu d-dritt li jitlob tariffa ta' EUR 30 billi jagħti deċiżjoni dwar it-tariffa tal-bailiff u l-istrument tan-notifika dwar liema passi jkun ħa l-bailiff sabiex jinnotifika d-dokument. F'każijiet oħra barra minn dawk speċifikati fis-subartikli 2 u 3, it-tariffa applikabbli lil bailiff għan-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji hija ta' EUR 60.

L-ammont tal-ispejjeż postali jinsab fil-lista tal-prezzijiet tal-fornitur ta' servizz; ebda tariffa fissa ma għet irregolata fuq livell leġiżlattiv. Il-prezz ivarja skont il-piż tal-ittra, il-post fejn qed tiġi nnotifikata, eċċ. Il-prezz medju fl-2014 kien ta' EUR 5,70 għal kull pakkett li jkun fih id-dokument. Meta ntuża messaġġier tal-qorti, il-kost ta' kull pakkett li jkun fih id-dokument kien ta' EUR 6,20.

**Aktar informazzjoni tista' tinsab fi:** [📄 Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#)

L-aħħar aġġornament: 20/11/2018

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

**In-notifika ta' atti - Irlanda**

**1 F'termini prattiċi xi jfisser it-terminu legali "notifika ta' dokumenti"? Għalhekk hemm regoli speċifiċi dwar in-"notifika ta' dokumenti"?**

L-għan tan-notifika huwa li jiġi żgurat li l-konvenuti jkunu jafu bin-natura tat-talba kontrihom u jkunu konxji mid-dokumenti li jkollhom x'jaqsmu mat-talba. Ir-regoli tal-qorti jinkludu reqwiziti speċifiċi biex jiġi żgurat li ssir notifika adattata.

**2 Liema dokumenti jeħtieġ li jkunu notifikati b'mod formali?**

Kwalunkwe dokument li permezz tiegħu jinbdew il-proċedimenti ċivili fil-Qrati Distrettwali, Circuit Court jew High Courts (inklużi l-appelli minn qorti inferjuri) u d-dokumentazzjoni sussegwenti kollha fil-proċedimenti.

**3 Min hu responsabbli biex jinnotifika dokument?**

Il-parti li d-dokument isostni li nħareġ fisimha jew persuna hekk awtorizzata minnha f'dan ir-rigward hija responsabbli li tinnotifika d-dokument.

**4 Tifix tal-indirizz**

**4.1 4.1 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, l-awtorità rikjesta f'dan l-Istat Membru tipprowa u tistabbilixxi hi bl-inizjattiva tagħha fejn tinsab il-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokumenti ladarba din ma tkunx għadha toqgħod fl-indirizz magħruf mill-awtorità rikjedenti?**

Le. L-indirizz għan-notifika jrid jiġi pprovdut mill-awtorità rikjedenti.

**4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-indirizz attwali tal-persuna? Jekk iva, x'reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhi l-proċedura li trid tiġi segwita? Xi ħlas irid isir, jekk hemm?**

Le. Ma hemm l-ebda reġistru għal indirizzi / residenzi ċentrali għall-individwi. L-indirizz reġistrat ta' kumpanija jista' jinstab billi tagħmel ftitxija fuq is-sit web tal-Uffiċċju tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpaniji.

**4.3 L-awtoritajiet f'dan l-Istat Membru kif jitrattaw talba mibgħuta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali bl-għan li jinstab l-indirizz attwali ta' persuna?**

It-talba tiġi ttrattata mis-Circuit Court bħala talba skont ir-Regolament 1206/2001.

**5 Fil-prattika, normalment kif jiġi notifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (ħliet in-notifika indiretta msemmija fil-punt 6 iktar 'il isfel)?**

Fil-Qorti Distrettwali, in-notifika tista' ssir

(i) Bil-posta rreġistrata

(ii) Bil-konsenja rreġistrata tal-posta mħallsa minn qabel

(iii) Bil-konsenja bl-idejn f'envelop issiġillat lil persuna għajr il-persuna li ssostni li nħarġet f'isimha.

(iv) Bin-notifika personali jew bin-notifika lil qarib fuq l-età ta' sittax-il sena li jgħix mal-konvenut.

Quddiem is-Circuit Court kważi d-dokumenti kollha jkunu nnotifikati bil-posta rreġistrata.

Fil-High Court, ir-Regola 2 tal-Ordni 9 tar-Regoli tal-Qrati Superjuri tipprevedi n-notifika personali ta' rikors promotur lil individwu u tippermetti wkoll notifika mhux personali jekk tkun għet eżerċitata diliġenza debita u raġonevoli fl-isforz biex tiġi affettwata notifika personali. Id-dokumentazzjoni sussegwenti tiġi normalment notifikata bil-posta rreġistrata. (Ara l-Ordni 121 RSC, 1986 kif emendat). L-Artikolu 51 tal-Att tal-2014 dwar il-Kumpaniji jipprevedi n-notifika ta' dokumenti bil-posta ordinarja mħallsa minn qabel fl-uffiċċju rreġistrat ta' kumpanija rreġistrata fl-Irlanda u l-Artikolu 1310 tal-Att tal-2014 dwar il-Kumpaniji bl-istess mezz li kumpanija esterna

**6 Hija permessa n-notifika elettronika ta' dokumenti (notifika ta' dokumenti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji permezz ta' mezz ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, bħall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa permess dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatarju (professjonist tal-liġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?**

In-notifika elettronika ta' dokumenti mhijiex permessa.

## **7 Notifika "indiretta"**

**7.1 Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika fejn ma jkunx possibbli li d-dokumenti jkunu nnotifikati lid-destinatarju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamar)?**

In-notifika personali jew in-notifika bil-posta rreġistrata huma l-metodi normali ta' notifika. Jekk il-proċedimenti legali Irlandiżi jeħtieġu li jiġu nnotifikati b' metodu ieħor bħal bil-posta ordinarja mħallsa minn qabel, bil-faks, bil-posta elettronika jew permezz ta' reklamar, f'dak il-każ isir rikors lill-qorti għal "notifika alternattiva" u jekk jintlaqa', il-proċedimenti jistgħu jiġu nnotifikati permezz ta' metodu alternattiv awtorizzat mill-qorti.

**7.2 Jekk japplikaw metodi oħrajn, id-dokumenti meta jitqiesu li ġew innotifikati?**

Jekk in-notifika ssir skont ordni għal notifika alternattiva, id-dokumenti jkunu meqjusa li jkunu ġew innotifikati meta t-termini tal-ordni tal-qorti jkunu ġew osservati. Meta notifika ssir bil-posta, hemm preżunzjoni legali ta' notifika tad-dokumenti meta dawn jiġu kkonsenjati f'sitwazzjoni normali tas-servizz postali. Din hija preżunzjoni konfutabbli.

**7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika huwa d-depożitu tad-dokumenti f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatarju kif ikun infurmat b'dak id-depożitu?**

Jekk in-notifika tkun għet effettwata skont ordni tal-qorti, id-destinatarju jkun infurmat bil-mod stabbilit fl-ordni tal-qorti. Jekk id-dokumenti jiġu notifikati permezz ta' ittra rreġistrata u d-destinatarju ma jkunx disponibbli, f'dak il-każ il-persunal tal-posta jħalli avviż postali fl-indirizz li jtlab li d-destinatarju jmur fl-uffiċċju postali biex jiġbor dokument bil-posta rreġistrata. Normalment l-ittra tinżamm fl-uffiċċju postali minn ġimgħa sa għaxart ijiem.

**7.4 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokumenti, xi jkunu l-konsegwenzi? Id-dokumenti jitqiesu bħala effettivament innotifikati jekk ir-rifjut ma jkunx leġittimu?**

Ma hemm l-ebda konsegwenza talli wieħed jirrifjuta li jaċċetta n-notifika. Fejn ma kienx possibbli li titwettaq in-notifika fi proċedimenti legali Irlandiżi, jista' jsir rikors lill-qorti għal proroga tat-terminu għan-notifika jew għas-sostituzzjoni ta' metodu alternattiv ta' notifika jew it-tnejn li huma.

## **8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki)**

**8.1 Jekk is-servizz postali jwassal dokument mibgħut minn barra lil destinatarju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn tal-aċċettazzjoni tal-irċeventa (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki), is-servizz postali jista' jħalli d-dokument biss mad-destinatarju stess jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-posta, iħalli d-dokument ukoll ma' persuna oħra fl-istess indirizz?**

Għal posta mhux irreġistrata, id-dokument jiġi kkonsenjat fl-indirizz. Għal posta rreġistrata, id-dokument jiġi kkonsenjat lill-persuna msemmija biss. Dan japplika bl-istess mod għal posta interna u internazzjonali.

**8.2 Skont ir-regoli tal-posta f'dan l-Istat Membru kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tan-Notifiki Nru 1393 /2007, jekk la d-destinatarju u lanqas ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-posta – ara fuq) ma jkun instab fl-indirizz fejn tkun intbagħtet?**

Bħala alternattiva għal konsenja bil-posta, l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 1393/2007 jippermetti persuna li tfeffetwa notifika personali permezz ta' avukat jew min iwassal in-notifika taċ-ċitazzjoni.

**8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perġodu speċifiku għall-ġbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għax ma twasslux? Jekk iva, kif ikun infurmat id-destinatarju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?**

L-Uffiċċju tal-Posta normalment jistabbilixxi data ta' skadenza fuq l-avviż mibgħut lid-destinatarju. L-avviż jifhalla fl-indirizz tad-destinatarju. Id-data ta' skadenza normalment tkun ta' ġimgħa.

## **9 Ikon hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun ġie nnotifikat?**

Il-qrati distrettwali u s-Circuit Courts: meta n-notifika tiġi effettwata b'ittra rreġistrata jittieħed ġurament fuq dikjarazzjoni statutorja mill-persuna li tkun bagħtet l-envelop, mhux iktar kmieni minn għaxart ijiem mill-jum li fih l-envelop jiġi mpostat, li juri ċ-ċertifikat tal-posta.

Il-High Court: affidavit tan-notifika jinħalef mill-persuna li tkun għamlet in-notifika bħala prova neċessarja għall-qorti. Fil-każ ta' rikors promotur, id-dettalji tan-notifika għandhom ikunu approvati fuq l-imsemmija ċitazzjoni fi żmien tlett ijiem min-notifika u l-affidavit ta' notifika personali għandu jirreferi għal dan.

**10 X'jiġri jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirċevix id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi notifikat lil terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika ġdida tad-dokument?**

Jista' jsir rikors lill-qorti biex ma tilqax kwalunkwe ordni magħmul meta l-avviż tas-seduta ta' smiġh ma jkunx ġie legalment innotifikat lill-intimat.

## **11 Hemm xi ħlas għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-ħlas?**

L-ispejjeż se jkunu dawk tal-posta jew tat-tariffi tal-aġent, jekk wieħed minn dawn il-modi huwa aċċettat.

L-aħħar aġġornament: 17/12/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## **In-notifika ta' atti - Greċja**

**1 F'termini prattiċi xi jfisser it-terminu legali "notifika ta' dokumenti"? Għaliex hemm regoli speċifiċi dwar in-"notifika ta' dokumenti"?**

"In-notifika ta' dokument" hija l-metodu li bih jitwassal dokument lid-destinatarju, biex jiġi infurmat bil-kontenut tad-dokument, skont ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi proċedurali li jispjefikaw l-istrument, il-metodu wżat għan-notifika tad-dokument u ċ-ċertifikazzjoni li saret in-notifika.

**2 Liema dokumenti jeħtieġ li jkunu notifikati b'mod formali?**

Id-dokumenti li jridu nnotifikati uffiċjalment jinkludu d-dokumenti ta' miżura l-qorti, rikors biex titfassar sentenza mogħtija b'kontumaċja, appell, appell fil-kassazzjoni, rikors għal reviżjoni ta' sentenza, proċedimenti ta' terzi, rikors kontra atti ġudizzjarji u ekstraġudizzjarji, intervent primarju jew sekondarju, notifika ta' proċess u notifika ta' terzi, rikors għal miżuri provviżorji, rikors għal protezzjoni ġudizzjarja fi proċedimenti mhux kontenzjużi, iċ-ċitazzjoni għas-seduta ta' smiġġ u s-sentenzi kollha tal-qorti (finali u mhux finali).

### **3 Min hu responsabbli biex jinnotifika dokument?**

In-notifika hija r-responsabbiltà tal-parti fil-kawża wara li jkun ingħata ordni bil-miktub, skont id-dokument li jrid jiġi notifikat, jew minn dik il-parti jew mill-aġenzja tagħha jew fuq talba tal-istess parti, mill-imħallef kompetenti, jew f'każ illi l-qorti tkun iffurmata minn diversi membri, mill-imħallef presjedenti tal-qorti (l-Artikolu 123 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (CCP)). Id-dokumenti jiġu notifikati minn bailiff maħtur mill-qorti li għandha sede fir-reġjun li fih huwa domiċiljat jew residenti d-destinatarju dak inhar tan-notifika (122.1 CCP). Fejn in-notifika tad-dokumenti sseħħ taħt ir-responsabbiltà tal-qorti, in-notifika tista' ssir ukoll minn bailiff fil-qasam kriminali stabbilit fir-reġjun konċernat jew minn uffiċjal tal-Pulizija Griega, għassies tal-foresti jew minn segretarju muniċipali (122.2, 3 CCP). Barra minn hekk, fi proċedimenti għal miżuri provviżorji, il-post u l-ħin tas-seduta ta' smiġġ jiġu avżati permezz tan-notifika tad-dokument maħruġ mir-reġistru tal-qorti, li tindika l-post, id-data u l-ħin tas-seduta, jew bi stedina mir-reġistru tal-qorti b'telegramm jew telefonata. L-imħallef jista' jordna wkoll illi tiġi notifikata kopja tar-rikors flimkien maċ-ċitazzjoni (686.4 CCP).

### **4 Tifix tal-indirizz**

**4.1 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, l-awtorità rikjesta f'dan l-Istat Membru tippova u tistabbilixxi hi bl-inizjattiva tagħha fejn tinsab il-persuna li trid tiġi notifikata bid-dokumenti ladarba din ma tkunx għadha toqgħod fl-indirizz magħruf mill-awtorità rikjedenti?**

Iva

**4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-indirizz attwali tal-persuna? Jekk Iva, x'reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhil l-proċedura li trid tiġi segwita? Xi f'ħlas irid isir, jekk hemm?**

Le, ma għandhom aċċess dirett, kif jista' jinftiehem ukoll mir-Regolament (KE) Nru 1206/2001 li jgħid illi l-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom jikkomunikaw ma' xulxin sabiex iwiegħu għal talba biex jinstab individwu.

Għandu jiġi nnutat illi r-residenti kollha fit-territorju Grieg huma reġistrati fil-bażi tad-dejta ta' kull muniċipalità permezz tal-uffiċċji tar-reġistru kompetenti. Madankollu, il-bażi tad-dejta nazzjonali waħdanija tinkludi biss liċ-ċittadini adulti, li huma rreġistrati skont il-karta tal-identità/passaport tagħhom, u li tiġi aġġornata kif xieraq mill-muniċipalitajiet fil-Greċja.

Il-bażi tad-dejta hija aċċessibbli miċ-ċittadini (mingħajr f'ħlas) biss permezz tad-direttorji pubbliċi tat-telefonu.

**4.3 L-awtoritajiet f'dan l-Istat Membru kif jitrattaw talba mibgħuta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qorti tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali bl-għan li jinstab l-indirizz attwali ta' persuna?**

Il-qorti ta' eżekuzzjoni tippreżenta talba biex jinstab individwu mal-awtoritajiet tal-pulizija kompetenti.

**5 Fil-prattika, normalment kif jiġi notifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (ħlief in-notifika indiretta msemmija fil-punt 6 iktar 'l isfel)?**

Il-metodu normali użat għan-notifika tad-dokumenti huwa li jitwassal f'idejn id-destinatarju (127.1 CCP), irrispettivament minn fejn jinsab id-destinatarju (124 CCP). Madankollu, jekk id-destinatarju għandu domiċilju, ħanut jew uffiċċju jew ħanut tax-xogħol fil-post fejn se ssir in-notifika, jew waħdu jew ma' persuna oħra, jew jaħdem hemmhekk bħala impjegat, ħaddiem jew fiċ-ċivil, id-dokument ma jistax jiġi nnotifikat f'post differenti mingħajr il-kunsens tiegħu (124.2 CCP). Fir-rigward ta' metodi alternattivi li jistgħu jintużaw, huwa possibbli, permezz ta' digriet mogħtija fuq proposta tal-Ministru għall-Ġustizzja, Trasparenza u Drittijiet tal-Bniedem, illi d-dokumenti jiġu notifikati bil-posta jew b'telegramm jew b'telefonata, li jispesifikaw ukoll kif għandha ssir in-notifika u ċertifikata (122.4 CCP). S'issa qatt ma ingħataw digriet ta' din ix-xorti.

**6 Hija permessa n-notifika elettronika ta' dokumenti (notifika ta' dokumenti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, bħall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk Iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa permess dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatarju (professjonist tal-liġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?**

Id-dokumenti ġudizzjarji jistgħu jiġu nnotifikati wkoll b'mezzi elettroniċi, sakemm ikunu ġew iffirmati elettronicament. Dokument ġudizzjarju li ġie nnotifikat b'mezzi elettroniċi jiqies li ġie nnotifikat jekk min baġtu jkun irċieva prova ta' rċevuta elettronika mid-destinatarju, li għandu jkollha firma elektronika avvanzata u li tikkostitwixxi rapport tan-notifika (122.5 CCP). Għandu jiġi nnutat illi l-għażla msemmija hawn fuq għan-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji b'mezzi elettroniċi tiddependi mill-kwistjoni ta' digriet presidenzjali fuq proposta tal-Ministru għall-Ġustizzja, Trasparenza u Drittijiet tal-Bniedem, li l-quddiem jistabbilixxi rekwiżiti aktar speċifiċi. Barra minn hekk, deċiżjoni konġunta tal-Ministru għall-Finanzi u l-Ministru għall-Ġustizzja, Trasparenza u Drittijiet tal-Bniedem tistabbilixxi wkoll kif għandhom jitħallsu u jinġabru t-tariffi u t-timbrri għad-dokumenti ġudizzjarji li jiġu nnotifikati b'mezzi elettroniċi.

### **7 Notifika "indiretta"**

**7.1 Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tippremetti metodi oħrajn ta' notifika fejn ma jkunx possibbli li d-dokumenti jkunu nnotifikati lid-destinatarju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamar)?**

Jekk id-destinatarju ma jkunx fir-residenza tiegħu, id-dokument jitwassal lil persuna oħra li tkun tgħix fl-istess residenza, sakemm tkun taf bil-kawża u ma tkunx il-parti opposta fil-kawża (128.1 CCP).

Jekk ma jkun hemm ħadd mill-persuni msemmija fil-paragrafu 1 fir-residenza:

(a) id-dokument irid jiġi mehmuż mal-bieb tad-dar fil-preżenza ta' xhud;

(b) fil-ġurnata tax-xogħol wara dik tal-impustjar mill-aktar tard, trid tiġi konsenjata kopja tad-dokument, li tifassal mingħajr f'ħlas, f'idejn il-kap tad-dipartiment jew għassa tal-pulizija tad-distrett li fih tinsab id-dar u, fin-nuqqas tal-kap, lill-uffiċjal jew deputat uffiċjal jew l-għassies tad-dipartiment tal-pulizija. F'dawn il-każijiet kollha, il-konsenja trid tiġi ppruvata permezz ta' rċevuta mfassla mingħajr f'ħlas skont ir-rapport tan-notifika;

(c) fil-ġurnata ta' xogħol ta' wara, l-individwu li nnotifika d-dokument irid jibgħat bil-posta lid-destinatarju avvż bil-miktub li jindika t-tip ta' dokument notifikat, l-indirizz tar-residenza fejn ġie mpustat id-dokument, id-data ta' mpustjar, l-awtorità lil min għandha tintbagħat kopja u d-data ta' konsenja. Il-prova illi l-avviż intbagħat bil-posta trid tiġi mfassla u ffirmata mingħajr f'ħlas skont ir-rapport tan-notifika mill-persuna li wettqet in-notifika. Il-prova trid tindika l-uffiċċju tal-posta minn fejn intbagħat l-avviż, kif ukoll il-membri tal-persunal li rċevih, u dan tal-aħħar irid jikkonferma l-prova (128.4 CCP).

Jekk id-destinatarju ma jkunx fil-ħanut, uffiċċju jew ħanut tax-xogħol, id-dokument jingħata lill-manijer tal-ħanut, uffiċċju jew ħanut tax-xogħol jew lil wieħed mill-imsieħba, assoċjati, impjegati jew impjegati taċ-ċivil, jekk ikunu jafu bil-kawża u mhumiex il-parti opposta fil-kawża (129.1 CCP).

Jekk ħadd mill-persuni msemmija fil-paragrafu 1 ma jkunx fil-ħanut, uffiċċju jew ħanut tax-xogħol, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 128(4) tas-CCP (129.2 CCP).

Jekk id-destinatarju jew il-persuni msemmija fl-Artikoli 128 u 129 ma jaċċettawx in-notifika tad-dokument jew jiffirmaw ir-rapport tan-notifika, jew f'każ li ma jstgħux jiffirmaw, l-uffiċjal tan-notifika jehmeż id-dokument mal-bieb tad-dar, uffiċċju, ħanut jew ħanut tax-xogħol fil-preżenza ta' xhud (130.1 CCP).

Jekk id-destinatarju ma għandux residenza, ħanut, uffiċċju jew ħanut tax-xogħol jew jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokument, jew ma jistax jew jirrifjuta li jiffirma r-rapport tan-notifika, u r-rifjut jew inabilità tiegħu hija konfermata minn xhud imqabba mill-uffiċjal li qed iwettaq in-notifika għal dan il-għan, ir-rapport jingħata f'idejn dawk il-persuni msemmija fl-Artikolu 128(4)(b) (130.2 CCP).

Jekk id-destinatarju jiddaħħal l-isptar jew il-ħabs u għalhekk il-kuntatt miegħu jkun impossibbli, kif ikkonfermat mill-maniġment tal-isptar jew ħabs imsemmi fir-rapport tan-notifika, id-dokument jista' jiġi nnotifikat lill-manigjer tal-isptar jew tal-ħabs, li huwa taħt obbligu li jwassal id-dokument lid-destinatarju (131 CCP).

Jekk id-destinatarju qiegħed xogħol abbord bastiment merkantili li qiegħed f'port Grieg, jekk huwa assenti jew jirrifjuta li jaċċetta n-notifika ta' dokument jew jirrifjuta jew ma jistax jiffirma r-rapport, id-dokument jiġi notifikat lill-kaptan tal-bastiment jew lid-deputat tiegħu u, jekk huma assenti jew jirrifjutaw illi jaċċettaw in-notifika tad-dokument ukoll, dan jiġi notifikat lill-kap tal-awtorità tal-port, li huwa taħt obbligu li jinnotifika lid-destinatarju (132.1 CCP).

Jekk id-destinatarju qiegħed xogħol fuq bastiment merkantili li mhuwiex f'port Grieg, id-dokument jiġi notifikat fir-residenza tiegħu skont l-Artikolu 128 u, jekk ma għandux residenza, jiġi notifikat skont id-dispożizzjonijiet dwar in-notifika ta' dokumenti lil persuni b'residenza mhux magħrufa. F'kull każ, id-dokument jiġi notifikat fl-uffiċċju ta' sid il-bastiment fil-Greċja jew inkella fl-uffiċċju tal-aġent tal-bastiment f'xi port Grieg, jekk ikun hemm (132.2 CCP).

Għal persuni f'xi waħda mill-kategoriji li ġejjin li huma attivi fis-servizz, jekk in-notifika tad-dokument ma tkunx possibbli, lilhom jew lill-qraba tagħhom jew impjegati li jgħixu fl-istess domiċilju, id-dokument jiġi notifikat skont l-Artikolu 128(3) u (4) u fir-rigward ta:

(a) persuni li qiegħdin fl-Armata Griega, id-dokument jiġi notifikat lill-kmandant tal-unità jew stazzjoni jew aġenzija li taħtha qiegħed id-destinatarju. Jekk l-unità jew stazzjoni jew aġenzija mhuwiex magħrufa, id-dokument jiġi notifikat lill-kap tal-fergħa rilevanti;

(b) l-uffiċjali, uffiċjali deputati u l-baħrin tal-Flotta Griega, id-dokument jiġi notifikat lill-kap tal-persunal ġenerali tal-flotta;

(c) l-uffiċjali, uffiċjali deputati u l-ħaddiema tal-Forza tal-Ajru Griega, id-dokument jiġi notifikat lill-kap tal-persunal ġenerali tal-forza tal-ajru;

(d) l-uffiċjali u l-uffiċjali deputati tal-Pulizija u l-Gwardja tal-Kosta, kif ukoll il-pulizija u l-gwardji tal-kosta, id-dokument jiġi notifikat lill-kap tas-servizz tagħhom;

(e) il-persunal tal-fanal tal-portijiet, dwal u semafori, id-dokument jiġi notifikat lill-kap tal-awtorità tal-port fir-reġjun fejn iwettqu d-dmirijiet tagħhom (133.1 CCP).

Jekk id-destinatarju jgħix barra l-pajjiż jew għandu l-uffiċċju registat tiegħu barra l-pajjiż, id-dokument jiġi notifikat lill-prosekutur pubbliku tal-qorti li quddiemha l-kawża qiegħda pendenti jew li se titressaq għas-smiġh jew tal-qorti li tat is-sentenza li trid tiġi notifikata u, għall-kawżi mressqa quddiem il-qorti ċivili distrettwali, lill-prosekutur pubbliku tal-qorti tal-prim'istanza tar-reġjun li fih topera l-qorti ċivili distrettwali. Kull dokument marbut mal-eżekuzzjoni għandu jiġi nnotifikat lill-prosekutur pubbliku tal-qorti ta' prim'istanza li fil-ġurisdizzjoni tagħha se sseħħ l-eżekuzzjoni, u kull dokument ekstraġudizzjarju għandu jiġi notifikat lill-prosekutur pubbliku tal-aħħar domiċilju jew residenza barranija magħrufa u, fin-nuqqas ta' domiċilju jew residenza barranija magħrufa, id-dokument jiġi notifikat lill-prosekutur pubbliku tal-qorti ta' prim'istanza tal-belt kapitali (132.1 CCP). Kif jirċievi d-dokument, il-prosekutur pubbliku għandu, mingħajr dewmien zżejded, jibgħatu lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin, li għandu l-obbligu jwasslu lid-destinatarju (134.3 CCP).

Jekk il-post ta' residenza jew l-indirizz eżatt tad-dar tad-destinatarju mhuwiex magħrufa, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 134(1), u jiġi ppubblikat ukoll sommarju tad-dokument ġudizzjarju notifikat f'żewġ gazzetti ta' kuljum fl-istess ġranet, waħda ppubblikata f'Ateni u l-oħra fil-post fejn qiegħda l-qorti, jew it-tnejn li huma ppubblikati f'Ateni wara rakkomandazzjoni mill-prosekutur pubbliku li lillu għie notifikat sommarju tad-dokument ġudizzjarju. Is-sommarju jiġi mfassal u ffirmat mill-persuna li twettaq in-notifika u jrid jindika l-ismijiet sħaħ tal-partijiet fil-kawża, it-tip ta' dokument ġudizzjarju notifikat, it-talba rilevanti u, fil-każ ta' sentenzi tal-qorti, il-parti operattiva tagħhom, il-qorti li quddiemha l-kawża qiegħda pendenti jew li se titressaq għas-smiġh, jew l-uffiċċjal li jrid iwettaq in-notifika u, jekk id-destinatarju jiġi mħarreġ biex jitle' l-qorti jew biex iwettaq ċertu att, iridu jiġu indikati l-post u l-ħin tad-dehra u t-tip ta' att konċernat (135.1 CCP). Dak li ssemma hawn fuq japplika wkoll fejn il-Ministru għall-Affarijiet Barranin jikkonferma illi huwa mpossibbli li wieħed jibgħat id-dokument lil persuna residenti jew b'uffiċċju registat barra l-pajjiż (135.3 CCP).

Jekk l-uffiċċji jew il-ħwienet imsemmija fl-Artikolu 128(4)(b), 131, 132, u 133 jkunu magħluqa jew l-awtoritajiet jew persuni msemmija jirrifjutaw li jaċċettaw in-notifika tad-dokument jew jiffirmaw ir-rapport tan-notifika, il-persuna li tkun qed twettaq in-notifika tfassal rapport rilevanti u tibgħat id-dokument lill-prosekutur pubbliku tal-qorti ta' prim'istanza li taħt il-ġurisdizzjoni tagħha taqa' n-notifika, u l-prosekutur pubbliku mbagħad jibgħat id-dokument lill-persuna li rrifjutat li taċċetta n-notifika jew li tiffirma r-rapport.

## **7.2 Jekk japplikaw metodi oħrajn, id-dokumenti meta jitqiesu li għew innotifikati?**

Jekk il-metodu ta' notifika previst fil-punt 7.1 intuża għal persuna li daħlet l-isptar jew il-ħabs, jew baħri, membru tal-armata jew persuna li tgħix barra l-pajjiż, id-dokument li qed jiġi notifikat jitqies li għie notifikat hekk kif twassal lill-awtoritajiet jew lill-persuni msemmija fil-punt ta' qabel, irrispettivament mid-data li fih intbagħat u wasal (136.1 CCP).

Jekk il-metodu ta' notifika previst fil-punt 7.1 intuża għal persuna li ma nstabixx fil-post fejn hi domiċiljata, sakemm ma nstabx l-anqas xi qarib adult jgħix ukoll f'dak id-domiċilju, id-dokument soġġett għan-notifika jitqies li għie notifikat hekk kif jiġi mehmuż mal-bieb tad-dar tad-destinatarju, jekk jiġu osservati r-rekwiżiti kollha fil-punt 7.1 fir-rigward tal-metodu ta' notifika (pereżempju n-notifika tad-dokument għand il-kap tad-dipartiment tal-pulizija u l-impustjar ta' avviż bil-miktub rilevanti).

## **7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika huwa d-depożitu tad-dokumenti f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatarju kif ikun infurmat b'dak id-depożitu?**

Kif imsemmi fil-punt 7.1, jekk il-metodu ta' notifika maħsub għal persuna li ma nstabixx id-dar tagħha, jekk ma kienx hemm l-anqas xi qarib adult jgħix hemmhekk, wara li d-dokument għie mehmuż mal-bieb tad-dar tad-destinatarju u intbagħtet kopja lill-kap tad-dipartiment tal-pulizija, jintbagħat avviż bil-miktub lid-destinatarju, fejn jindika t-tip ta' dokument notifikat, l-indirizz tad-domiċilju fejn għiet mpustat id-dokument, id-data tal-impustar, l-awtorità li lilha ntagħat id-dokument u d-data ta' konsenja.

## **7.4 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokumenti, xi jkunu l-konsegwenzi? Id-dokumenti jitqiesu bħala effettivament innotifikati jekk ir-rifjut ma jkunx leġittimu?**

Kif imsemmi fil-punt 7.1, jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokument konċernat jew li jiffirma r-rapport tan-notifika, l-uffiċjal li jkun qed iwettaq in-notifika jehmeż id-dokument mal-bieb tad-dar, tal-uffiċċju, tal-ħanut jew tal-ħanut tax-xogħol fil-preżenza ta' xhud. Hekk kif jiġi mehmuż, id-dokument jitqies li għie notifikat.

## **8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki)**

**8.1 Jekk is-servizz postali jwassal dokument mibgħut minn barra lill-destinatarju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn tal-aċċettazzjoni tal-irċevuta (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki), is-servizz postali jista' jħalli d-dokument biss mad-destinatarju stess jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-posta, iħalli d-dokument ukoll ma' persuna oħra fl-istess indirizz?**

F'dan il-każ, is-servizz postali jibgħat id-dokument personalment lid-destinatarju biss.

**8.2 Skont ir-regoli tal-posta f'dan l-Istat Membru kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tan-Notifiki Nru 1393 /2007, jekk la d-destinatarju u lanqas ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-posta – ara fuq) ma jkun instab fl-indirizz fejn tkun intbagħtet?**

F'dan il-każ, is-servizz postali jinnotifika lid-destinatarju assenti li d-dokument se jibqa' fl-uffiċċju tal-posta għal perijodu speċifiku ta' żmien, li matulu jista' jtitlob għalih.

### 8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perjodu speċifiku għall-ġbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għax ma twasslux? Jekk iva, kif ikun infurmat id-destinatarju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?

Ara d-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-punt 8.2.

#### 9 Ikun hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun ġie nnotifikat?

Il-persuna li qed twestaq in-notifika għandha fassal rapport, li jrid ikun fih (a) l-ordni għan-notifika, (b) deskrizzjoni ċara tad-dokument notifikat u tal-persuni konċernati, (c) id-data u l-ħin tan-notifika, (d) il-persuna li lilha ġie notifikat id-dokument u l-metodu ta' notifika f'każ ta' assenza jew rifjut mid-destinatarju jew mill-persuni msemmija fl-Artikoli 128 sa 135 u 138 (131.1 CCP).

Ir-rapport jiġi ffirmat mill-persuna li twestaq in-notifika u mill-persuna li tirċievi d-dokument, jew, f'każ ta' rifjut jew inabilità, mix-xhud imqabblad għal dak il-għan (139.2 CCP).

Il-persuna li twestaq in-notifika għandha tiegħu nota tad-data u l-ħin tan-notifika u tiffirma d-dokument. Din in-nota hija prova biex tintuża mill-persuna li lilha jiġi notifikat id-dokument. Jekk ikun hemm xi diskrepanza bejn ir-rapport tan-notifika u n-nota, jieħu preċedenza r-rapport (139.3 CCP).

Ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 139 jiġi mfassal f'żewġ kopji, waħda biex tingħata lill-persuna li ordnat in-notifika u l-oħra biex tinżamm, mingħajr f'has, mill-uffiċjal tan-notifika. Issir nota qasira dwar in-notifika fi ktieb speċjali miżmum mill-uffiċjal tan-notifika (140.1 CCP).

Il-bailiff irid, fuq talba, jipprova kopji tad-dokumenti oriġinali li jkollu fil-fajl lill-persuna li tkun ordnat in-notifika u lid-destinatarju, kif ukoll kull min għandu interess leġittimu, jekk ingħatat approvazzjoni għal dak il-għan, permezz ta' nota fuq it-talba, mill-imħallef presjenti tal-qorti ta' prim'istanza li għandha sede fir-reġjun li fih seħħet in-notifika (140.2 CCP).

#### 10 X'jiġri jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirċevix id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi notifikat lil terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika ġdida tad-dokument?

Jekk il-parti f'kawża ma tistax tosserva skadenza minħabba *force majeure* jew minħabba frodi min-naħa tal-parti opposta (pereżempju notifika invalida mill-bailiff jew nuqqas intenzjonat tal-persuna li rċeviet id-dokument biex tinnotifika lill-parti fil-kawża), hija għandha dritt titlob li jerġa kolloxx għall-*status quo ante* (152.1 CCP) fi żmien tletin ġurnata mid-data li fiha nqala' l-ostaklu li kkawża l-*force majeure* jew li fih hija saret taf bil-frodi tal-parti opposta (153 CCP).

Jekk persuna li kontrihha ngħatat sentenza b'kontumacia ma ġietx imħarrka, jew ma ġietx imħarrka legalment jew fiż-żmien previst għal dan il-għan, hija għandha d-dritt titlob it-tfassir tas-sentenza mogħtija b'kontumacia fi żmien ħmistax-il ġurnata min-notifika tas-sentenza jekk hija toqgħod il-Greċja, jew fi żmien sittin ġurnata mill-aħħar pubblikazzjoni tas-sommarju tar-rapport tan-notifika tas-sentenza skont l-Artikolu 135(1) jekk ir-residenza tagħha mhix magħrufa jew tgħix barra l-Greċja (501, 503.1, 2 CCP).

Jekk il-parti f'kawża ħarrket lill-parti opposta fejn tiddikjara illi din tal-aħħar ma kellhiex residenza magħrufa, minkejja li kienet taf li għandha residenza, din tal-aħħar, jekk hija tilfet il-kawża għal kolloxx jew parti minnha, għandha dritt tippreżenta rikors għar-reviżjoni tas-sentenza mogħtija, fi żmien sittin ġurnata jekk hija tgħix il-Greċja, jew fi żmien 120 ġurnata mid-data tan-notifika tas-sentenza kontestata jekk ma għandhiex residenza magħrufa jew tgħix barra l-pajjiż, jew fi żmien tliet snin mill-adozzjoni tas-sentenza kontestata, jekk tkun finali jew irrevokabbli, inkella mid-data li fiha ssir finali, jekk is-sentenza qatt ma ġiet innotifikata (538, 544.9, 545.1, 2, 3, 5 CCP).

#### 11 Hemm xi f'has għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-f'has?

L-ispejjeż tan-notifika għandhom jiġihallu bil-quddiem mill-persuna li tordna n-notifika (173.1, 3 CCP).

Il-parti telliefa tiġi ordnata tħallas dawn l-ispejjeż, ukoll (176, 189.1 CCP). Is-somma tiddependi mill-metodu u t-tip ta' notifika użati. L-ammont minimu ta' spejjeż tan-notifika huma ta' EUR 23 jekk id-dokument konċernat jiġi notifikat lil persuna li tgħix jew li tirisjedi fil-post fejn il-bailiff għandu l-uffiċċju reġistrat tiegħu.

L-aħħar aġġornament: 16/12/2016

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw eċċa responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verzjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [es](#) ġiet emendata reċentement. Il-verzjoni tal-lingwa li qed tara b'ħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

#### In-notifika ta' atti - Spanja

##### 1 F'termini prattiċi xi f'fisser it-terminu legali "notifika ta' dokumenti"? Għaliex hemm regoli speċifiċi dwar in-"notifika ta' dokumenti"?

"In-notifika tad-dokumenti" tfisser it-trażmissjoni tad-dokumenti.

Ir-regoli speċifiċi dwar in-notifika tad-dokumenti jiddeterminaw il-kundizzjonijiet neċessarji għas-sottomissjoni affidabbli ta' dokumenti ġudizzjarji jew ekstraġudizzjarji u għalhekk jindikaw il-ħin, il-post, il-mod u l-persuna li lilha ġie notifikat id-dokument, kemm għall-proċedimenti (dokumenti ġudizzjarji) kif ukoll għal dawk barra l-qafas tal-proċedimenti (dokumenti ekstraġudizzjarji).

##### 2 Liema dokumenti jeħtieġ li jkunu notifikati b'mod formali?

Deċiżjonijiet proċedurali adottati fil-proċedimenti ġudizzjarji jridu jiġu nnotifikati formalment mill-Uffiċċji Ġudizzjarji (*oficinas judiciales*) (il-qrati u ċ-Ċentri Komuni għan-Notifika tal-Proċess) (*Servicios Comunes Procesales de Actos de Comunicación*).

Id-dokumenti ġudizzjarji jikkonsistu fi:

1. Notifiki, meta dawn ikunu maħsuba biex javżaw b'deċiżjoni jew proċedura.
2. Ordnijiet ta' azzjoni, li jirrikjedu lid-destinatarju jidher il-qorti u jieħu azzjoni f'ċertu limitu ta' żmien.
3. Ċitazzjonijiet, li jispesifikaw post, data u ħin biex id-destinatarju jidher u jaġixxi.
4. Inġunzjonijiet, biex id-destinatarju jkun ordnat jagħmel jew ma jagħmilx azzjoni partikolari.
5. Mandati, biex jinkisbu ċertifikati jew xhieda jew kwalunkwe att ieħor li jista' jitwettaq minn reġistraturi, nutara jew uffiċjali ġudizzjarji.
6. Memoranda, għall-finijiet ta' komunikazzjoni ma' awtoritajiet ekstraġudizzjarji u uffiċjali.

Kull dokument ammess mill-qorti tul il-proċedimenti, sew jekk ipprovdut mill-partijiet u sew jekk minn partijiet terzi fuq talba tal-qorti jew prodott minn esperti maħtura mill-qorti, iridu jiġu nnotifikati formalment.

Dokumenti ekstraġudizzjarji (pereżempju atti notarili) kif definiti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża C-223/14 (Tecom Mican) jiġu nnotifikati wkoll formalment, anke fin-nuqqas ta' proċedimenti ġudizzjarji, kif qalet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-14/08 (Roda Golf).

##### 3 Min hu responsabbli biex jinnotifika dokument?

Id-dokumenti jiġu nnotifikati taħt id-direzzjoni tar-Registatur tal-Qorti (*Letrado de la Administración de Justicia*) (l-Iskrivan tal-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja) ta' kull tribunal (sal-2015 kien magħruf b'halo "*Secretario Judicial*" - Segretarju Ġudizzjarju), li jkun responsabbli mill-organizzazzjoni adegwata tan-notifika.

##### 4 Tiftix tal-indirizz



**4.1 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, l-awtorità rikjesta f'dan l-Istat Membru tipprova u tistabbilixxi hi bl-inizjattiva tagħha fejn tinsab il-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokumenti ladarba din ma tkunx għadha toqgħod fl-indirizz magħruf mill-awtorità rikjedenti?**

Le, l-awtorità rikjedenti trid titlob il-lokalizzazzjoni tad-destinatariju permezz ta' formola prevista fir-Regolament (KE) Nru 1206/2001

**4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-indirizz attwali tal-persuna? Jekk iva, x'reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhil-proċedura li trid tiġi segwita? Xi flas irid isir, jekk hemm?**

Spanja ma għandha l-ebda reġistru miftuħ ta' dan it-tip. Madankollu, il-qrati Spanjoli għandhom aċċess għal għadd ta' bażijiet ta' dejta b'aċċess ristrett (magħruf bħala "n-netwerk Punto Neutro Judicial") li jistgħu jużaw biex ifittxu informazzjoni dwar indirizzi u proprjetà, jekk ikun hemm raġuni motivata. B'dan il-mod, f'każ li l-awtorità ġudizzjarja ma tkunx taf l-indirizz ta' persuna fiżika jew ġuridika destinatarja tan-notifika, hija jkollha titlob l-informazzjoni permezz ta' tiffixa fil-bażi ta' dejta disponibbli għall-qrati.

Biex issir it-tiffixa, l-awtorità jkollha bżonn il-karta tal-identità nazzjonali Spanjola jew id-dettalji ta' identifikazzjoni fiskali ta' persuna barranija residenti Spanja, jew in-numru tal-identità tagħha bħala ċittadin barrani residenti fi Spanja. F'każ li l-persuna investigata ma jkollhiex karta tal-identità Spanjola, l-awtorità jkollha tippovdi informazzjoni addizzjonali flimkien mal-isem u l-kunjom, bħal pereżempju n-numru tal-passaport, id-data tat-twelid jew in-nazzjonalità tad-destinatariju, peress li mingħajr din l-informazzjoni, it-tiffixa tista' ma tagħti l-ebda riżultat. Ma hemm l-ebda flas xi jsir għal dan. Barra minn hekk, il-partijiet jistgħu jużaw Reġistri Pubbliċi oħrajn biex jiksibu l-indirizz. L-aċċess għal dawn ir-Reġistri huwa bi flas li jiddependi fuq l-informazzjoni mitluba.

**4.3 L-awtoritajiet f'dan l-Istat Membru kif jitrattaw talba mibgħuta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kompilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali bl-għan li jinstab l-indirizz attwali ta' persuna?**

Ladarba l-awtorità Spanjola kompetenti tirċievi l-Formola A, kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001, b'talba għat-tiffix ta' indirizz attwali ta' persuna, l-Uffiċċju Ġudizzjarju jipproċedi bil-konsultazzjoni tal-bażijiet ta' dejta li fihom id-dettalji tal-indirizzi personali jew professjonali. Jekk ma' dik il-formola tasal ukoll talba għal dokumenti li jridu jiġu notifikati skont ir-Regolament Nru 1393/2007 u f'każ li jirriżulta li l-indirizz ma jkunx fil-kompetenza territorjali tal-awtorità Spanjola, hija trid tgħaddi t-talba lill-aġenzija riċeventi kompetenti u tinforma lill-aġenzija trażmettitriċi b'dan bl-użu tal-formola prevista fl-Artikolu 6(4) tar-Regolament.

**5 Fil-prattika, normalment kif jiġi notifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (flief in-notifika indiretta msemmija fil-punt 6 iktar 'l isfel)?**

Taħt it-tmexxija tar-Reġistratur tal-Qorti (*Letrado de la Administración de Justicia*), id-dokumenti jistgħu jiġu notifikati b'wieheh minn dawn il-mezzi:

1. Permezz ta' rappreżentant legali (*procurador*), f'każ ta' dokumenti indirizzati lil persuni rappreżentati minnu fi proċedimenti.
2. Bil-posta, b'telegramma, bil-posta elettronika jew bi kwalunkwe mezz elettroniku ieħor li juri li jkun waslu, meta u fi xħin waslu u l-kontenut tad-dokumenti notifikati.
3. B'konsenja personali lid-destinatariju ta' kopja verbatim tad-deċiżjoni li trid tiġi nnotifikata lilu, l-inġunzjoni maħruġa mill-qorti jew mill-Iskrivan tal-Qorti, jew iċ-ċitazzjoni jew l-ordni ta' aġir.
4. Fi kwalunkwe każ, mill-persunal tal-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja (*Administración de Justicia*), permezz ta' mezzi telekomunikattivi, fi kwistjonijiet li jinvolvu l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku (*Ministerio Fiscal*), tas-Servizz Ġuridiku tal-Istat (*Abogacía del Estado*), il-Konsulenti Legali tal-Parlament Spanjol u l-Assemblej Leġiżlattivi (*Letrados de las Cortes Generales y de las Asambleas Legislativas*), jew is-Servizzi Ġuridiċi tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (*Servicio Jurídico de la Administración de la Seguridad Social*), id-dipartimenti governattivi l-oħrajn tal-Komunitajiet Awtonomi jew tal-awtoritajiet lokali, jekk id-destinatariju ma jkunx ħatar prokuratur.

Id-dokumenti jitqiesu bħala li ġew innotifikati b'mod validu meta jkun hemm rekord tan-notifika li turi b'mod adegwat li d-dokumenti kkonċernati ġew innotifikati lil-persuna kkonċernata fl-indirizz ta' daru, fl-indirizz elettroniku awtorizzat għal użu tali, permezz ta' portal tan-notifiki jew permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni mill-bogħod jew elettroniċi magħżula mid-destinatariju.

**6 Hija permessa n-notifika elettronika ta' dokumenti (notifika ta' dokumenti għadizzjarji jew extra-ġudizzjarji permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, bħall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa permess dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatariju (professjonist tal-liġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?**

Il-fajls ġudizzjarji elettroniċi qiegħdin jiġu introdotti fi Spanja fuq il-bażi tal-Liġi 18/2011 tal-5 ta' Lulju 2011 li tirregola l-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fis-Servizzi tal-Qrati.

Għall-iskop ta' implimentazzjoni, il-partijiet interessati jistgħu jinkitbu għall-proċeduri ta' notifika fil-Sedi Ġudizzjarji Elettroniċi (*Sedes Judiciales Electrónicas*). Skont l-Artikolu 273(3) tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili, il-professjonisti kollha fis-settur tal-ġustizzja jridu jużaw is-sistemi elettroniċi jew mill-bogħod tas-Servizzi tal-Qrati biex jissottomettu dokumenti (dokumenti promoturi jew oħrajn) u dokumenti oħra, sabiex jiggarantixxu l-awtentiċità tas-sottomissjoni u jiżguraw li jkun hemm rekord affidabbli u komplut tas-sottomissjoni u tal-irċevuta ta' dawk id-dokumenti, kif ukoll id-data tas-sottomissjoni u rċevuta. F'kull każ, mill-inqas waħda minn dawn l-entitajiet li ġejjin trid tuża l-mezzi elettroniċi meta tikkomunika mas-Servizzi tal-Qrati:

- a) persuni ġuridiċi.
- b) Entitajiet mingħajr personalità ġuridika.
- c) Professjonisti li jaħdmu foqasma li jeħtieġu r-reġistrazzjoni f'organizzazzjoni professjonali għal kull formalità u azzjonijiet li jwettqu mas-Servizzi tal-Qrati meta jeżerċitaw l-attivitajiet professjonali tagħhom.
- d) Nutara u reġistraturi.
- e) Rappreżentanti ta' parti interessata li għandha tikkomunika elettronikament mas-Servizzi tal-Qrati.
- f) Uffiċjali fl-amministrazzjoni pubblika għal kull azzjoni u passi li jwettqu minħabba l-pożizzjoni tagħhom.

## **7 Notifika "indiretta"**

**7.1 Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika fejn ma jkunx possibbli li d-dokumenti jkunu nnotifikati lid-destinatariju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamar)?**

Meta kopja tad-deċiżjoni jew ċitazzjoni tintbagħat b'posta rreġistrata jew telegramma bl-irċevuta, jew bi kwalunkwe mezz ieħor li jagħmilha possibbli li jitniżżel fl-atti rekord affidabbli li n-notifika waslet, id-data tal-wasla tagħha u l-kontenut tad-dokument innotifikat, l-Iskrivan tal-Qorti jrid idafha fl-atti tal-kawża dikjarazzjoni li tagħti d-dettalji dwar il-konsenja u l-kontenuti tad-dokument, u jehmeż mal-atti tal-kawża, meta jkun xieraq, l-irċevuta, il-mezz ta' kif ġiet irreġistrata l-wasla tan-notifika jew id-dokumentazzjoni pprovduta mill-prokuratur biex juri li effettwa n-notifika.

In-notifika permezz ta' avviż (pubbliku) tista' tiġi awtorizzata fi Spanja biss mill-awtorità ġudizzjarja li tiddeċiedi l-proċedimenti prinċipali, bil-kundizzjoni li tentattivi biex dik il-persuna tiġi nnotifikata fl-indirizzi ġenerati mit-tiffixiet dwar fejn tista' tinstab ma jkunux imexxew (l-Artikolu 164 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili). Għaldaqstant, l-Iskrivan tal-Qorti, bħala aġenzija riċeventi ta' talba għal notifika skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007, ma jistax jawtorizza notifika b'avviż (pubbliku) peress li r-rwol tiegħu mhux li jisma' l-kawża fil-proċedimenti prinċipali imma sempliċement li jipprovidi assistenza ġudizzjarja.

**7.2 Jekk japplikaw metodi oħrajn, id-dokumenti meta jitqiesu li ġew innotifikati?**

Id-dokumenti jitqiesu li jkunu ġew innotifikati ladarba r-rekwiżiti stipulati mil-liġi għal kull tip ta' notifika jkunu ġew issodisfati.

Fi kwalunkwe każ, il-metodi użati jkunu daww li jagħmluha possibbli li fl-atti tal-kawża jiddaħħal rekord tal-wasla tad-dokument innotifikat, meta u fiex ħin wasal u l-kontenut tiegħu.

Meta kopja tad-deċiżjoni jew ċitazzjoni tintbagħat b'posta rreġistrata jew telegramma bl-irċevuta, jew bi kwalunkwe mezz ieħor li jagħmilha possibbli li jitniżżel fl-atti rekord affidabbli li n-notifika waslet, id-data tal-wasla tagħha u l-kontenut tad-dokument innotifikat, l-Iskrivan tal-Qorti jrid iddaħħal fl-atti tal-kawża dikjarazzjoni li tagħti d-dettalji dwar il-konsenja u l-kontenuti tad-dokument, u jehmeż mal-atti tal-kawża, meta jkun xieraq, l-irċevuta, il-mezz ta' kif ġiet irreġistrata l-wasla tan-notifika jew id-dokumentazzjoni pprovduta mill-prokuratur biex juri li effettwa n-notifika.

### **7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika huwa d-depożitu tad-dokumenti f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatarju kif ikun infurmat b'dak id-depożitu?**

Jekk in-notifika jew id-dokument ma jkunux jistgħu jitwasslu bil-posta, is-servizz postali jħalli nota li tawza lid-destinatarju li intbagħtulu ittra jew dokument u jista' jiġborhom f'perjodu speċifikat mill-uffiċċju postali speċifikat.

Jista' jkun ukoll li jkun sar tentattiv ta' notifika mill-uffiċjali tal-Uffiċċju Ġudizzjarju, u f'dak il-każ tiġħalla nota li tispeċifika l-perjodu li matulu d-dokument jista' jinġabar mill-qorti, fil-kaxxa postali tad-destinatarju.

Meta d-destinatarju jkun residenti fid-distrett ġudizzjarju fejn tinsab il-qorti, u d-dokumenti kkonċernati ma jkunux essenzjali għar-rappreżentazzjoni minn avukat jew għar-rappreżentazzjoni personali tiegħu fil-proċedimenti, jistgħu jintbagħtulu, bi kwalunkwe mezz imsemmi fil-ewwel paragrafu, avviż ta' ordni biex jaġixxi li tirrikjedi d-dehra tiegħu l-qorti għall-finijiet tan-notifika ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew miżura proċedurali oħra, il-ħruġ ta' inġunzjoni jew in-notifika tal-eċċezzjonijiet.

L-avviż jispjega fid-dettall dovut, l-għala d-destinatarju jkun meħtieġ jidher il-qorti, jispeċifika l-proċedimenti u l-kawża li l-ordni ta' aġir hija relatata magħha u javża lid-destinatarju bil-fatt li, jekk jonqos milli jidher mingħajr raġuni valida fil-perjodu indikat, in-notifika titqies li tkun saret.

### **7.4 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokumenti, xi jkunu l-konsegwenzi? Id-dokumenti jitqiesu bħala effettivament innotifikati jekk ir-rifjut ma jkunx leġittimu?**

Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika mingħajr raġuni valida, id-dokumenti jitqiesu li jkunu ġew notifikati lilu u jipproduċu l-istess effetti legali bħall-ikieku aċċettaha, bil-limiti taż-żmien jibdedw jgħoddu mill-għada tar-rifjut (l-Artikolu 161(2) tal-Liġi tal-Proċedura Ċivili) (*la Ley de Enjuiciamiento Civil*).

### **8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki)**

**8.1 Jekk is-servizz postali jwassal dokument mibgħut minn barra lil destinatarju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn tal-aċċettazzjoni tal-irċevuta (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki), is-servizz postali jista' jħalli d-dokument biss mad-destinatarju stess jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-posta, iħalli d-dokument ukoll ma' persuna oħra fl-istess indirizz?**

Skont il-liġi, oġġetti postali, skont x'tip ikunu, iridu jew jiġu kkonsejnti lid-destinatarju jew lil persuna awtorizzata minnu, inkella jiġu ddepożitati fil-kaxxi tal-uffiċċju postali jew fil-kaxxi postali residenzjali. Persuna titqies li tkun awtorizzata mid-destinatarju biex taċċetta l-konsenja ta' oġġetti postali fl-indirizz postali tiegħu sakemm tkun tista' tidentifika ruħa u tassumi r-responsabbiltà għall-oġġetti kkonsejnti, sakemm ma joġġezzjonax espressament milli jagħmel hekk.

**8.2 Skont ir-regoli tal-posta f'dan l-Istat Membru kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tan-Notifiki Nru 1393 /2007, jekk la d-destinatarju u lanqas ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-posta – ara fuq) ma jkun instab fl-indirizz fejn tkun intbagħtet?**

Il-liġi trid tistabbilixxi regoli applikabbli għal sitwazzjonijiet fejn oġġetti postali għall-ebda raġuni ma jkunu jistgħu jiġu kkonsejnti lid-destinatarju jew irritornati lill-mittent. Dawn ir-regoli jinkludu daww li jirregolaw il-proċedura għall-aċċertament tal-indirizz tad-destinatarju, tal-orġini u tad-destinazzjoni tal-oġġetti, is-smiġħ fil-qorti jew it-taħrik tal-mittent tal-oġġetti, u l-ħażna temporanja, l-irkupru u d-distruzzjoni tal-oġġetti.

**8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perjodu speċifiku għall-ġbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għax ma twasslux? Jekk iva, kif ikun infurmat id-destinatarju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?**

Il-pustier iħalli nota li tinforma lid-destinatarju li hemm ittra x'jiġbor mill-uffiċċju postali indikat u fil-limitu taż-żmien indikat. Jekk l-oġġett ma jibqa' ma jinġabarx fil-ħin, dan jiġi mmarkat u l-oġġett jiġi rritornat lill-mittent.

### **9 Ikun hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun ġie nnotifikat?**

L-operatur postali magħżul ikun preżunt li aġixxa b'mod onest u affidabbli fid-distribuzzjoni, il-konsenja u l-wasla tal-proċess mill-korpi amministrattivi u ġudizzjarji, jew f'każ ta' rifjut ta' aċċettazzjoni, jew impossibilità li tiġi effettwata, in-notifika ta' dak il-proċess, b'mezzi fiżiċi jew telekomunikattivi.

Notifika personali mill-persunal tal-qorti tiġi ddokumentata f'reġistru bil-miktub fejn l-uffiċjal tal-qorti jindika l-eżitu tal-att tan-notifika. Jekk in-notifika tkun tista' ssir lid-destinatarju stess, ir-rekord tan-notifika jkun jinkludi l-firma tad-destinatarju jew indikazzjoni tar-rifjut li jiffirma għaliha, flimkien ma' nota li tgħid li jitqies li ġie nnotifikat (ara l-mistoqsija 7.4).

Skont l-Artikolu 160(3) tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili, jekk l-indirizz fejn isir it-tentattiv ta' notifika jkun l-indirizz ta' dar id-destinatarju skont ir-reġistru muniċipali tal-indirizzi, għal finijiet ta' taxxa jew skont kwalunkwe reġistru uffiċjali ieħor jew pubblikazzjoni ta' assoċjazzjoni kummerċjali, jew tkun akkomodazzjoni residenzjali jew kwalunkwe bini mikri lill-konvenut, u d-destinatarju ma jkunx jista' jinstab hemmhekk, in-notifika tista' ssir, f'envelop issiġġillat, lil kwalunkwe impjegat jew membru tal-familja jew persuna li jikkoabita magħha, ta' l-fuq minn 14-il sena, li tkun f'dak l-indirizz, jew lil min jieħu ħsieb dak il-bini, jekk ikun hemm. Fi kwalunkwe każ, min ikun qed jeffettwa n-notifika jrid jinforma lir-riċevitur li huwa obligat jgħaddi l-kopja tad-deċiżjoni jew taħrika lill-persuna li hi indirizzata lilha, jew li tinnotifika lill-persuna bl-eżistenza tagħha, jekk ikun jaf fejn tinsab, u fi kwalunkwe każ irid javża lir-riċevitur bir-responsabbiltà tiegħu biex iħares id-dejta tad-destinatarju.

Jekk id-dokument ikun indirizzat lill-post tax-xogħol mhux każwali tad-destinatarju, jekk id-destinatarju jkun assenti, tiġi nnotifikata lil persuna li tiddikjara li tkun tafu jew, jekk ikun hemm unità responsabbli biex tirċievi dokumenti jew oġġetti, lill-persuna inkarigata b'dik l-unità. F'dak il-każ min ikun qed jeffettwa n-notifika jrid javża lir-riċevitur bil-punti msemmija fil-paragrafu preċedenti.

Isem id-destinatarju tad-dokument u meta u l-ħin tat-tentattiv tan-notifika imma d-destinatarju ma kienx hemm, jiddaħħal fir-reġistru tan-notifika, flimkien ma' isem il-persuna li tkun irċeviet il-kopja tad-deċiżjoni jew it-taħrika u r-relazzjoni tagħha mad-destinatarju. Kull dokument innotifikat b'dan il-mod ikun kompletament effettiv.

**10 X'jiġri jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirċevix id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi notifikat lil terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika ġdida tad-dokument?**


Notifika li ma ssirx skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-kapitolu tkun invalida, peress li jista' jkun li l-persuna kkonċernata ma tkunx tista' tiddefendi ruħha sew. Skont il-ġurisprudenza tal-QtĠUE (Kawża C-354/15 Henderson), jekk xi notifiċi ma jkunux ġew akkumpanjati minn traduzzjoni jew fl-lingwa li jiffhem il-konvenut, jew fil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru rikjest, jew fejn hemm aktar minn lingwa uffiċjali waħda f'dak l-Istat Membru, fil-lingwa uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjali tal-post fejn trid issir in-notifika, jew jekk il-formola standard stabbilita fl-Anness II ta' dak ir-Regolament ma ġietx trażmessa lill-konvenut, irid ikun hemm rimedju għal dawn in-notifiċi skont dak ir-Regolament billi l-parti interessata tingħata l-formola standard li hemm fl-Anness II ta' dak ir-Regolament.

**11 Hemm xi f'has għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-f'has?**

Meta n-notifika ssir minn qorti, l-Uffiċċju Ġudizzjarju jew iċ-Ċentru tal-Proċess Komuni, l-ispejjeż tan-notifika jitħallsu mill-korp ġudizzjarju rilevanti. Min jitleb in-notifika ma jkollu jħallas xejn.

L-aħħar aġġornament: 23/04/2021

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna  għet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

## In-notifika ta' atti - Franza

### 1 F'termini prattiċi xi jfisser it-terminu legali "notifika ta' dokumenti"? Għallex hemm regoli speċifiċi dwar in-"notifika ta' dokumenti"?

Notifika uffċjali (*signification*) hija forma ta' notifika mogħtija minn uffċjal ġudizzjarju.

L-Artikolu 651 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (*Code de procédure civile*) jipprovdi li "Id-dokumenti għandhom jinġiebu għall-attenzjoni tal-partijiet interessati permezz tan-notifika tagħhom."

In-notifika tista' tiegħu l-forma ta' "*signification*", li tfisser notifika bl-att tal-uffċjal ġudizzjarju (it-tieni paragrafu), jew il-forma sempliċi ta' "*notifika*", mingħajr l-intervent ta' uffċjal ġudizzjarju.

Ir-regolarità tan-notifika uffċjali hija żgurata permezz ta' konformità ma kundizzjonijiet ġenerali stretti dwar is-sigħat u l-ġranet li fihom tista' ssir in-notifika u r-rekwiżiti formali previsti fl-Artikoli 653 *et seq.* tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

Link għad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili dwar is-servizz: [ikklikkja !\[\]\(4fe57c3593bf1b21d272ae7ac8dfaf77\_img.jpg\) HAWN](#)

### 2 Liema dokumenti jeħtieġ li jkunu notifikati b'mod formali?

Id-dokumenti importanti kollha ta' każ għandhom jiġu notifikati lill-parti l-oħra. Dokument proċedurali huwa dak li jippermetti li jinfetħu, jitmexxew, jiġu sospiżi jew jintemmu proċeduri legali jew li tiġi infurzata sentenza (pereżempju: ċitazzjoni, sejbiet, dikjarazzjoni tal-każ, notifika ta' sentenza).

Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili adottat sistema mħallta għan-notifika ta' dokumenti proċedurali: in-notifika dejjem tista' ssir permezz ta' notifika uffċjali (l-Artikolu 651, it-tielet paragrafu tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili), anke jekk ikun permess bil-liġi f'forma oħra. Għall-kuntrarju, fejn issir dispożizzjoni bil-liġi għal notifika uffċjali, rikors għal forma oħra huwa irregolari.

### 3 Min hu responsabbli biex jinnotifika dokument?

L-uffċjali ġudizzjarji għandhom monopolju fuq in-notifika uffċjali fis-sens li huma l-uniċi uffċjali awtorizzati sabiex jagħmlu din in-notifika. Fl-eżerċizzju tal-monopolju tagħhom, jistgħu jitolbu s-servizzi ta' skriveni uffċjali, li jkollhom responsabbiltà ċivili lejhom.

Notifika ordinarja ta' dokumenti tista' ssir minn kwalunkwe persuna, li għandha tiddikjara fin-notifika l-kunjom u l-isem tagħha jew l-isem tal-kumpanija jew tan-negozju tagħha u d-domiċilju jew l-uffiċċju reġistrat (l-Artikolu 665 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). In-notifika tista' ssir ukoll fuq l-instigazzjoni ta' reġistratur tal-qorti (f'ċerti każijiet għal ċitazzjoni għal smiġh jew notifika ta' sentenza).

### 4 Tiftix tal-Indirizz

#### 4.1 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, l-awtorità rikjesta f'dan l-Istat Membru ttiprova u tistabbilixxi hi bl-inizjattiva tagħha fejn tinsab il-persuna li trid tiġi notifikata bid-dokumenti ladarba din ma tkunx għadha toqgħod fl-Indirizz magħruf mill-awtorità rikjedenti?

Meta awtorità Franċiża (prosekutor pubbliku jew uffċjal ġudizzjarju) ikun meħtieġ li jinnotifika dokument minn barra u jkun ġie stabbilit li l-persuna m'għadhiex tgħix fl-Indirizz indikat, hija din l-awtorità li għandha tiegħu l-passi meħtieġa sabiex tiskopri l-Indirizz eżatt tad-domiċilju tal-persuna kkonċernata.

Għal dan il-għan, il-prosekutor pubbliku jista' jkollu aċċess għal diversi reġistri u b'mod partikolari għar-reġistri tas-sigurtà soċjali. L-informazzjoni kkomunikata tirrigwarda l-Indirizz tad-debitur, l-Indirizz tal-impjegatur tad-debitur u l-istituzzjonijiet li jkun infetaħ kont fisem id-debitur magħhom, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe informazzjoni oħra.

Barra minn hekk, taħt proċeduri ta' infurzar ċivili, [l-Artikolu L. 152-1 tal-Kodiċi tal-Proċeduri ta' Infurzar Ċivili \(\*Code des procédures civiles d'exécution\*\)](#) jipprovdi aċċess dirett mill-uffċjali ġudizzjarji għal informazzjoni miżmuma minn amministrazzjonijiet jew dipartimenti tal-gvern u awtoritajiet pubbliċi u intrapriżi u korpi kkontrollati mill-awtorità amministrattiva.

#### 4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-Indirizz attwali tal-persuna? Jekk iva, x'reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhil l-proċedura li trid tiġi segwita? Xi fl-as irid isir, jekk hemm?

Minbarra l-informazzjoni fid-dominju pubbliku (pereżempju, id-direttorju tat-telefon), l-awtoritajiet ġudizzjarji barranin jew il-partijiet fi proċeduri legali m'għandhomx aċċess għal reġistri li jkun fihom data personali bħal, pereżempju, l-Indirizz tad-debitur.

Skont il-liġi Franċiża, tali aċċess huwa possibbli biss taħt proċeduri ta' infurzar ċivili jew, fi proċeduri ġudizzjarji, permezz ta' deċiżjoni tal-qorti (ara d-domanda 1.3.).

#### 4.3 L-awtoritajiet f'dan l-Istat Membru kif jittrattaw talba mibgħuta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali bl-għan li jinstab l-Indirizz attwali ta' persuna?

Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili ma fihx dispożizzjonijiet li jstgħu jipprojbixxu r-rikors għar-Regolament (KE) Nru 1206/2001 sabiex jinstab l-Indirizz ta' persuna. Madankollu, dan ir-Regolament għandu jirrispetta d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi. Skont il-liġi Franċiża, il-qrati ċivili ma għandhomx aċċess dirett għar-reġistri tal-popolazzjoni, bħal fi Stati Membri oħra. Konsegwentement, ir-rikors għar-Regolament (KE) Nru 1206/2001 jista' jkun konċepibbli jekk parti terza jkollha fil-pussess tagħha dokument li jiddikjara l-Indirizz tal-persuna kkonċernata. F'dan il-każ, u skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 138 *et seq.* tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, l-imħallef jista' jordna lil din il-parti terza tipproduċi d-dokument inkwistjoni, għalkemm din il-parti terza tinvoka impediment leġittimu (eż. sigriet professjonali).

#### 5 Fil-prattika, normalment kif jiġi notifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jstgħu jintużaw (ħliel in-notifika indiretta msemmija fil-punt 6 iktar 'l isfel)?

**Notifika permezz ta' proċedura ordinarja ssir billi jintuża envelop jew ittra ssiġillata** (l-Artikolu 667 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) bil-posta jew b'konsenja ffirmata jew b'riċevuta. In-notifika għandu jkun fiha d-dettalji kollha relatati mal-kunjom u l-ismijiet jew l-isem tal-kumpanija jew tan-negozju tal-mittent, kif ukoll id-domiċilju jew l-uffiċċju reġistrat ta' din il-persuna. In-notifika għandha tinnomina lid-destinatarju (l-Artikolu 665 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). Dawn id-dettalji kollha huma meħtieġa minħabba n-nullità tan-notifika (l-Artikolu 693 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Meta d-destinatarju jkun persuna fiżika, in-notifika ssir fil-post ta' residenza tiegħu jew f'xi post ieħor jekk din tingħata personalment jew fl-Indirizz għan-notifika jekk dan ikun aċċettat jew meħtieġ mil-liġi. Jekk il-persuna kkonċernata hija entità legali, in-notifika ssir fil-post tan-negozju tagħha jew, fin-nuqqas ta' dan, personalment lil wieħed mill-membri tagħha li jkun awtorizzat sabiex jirċeviha.

Għall-persuna li tagħti n-notifika, id-data hija dik li fiha ntagħtet l-ittra, li tidher fit-timbru tal-uffiċċju tal-ħruġ. Għall-persuna li tirċievi n-notifika, id-data hija dik li fiha rċeviet l-ittra. Fil-każ ta' ittra rreġistrata b'konferma tar-riċevuta, din id-data tikkorrispondi għal dik ipprovduta mill-awtorità postali meta l-ittra tingħata lid-destinatariju tagħha.

**Notifika bejn avukati** hija applikabbli meta avukat għandu jinnotifika dokument lil kollega (l-Artikoli 671 sa 673 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). Dan dejjem iseħħ għewwa l-qorti b'wieheh minn żewġ modi: notifika uffiċjali (li teħtieġ l-intervent ta' uffiċjal ġudizzjarju li jpoġġi t-timbru tiegħu fuq id-dokument u l-kopja) jew notifika diretta (li ssir billi jingħataw żewġ kopji tad-dokument lill-avukat li jkun indirizzat lilu, u dan tal-aħħar jagħti lura waħda mill-kopji bid-data u t-timbru).

**Notifika uffiċjali** tingħata mill-uffiċjali ġudizzjarji fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti Reġjonali (*tribunal de grande instance*) tal-post tar-residenza tagħhom. Fil-prattika, sakemm l-imħallef ma jagħtix permess biex isir dan, in-notifika uffiċjali tista' tingħarr biss fi ġranet tax-xogħol u mhux qabel is-6:00 am jew wara d-9:00 pm. L-Artikolu 663 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jelenka ċertu numru ta' dettalji li għandhom jidher fuq iż-żewġ originals tal-atti tal-uffiċjali ġudizzjarji. Kwalunkwe irregolarità hija suġġetta għall-piena tan-nullità tan-notifika (l-Artikolu 693 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). Notifika uffiċjali għandha tkun permezz ta' notifika personali. Jekk din il-forma ma tkunx possibbli, in-notifika tista' ssir fid-domiċilju jew fir-residenza. Jekk il-kundizzjonijiet għall-użu ta' dan it-tieni metodu ma jintlaħqux, in-notifika uffiċjali ssir billi jintbagħat ċertifikat tan-notifika lid-destinatariju (notifika mogħtija fl-uffiċċju tal-uffiċjal ġudizzjarju).

**6 Hija permessa n-notifika elettronika ta' dokumenti (notifika ta' dokumenti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, bħall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa permess dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatariju (professjonist tal-liġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?**

L-Artikolu 748-1 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jipprovi li d-dispaċċ, il-konsenja u n-notifika ta' dokumenti, karti, avviżi jew ċitazzjonijiet proċedurali, rapporti, rapporti u kopji uffiċjali u originals eżekuttivi ta' sentenzi tal-qorti jistgħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, jingħataw b'mod elettroniku.

L-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda fis-sistema tal-ġustizzja wasslet għal speċifikazzjoni tat-termini u l-kundizzjonijiet għal notifika uffiċjali b'mezzi elettroniċi, mogħtija minn uffiċjali ġudizzjarji.

Notifika bejn l-avukati tista' ssir ukoll min-Netwerk Privat Virtwali għall-Avukati (*Réseau Privé Virtuel Avocats*, RPVA), li jintuża wkoll sabiex isiru skambji proċedurali bejn l-avukati u l-qrati.

Fil-prinċipju, id-digriet tekniċi li jiddeterminaw it-termini u l-kundizzjonijiet konkreti għat-tweqqif ta' skambji elettroniċi jillimitaw il-komunikazzjoni elettronika għal ċerti professjonisti, b'mod partikolari avukati u uffiċjali ġudizzjarji.

Komunikazzjoni elettronika hija possibbli quddiem bosta qrati (Qrati Reġjonali (*tribunaux de grande instance*), Qrati Kummerċjali (*tribunaux de commerce*), Qrati tal-Appell (*cours d'appel*), Qorti tal-Kassazzjoni (*Cour de cassation*) u Qrati Distrettwali (*tribunaux d'instance*) f'każijiet aktar limitati).

Barra minn hekk, f'każijiet u kundizzjonijiet definiti b'mod ċar, ċerti dokumenti li jorjiginaw mir-reġistru (avviżi ta' seduti jew, għal xi entitajiet legali, ċitazzjonijiet) jistgħu jiġu indirizzati lil parti permezz ta' email (Artikoli 748-8 u 748-9 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Fil-każijiet kollha, id-destinatariju tad-dokument għandu jagħti kunsens espliċitu għall-użu ta' mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni.

## **7 Notifika "indiretta"**

**7.1 Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika fejn ma jkunx possibbli li d-dokument jkun nnotifikat lid-destinatariju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamar)?**

Jekk notifika sempliċi ma tirnexxix, għandha ssir notifika uffiċjali.

Notifika uffiċjali ssir "jew fid-domiċilju jew, fin-nuqqas ta' domiċilju magħruf, fir-residenza". L-uffiċjal ġudizzjarju għandu għalhekk jipprova jsib id-domiċilju tad-destinatariju, qabel ma jagħti d-dokument fil-post ta' residenza.

Meta d-destinatariju tad-dokument ikollu domiċilju jew residenza magħrufa u l-uffiċjal ġudizzjarju ma jsibx il-persuna hemm, notifika valida hija possibbli biss jekk l-uffiċjal ġudizzjarju jagħti kopja tad-dokument lil kwalunkwe persuna preżenti fid-domiċilju jew residenza. Jekk notifika personali tad-dokument ma tkunx possibbli, għandhom isiru diversi formalitajiet bil-għan li jiġu protetti l-interessi tad-destinatariju: ċerta informazzjoni għandha tidher fuq il-kopja mgħoddija f' envelop issiġillat u għandu jintbagħat avviżi lill-persuna kkonċernata permezz ta' ittra ordinarja.

Meta d-destinatariju tad-dokument ma jkollux domiċilju, residenza jew post tax-xogħol magħruf, l-uffiċjal ġudizzjarju jista' jiddepożita d-dokument b'mod validu fl-uffiċċju tiegħu jew tagħha. Għal dan, l-uffiċjal ġudizzjarju jagħmel rendikont bid-dettalji preċiżi dwar il-passi li ttieħdu sabiex tinstab il-persuna kkonċernata. Fl-istess ġurnata jew, l-aktar tard, fil-ġurnata tax-xogħol li jmiss, l-uffiċjal ġudizzjarju għandu jibgħat lid-destinatariju kopja tar-rendikont u d-dokument li għandu jiġi nnotifikat, b'ittra rreġistrata b'konferma ta' riċevuta, fl-aħħar indirizz magħruf tiegħu. Fl-istess jum, l-uffiċjal ġudizzjarju javża lid-destinatariju permezz ta' ittra ordinarja li din il-formalità ttestiet.

**7.2 Jekk japplikaw metodi oħrajn, id-dokument meta jitqiesu li għew innotifikati?**

In-notifika uffiċjali titqies li saret fil-jum li fiha tingħata lill-persuna, fid-domiċilju jew fir-residenza. Peress li notifika uffiċjali permezz ta' għoti tad-dokument fl-uffiċċju tal-uffiċjal ġudizzjarju "isir fid-domiċilju", l-avviż ta' tentattiv tal-konsenja huwa dak li jiddetermina d-data tan-notifika u mhux l-għoti tal-kopja fl-uffiċċju tal-uffiċjal ġudizzjarju. Ir-regoli sabiex tiġi ddeterminata d-data tan-notifika uffiċjali japplikaw anke jekk għandu jintbagħat avviżi.

**7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika huwa d-depożitu tad-dokument f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatariju kif ikun infurmat b'dak id-depożitu?**

Fil-każ ta' assenza meta l-pustier imur jikkonsenja l-ittra rreġistrata b'konferma ta' riċevuta, id-destinatariju huwa infurmat permezz tal-avviż ta' tentattiv ta' konsenja li jista' jiġbor kopja tad-dokument mill-uffiċċju postali f'perjodu speċifikat.

Jekk l-uffiċjal ġudizzjarju jkun ċert li l-indirizz fuq il-prova tan-notifika huwa korrett iżda notifika personali ma tkunx possibbli, l-uffiċjal ġudizzjarju jħalli avviżi ta' tentattiv ta' konsenja fil-kaxxa tal-ittri fejn jitlob lid-destinatariju jiġbor il-kopja tad-dokument mill-uffiċċju tal-uffiċjal ġudizzjarju (l-Artikolu 656 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

**7.4 Jekk id-destinatariju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokument, xi jkun l-konsegwenzi? Id-dokument jittqiesu bħala effettivament innotifikati jekk ir-rifjut ma jkunx leġittimu?**

Il-qbil tal-persuna kkonċernata, li tkun destinatariju tad-dokument, ma huwiex rekwiżit sabiex jingħata dan id-dokument lil din il-persuna, għalhekk jekk id-destinatariju tad-dokument ma jixtieqx jirċievi d-dokument inkwiżjoni ppreżentat lilu mill-uffiċjal ġudizzjarju, in-notifika uffiċjali xorta tingħata personalment lill-persuna kkonċernata. Fil-fatt, *ikun* impossibbli li l-uffiċjal ġudizzjarju jisforza lid-destinatariju jieħu d-dokument jekk dik il-persuna tirrifjuta li tagħmel dan; huwa biżżejjed li l-uffiċjal ġudizzjarju jiddepożita l-kopja fid-dar tad-destinatariju meta jkun sab lil din il-persuna d-dar. B'dan il-mod, in-notifika uffiċjali tkun valida anke jekk id-destinatariju jirrifjuta l-kopja u l-uffiċjal ġudizzjarju jqegħidha fuq biċċa għamara (Qorti tal-Appell ta' Pariġi, 12 ta' Diċembru 1906, S. 1907.2.109).

**8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki)**

**8.1 Jekk is-servizz postali jwassal dokument mibgħut minn barra lil destinatariju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn tal-aċċettazzjoni tar-riċevuta (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki), is-servizz postali jista' jħalli d-dokument biss mad-destinatariju stess jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-posta, iħalli d-dokument ukoll ma' persuna oħra fl-istess indirizz?**

Fil-kuntest ta' notifika bil-posta, il-persuna responsabbli sabiex tikkonsenja l-ittra b'konferma ta' riċevuta tista', fil-prinċipju, tikkonsenjaha biss lill-persuna li tkun indirizzata lilha, sakemm id-destinatarju ma jkunx awtorizza lil terza persuna biex tirċievi tali dokumenti.

**8.2 Skont ir-regoli tal-posta f'dan l-Istat Membru kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tan-Notifiki Nru 1393 /2007, jekk la d-destinatarju u lanqas ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-posta – ara fuq) ma jkun instab fl-indirizz fejn tkun intbagħtet?**

Jekk id-destinatarju tad-dokument, jew persuna awtorizzata biex tirċievi ittri b'konferma ta' riċevuta, ma mrexxilux jikseb id-dokument bil-posta, in-notifika ma tkunx regolari u għandha terġa' ssir permezz ta' notifika uffiċjali mogħtija minn uffiċjal ġudizzjarju.

**8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perġodu speċifiku għall-ġbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għax ma twasslux? Jekk iva, kif ikun infurmat id-destinatarju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?**

Meta l-persuna responsabbli għall-konsenja tal-ittra b'konferma ta' riċevuta tkun żaret id-domiċilju tad-destinatarju tad-dokument mingħajr ma din il-persuna (jew il-persuna awtorizzata li tirċievi ittri rreġistrati b'konferma ta' riċevuta) kienet preżenti, il-pustier iħalli avviż ta' tentattiv ta' konsenja fil-kaxxa tal-ittri tal-persuna kkonċernata. Dan l-avviż ta' tentattiv ta' konsenja jindika li l-ittra hija disponibbli għall-persuna kkonċernata fl-uffiċċju postali u li din il-persuna tista' tiġborha fi ħmistax-il ġurnata. Jekk il-persuna kkonċernata ma tiġborx l-ittra sa din l-iskadenza, l-ittra tintbagħat lura lill-mittent.

**9 Ikun hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun ġie nnotifikat?**

Meta n-notifika ssir permezz ta' ittra rreġistrata b'konferma ta' riċevuta, il-pustier jagħti l-ittra lid-destinatarju wara li dan jiffirma sabiex jikkonferma li rċeviha. Din il-konferma ta' riċevuta tintbagħat lill-mittent bħala prova li d-dokument ingħata personalment. Jekk id-destinatarju ma jiġborx l-ittra mill-uffiċċju postali jew jekk l-indirizz ma jkunx korrett pereżempju, wara li jiskadi perġodu ta' 15-il jum wara l-avviż ta' tentattiv ta' konsenja, il-mittent jirċievi wkoll konferma ta' riċevuta li tipprovi li l-konsenja tad-dokument ma mrexxiex.

Jekk id-dokument ikun ġie nnotifikat, l-uffiċjal ġudizzjarju jindika fuq ir-rapport tan-notifika uffiċjali l-passi li tiegħu sabiex jiġi żgurat il-kors korrett tan-notifika skont l-Artikolu 655 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, li t-tieni paragrafu tiegħu jipprovi: "L-uffiċjal ġudizzjarju għandu jiddikjara fid-dokument il-passi li jkun ħa sabiex jinnotifika lid-destinatarju u r-raġunijiet għaliex dik in-notifika kienet impossibbli."

L-uffiċjal ġudizzjarju jindika wkoll fir-rapport l-isem tal-persuna li ta d-dokument lilha u jinforma lill-prinċipal dwar dan.

**10 X'jiġri jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirċevix id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi notifikat lil terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika ġdida tad-dokument?**

Id-dokumenti għandhom fil-prinċipju jiġu nnotifikati lill-persuna. Madankollu, il-fatt li jiġu nnotifikati lil partijiet terzi ma jrendix neċessarjament in-notifika irregolari, taħt ċerti kundizzjonijiet.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 670 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, notifika b'ittra rreġistrata b'konferma ta' riċevuta titqies li għet mogħtija fid-domiċilju jew fir-residenza jekk il-konferma ta' riċevuta tiġi ffirmata minn persuna awtorizzata sabiex tagħmel dan. Tali notifika tista' taffettwa kif tiġi kklassifikata s-sentenza (is-sentenza tiġi kklassifikata bħala meqjusa li ngħatat wara li nstemgħu ż-żewġ partijiet jew awtomatikament jekk il-persuna ma tkunx preżenti), iżda xorta waħda hija valida.

Fil-każijiet l-oħra, jiġifieri jekk l-indirizz tan-notifika permezz ta' ittra rreġistrata jkun żbaljat jew jekk id-destinatarju ma għabax l-ittra mill-uffiċċju postali, ir-reġistratur tal-Qorti għandu jittlob lill-dik il-parti sabiex tipproċedi għan-notifika permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju, b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 670-1 tal-istess Kodiċi. Dan il-pass jagħmel possibbli r-regolarizzazzjoni tan-notifika tad-dokument.

Bl-istess mod, l-uffiċjal ġudizzjarju jista' jikkonsenja d-dokument lill-persuna li mhix id-destinatarju tiegħu, pereżempju lill-membri tal-familja preżenti fid-domiċilju. F'dan il-każ, kopja tad-dokument titħalla mal-parti terza, f'envelop issiġillat, u l-uffiċjal ġudizzjarju jindika l-isem tal-persuna li rċeviet id-dokument fuq ir-rapport tan-notifika (l-Artikoli 655 u 657 tal-istess Kodiċi).

Jekk l-uffiċjal ġudizzjarju jista' jivverifika li d-destinatarju tabilħaqq jgħix fl-indirizz indikat, huwa jista' wkoll iħalli avviż ta' tentattiv ta' konsenja fil-kaxxa tal-ittri, u jittlob lid-destinatarju jiġbor l-ittra mill-uffiċċju tal-uffiċjal ġudizzjarju. F'dan il-każ, in-notifika saret kif suppost u hija meqjusa li saret fid-domiċilju, bil-konsegwenzi msemmija hawn fuq fir-rigward tal-klassifikazzjoni tas-sentenza (l-Artikolu 656 tal-istess Kodiċi).

Fl-aħħar nett, il-preżenza volontarja tal-konvenut waqt is-seduta quddiem il-Qorti Distrettwali, il-Qorti Kummerċjali u t-Tribunal Industrijali (*Conseil de prud'hommes*) tippermetti li l-irregolarità tan-notifika tad-dokument li jibda l-proċeduri tiġi injorata, jekk il-partijiet jagħtu l-kunsens tagħhom (Soc.16 ta' Mejju 1990). Barra minn dawn il-każijiet, l-irregolarità tan-notifika tad-dokument tfisser li ma għandu l-ebda valur u ma jista' jagħti lok għal ebda dritt. B'mod partikolari, ma jippermettix li jibdwew jiddekorru l-limiti ta' żmien għall-appelli.

**11 Hemm xi ħlas għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-ħlas?**

Il-prezzijiet tan-notifika ta' dokument permezz ta' ittra rreġistrata jammontaw għall-prezz sabiex tintbagħat ittra rreġistrata indirizzata minn Franza għal destinazzjoni fi Franza, jiġifieri EUR 5.10 għal ittra li tiżen sa 20 gramma, li hija r-rata valida fl-1 ta' April 2017.

Il-prezz tan-notifika ta' dokumenti mill-uffiċjal ġudizzjarju huwa stabbilit skont [Digriet tas-26 ta' Frar 2016](#) li jistabbilixxi t-tariffi regolati tal-uffiċjali ġudizzjarji ([Arrêté du 26 février 2016 fixant les tarifs réglementés des huissiers de justice](#)).

Il-prezz tan-notifika uffiċjali varja skont in-natura tad-dokument u s-somom inkwistjoni, iżda ġeneralment ma jaqbiżx EUR 50.

L-aħħar aġġornament: 27/11/2018

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna għet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

**In-notifika ta' atti - il-Kroazja**

**1 F'termini prattiċi xi jfisser it-terminu legali "notifika ta' dokumenti"? Għaliex hemm regoli speċifiċi dwar in-"notifika ta' dokumenti"?**

F'termini prattiċi, "in-notifika tad-dokumenti" hija kunċett legali li teħtieġ illi d-dokumenti fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali jiġu nnotifikati lill-partijiet kollha fil-proċedimenti.

Punti 6, 7, u 8 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4 tad-Digriet dwar it-Tranżazzjonijiet tal-Uffiċċju (*Uredba o uredskom poslovanju*) (minn issa 'l quddiem: Id-Digriet), *Narodne Novine* (NN; Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja), Nru 7/09 jipprevedu illi dan id-dokument jista' jkun jew sottomissjoni jew att uffiċjali.

- sottomissjoni hija dokument użat mill-partijiet biex jagħtu bidu għal proċedimenti, jissupplimentaw jew jemendaw rikors jew xi talba ġuridika oħra jew biex jieqfu milli jkomplu b'dik it-talba.

L-Artikolu 14 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili (Zakon o parničnom postupku) (NN Nos 53/91, 91/92, 58/93, 112/99, 88/01, 117/03, 88/05, 02/07, 84/08, 123/08, 57/11, 148/11, 25/13 u 89/14; minn issa 'l quddiem: CPA) jipprovdi illi jekk għal xi miżuri partikolari l-liġi ma tispeċifikax f'liema forma għandhom jittieħdu l-partijiet għandhom jieħdu miżuri proċedurali jew bil-kitba barra s-seduta ta' smiġh jew oralment waqt is-seduta.

L-Artikolu 106 taċ-CPA jistipula illi s-sottomissjonijiet - ilmenti, tweġibiet għall-ilmenti, rimedji legali u dikjarazzjonijiet oħra, mozzjonijiet u notifiki mogħtija barra l-proċess għandhom jiġu ppreżentati bil-miktub.

Għalhekk is-sottomissjonijiet huma d-dokumenti maħruġa mill-klijenti u partijiet oħra fil-proċedimenti li jintużaw biex tittieħed azzjoni.

- att huwa dokument maħruġ minn awtorità li tiddeċiedi fuq kwistjoni, tweġib għal sottomissjoni magħmula minn parti jew tiddertermina, tittermina jew tiffinalizza azzjonijiet uffiċjali u jkollha korrispondenza formali mal-korpi l-oħra jew entitajiet legali b'awtorità pubblika.

In-notifika tad-dokumenti kif imfissra mil-liġi hija l-kompitu ta' awtoritajiet u persuni kompetenti li permezz tagħha d-destinatariji jingħataw aċċess għall-kontenut tad-dokumenti indirizzati lilhom. Dan huwa mportanti għaliex jekk dokument ma jiġix innotifikat lil parti, hija ma tkunx tista' tinstema, u l-każ jikkostitwixxi ksar sostanzjali tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-azzjonijiet legali, u jista' jagħti lok għal rimedju legali straordinarju.

In-notifika ta' lment fuq il-konvenut huwa wkoll rekwiżit neċessarju sabiex jinbdew proċedimenti litiġjużi, u dawn il-proċedimenti jibdeu minn meta l-konvenut jiġi notifikat bil-ilment (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 194 CPA).

Għalhekk, japplikaw regoli speċjali għan-notifika ta' dokumenti għaliex hija rekwiżit neċessarju fi proċedimenti litiġjużi ġejja mill-prinċipju tad-dritt tal-partijiet li jinstemgħu; tisser illi l-partijiet għandhom jingħataw aċċess għal informazzjoni dwar il-post u l-ħin tal-proċedimenti litiġjużi u l-fatti materjali ta' każ. Barra minn hekk, il-proċedimenti ta' lment ma jstgħux jinbdew jekk l-ilment ma jkunx ġie notifikat lill-konvenut skont ir-regoli applikabbli. In-notifika tad-dokumenti hija mportanti wkoll għaliex f'ċerti każijiet il-preskrizzjoni għall-partijiet biex jieħdu miżuri proċedurali (tweġiba għal ilment, appell) tidda tgħodd min-notifika tad-dokument, jiġifieri matul il-proċedimenti l-qorti trid tittieħed kull azzjoni meħtieġa sabiex id-destinatariji jsiru jafu bil-kontenut tad-dokumenti notifikati lilhom (il-prinċipju taċ-ċertezza legali u l-prinċipju tal-preżentazzjoni orali u bil-miktub). Dokument jitties li notifikat kif xieraq biss jekk jiġu osservati r-regoli dwar in-notifika tad-dokumenti.

## 2 Liema dokumenti jeħtieġ li jkunu notifikati b'mod formali?

L-azzjonijiet legali, l-ordnijiet ta' ġbir, is-sentenzi u deċiżjonijiet oħra tal-qorti li jstgħu jiġu appellati separatament u li kontribom hemm rimedji legali jridu jiġu notifikati fuq il-parti rilevanti personalment; dan japplika wkoll għal dokumenti oħra fejn teħtieġ il-liġi jew fejn qorti tqis li huwa neċessarju li jittieħdu miżuri speċjali kawtelatorji, pereżempju fejn jiġu dokumenti ta' identifikazzjoni oriġinali jew għal xi raġunijiet oħra simili (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 142 taċ-CPA).

## 3 Min hu responsabbli biex innotifika dokumenti?

It-titolu 11 taċ-CPA jinkludi dispożizzjonijiet li jirregolaw in-notifika tad-dokumenti.

L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 133 taċ-CPA jistabbilixxi l-mod tan-notifika tad-dokumenti, jistipula illi d-dokumenti jridu jiġu notifikati bil-posta jew minn uffiċjali jew impjegat tal-qorti apposta, minn korp amministrattiv kompetenti, minn nutar pubbliku jew direttament mill-qorti, jew alternattivament, bil-posta elettronika skont liġi separata.

L-Artikolu 133a taċ-CPA jipprovdi illi wara t-talba ta' parti li tgħid illi hija lesta tħallas l-ispejjeż, il-qorti tista', permezz ta' sentenza li ma tistax tiġi appellata, tordna illi n-notifika tad-dokument issir minn nutar pubbliku. In-nutar pubbliku jista' jiġi sostitwit fil-qadi ta' dan il-kompitu minn nutar pubbliku assessur jew minn nutar pubbliku konsulent jew nutar pubbliku apprendist.

L-Artikolu 133b taċ-CPA jipprovdi li, jekk qabel jippreżenta ilment quddiem il-qorti, bi ftehim mar-rikorrent bil-miktub, il-konvenut jaqbel illi ssir in-notifika ta' dokumenti marbuta ma' tilwim li dwarhom jirrigwarda l-ftehim f'indirizz speċifiku fir-Repubblika tal-Kroazja jew permezz ta' persuna speċifika fir-Repubblika tal-Kroazja, l-ilment u dokumenti oħra tal-qorti fil-proċedimenti jiġu notifikati lill-konvenut, fuq mozzjoni tar-rikorrent, f'dak l-indirizz jew lil dik il-persuna. Jekk in-notifika ma tistax issir il-qorti tiegħi deċiżjoni fejn tordna illi dokumenti ulterjuri jiġu notifikati lill-konvenut billi jiġu mehmuża fuq il-bord tal-bullettini tal-qorti.

L-Artikolu 133c taċ-CPA jipprovdi illi jekk il-partijiet jaslu għal ftehim dwar dan matul il-proċedimenti, il-qorti tiddeċiedi għalihom li jibgħatu sottomissjonijiet u dokumenti oħra direttament lil xulxin, b'ittra reġistrata u nota għar-ritorn. Jekk xi ħadd fost il-partijiet hija persuna ġuridika jew persuna fiżika b'attività reġistrata, id-dokumenti jstgħu jintbagħtu direttament fl-uffiċċju prinċipali tagħha b'ċertifikat ta' teħid ta' pussess tad-dokument iwerifikat bis-siġill tagħha. Fl-itigazzjoni fejn iż-żewġ partijiet huma rappreżentati minn avukati jew prosekuturi pubbliċi, il-qorti tista' tordna lir-rappreżentanti tal-partijiet biex jibgħatu s-sottomissjonijiet direttament lil xulxin - bil-posta b'nota għar-ritorn jew li jwassluhom għand xulxin direttament fl-uffiċċju jew fl-uffiċċju tar-reġistru.

L-Artikolu 134a jipprovdi illi n-notifika għandha ssir lil persuna ġuridika li hija reġistrata ma' xi qorti speċifika jew reġistru ieħor fl-indirizz indikat fl-ilment. Jekk in-notifika fl-indirizz mogħti fl-ilment ma ssirx, in-notifika ssir fl-indirizz tas-sede ta' dik il-persuna miktuba fir-reġistru. Jekk in-notifika ma ssirx f'dan l-indirizz l-anqas, issir billi tiġi mehmuża fuq il-bord tal-bullettini tal-qorti. Dan japplika wkoll għall-persuni fiżiċi li jwettqu ċerti professjonijiet reġistrati (nies tas-snaġja', bejjiegħa individwali, nutara pubbliċi, avukati, tobba, eċċ) fejn in-notifika ssir lil dawn il-persuni fir-rigward tal-professjoni tagħhom.

L-Artikolu 134b tas-CPA jipprovdi illi jekk, wara talba ta' persuna speċifika u l-approvazzjoni tal-president tal-qorti, issir in-notifika lilha l-qorti, id-dokumenti indirizzati lilha mill-qorti jiġu mqiegħda f'kaxxa postali f'kamra magħżula mill-qorti għal dan il-għan. In-notifika ssir minn uffiċjal tal-qorti. Il-president tal-qorti jista', permezz ta' sentenza mogħtija f'proċedimenti amministrattivi, tordna illi l-avukati kollha li għandhom uffiċċji ta' reġistri propji u nutara pubbliċi b'uffiċċji prinċipali fit-territorju tal-qorti jridu jirċievu d-dokumenti tal-qorti fil-kaxxa postali msemmija.

L-Artikolu 135 taċ-CPA jipprovdi illi ċ-ċittazzjonijiet iridu jiġu notifikati lil persunal militari, lill-membri tal-korp tal-pulizija u persuni impjegati fil-qasam tat-trasport fuq l-art, marittimu u bl-ajru permezz tal-kmandant jew superjur tagħhom. Jekk ikun meħtieġ, jistgħu jiġu nnotifikati aktar dokumenti lilhom b'dan il-mod.

L-Artikolu 136 taċ-CPA jipprovdi illi meta n-notifika ssir lil persuni jew istituzzjonijiet f'pajjiż barrani jew lil barranin li għandhom id-dritt ta' immunità, hija għandha ssir permezz ta' metodi diplomatiċi, ħlief jekk ipprovdut mod ieħor fi ftehim internazzjonali jew fiċ-CPA (l-Artikolu 146). Jekk in-notifika ta' dokument trid issir lil ċittadini tar-Repubblika tal-Kroazja f'pajjiż barrani din tista' ssir permezz tar-rappreżentant konsulari jew diplomatiku tar-Repubblika tal-Kroazja li jwettaq kompiti konsulari fil-pajjiż barrani konċernat. Din in-notifika hija valida biss jekk il-persuna li lilha se jiġi nnotifikat id-dokument taċċetta li tirċevih.

L-Artikolu 137 taċ-CPA jgħid illi n-notifika lil persuni mcaħnda mil-libertà personali tagħhom trid issir mill-maniġment tal-ħabs, jew faċilità penitenzjarja jew korrettiva.

Il-persuni msemmija fl-Artikoli 141 u 142 taċ-CPA (persuna fiżika li ma twestaqx attività professjonali reġistrata u persuna fiżika li twestaq attività professjonali reġistrata, jekk it-tilwima ma għandhiex taqsam ma' dik l-attività) jistgħu f'ċerti każijiet jiġu nnotifikati bid-dokumenti billi dawn jiġu mehmuża fuq il-bord tal-bullettini tal-qorti.

## 4 Tiftix tal-indirizz

### 4.1 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, l-awtorità rikjesta f'dan l-Istat Membru tipprova u tistabbilixxi li bl-inizjattiva tagħha fejn tinsab il-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokumenti ladarba din ma tkunx għadha toqgħod fl-indirizz magħruf mill-awtorità rikjedenti?

Jekk l-indirizz tal-persuna li lilha huwa indirizzat id-dokument u jrid jiġi notifikat wara talba ta' awtorità barranija kompetenti safrattant inbidel, u għalhekk id-dokument ma jistax jiġi notifikat, il-Qorti Kroata għandha l-obbligu skont l-Artikolu 143 taċ-CPA li tipprova tinnofika d-dokument fil-post ta' residenza tagħha fil-Kroazja kif indikat mir-rekords tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tar-Repubblika tal-Kroazja.

Sakemm tinġieb prova li tikkonferma li jeżisti interess ġuridiku, tista' ssir talba lill-amministrazzjoni tal-pulizija għal informazzjoni dwar il-residenza permanenti jew temporanja ta' persuna li lilha jridu jiġu notifikati dokumenti minħabba proċedimenti ċivili.

**4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-indirizz attwali tal-persuna? Jekk iva, x'reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhi l-proċedura li trid tiġi segwita? Xi flas irid isir, jekk hemm?**  
Ir-Reġistru tal-Qorti tal-Entitajiet tan-Negozju fir-Repubblika tal-Kroazja huwa servizz mingħajr flas li jagħti aċċess lill-korpi ġudizzjarji barranin u/jew lill-partijiet f'proċedimenti l-qorti biex jiksibu l-informazzjoni kollha li għandhom b'żonn dwar kumpaniji Kroati f'dan l-indirizz: <https://sudreg.pravosudje.hr/registar/?p=150:1>

L-indirizzi ta' persuni fiżiċi mhumiex disponibbli għall-pubbliku u jistgħu jinkisbu biss mill-Ministeru għall-Intern tar-Repubblika tal-Kroazja.

**4.3 L-awtoritajiet f'dan l-Istat Membru kif jitrattaw talba mibgħuta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qorti tal-Istati Membri fil-kompilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali bl-għan li jinstab l-indirizz attwali ta' persuna?**

Mhemmx regoli fissi fil-liġi Kroata dwar kif il-qorti għandhom jimxu meta japplikaw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qorti tal-Istati Membri fil-kompilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali. Madankollu huwa ċar illi minn esperjenzi fil-passat il-qorti Kroati jwiegħbu kif xieraq u jitrattaw it-talbiet għall-indirizz kurrenti tal-persuna konċernata skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001.

**5 Fil-prattika, normalment kif jiġi notifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (ħlief in-notifika indiretta msemmija fil-punt 6 iktar 'l isfel)?**

Normalment id-dokumenti jiġu notifikati bil-posta jew minn uffiċjal tal-qorti maħtur għal dan il-għan. Il-metodi alternattivi li jistgħu japplikaw huma elenkati fil-Artikoli 133-137 taċ-CPA. Dawn jinkludu n-notifika ta' dokumenti permezz ta' korp amministrattiv kompetenti, nutar pubbliku, direttament il-qorti jew inkella b'ittra elettronika skont liġijiet differenti. F'ċerti każijiet id-dokumenti jistgħu jiġu notifikati wkoll permezz tal-pubblikazzjoni fuq il-bord tal-bullettini tal-qorti.

**6 Hija permessa n-notifika elettronika ta' dokumenti (notifika ta' dokumenti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, bħall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa permess dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatarju (professionist tal-liġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?**

In-notifika tad-dokumenti b'telefonata, faks jew ittra elettronika hija possibbli fil-każijiet stipulati fil-ħames paragrafu tal-Artikolu 193 taċ-CPA u s-seba' paragrafu tal-Artikolu 321 taċ-CPA (notifika maħruġa minn qorti tal-appell lil qorti tal-prim'istanza illi appell diġa' ġie deċiż u notifika mill-qorti tal-prim'istanza lil qorti tal-appell dwar l-irtir ta' appell jew deċiżjoni mill-partijiet biex jaslu għal ftehim).

L-Artikolu 495 taċ-CPA jipprovdi illi f'każijiet urġenti data għal seduta ta' smiġh tista' tiġi f'fissata b'telefonata, telegramm jew ittra elettronika skont liġijiet separati jew b'modi xierqa oħra. Trid issir nota uffiċjali ta' dan jekk ma jkunx hemm prova oħra bil-miktub illi ġiet iffissata seduta.

L-Artikolu 507 jipprovdi illi formoli skont ir-Regolament Nru 861/2007 u talbiet oħra jew dikjarazzjonijiet jistgħu jiġu ppreżentati fil-forma ta' sottomissjonijiet bil-faks jew ittra elettronika. Il-Ministru responsabbli għall-affarijiet ġudizzjarji jrid joħroġ regoli separati għas-sottomissjoni tal-atti bil-faks jew ittra elettronika u fir-regoli jrid jispesjifika wkoll id-data li minha jibdeu japplikaw. Minħabba l-fatt illi r-regoli msemmija s'issa għadhom ma ħarġux, il-kundizzjonijiet tekniċi biex tintuża din it-tip ta' komunikazzjoni għadhom mhumiex sodisfatti.

Madankollu, fil-prinċipju l-Artikoli 492a, 492b u 492c jistipulaw il-metodu ta' notifika u r-regoli għan-notifika ta' sottomissjonijiet bil-posta elettronika fi proċedimenti quddiem il-qorti kummerċjali. Jekk iridu jintużaw mezzi elettroniċi tal-komunikazzjoni jeħtieġ illi jinħarġu regoli li jistabbilixxu l-kontenut u l-istruttura tal-forma ta' dawn il-komunikazzjonijiet, il-kundizzjonijiet li taħthom is-sottomissjonijiet jistgħu jiġu notifikati b'ittra elettronika, ir-rekords li jridu jsiru meta dawn jintbagħtu b'ittra elettronika (is-sura tal-ittra elettronika) u l-organizzazzjoni u l-funzjonalitajiet tas-sistema ta' informazzjoni. Minħabba li r-regoli msemmija s'issa għadhom ma nħarġux, il-prerekwiżiti tekniċi għall-użu ta' dawn il-komunikazzjonijiet għadhom ma daħħlax fis-seħħ.

## **7 Notifika "Indiretta"**

**7.1 Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika fejn ma jkunx possibbli li d-dokumenti jkun nnotifikati lid-destinatarju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamar)?**

It-tieni paragrafu tal-Artikolu 142 taċ-CPA jistabbilixxi li fejn dokument għandu jiġi notifikat lil persuna u din il-persuna mhix fl-indirizz stipulat fl-ilment jew fid-dokument, l-uffiċjal li jrid jinnotifika d-dokument irid jikseb informazzjoni dwar id-data u l-post fejn se jkun id-destinatarju f'dak l-indirizz u jista' jħalli avviż bil-miktub lill-persuna stipulata fl-ewwel, fit-tieni jew fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 141 taċ-CPA li titlob lil dik il-persuna biex tkun id-dar jew fuq il-post tax-xogħol tagħha f'ċerta data u ħin sabiex tirċievi d-dokument. Jekk wara dan l-avviż l-uffiċjal tan-notifika jibqa' ma jistax isib lill-persuna li lilha jridu jiġu notifikati d-dokumenti, huwa jmxexxi kif previst fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 141 taċ-CPA, skont il-metodu ta' notifika tad-dokument.

B'rabta ma' dan, fil-prattika, jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 37 tal-Att dwar is-Servizzi tal-Posta ((NN Nos 144/12 u 153/13) bħala notifika ta' sostituzzjoni. L-Att jipprovdi illi l-konsenji postali, minbarra l-konsenji postali ordinarji, jridu jiġu konsenjati lid-destinatarju, lir-rappreżentant legali tiegħu jew lil persuna awtorizzata b'prokura. B'deroga minn dan, meta pakkett postali ma jistax jintbagħat lill-ebda mill-persuni mniżżla, il-pakkett jista' jingħata lil adult fl-unità domestika, lil persuna impjegata b'mod permanenti fl-unità domestika jew stabiliment tan-negozju tad-destinatarju jew lil persuna awtorizzata fl-istabiliment tan-negozju tal-entità legali jew persuna fiżika fejn jaħdem b'mod permanenti d-destinatarju. Jekk il-konsenji ma jistgħux jingħataw bil-metodu deskritt, jitħalla avviż fil-kaxxa tal-ittri tad-destinatarju li jindika fejn u meta jista' jiġbor il-konsenja. Normalment il-posta tħalli nota li tindika illi l-konsenja tista' tinġabar fl-uffiċċju speċifiku tal-posta fi żmien ħamest ijiem mid-data li fiha wasslet in-nota. Jekk id-destinatarju ma jiġborx il-konsenja fiż-żmien previst, il-fornitur tas-servizz jirritorna l-konsenja lil min bagħtha.

Bħala metodu tal-aħħar rikors dokument jista' jiġi notifikat fuq il-bord tal-bullettini tal-qorti (Artikoli 133b, 134a, 134b, 143 u 144 taċ-CPA).

**7.2 Jekk japplikaw metodi oħrajn, id-dokumenti meta jitqiesu li ġew innotifikati?**

Jekk jintuża metodu ieħor għan-notifika, id-dokumenti jitqiesu li ġew notifikati fil-ġurnata li fiha ngħataw lid-destinatarju jew lil persuna awtorizzata tirċievi d-dokument f'isem id-destinatarju jew, jekk in-notifika saret fuq il-bord tal-bullettini, wara li jiskadu tmint ijiem minn meta d-dokument ġie mehmuż fuq il-bord tal-bullettini.

**7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika huwa d-depożitu tad-dokumenti f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatarju kif ikun infurmat b'dak id-depożitu?**

L-Artikolu 37 tal-Att dwar is-Servizzi Postali (NN Nos 144/12 u 153/13) jipprovdi illi l-konsenji postali, minbarra konsenji ordinarji, għandhom jaslu għand id-destinatarju personalment, għand ir-rappreżentant legali tiegħu jew persuna li għandha l-awtorizzazzjoni ta' prokura. B'deroga minn dan, meta pakkett postali ma jistax jintbagħat lill-ebda mill-persuni mniżżla, il-pakkett jista' jingħata lil adult fl-unità domestika, lil persuna impjegata b'mod permanenti fl-unità domestika jew stabiliment tan-negozju tad-destinatarju jew lil persuna awtorizzata fl-istabiliment tan-negozju tal-entità legali jew persuna fiżika fejn jaħdem b'mod permanenti d-destinatarju. Jekk il-konsenji ma jistgħux jingħataw bil-metodu deskritt, jitħalla avviż fil-kaxxa tal-ittri tad-destinatarju li jindika fejn u meta jista' jiġbor il-konsenja. Jekk id-destinatarju ma jiġborx il-konsenja fiż-żmien previst, il-fornitur tas-servizz jirritorna l-konsenja lil min bagħtha.

Jekk, wara talba ta' persuna speċifika u l-approvazzjoni tal-president tal-qorti, issir in-notifika fil-qorti, id-dokumenti indirizzati lilha mill-qorti jiġu mqiegħda f'kaxxa postali f'kamra magħżula mill-qorti għal dan il-għan. In-notifika ssir minn uffiċjal tal-qorti. Il-president tal-qorti jista', permezz ta' sentenza mogħtija f'proċedimenti amministrattivi, jordna illi l-avukat kollha li għandhom uffiċċji tar-reġistru propji u nutara pubbliċi b'uffiċċji prinċipali fit-territorju tal-qorti jridu jirċievu d-dokumenti tal-qorti fil-kaxxa postali msemmija fl-Artikolu 134(b) taċ-CPA). F'dawk iċ-ċirkostanzi l-persuni mniżżla huma obbligati jiġbru d-

dokumenti fi żmien tmint ijiem. Jekk dokument ma jinġabarx f'dak il-perjodu ta' żmien id-dokument jiġi meħmuż fuq il-bord tal-bullettini tal-qorti. Dokument jitqies li għie nnotifikat mal-iskadenza tat-tmien jum minn meta jkun għie meħmuż fuq il-bord tal-bullettini tal-qorti.

#### **7.4 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokumenti, xi jkun l-konsegwenzi? Id-dokumenti jitqiesu bħala effettivament innotifikati jekk ir-rifjut ma jkunx leġittimu?**

Jekk id-destinatarju jirrifjutaw li jiffirmaw in-nota ta' konsenja, min iwassal iċ-ċitazzjoni jniżżel dan il-fatt fuq in-nota tal-konsenja kif ukoll tad-data ta' notifika u d-dokument mbagħad jitqies li għie notifikat (l-Artikolu 149(3) taċ-CPA).

#### **8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki)**

##### **8.1 Jekk is-servizz postali jwassal dokument mibgħut minn barra lil destinatarju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn tal-aċċettazzjoni tal-irċevuta (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki), is-servizz postali jista' jħalli d-dokument biss mad-destinatarju stess jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-posta, iħalli d-dokument ukoll ma' persuna oħra fl-istess indirizz?**

L-Artikolu 507c jipprovdi illi l-prova tan-notifika tad-dokumenti skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 1393/2007 għandha ssir permezz ta' nota ta' ritorn jew dokument ekwivalenti. Dokument li jrid jiġi notifikat jew imwassal minn post fir-Repubblika tal-Kroazja fi ħdan it-tifsira tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 1393/2007 jista' jiġi notifikat ukoll permezz ta' ittra reġistrata flimkien ma' nota ta' ritorn.

l-CPA ma jistipulax illi n-notifika tad-dokumenti fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 1393/2007 għandha ssir lid-destinatarju biss u għalhekk id-dispożizzjonijiet taċ-CPA li jirregolaw il-konsenja personali fil-fatt jipprovdu għan-notifika "sostitwita".

##### **8.2 Skont ir-regoli tal-posta f'dan l-Istat Membru kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tan-Notifiki Nru 1393/2007, jekk la d-destinatarju u lanqas ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-posta – ara fuq) ma jkun instab fl-indirizz fejn tkun intbagħtet?**

Id-dispożizzjonijiet taċ-CPA li jirregolaw metodi ta' "sostituzzjoni" jew alternattivi ta' konsenja personali jistipulaw illi d-dokumenti jistgħu jiġu meħmuża fuq il-bord tal-bullettini tal-qorti fl-aħħar rikors biex b'hekk in-notifika titqies li saret fir-Repubblika tal-Kroazja.

##### **8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perjodu speċifiku għall-ġbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għax ma twasslux? Jekk iva, kif ikun infurmat id-destinatarju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?**

It-tieni paragrafu tal-Artikolu 142 taċ-CPA jipprovdi illi jekk il-persuna li lilha trid issir in-notifika tad-dokument ma tinstabx fil-post indikat għan-notifika skont l-informazzjoni mogħtija fl-ilment jew rekords uffiċjali, il-persuna li trid twettaq in-notifika trid tiġi infurmata dwar fejn u meta hija tista' ssib lil dik il-persuna. Barra minn hekk, il-persuna li twettaq in-notifika għandha tħalli, ma xi ħadd mill-persuni msemmija fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet paragrafi tal-Artikolu 141 taċ-CPA, avvizz bil-miktub lid-destinatarju li jindika l-għurnata u s-siegħa meta għandu jkun id-dar jew fuq il-post tax-xogħol biex jirċievi d-dokument. Jekk, wara dan, id-destinatarju jkun għadu ma nstabx, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 141 taċ-CPA u n-notifika titqies li saret b'mod xieraq.

##### **9 Ikun hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun għie nnotifikat?**

L-Artikolu 149 taċ-CPA jgħid illi ċ-ċertifikat tan-notifika (in-nota tal-konsenja) jrid jiġi ffirmat mid-destinatarju, li jrid iniżżel id-data li fiha rċieva n-nota ta' konsenja. Jekk id-dokument jiġi notifikat lil korp statali, entità legali jew persuna fiżika li għandha attività ta' negozju reġistrata, id-destinatarju jrid mhux biss jiffirmah iżda juża t-timbru jew siġill uffiċjali ta' dak il-korp jew entità. F'każ illi man-notifika ta' dokument lil korp jew entità dawn tal-aħħar ma jużawx is-siġill jew timbru tagħhom fuqu, il-persuna li qed twettaq in-notifika trid tniżżel ir-raġunijiet fuq in-nota tal-konsenja. Jekk id-destinatarju ma jafx jikteb u jaqra jew ma jstax jiffirma ismu, il-persuna li qed twettaq in-notifika tiktibli ismu u kunjomu, tniżżel, bl-ittri, id-data tan-notifika u tehmeż nota li tgħid għalfejn mhemmx il-firma tad-destinatarju. Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jiffirma n-nota ta' konsenja, il-persuna li wasslitu jieħu nota ta' dan fuq in-nota ta' konsenja u jikteb bl-ittri id-data tan-notifika u d-dokument irid jitqies li għie notifikat. Jekk in-notifika ssir skont id-dispożizzjonijiet tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 142 CPA in-nota tal-konsenja għandha, flimkien ma' ċertifikat tal-irċevuta tad-dokument tindika illi kien hemm avvizz bil-miktub qabel. Meta, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, id-dokument jiġi notifikat lil persuna oħra u mhux lill-persuna li lilha huwa indirizzat id-dokument, dak li jwettaq in-notifika għandu jindika fuq in-nota tal-konsenja it-tip ta' relazzjoni bejn dawk iż-żewġ persuni. Jekk id-dokument mhux se jiġi notifikat lil korp statali jew entità legali min qed iwettaq in-notifika jrid, jekk il-persuna mhix magħrufa lilu, jitlobha tidentifika ruħha. Min iwettaq in-notifika jrid jikteb isem u kunjom il-persuna li lilha twassal id-dokument fuq in-nota ta' konsenja u jindika jekk kienx jafha jew alternattivament jiddikjara n-numru tal-karta tal-identità mogħtija lilu biex jiverifika l-identità tagħha u tal-persuna li pprovdi id-dokument ta' identifikazzjoni. Persuna li twettaq notifika li mhix nutar pubbliku trid tikteb b'mod li jinftiehem isimha u kunjomha u l-istat soċjali tagħha fuq in-nota ta' konsenja u tiffirmaha wkoll. Jekk ikun meħtieġ, hija tista' toflok rekord separat għan-notifika/konsenja u tehmżu man-nota ta' konsenja. Jekk tkun għet imniżżla d-data l-ħażina fuq in-nota ta' konsenja n-notifika titqies li saret fil-jum li fi h għie konsenjat id-dokument. Jekk in-nota ta' konsenja ntilfet in-notifika tista' tiġi ppruvata b'modi oħra.

It-tielet u r-raba' paragrafu tal-Artikolu 133a taċ-CPA jipprovdu illi n-nutar pubbliku jrid juri rekords dwar il-wasla tad-dokument u l-miżuri li ttieħdu għan-notifika tad-dokument. In-nutar pubbliku jrid jippreżenta lill-qorti mingħajr dewmien kopja ċertifikata tar-rekord tal-irċevuta tad-dokument li jrid jiġi notifikat u ċertifikat tan-notifika flimkien ma' kopja ċertifikata tar-rekord tan-notifika jew dokument li ma setax jiġi notifikat flimkien ma' kopja ċertifikata tar-rekord tal-miżuri li ttieħdu.

##### **10 X'jiġi jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirċevix id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi notifikat lil terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika ġdida tad-dokument?**

Id-destinatarju jew persuna li lilha jrid jiġi notifikat id-dokument huma awtorizzati jirrifjutaw li jaċċettaw dokument biss jekk in-notifika saret f'ħin jew post jew b'metodu mhux previst mil-liġi. Madankollu, jekk id-destinatarju jew persuni li jridu jirċievu dokument minkejja kollox jirrifjutaw kontra l-liġi jew jekk jarmuh jew jeqirduh qabel ma jaqraw, dan ir-rifjut ikun mingħajr preġudizzju għall-konsegwenzi legali tad-dokument notifikat (VsSr Gzz 61/73 – ZSO 4/76-140).

Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jiffirma n-nota ta' konsenja, min iwassal in-notifika iniżżel dan il-fatt fuq in-nota tal-konsenja kif ukoll tad-data ta' notifika u d-dokument mbagħad jitqies li għie notifikat (l-Artikolu 149(3) taċ-CPA).

Meta tiġi rifjutata n-notifika l-aħħar mezz biex issir in-notifika huwa li d-dokument jiġi meħmuż fuq il-bord tal-bullettini tal-qorti. Id-dokument jitqies li għie nnotifikat mal-iskadenza tat-tmien jum minn meta jkun għie meħmuż fuq il-bord tal-bullettini tal-qorti.

B'rabta man-notifika ta' dokumenti lil terzi persuni għandu jiġi nnutat illi meta d-dokument jingħata lil persuna għajr id-destinatarju, ir-relazzjoni bejniethom trid tiġi indikata fuq in-nota ta' konsenja (il-ħames paragrafu tal-Artikolu 149 CPA). Jekk id-dokument mhux se jiġi notifikat lil korp statali jew entità legali min qed iwettaq in-notifika jrid, jekk il-persuna mhix magħrufa lilu, jitlobha tidentifika ruħha. Min iwettaq in-notifika jrid jikteb isem u kunjom il-persuna li lilha twassal id-dokument fuq in-nota ta' konsenja u jindika jekk kienx jafha jew alternattivament jiddikjara n-numru tal-karta tal-identità mogħtija lilu biex jiverifika l-identità tagħha u tal-persuna li pprovdi id-dokument ta' identifikazzjoni. Persuna li twettaq notifika li mhix nutar pubbliku trid tikteb b'mod li jinftiehem isimha u kunjomha u l-istat soċjali tagħha fuq in-nota ta' konsenja u tiffirmaha wkoll. Jekk ikun meħtieġ, hija tista' toflok rekord separat għan-notifika/konsenja u tehmżu man-nota ta' konsenja. Jekk tkun għet imniżżla d-data l-ħażina fuq in-nota ta' konsenja, in-notifika titqies li saret fil-jum li fi h għie konsenjat id-dokument. Jekk in-nota ta' konsenja ntilfet in-notifika tista' tiġi ppruvata b'modi oħra.

Jekk id-dokument ma jiġix notifikat b'diliġenza, u b'hekk jirriżulta dewmien sinifikanti fil-proċedimenti, hija tista' teħel multa mill-qorti.

##### **11 Hemm xi ħlas għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-ħlas?**



L-Artikolu 63 tar-Regolament jipprovi illi l-ispejjeż tal-konsenja bil-posta jiġu mħallsa minn u jinżamm kont tagħhom skont ir-regoli li jirregolaw is-servizzi tal-posta.

Il-ħames, is-sitt u s-seba' paragrafu tal-Artikolu 133a taċ-CPA jipprovi illi l-partijiet jħallsu għas-servizzi ta' nutar pubbliku billi jħallsu lin-nutar innifsu. In-nutara pubbliċi li ma jirċevux pagament bil-quddiem biex ikopru l-ispiża tas-servizz ma għandhomx għalfejn jinnotifikaw id-dokument. In-nutar pubbliku jipprovi rekord ta' dan u jinnotifika lill-qorti direttament. Il-partijiet ma għandhomx l-obbligu jħallsu t-tariffi ta' nutar pubbliku għal kull miżura li ttitteħed sabiex dokument jiġi notifikat permezz ta' nutar pubbliku. L-ispejjeż ta' notifika permezz ta' nutar pubbliku jiġu nklużi fl-ispejjeż legali jekk il-qorti tqis li huwa meħtieġ. It-tariffi u l-kumpens ta' nutar pubbliku talli pprova servizz huma regolati mir-Regoli dwar it-tariffi temporanji tan-nutara pubbliċi (NN Nos 97/01 and 115/12). Il-ħames paragrafu tal-Artikolu 146 taċ-CPA jgħid illi l-fondi biex ikopru l-ispejjeż għall-ħatra u l-prestazzjoni ta' rappreżentant tal-konvenut li jkollu d-dmir jirċievi d-dokumenti għandhom jifhallsu bil-quddiem mir-rikorrent skont sentenza tal-qorti li minnha mhemmx appell. Jekk ir-rikorrent ma jħallasx bil-quddiem fiż-żmien previst għal dan il-għan, il-kawża tiġi miċħuda.

B'rabta mal-ispejjeż tan-notifika permezz ta' uffiċjal maħtur mill-qorti, l-ispejjeż assoċjati jifhallsu bil-quddiem f'ammont determinat mill-qorti. Din il-prattika hija prevista mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 49 tar-Regoli tal-Qorti tal-Proċedura (NN No 35/15) li jgħidu illi dawk il-miżuri uffiċjali biss jistgħu isiru barra l-bini tal-qorti li huma neċessarji biex tissolva kwistjoni skont il-liġi; l-Artikolu 50 tal-istess Att jipprovi illi l-irkupru tal-ispejjeż għall-attivitàjiet li jsiru barra l-qorti għandu jiġi trattat taħt regoli separati u li dawk l-attivitàjiet barra l-qorti li saru u fħallsu minn partijiet skont sentenza tal-qorti jistgħu fil-prinċipju jsiru biss wara li l-parti konċernata tkun iddepożitat l-ammont stipulat tal-ħlas bil-quddiem.

L-aħħar aġġornament: 31/10/2018

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-avtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## In-notifika ta' atti - Italja

### 1 F'termini prattiċi xi fisser it-terminu legali "notifika ta' dokumenti"? Għaliex hemm regoli speċifiċi dwar in-"notifika ta' dokumenti"?

In-notifika ta' dokumenti hija proċedura kkodifikata li permezz tagħha persuna fiżika jew ġuridika tista' tiġi infurmata b'pass legali, b'diversi effetti stabbiliti lill-hinn mil-liġi.

Il-liġi tipprovdi proċeduri speċifiċi għan-notifika ta' dokumenti sabiex ikun jista' jiġi ggarantit li d-destinatarji jiġu infurmati legalment dwar tali dokumenti, li jrid iseħħ jekk id-dokument għandu jipproduċi l-effetti intiżi tiegħu. Dan ifisser li, ladarba jkun hemm konformità mal-proċedura meħtieġa għan-notifika, id-destinatarju jitqies li jkun jaf bid-dokument, u li ma hemm l-ebda bżonn li jiġi ppruvat li d-destinatarju tabilħaqq jaf bih; id-dokument jista' mbagħad jipproduċi l-effetti fil-liġi mixtieqa tiegħu.

### 2 Liema dokumenti jeħtieġ li jkunu notifikati b'mod formali?

Notifika sempliċi (comunicazione) titwettaq f'każijiet fejn huwa previst minn statut jew ordnat mill-qorti; hawnhekk jingħata avviż qasir tad-dokument u tal-fatt li jeħtieġ jiġi kkomunikat. In-notifika sempliċi ssir sabiex il-partijiet jew persuni oħra involuti fil-kawża tal-qorti jiġu infurmati li ttieħdu passi speċifiċi fil-kawża jew li nħarġu ċerti dokumenti proċedurali (e.ż. id-dħul ta' sentenza tal-qorti, deċiżjoni għall-iskedar ta' smiġh jew għad-diferiment ta' smiġh, jew ordni li ssir mill-qorti lill-hinn mis-smiġh formali).

Notifika formali (notificazione) trid titwettaq f'kawżi fejn huwa previst mill-istatut, u tikkonsisti mill-kunsinna ta' kopja attestata tad-dokument oriġinali li jrid jiġi kkunsinjat. Id-dokumenti kkunsinjati b'dan il-mod jistgħu joħorġu mill-qorti (e.ż. sentenzi fejn il-ħin permess għall-appell jirriżulta mill-ħin għan-notifika) jew mill-partijiet għal kawża (e.ż. ċitazzjonijiet għal smiġh dwar il-merti).

Notifika sempliċi ssir mir-reġistratur tal-qorti (il-cancelliere; Artikolu 136 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili – Codice di Proċedura Civile, "CPC").

### 3 Min hu responsabbli biex jinnotifika dokument?

In-notifika formali ssir:

- Ġeneralment minn marixxall (ufficiale giudiziario), fuq rikors ta' parti jew mis-servizz tal-prosekuzzjoni (pubblico ministero) jew ir-reġistratur (Artikolu 137 CPC). Il-marixxalli jaġixxu f'konformità mar-regoli preċiżi tal-awtorità territorjali (Artikoli 106 u 107 tad-Digriet Presidenzjali (Decreto del Presidente della Repubblica) Nru 1229 tal-15 ta' Diċembru 1959). Il-marixxalli huma l-uniċi aġenti kompetenti taħt l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 għat-trażmissjoni u r-riċevuta ta' dokumenti għan-notifika ġo u minn Stat Membru ieħor.

- F'ċerti ċirkostanzi, minn avukat (avvocato). Avukat huwa awtorizzat li jagħmel notifika formali jew bil-posta, dejjem jekk għandu prokura xierqa fil-kawża u l-awtorizzazzjoni li jagħmel dan mill-kunsill tal-kamra tal-avukati (Consiglio dell'Ordine) li jipprattika fiha, jew permezz ta' kunsinna diretta lill-indirizz ta' avukat ieħor awtorizzat li jaċċetta notifika f'isem waħda mill-partijiet u li huwa rreġistrat mal-istess kunsill tal-kamra tal-avukati bħala l-avukat li jwettaq in-notifika (Liġi Nru 890/1982 u Liġi Nru 53/1994). Barra minn hekk, avukat ma għandux bżonn awtorizzazzjoni mill-kunsill tal-kamra tal-avukati biex iwettaq notifika formali permezz ta' email attestata (posta elettronica certificata, "PEC") lill-indirizz tal-email miksub mingħand ir-reġistri pubbliċi (Artikolu 3 bis tal-Liġi Nru 53/1994).

### 4 Tifix tal-indirizz

#### 4.1 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, l-awtorità rikjesta f'dan l-Istat Membru tipprova u tistabbilixxi hi bl-inizjattiva tagħha fejn tinsab il-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokumenti ladarba din ma tkunx għadha toqgħod fl-indirizz magħruf mill-awtorità rikjedenti?

L-awtorità riċeventi għall-Italja hija l-Uffiċċju Uniku tal-Bailiffs fil-Qorti tal-Appell ta' Ruma (Ufficio Unico degli Ufficiali Giudiziari presso la Corte di Appello di Roma, li jinsab f'Ruma fi Viale Giulio Cesare 52); dan jittrażmetti t-talba għal notifika lill-marixxall xieraq għall-post.

Jekk id-destinatarju ma jkunx jista' jinstab fl-indirizz mogħti mill-parti riċeventi, il-marixxall jieħu l-passi li ġejjin:

- Persuni fiżiċi: jistaqsi lill-dawk li jgħixu fl-indirizz mogħti jew lill-ġirien, jistaqsi fl-uffiċċju tar-reġistru tal-popolazzjoni lokali (servizio anagrafe del comune) (jekk id-data u l-post ta' twelid ikunu indikati fuq id-dokument).

- Persuni ġuridiċi: il-marixxall jirritorna d-dokument lill-parti rikjedenti sabiex din tal-aħħar tkun tista' titlob notifika lir-rappreżentant legali tad-destinatarju. F'dan il-każ, l-isem tar-rappreżentant legali u r-residenza personali tiegħu jridu jiġu inklużi fid-dokument (Artikolu 145 CPC).

#### 4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-indirizz attwali tal-persuna? Jekk iva, x'reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhil-proċedura li trid tiġi segwita? Xi f'ħlas irid isir, jekk hemm?

L-indirizz irid jiġi pprovdut mill-awtorità jew mill-parti rikjedenti, li tiksbu mid-dokumenti disponibbli għaliha. Jekk tkun saret tifixa, għal darb'oħra trid issir distinzjoni bejn:

- Persuni fiżiċi: F'materji ċivili ma hemm l-ebda reġistru ċentrali; għandu jifitxet ċertifikat mill-uffiċċju tar-reġistru tal-popolazzjoni lokali, li normalment iwieġeb għal talbiet bil-miktub immotivati mill-partijiet jew mill-avukati tagħhom, u jindika jekk hemmx tariffa (f'Ruma bħalissa hi ta' EUR 0,26 għal kull ċertifikat) jew kwalunkwe ħaġa oħra meħtieġa (b'mod ġenerali envelopp stampat bl-indirizz tar-rikorrent għar-risposta). Mill-2016, iċ-ċertifikati tar-reġistru tal-popolazzjoni mitluba mid-ditti tal-avukati għan-notifika ta' dokumenti legali ġew eżentati mit-taxxa tal-boll, u jekk jintalbu b'mod elettroniku jiġu eżentati wkoll mit-tariffa ta' amministrazzjoni ta' EUR 0,26.

- Persuni ġuridiċi u kumpaniji: Ir-reġistru tal-kumpaniji huwa pubbliku, u huwa mmaniġġjat mill-kamra provinċjali tal-kummerċ (camera di commercio). Dan jista' jiġi kkonsultat permezz tal-portal registroidmprese.it. Hemm tariffa minima ta' madwar EUR 7,00. Hemm ukoll assoċjazzjonijiet professjonali u fornituri tal-web li jfornu l-informazzjoni mixtieqa lill-abbonati.

#### **4.3 L-awtoritajiet f'dan l-Istat Membru kif jitrattaw talba mibgħuta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali bl-għan li jinstab l-indirizz attwali ta' persuna?**

Mhuwix possibbli li titlob indirizz fl-Italja abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1206/2001.

#### **5 Fil-prattika, normalment kif jiġi notifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (ħliet in-notifika indiretta msemmija fil-punt 6 iktar 'l isfel)?**

Notifika sempliċi ssir b'"nota ta' reġistru" (biglietto di cancelleria), li tista' tkun f'forma ta' karta jew tintbagħat permezz ta' email attestata (PEC), kif previst fl-Artikolu 136 CPC (Kif emendat mil-Liġi Nru 183/2001). Jekk in-nota tkun f'forma ta' karta din tkun f'żewġ partijiet, b'waħda minnhom tintbagħat mir-reġistratur tal-qorti lid-destinatarju, li jiffirma l-formola tar-riċevuta, filwaqt li l-oħra tinżamm fil-fajl fir-reġistru. Jekk in-nota tintbagħat permezz ta' email attestata, din tkun tikkonsisti minn messaġġ mibgħut li l-avukat aktarx indika matul it-taħrika jew dokument inizzjali ieħor.

L-emails iċċertifikati saru obbligatorji għan-notifika sempliċi mad-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 16(4) tad-Digriet Leġiżlattiv (Decreto Legislativo) Nru 179/2012, li jipprovdi li n-notifika sempliċi u n-notifika formali mir-reġistru jridu jitwettqu esklussivament permezz ta' mezz elettroniku għall-indirizz tal-PEC.

Jekk mhux possibbli li ssir kunsinna permezz ta' PEC, in-nota tar-reġistru tista' tintbagħat bil-faks, jew tiġi mgħoddija lill-marixxall għal notifika formali.

In-notifika formali titwettaq mill-marixxall; jekk l-indirizz ikun fil-muniċipalitá (comune) li fiha jinsab l-uffiċċju tal-marixxall, il-marixxall jikkonsenja d-dokument hu stess, filwaqt li jekk l-indirizz ikun jinsab barra mill-muniċipalitá, il-marixxall jippreżenta jinnotifika d-dokument bil-posta (Artikoli 106 u 107 tad-Digriet Presidenzjali Nru 1229/1959) sakemm il-parti jew l-awtoritá rikjedenti ma jitolbux espressament in-notifika personali. In-notifika formali tikkonsisti mill-kunsinna lid-destinatarju ta' kopja attestata tal-orġinali (Artikolu 137 tas-CPC) u trid titwettaq bejn is-07.00 u d-21.00 mit-Tnejn sal-Ġimgħa (Artikolu 147 tas-CPC).

Notifika formali b'notifika personali: Il-marixxall jikkunsinja l-kopja lid-destinatarju hu stess, preferibbilment f'daru sabiex tiġi protetta l-privatezza tiegħu, iżda minbarra dan kullimkien fil-limiti tal-awtoritá territorjali tal-marixxall.

Meta persuna fiżika jew ġuridika tkun indikat ir-residenza jew l-uffiċċju ta' persuna oħra bħala indirizz għan-notifika, id-dokumenti jridu jiġu kkunsinjati lill-persuna speċifikata biex tirċievi n-notifika f'dak l-indirizz, u titqies bħala li tikkostitwixxi notifika lid-destinatarju (Artikolu 141 CPC). Bħala eċċezzjoni għal din ir-regola, taħrik bil-għan ta' zġumbrament (citazioni per convalida di sfratto), titoli li jistgħu jkunu infurzati (titoli esecutivi) u ordnijiet li jeħtieġu pagament (preċetti di pagamento) ma jistgħux jiġu kkunsinjati lill-indirizz magħżul għan-notifika.

In-notifika lil amministrazzjonijiet Statali, bil-liġi, trid tiġi mwettqa fl-Uffiċċju Legali tal-Istat (Avvocatura di Stato, Artikolu 144 tas-CPC).

Fil-każ ta' notifika lil persuna ġuridika, id-dokument jiġi kkunsinjat lir-rappreżentant jew lil persuni oħra mogħtija s-setgħa li jirċievu notifika fl-uffiċċju rreġistrat tal-kumpanija, jew fl-assenza ta' tali persuni, lill-purtinar, iżda f'dan il-każ in-notifika tista' ssir ukoll lil persuna fiżika li tirrappreżenta l-kumpanija, filwaqt li jiġu applikati l-proċeduri għal notifika formali għal persuni fiżiċi, dejjem jekk id-dokument li jrid jiġi kkunsinjat jindika li l-persuna hija rappreżentant u jindika wkoll ir-residenza, l-abitazzjoni jew iċ-ċentru ta' interessi tiegħu (Artikolu 145 tas-CPC).

Notifika formali bil-posta: Bħala alternattiva għan-notifika personali, notifika formali tista' ssir bil-posta, sakemm dan ma jkunx ipprobit espressament mil-liġi (Kif stabbilit mill-Artikolu 149 tas-CPC u mil-Liġi Nru 890/1982). Jekk in-notifika għandha titwettaq fil-muniċipalitá li fiha jinsab l-uffiċċju tal-marixxall, il-marixxall jista' juża s-servizz tal-posta; jekk in-notifika għandha titwettaq xi mkien ieħor, il-marixxall irid juża s-servizz tal-posta. F'dawn il-każijiet il-kopja tad-dokument titqiegħed f'envelopp speċjali għall-posta rreġistrata, flimkien ma' karta ta' konferma tar-riċevuta, it-tnejn li huma ħodor u jsegwu forma standard li tippermettilhom jiġu ntraċċati. Dan jippermetti wkoll lill-marixxall iwettaq notifika formali barra mit-territorju tiegħu.

#### **6 Hija permessa n-notifika elettronika ta' dokumenti (notifika ta' dokumenti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji permezz ta' mezz ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, bħall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-Internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa permess dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilitá / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatarju (professjonist tal-liġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?**

Mid-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 16(4) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 179/2012, in-notifika sempliċi bir-reġistru sseħħ esklussivament permezz ta' mezz elettroniċi għall-indirizz tal-email attestat (PEC); din il-proċedura issa ssir metodu primarju tat-tweqqif ta' notifika sempliċi, u tista' tintuża f'kull tip ta' proċediment. Huwa biss meta ma tkunx possibbli l-komunikazzjoni permezz tal-PEC li n-nota tar-reġistru tista' tintbagħat bil-faks, jew tingħata lill-marixxall għal notifika formali. In-notifika formali tista' titwettaq permezz ta' email iċċertifikata, u għal dan il-għan tista' tittieħed kopja elektronika mid-dokument tal-karta (Artikolu 149 bis tas-CPC). Din il-proċedura issa qed issir metodu ordinarju tat-tweqqif ta' notifika formali, kif ukoll alternattiva għan-notifika personali diretta f'idejn id-destinatarju, u tista' tintuża f'kull tip ta' proċediment.

Sabiex il-proċedura topera kif xieraq, diversi partijiet huma meħtieġa jagħmlu l-indirizz tal-email iċċertifikat tagħhom disponibbli fuq ir-reġistri xierqa: operaturi fil-qasam tal-ġustizzja, persuni ġuridiċi, impriżi kummerċjali, u korpi pubbliċi. Dan jippermetti lill-marixxall u lir-rappreżentant legali ta' parti jwettqu notifika formali fil-forma ta' dokument elettroniku awtentiku, iffirmit b'mod diġitali, u kkunsinjat lill-indirizz tal-PEC (Artikolu 149 bis tas-CPC) miksub minn reġistru pubbliku.

Ir-riċevuta tan-notifika formali trid tinkludi ċertifikat ta' konformitá tal-kopja diġitali bid-dokument li minnu ġiet ikkupjata, u r-rekords ta' aċċettazzjoni tal-fornitur tas-servizz u tal-kunsinna fl-inbox tad-destinatarju, bit-tnejn ikun fihom il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-messaġġ.

Mhuwix permess li titwettaq notifika sempliċi jew notifika formali permezz ta' forom oħra ta' komunikazzjoni elettronika (pereżempju permezz ta' messaġġ testwali, jew lill-indirizz tal-email li mhux l-indirizz tal-PEC), minħabba li dawn il-metodi ma jipprovdux garanzija legali li d-destinatarju jkun irċieva l-messaġġ.

#### **7 Notifika "indiretta"**

##### **7.1 Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika fejn ma jkunx possibbli li d-dokumenti jkunu nnotifikati lid-destinatarju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamar)?**

Notifikazzjoni formali permezz ta' notifika personali

In-notifika tista' titwettaq ukoll fir-residenza abitwali tad-destinatarju (abituale dimora), u jekk din ma tkunx magħrufa, f'muniċipalitá fejn dan għandu abitazzjoni temporanja (dimora temporanea), jew fil-muniċipalitá fejn dan stabbilixxa iċ-ċentru ewlieni tan-negozju u l-interessi tiegħu (domicilio), wara li jkun saru l-mistoqsijiet lill-persuni fid-dar jew fl-uffiċċju jew fil-post tan-negozju tiegħu.

Jekk id-destinatarju ma jkunx jista' jinstab f'dawn il-postijiet, il-kopja tista' tiġi kkunsinjata lil membru tal-familja tiegħu, jew lil persuna impjegata fid-dar jew fin-negozju tiegħu f'envelopp issiġillat, iżda mhux lil minuri li għandu anqas minn 14-il sena jew lil persuna li jidher biċ-ċar li ma tistax tiġi fdata biha. Il-kopja, li tkun għadha fl-envelopp issiġillat tagħha, tista' tiġi kkunsinjata wkoll lill-purtinar tal-binja jew lil ġar, li jeħtieġu jiffirma l-formola tar-riċevuta; f'dak il-każ jeħtieġ li d-destinatarju jiġi avżat b'ittra rreġistrata, mingħajr konferma tar-riċevuta, li n-notifika tkun saret. Jekk id-destinatarju abitwalment jgħix abbord bastiment tal-merkanzija, id-dokument jista' jiġi mgħoddi lill-kaptan tal-bastiment (Artikolu 139 tas-CPC).

L-Artikolu 146 tas-CPC jipprevedi li n-notifika lil persunal militari attiv, meta n-notifika lill-persunal ma tkunx possibbli, issir lis-servizz ta' prosekuzzjoni, li jibgħatha lill-kmandant tal-korp li għalih jappartjeni d-destinatarju.

Jekk in-notifika ma tkun possibbli bl-ebda mod deskritt, minħabba li dak il-ħin id-destinatarju jkun assenti u l-persuni l-oħra li jistgħu jirċievu d-dokument ikunu assenti, jew ma jkunux jistgħu jirċevuh, jew jirrifjutaw li jaċċettaw in-notifika, il-marixxall jiddepożita l-kopja tad-dokument, f'envelopp issiġillat, fiċ-ċentru municijali tal-municipalitá fejn in-notifika tiġi kkunsinjata, iwaħħal notifika ta' depożitu f'envelopp issiġillat mal-bieb tad-dar jew tal-uffiċċju tad-destinatarju, u jibgħat lid-destinatarju ittra rreġistrata b'konferma tar-riċevuta biex jinfirmah li d-dokument għe ddepożitat fiċ-ċentru municijali (Artikolu 140 tas-CPC).

Notifika formali fejn ir-residenza, l-abitazzjoni jew iċ-ċentru tal-interessi tad-destinatarju mhumiex magħrufa

Id-destinatarju jrid jiġi mfittex bl-użu ta' diliġenza ordinarja u b'bona fede. Jekk, madanakollu, id-destinatarju ma jkunx jista' jinstab, in-notifika titwettaq permezz tad-depożitu ta' kopja fiċ-ċentru municijali tal-aħħar post ta' residenza magħruf tiegħu, jew jekk l-ebda post ta' residenza ma jkun magħruf, fiċ-ċentru municijali tal-post tat-twelid tiegħu. Jekk anqas dan ma jkun magħruf, jew jekk dan ikun jinsab barra mill-pajjiż, id-dokument jiġi kkunsinjat lill-prosekutur (Artikolu 143 tas-CPC).

Metodi ta' notifika ordnati mill-qorti

Mal-applikazzjoni jew fuq mozzjoni tagħha stess, il-qorti tista' tordna metodi ta' notifika minbarra l-proċeduri kkodifikati f'ċirkostanzi partikolari jew għal raġunijiet ta' urġenza. Dawn il-metodi jistgħu jintgħażlu liberament, iżda jridu jiproteġu l-privattezza tad-destinatarju u d-dritt li jiddefendi ruħu (Artikolu 151 tas-CPC).

Eżempju komuni ta' awtorizzazzjoni huwa li jintbagħat pakkett permezz ta' trasportatur tal-posta li jiggarantixxi kunsinna rapida. Sistemi oħra, bħall-użu ta' telegrammi, issa huma antikwati

Notifika bi tħabbira pubblika

Mal-applikazzjoni minn waħda mill-partijiet, u wara s-smiġħ tal-opinjoni tal-prosekutur, il-qorti tista' tawtorizza notifika ta' dan it-tip meta jkun hemm numru kbir ta' destinatarji jew meta jkun diffiċli li jiġu identifikati kollha.

Kopja tad-dokument tiġi ddepożitata fiċ-ċentru municijali tal-municipalitá tal-qorti tal-proċedimenti, u estratt mid-dokument jiġi ppubblikat fil-Gazzetta Uffiċjali (Gazzetta Ufficiale della Repubblica); il-qorti tista' tordna wkoll il-pubblikazzjoni ta' estratt fl-aktar gazzetti ċirkulanti b'mod wiesa', jew bl-użu ta' forum oħra ta' reklamar (Artikolu 150 tas-CPC).

## 7.2 Jekk japplikaw metodi oħrajn, id-dokumenti meta jitqiesu li għew innotifikati?

In-notifika personali lil persuni minbarra d-destinatarju: id-data tan-notifika hija d-data tan-notifika lill-persuna li lilha għet ikkunsinjata l-kopja. Din hi d-data meta d-destinatarju jitqies legalment li sar jaf bid-dokument, għalkemm fil-fatt dan se jsir jaf bih biss wara.

Notifika formali skont l-Artikolu 140 tas-CPC: Il-formalitajiet meħtieġa għal tali notifika huma numerużi, u mhux neċessarjament jitlestew fl-istess jum. Il-każistika pprovidiet interpretazzjoni konklużiva tal-leġiżlazzjoni: hija stabbiliet li d-data meta titwettaq in-notifika, fir-rigward tar-rikorrent, tikkoinċidi mal-formalitá finali, jiġifieri l-bgħit tal-ittra rreġistrata li jkun fiha n-notifika tad-depożitu fiċ-ċentru municijali, filwaqt li fir-rigward tad-destinatarju din tkun id-data meta jiskadi l-perjodu taż-żamma ta' 10 ijiem l-uffiċċju tal-posta, jew id-data meta jinġabar id-dokument, jekk dan isir aktar kmieni.

Notifika formali bil-posta: In-notifika formali titqies effettiva, fir-rigward tar-rikorrent, fid-data meta d-dokument jinġabbar lill-marixxall, filwaqt li fir-rigward tad-destinatarju tiġi implimentata biss meta jitqies legalment li d-destinatarju għandu għarfien tad-dokument. Din hija d-data tal-kunsinna tad-dokument indikata fuq il-konferma tar-riċevuta; f'każijiet ta' assenza jew rifjut minn kull min jista' jkun kapaċi jieħu riċevuta, id-dokument jiġi ddepożitat fl-uffiċċju tal-posta, u f'dak il-każ id-data rilevanti tkun it-tmiem tal-perjodu taż-żamma ta' 10 ijiem fl-uffiċċju tal-posta, jew id-data tal-ġbir, jekk dan isir aktar kmieni. Jekk ikun hemm inċertezza, madanakollu, in-notifika formali tkun effettiva mid-data tal-bolla mwaħħla mill-uffiċċju tal-posta man-notifika mibgħuta lura lill-ispeditur.

Dokument miġbur ikun disponibbli għad-destinatarju għal sitt xhur, sabiex minkejja dan isir familjari aktar mal-kontenut.

Notifika formali meta r-residenza, l-abitazzjoni jew iċ-ċentru ta' interessi tad-destinatarju ma jkunux magħrufa

Id-dokument jitqies li għe kkunsinjat 20 jum wara d-depożitu jew il-kunsinna lill-prosekutur.

Metodi ta' notifika ordnati mill-qorti

Id-data tan-notifika tiddependi mill-metodu magħżul.

Notifika bi tħabbira pubblika

In-notifika tkun effettiva meta, il-marixxall, billi jsegwi l-proċeduri meħtieġa, iressaq lir-reġistru tal-qorti li quddiemha jkunu tressqu l-proċedimenti, kopja tar-rekord tan-notifika u tad-dokumenti li juri li tliegħet azzjoni mill-parti fuq talba tal-qorti (pubblikazzjoni tal-Gazzetta Uffiċjali, eċċ).

Notifika formali permezz tal-PEC

In-notifika titqies effettiva mill-mument li fih il-fornitur tan-notifika jagħmel id-dokument kompjuterizzat disponibbli fl-inbox tal-email tad-destinatarju. Għalhekk id-data tan-notifika hija dik tal-kunsinna, u ma hemm l-ebda bżonn li jiġi kkonfermat li r-riċevitur ikun qara l-messaġġ.

## 7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika huwa d-depożitu tad-dokumenti f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatarju kif ikun infurmat b'dak id-depożitu?

Notifika f'konformitá mal-Artikolu 140 tas-CPC: Mal-bieb tad-destinatarju, il-marixxall iwaħħal notifika f'envelopp issiġillat, notifika li tistabbilixxi l-għan tad-dokument u stedina biex jiġbru miċ-ċentru municijali; l-istess notifika tintbagħat lid-destinatarju permezz ta' ittra rreġistrata b'konferma ta' riċevuta.

L-uffiċċju tal-posta jikkunsinja din l-ittra rreġistrata lid-destinatarju, jew lil persuna xierqa oħra; u jekk tali persuna ma tkunx tista' tinstab, id-dokument jitħalla fl-uffiċċju tal-posta li jkun responsabbli minn dak id-distrett, għal 10 ijiem, u titħalla stedina oħra għall-ġbir tad-dokument fil-kaxxa tal-ittri tad-destinatarju.

Notifika formali bil-posta: ħaddiem tal-posta li ma jkunx jista' jsib lid-destinatarju jew lil persuna oħra awtorizzata jibgħat lid-destinatarju, permezz ta' ittra rreġistrata, notifika ta' depożitu (comunicazione dell'avvenuto deposito, "CAD") li tiddikjara li l-kopja tad-dokument għet ippreżentata fl-uffiċċju tal-posta tad-distrett; jekk il-ħaddiem tal-posta jikkunsinja n-notifika lil persuna awtorizzata li ma tkunx id-destinatarju; dan għal darb'oħra jibgħat lid-destinatarju avviż tan-notifika, permezz ta' ittra rreġistrata (comunicazione di avvenuta notifica, "CAN"). Dawn l-avviżi ta' depożitu jew ta' notifika jissupplimentaw in-notifika formali: il-ħaddiem tal-posta idaħħal nota li jkun intbagħat fuq il-konferma oriġinali tar-riċevuta. In-notifiki huma maħsuba biex jiżguraw li d-destinatarju tabilħaqq jista' jiffamiljarizza ruħu mad-dokument, u ma jaffettwawx id-data tan-notifika, li tibqa' d-data tal-iskadenza tal-perjodu taż-żamma ta' 10 ijiem fl-uffiċċju tal-posta, jew id-data tal-ġbir, jekk dan isir aktar kmieni.

Il-ħaddiem tal-posta jista' jieħu biss dawn il-passi jekk id-destinatarju jkollu kaxxa tal-ittri xierqa biex fiha jirċievi korrispondenza, li fuqha jkun hemm miktub ismu.

## 7.4 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokumenti, xi jkunu l-konsegwenzi? Id-dokumenti jitqiesu bħala effettivament innotifikati jekk ir-rifjut ma jkunx leġittimu?

Jekk id-destinatarju jirrifjuta notifika formali b'notifika personali, il-marixxall jirrekordja l-fatt fir-rekord tan-notifika, u jitniżżel li n-notifika tkun għet imwettqa b' mod validu (Artikolu 138 tas-CPC).

F'każijiet ta' notifika formali bil-posta, jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta d-dokument jew li jiffirma r-reġistru tal-kunsinna, il-ħaddiem tal-posta jirrekordja l-fatt fuq il-konferma tar-riċevuta, u jitniżżel li n-notifika tkun għet imwettqa b' mod validu.

## 8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki)

### **8.1 Jekk is-servizz postali jwassal dokument mibgħut minn barra lil destinatarju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn tal-aċċettazzjoni tal-irċevuta (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki), is-servizz postali jista' jħalli d-dokument biss mad-destinatarju stess jow jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-posta, iħalli d-dokument ukoll ma' persuna oħra fl-istess indirizz?**

Dan il-qasam huwa rregolat mir-riżoluzzjoni 385/13/CONS tar-regolatur Taljan tal-komunikazzjoni (Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni, "AGCOM") ippubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali Nru 165 tas-16 ta' Lulju 2013, u disponibbli fuq is-sit web <http://www.agcom.it>. Il-ħaddiem tal-posta jikkunsinja l-ittra rreġistrata lid-destinatarju fuq l-indirizz indikat, jew lil persuna oħra xierqa kif previst mil-leġiżlazzjoni fir-rigward tal-kunsinna tal-ittri rreġistrati: membru tal-familja immedjata tad-destinatarju, konkubin, koħaddiem, purtinar jew ġar li jaċċettaha. L-ittri rreġistrati indirizzati lill-organizzazzjonijiet, lill-persuni u lill-assoċjazzjonijiet ġuridiċi jiġu kkunsinjati lir-rappreżentant legali jew lil membru tal-persunal responsabbli.

### **8.2 Skont ir-regoli tal-posta f'dan l-Istat Membru kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tan-Notifiki Nru 1393 /2007, jekk la d-destinatarju u lanqas ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-posta – ara fuq) ma jkun instab fl-indirizz fejn tkun intbagħtet?**

Jekk ħaddiem tal-posta ma jkunx jista' jsib persuna xierqa, id-dokument jiġi ddepożitat fl-uffiċċju tal-posta li jkun responsabbli minn dak id-distrett.

### **8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perġodu speċifiku għall-ġbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għax ma twasslux? Jekk iva, kif ikun infurmat id-destinatarju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?**

Il-perġodu taż-żamma tal-uffiċċju tal-posta għad-dokumenti legali huwa ta' għaxart ijiem; il-ħaddiem tal-posta responsabbli għall-kunsinna jinforma lid-destinatarju li d-dokument ikun qed jinżamm b'mezz ta' notifika f'envelopp issiġillat mibgħut b'ittra rreġistrata b'konferma ta' riċevuta li, jekk id-destinatarju jkun assenti, titwahaħ mal-bieb prinċipali jew titqiegħed fil-kaxxa tal-ittri tad-dar tiegħu. Din in-notifika irid ikun fiha talba espressa għall-ġbir tad-dokument fi żmien perġodu massimu ta' sitt xhur, bit-twissija li n-notifika formali se titqies li għet ikkunsinjata għaxart ijiem wara li d-dokument ikun ġie ddepożitat fl-uffiċċju tal-posta, u li jekk id-dokument ma jinġabarx fi żmien sitt xhur jerġa' jintbagħat lura lill-ispeditur.

Jekk l-ittra ma tinġabarx mid-destinatarju jew minn rappreżentant tiegħu fi żmien għaxart ijiem minn mindu tkun intbagħtet l-ittra rreġistrata, il-konferma tar-riċevuta trid, fi żmien jumejn (din l-iskadenza hija stabbilita bil-Liġi Nru 205/2017, u hija applikabbli b'effett mill-1 ta' Ġunju 2018), tintbagħat lura lill-ispeditur b'ittra rreġistrata, filwaqt li tiġi speċifikata d-data meta jkun skada l-perġodu taż-żamma, u konsegwentement, in-notifika formali saret effettiva. Jekk jgħaddu sitt xhur mid-data meta d-dokument ikun ġie ddepożitat fl-uffiċċju tal-posta u d-destinatarju jkun għadu ma ġabru, id-dokument jintbagħat lura lill-ispeditur

### **9 Ikkun hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun ġie nnotifikat?**

Il-persuna li ttwettaq notifika formali jeħtiġilha ddaħħal id-data, il-mod u l-posta tan-notifika kemm fuq il-kopja notifikata kif ukoll fuq l-oriġinali sabiex tippermetti biex issir valutazzjoni tar-regolarità tal-proċedura. Hija għandha tindika kwalunkwe tfixxja li tkun twettqet, inkluż tfixxijiet fl-uffiċċju tar-reġistru tal-popolazzjoni (Artikolu 148 tas-CPC).

Rekord tan-notifika formali bil-posta jrid jindika d-data u l-uffiċċju tal-posta li jibgħat id-dokument. Il-konferma tar-riċevuta li għandha tintbagħat lill-ispeditur trid tiġi mehmuża bħala prova dokumentarja li d-dokument ikun ġie kkunsinjat.

Meta fil-konferma tar-riċevuta l-ħaddiem tal-posta jindika li d-destinatarju mhux magħruf jew li telaq mill-indirizz mogħti fuq l-envelopp, in-notifika ma tiġix affettwata.

Ir-rekord tal-marixxall huwa dokument uffiċjali, u sakemm ikun magħruf li huwa falz huwa l-prova ta' x'seħħ fil-preżenza tal-marixxall u tad-dikjarazzjonijiet l-oħra li sarulu; huwa evidenza preżunta ta' ċirkostanzi oħra li l-marixxall ma asserixxiex personalment (pereżempju, il-fatt li l-persuna li ħadet il-kunsinna tad-dokument kienet membru tal-familja jew persuna impjegata fid-dar tad-destinatarju).

### **10 X'jiġri jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirċevix id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi notifikat lil terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika ġdida tad-dokument?**

In-notifika formali tkun nulla u bla effett meta l-proċeduri stabbiliti, li jggarantixxu l-prinċipju li l-parti trid titqies li għandha għarfien tad-dokument, ma jkunx ġew segwiti, jiġifieri meta r-regoli li jikkonċernaw il-persuna li għandha tiegħu l-kunsinna tal-kopja ma ssirx konformità magħhom, jew jekk ikun hemm inċertezza reali (inċertezza assoluta) rigward il-persuna li ġie mgħoddi lilha d-dokument jew id-data meta jkun ġie mgħoddi lilha (Artikolu 160 tas-CPC).

In-nullità tan-notifika tista' tiġi rrimedjata jekk madanakollu n-notifika tkun laħqet l-għan tagħha, pereżempju, jekk id-destinatarju jidher il-qorti; inkella jrid isir tentattiv ġdid sabiex titwettaq in-notifika.

L-inċertezza rigward id-data ta' notifika trid tkun reali; ma tistax tiġi rrimedjata jekk l-iskadenza tiddependi fuqha. Meta fuq l-oriġinali u fuq il-kopja jkun hemm data differenti, id-data indikata fuq il-kopja tad-destinatarju tiegħu preċedenza, sabiex jiġi ggarantit id-dritt tad-destinatarju li jiddefendi lill-oriġinali.

Il-qrati jemmnu li ma hemm l-ebda notifika formali u li l-assenza tan-notifika ma tistax tiġi rrimedjata meta d-dokument ma jkunx ġie kkunsinjat, jew meta jkun ġie kkunsinjat f'post jew lil persuna li bl-ebda mod mhuma marbutin mad-destinatarju. Lanqas ma tista' n-nullità ta' notifika tiġi rrimedjata meta jkun hemm diskrepanzi bejn l-oriġinali u l-kopja sabiex jiġi impedit li d-destinatarju jiddefendi lill-oriġinali kif xieraq. Meta ma jkun hemm l-ebda notifika formali, l-ebda rimedju mhu permess, u l-proċess ta' notifika formali tad-dokument ikun irid jibda mill-ġdid.

### **11 Hemm xi ħlas għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-ħlas?**

F'każijiet ċivili, il-parti li titlob notifika formali jeħtiġilha tkopri l-ispejjeż, li jikkonsistu f'tariffi pagabbli lit-Teżor (erario), kif ukoll imposti fuq il-ġarr u l-kunsinna lill-marixxall għad-dokumenti kkunsinjati mill-post tal-uffiċċju tal-marixxall.

Din il-kwistjoni hi rregolata mid-Digriet Presidenzjali Nru 115 tat-30 ta' Mejju 2002 (Liġi Konsolidata dwar l-ispejjeż legali), li jiffissa wkoll l-ammont ta' tali spejjeż. Il-parti li tidda l-proċedimenti jeħtiġilha tħallas it-tariffi bil-quddiem, imposti fuq il-ġarr u l-kunsinna għal notifikati formali kkunsinjati fuq talba tar-reġistratur, b'rata fissa standard ta' EUR 27,00; għal notifikati formali mitluba mill-partijiet, ir-rikorrent għandu jħallas tariffa indikata fl-Artikolu 34ff. tad-Digriet Presidenzjali Nru 115/2002, li tvarja skont in-numru ta' destinatarji, id-distanza f'kilometri u l-urġenza.

F'oqsma oħra tal-liġi, inklużi każijiet ta' impjeg u ta' benesseri, proċedimenti ta' separazzjoni u divorzju, u każijiet fejn persuna ta' mezzi insuffiċjenti tkun eliġibbli għall-għajjuna legali mill-istat, il-parti hija eżentata milli tħallas l-ispejjeż tan-notifika, li jiġu imposti fuq it-Teżor.

Notifiki formali mitluba skont ir-Regolament Nru 1393/2007 huma eżenti mill-ispejjeż, flief għal daww ikkawżati b'rikors lill-marixxall jew persuna kompetenti taħt il-liġi tal-Istat Membru indirizzat, li jikkorrispondu għal tariffa fissa unika stabbilita minn dak l-Istat Membru minn qabel li tirsipetta l-prinċipji tal-proporzjonalità u n-nondiskriminazzjoni (Artikolu 11 tar-Regolament Nru 1393/2007).

L-aħħar aġġornament: 21/06/2021

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

### **In-notifika ta' atti - Ċipru**

#### **1 F'termini prattiċi xi jfisser it-terminu legali "notifika ta' dokumenti"? Għaliex hemm regoli speċifiċi dwar in-"notifika ta' dokumenti"?**

"Notifika" tfisser it-twassil uffiċjali ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji (li n-notifika tagħhom tkun neċessarja) li jista' jintwera bil-provi bil-miktub.

Hemm regoli speċifiċi dwar in-notifika li jiżguraw il-validità tal-proċedura u d-drittijiet tal-partijiet.

## 2 Liema dokumenti jeħtieġ li jkunu notifikati b'mod formali?

Kwalunkwe dokument ġudizzjarju li jikkonċerna kwalunkwe proċediment quddiem qorti, bħal ordnijiet, applikazzjonijiet b'telefonata u dokumenti li jibdwew il-proċedimenti, kif ukoll dokumenti extraġudizzjarji (li ma jikkonċernawx proċedimenti tal-qorti iżda li jkun neċessarju li jiġu notifikati b'mod uffiċjali).

## 3 Min hu responsabbli biex jinnotifika dokument?

L-Uffiċjali Ġudizzjarji tal-Qorti - Fil-każ ta' talba għan-notifika ta' dokumenti li tiġi riċevuta skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1965 dwar in-Notifika ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Extraġudizzjarji, kwalunkwe ftehim bilaterali li ffirmat u rratifika Ċipru skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007, id-dokument jiġi riċevut mill-Ministeru tal-Ġustizzja u tal-Ordni Pubbliku bħala l-awtorità ċentrali ddeżinjata u jingħadda għan-notifika lill-uffiċjali ġudizzjarji tal-qorti.

## 4 Tifix tal-indirizz

**4.1 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, l-awtorità rikjesta f'dan l-Istat Membru tipprova u tistabbilixxi hi bl-inizjattiva tagħha fejn tinsab il-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokumenti ladarba din ma tkunx għadha toqgħod fl-indirizz magħruf mill-awtorità rikjedenti?**

Ġeneralment le, sakemm ma tiġix ipprovduta informazzjoni dwar l-indirizz il-ġdid fl-indirizz ipprovdut.

**4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-indirizz attwali tal-persuna? Jekk iva, x'reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhi l-proċedura li trid tiġi segwita? Xi f'ħlas irid isir, jekk hemm?** Mhux applikabbli.

**4.3 L-awtoritajiet f'dan l-Istat Membru kif jitrattaw talba mibgħuta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qorti tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali bl-għan li jinstab l-indirizz attwali ta' persuna?**

Sa issa ma għet riċevuta ebda talba bħal din. Xorta waħda hemm dubji dwar jekk din il-kwistjoni tistax tkun l-oġġett tar-riċevuta tal-evidenza.

**5 Fil-prattika, normalment kif jiġi notifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (ħlief in-notifika indiretta msemmija fil-punt 6 iktar 'l isfel)?**

Fil-prattika, il-metodu normali ta' notifika jkun notifika personali, kif ipprovdut mill-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Fil-każ ta' persuna ġuridika, id-dokument jista' jiġi nnotifikat lill-kwalunkwe direttur maniġerjali, lis-segretarju tal-kumpanija jew lill-kwalunkwe persuna responsabbli fl-uffiċċji tal-kumpanija.

Fir-rigward ta' metodi sostituti ta' notifika, ordni tal-qorti trid, b'talba minn parti, tkun maħruġa, f'konformità mal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, filwaqt li tippermetti n-notifika tad-dokument bil-wiri ta' dan f'post speċifikat jew permezz tal-pubblikazzjoni tiegħu f'gazzetta (jew bi kwalunkwe mod ieħor li l-Qorti tqis li jkun xieraq fiċ-ċirkustanzi).

Bħalissa ma jista' jintuża ebda metodu alternattiv.

**6 Hija permessa n-notifika elettronika ta' dokumenti (notifika ta' dokumenti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, bħall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa permess dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatarju (professjonist tal-liġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?**

Ara t-tweġiba għall-mistoqsija 5 aktar 'il fuq.

## 7 Notifika "indiretta"

**7.1 Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika fejn ma jkunx possibbli li d-dokumenti jkunu nnotifikati lid-destinatarju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamar)?**

Ara t-tweġiba għall-mistoqsija 5 aktar 'il fuq.

**7.2 Jekk japplikaw metodi oħrajn, id-dokumenti meta jitqiesu li ġew innotifikati?**

Ara t-tweġiba għall-mistoqsija 5 aktar 'il fuq.

**7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika huwa d-depożitu tad-dokumenti f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatarju kif ikun infurmat b'dak id-depożitu?**

Ara t-tweġiba għall-mistoqsija 5 aktar 'il fuq.

**7.4 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokumenti, xi jkunu l-konsegwenzi? Id-dokumenti jitqiesu bħala effettivament innotifikati jekk ir-rifjut ma jkunx leġittimu?**

Ara t-tweġiba għall-mistoqsija 5 aktar 'il fuq.

## 8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki)

**8.1 Jekk is-servizz postali jwassal dokument mibgħut minn barra lill-destinatarju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn tal-aċċettazzjoni tar-riċevuta (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki), is-servizz postali jista' jħalli d-dokument biss mad-destinatarju stess jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-posta, iħalli d-dokument ukoll ma' persuna oħra fl-istess indirizz?**

Mhux applikabbli.

**8.2 Skont ir-regoli tal-posta f'dan l-Istat Membru kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tan-Notifiki Nru 1393/2007, jekk la d-destinatarju u lanqas ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-posta – ara fuq) ma jkun instab fl-indirizz fejn tkun intbagħtet?**

Mhux applikabbli.

**8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perġodu speċifiku għall-ġbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għax ma twasslux? Jekk iva, kif ikun infurmat id-destinatarju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?**

Mhux applikabbli.

## 9 Ikun hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun ġie nnotifikat?

Ma hemm ebda evidenza bħal din. Wara n-notifika, l-uffiċjal ġudizzjarju tal-qorti jimla l-konferma tar-riċevuta li tindika d-dettalji ta' referenza tad-dokument innotifikat, l-isem u l-kariga tal-persuna li lilha jkun ġie nnotifikat id-dokument, id-data u l-ħin tan-notifika, jew, jekk id-dokument ma jkunx ġie nnotifikat, ir-raġunijiet li għalihom in-notifika ma kinitx possibbli.

Jekk issir notifika skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007, jinħareġ iċ-ċertifikat stabbilit fl-Anness I, kif previst fl-Artikolu 10 tiegħu.

**10 X'jiġri jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirċevix id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi notifikat lill-terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika ġdida tad-dokument?**

F'dan il-każ, in-notifika titqies bħala nulla u ma hemmx rimedju għaliha. Jekk in-notifika ma kinitx regolari, trid issir notifika ġdida.

Fil-każijiet li fihom in-notifika ma tkunx saret minħabba l-oġġezzjoni tal-persuna għat-tali notifika, il-parti li tkun tixtieq li ssir in-notifika jeħtieġilha tippreżenta applikazzjoni għal notifika sostituta lill-Qorti.

Jekk in-notifika ma kinitx possibbli għaliex il-persuna li lilha jrid jiġi nnotifikat id-dokument ma setgħetx tinstab, il-persuna li tixtieq li ssir in-notifika tista' bħala alternattiva tinnotifika d-dokument wara li tinħareġ ordni tal-qorti rilevanti.

## 11 Hemm xi f'ħlas għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-ħlas?

It-tariffa għet stabbilita għal EUR 21.

L-aħħar aġġornament: 15/06/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## In-notifika ta' atti - Lussemburgu

### 1 F'termini prattiċi xi jfisser it-terminu legali "notifika ta' dokumenti"? Għaliex hemm regoli speċifiċi dwar in-"notifika ta' dokumenti"?

Fil-Lussemburgu, il-kelma *notification* (notifika permezz tal-posta) tindika b'mod ġenerali d-diversi proċeduri li permezz tagħhom att jinġiebgħ għall-konozzenza tad-destinatarju tiegħu.

In-*notifika permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju* (signification) huwa tip partikolari ta' notifika. Din tal-aħħar hija mwettqa minn uffiċjal ġudizzjarju li jmur fid-domiċilju tad-destinatarju sabiex jagħtih id-dokument.

Il-parti l-kbira tan-notifiki ssir b'ittra rreġistrata bil-konferma tar-riċevuta.

In-notifika permezz ta' uffiċjal (signification) toffri garanziji aktar importanti min-notifika permezz tal-posta (notification). Il-liġi tippreskrivi għalhekk in-notifika permezz ta' uffiċjal (signification) permezz tal-uffiċjal tal-atti l-aktar importanti tal-proċedura.

Irid jiġi nnotat madankollu li rigward il-Justice de Paix, it-taħrik huma sistematikament mibgħuta permezz ta' ittra rreġistrata. Skont it-tip ta' proċedura, it-taħrika tiġi minn reġistru jew minn uffiċjal ġudizzjarju. Huwa possibbli għalhekk li l-uffiċjal jipproċedi huwa wkoll permezz ta' notifika sempliċi u mhux permezz ta' notifika permezz ta' uffiċjal ġudizzjarju (signification).

In-notifika permezz tal-uffiċjal hija ġeneralment meħtieġa sabiex jibdedw jiskattaw it-termini tar-rikorsi kontra d-deċiżjonijiet ġudizzjarji. Bħala deroga, it-termini tar-rikorsi kontra d-deċiżjonijiet tal-ewwel istanza fir-rigward tal-kiri u tad-dritt tax-xogħol jibdedw jiskattaw min-notifika tas-sentenza mir-reġistru.

### 2 Liema dokumenti jehntiegħ li jkunu notifikati b'mod formali?

Il-parti l-kbira tal-atti ta' proċedura għandhom jiġu nnotifikati (permezz ta' notifika bil-posta jew permezz ta' notifika mill-uffiċjal ġudizzjarju) qabel ma jaslū għand l-imħallef.

Il-liġi tistipula n-notifika b'mod partikolari n-notifika permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju (signification) jew in-notifika (notification) tal-atti introduttori tal-istanza li jinkludu stedina lill-parti konvenuta sabiex tippreżenta ruħha quddiem imħallef personalment jew billi tiġi rrapreżentata minn avukat.

Is-sentenzi jridu wkoll ikunu nnotifikati (permezz ta' signification jew notification) sabiex ikunu jistgħu jsiru *res judicata* bl-iskadenza tat-termini għall-preżentata ta' appell.

### 3 Min hu responsabbli biex jinnotifika dokument?

Fil-Lussemburgu, biss l-uffiċjali ġudizzjarji huma kompetenti biex jipproċedu għan-notifika permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju (signification) ta' att.

Fil-parti l-kbira tal-każijiet, is-servizz ta' uffiċjal ġudizzjarju huwa indispensabbli sabiex każ ikun jista' jinġiebgħ quddiem il-qorti. Ladarba tkun ingħatat is-sentenza, is-servizzi ta' uffiċjal ġudizzjarju jkunu meħtieġa mill-ġdid sabiex huwa jipproċedi għan-notifika permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju (signification) tas-sentenza lill-parti telliefa, att li jkollu bħala effett li jiskatta t-termini tal-appell. Jekk ebda appell ma jsir f'dan it-terminu, is-sentenza ssir definittiva. Jekk il-parti telliefa tixtieq tappella, hija trid tagħmel użu mis-servizzi ta' uffiċjal li jinnotifika l-att tal-appell.

Il-liġi tistipula ċerti eċċezzjonijiet għall-monopolju tal-uffiċjali ġudizzjarji. Fir-rigward tal-Justice de Paix, b'mod partikolari, numru ta' proċeduri huma introdotti bit-tressiq ta' rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-reġistru tal-qorti imbagħad jinnotifika lill-partijiet b'taħrika għas-seduta billi jehmeż kopja tat-talba indirizzata lill-imħallef. Din il-proċedura tapplika b'mod partikolari fir-rigward tal-kiri, iżda wkoll fir-rigward tad-dritt tax-xogħol u fir-rigward ta' digriet ta' f'las.

It-taħrika permezz tar-reġistru hija wkoll prevista f'ċerti proċeduri quddiem il-qorti distrettwali, b'mod partikolari fil-proċeduri li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-president tal-qorti.

L-avukati ma jistgħux jinnotifikaw atti direttament fuq il-kwerelanti. Sabiex in-notifika ssir b'mod validu, huma meħtieġa jirrikorru għas-servizzi ta' uffiċjal ġudizzjarju. Is-sitwazzjoni tinbidel madankollu ladarba jinbdew il-proċedimenti u kull parti hija rrapreżentata minn avukat; minn hemm 'il quddiem, l-atti proċedurali kif ukoll id-dokumenti huma validament skambjati permezz ta' notifika bejn l-avukati. In-notifika bejn l-avukati ssir mingħajr formalitajiet partikolari. Huwa użwali li l-avukati li jirċievu notifika jagħtu spontanjament konferma tar-riċevuta.

## 4 Tiffix tal-indirizz

### 4.1 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, l-awtorità rikjesta f'dan l-Istat Membru ttiprova u tistabbilixxi hi bl-inizjattiva tagħha fejn tinsab il-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokumenti ladarba din ma tkunx għadha toqgħod fl-indirizz magħruf mill-awtorità rikjedenti?

L-entitajiet meħtieġa maħtura b'applikazzjoni tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali huma, fir-rigward tal-Lussemburgu, l-uffiċjali ġudizzjarji territorjalment kompetenti.

L-uffiċjali ġudizzjarji huma obbligati bil-liġi li jinnotifikaw lill-persuna personalment fid-domiċilju tagħha jew fl-uffiċċju rreġistrat tad-destinatarju tal-att.

Għall-finijiet tat-tweġtq tal-funzjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom, l-uffiċjali ġudizzjarji huma awtorizzati li jkollhom aċċess għall-informazzjoni segwenti:

Persuni fiżiċi:

Isem sħiħ

Domiċilju

Data tat-twelid

Din l-informazzjoni tista' tinsab fir-reġistru tal-persuni fiżiċi. Għall-finijiet tat-tweġtq tal-funzjonijiet tagħhom, l-uffiċjali ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistru tal-persuni fiżiċi.

Kumpaniji:

Isem

Isem il-kumpanija

Uffiċċju Reġistrat

Nru ta' rreġistrazzjoni tal-kumpanija

Fir-rigward tal-kumpaniji rreġistrati fir-reġistru tal-kummerċ u tal-kumpaniji, din id-dejta hija disponibbli għall-pubbliku u hija għalhekk aċċessibbli b'mod liberu.

### 4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-indirizz attwali tal-persuna? Jekk iva, x'reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhi l-proċedura li trid tiġi segwita? Xi f'las irid isir, jekk hemm?

L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew partijiet fi proċeduri ġudizzjarji barranin ma għandhomx aċċess għar-reġistru tal-persuni fiżiċi sabiex iwettqu xi riċerki fir-rigward tal-indirizz ta' persuna fiżika.

Fir-rigward tal-kumpaniji rreġistrati fir-reġistru tal-kummerċ u tal-kumpaniji, il-verifika tad-dejta bażika (uffiċċju rreġistrat, isem tal-kumpanija, numru tar-reġistru tal-kummerċ) hija disponibbli għall-pubbliku u hija b'xejn. L-aċċess għal dejta aktar dettaljata tiġi bi f'las.

#### **4.3 L-awtoritajiet f'dan l-Istat Membru kif jitrattaw talba mibgħuta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qradi tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali bl-għan li jinstab l-indirizz attwali ta' persuna?**

Sabiex jinsab l-indirizz attwali ta' persuna f'relazzjoni ma' talba mibgħuta fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qradi tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali, l-awtorità għudizzjarja meħtieġa twestaq ir-riċerki fir-reġistru nazzjonali tal-persuni fiżiċi jekk din it-talba tirrigwarda persuna fiżika. Jekk din it-talba tirrigwarda persuni ġuridiċi, ir-riċerki jitwettqu abbażi tad-dejta li tinsab fir-Reġistru tal-Kummerċ u tal-Kumpanniji (Registre de Commerce et des Sociétés - RCS).

#### **5 Fil-prattika, normalment kif jiġi notifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (ħliet in-notifika indiretta msemmija fil-punt 6 iktar 'l isfel)?**

##### Sommarju tal-proċedura ta' notifika

Il-parti l-kbira tan-notifiki ssir b'ittra rreġistrata bil-konferma tar-riċevuta.

Jekk il-pustier isib id-destinatarju tan-notifika, huwa jitolbu li jiffirma l-konferma tar-riċevuta li mbagħad tintbagħat lill-ispeditur. Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jiffirma l-konferma tar-riċevuta, il-pustier jagħtihel u n-notifika hija meqjusa li saret.

Jekk id-destinatarju ma jistax jinsab iżda persuna oħra taċċetta l-ittra rreġistrata, il-pustier jikteb l-identità ta' din il-persuna fuq il-konferma tar-riċevuta. Fil-parti l-kbira tal-każijiet, notika li tkun saret lil terz għandha valur anqas minn notifika magħmula lil persuna nfisha.

Jekk ħadd ma jista' jinstab anki jekk l-indirizz huwa tajjeb, il-pustier iħalli avviż fil-kaxxa postali li jstieden lid-destinatarju sabiex jirkupra l-ittra fl-uffiċċju tal-posta f'terminu indikat fuq l-avviż. In-notifika hija b'hekk meqjusa li saret, anki jekk id-destinatarju ma jmurx fl-uffiċċju tal-posta.

Jekk l-indirizz ma jistax jiġi vverifikat, il-pustier jirritorna l-ittra lill-ispeditur bl-informazzjoni li n-notifika ma seħħitx. F'dan il-każ, jeħtieġ li jingħata indirizz għid mill-applikant. Jekk id-destinatarju tan-notifika ma għandux indirizz magħruf, l-applikant jista' jirrinunzja għall-proċedura tan-notifika bil-posta (notification) u jagħti l-fajl lil ufficial sabiex dan tal-aħħar jagħmel in-notifika (signification), jekk ikun hemm bżonn b'reġistrazzjoni tat-tfittxija.

Il-proċedura ta' notifika deskritta tapplika biss jekk id-destinatarju tal-att iġix fil-Lussemburgu. Fir-rigward tal-persuni domiċiljati barra mill-pajjiż, id-dokument irid jiġi nnotifikat mill-uffiċjal għudizzjarju.

##### Sommarju tal-proċedura ta' notifika permezz tal-uffiċjal għudizzjarju (signification)

In-notifika ta' att minn ufficial għudizzjarju ssir personalment lid-destinatarju fi kwalunkwe post fejn isibu l-uffiċjal għudizzjarju.

Ġeneralment, l-uffiċjal għudizzjarju jmur fid-domiċilju tad-destinatarju. Madankollu, il-konsenja tista' ssir fi kwalunkwe post fejn l-uffiċjal għudizzjarju jsib id-destinatarju, fuq il-post tax-xogħol pereżempju.

In-notifika permezz tal-uffiċjal għudizzjarju (signification) hija meqjusa li tkun saret personalment meta l-kopja tal-att hija kkonsenjata fl-idejn proprji tad-destinatarju. F'każ ta' persuna ġuridika, in-notifika permezz tal-uffiċjal għudizzjarju (signification) hija meqjusa li tkun saret personalment meta l-kopja tal-att hija kkonsenjata lir-rappreżentant ġuridiku tagħha, lill-avukat jew lil kwalunkwe persuna oħra awtorizzata għal dan il-għan. F'każ ta' notifika permezz tal-uffiċjal għudizzjarju (signification) f'indirizz użat għan-notifiki, is-signification issir personalment meta l-kopja tal-att tingħata lill-aġent.

Jekk l-aġent jaċċetta l-kopja tal-att, l-uffiċjal għudizzjarju jikkonstata dan fl-avviż tas-servizz. F'dan il-każ, in-notifika permezz tal-uffiċjal għudizzjarju (signification) hija meqjusa li tkun saret fil-jum tal-konsenja tal-att lid-destinatarju.

Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta l-kopja tal-att, l-uffiċjal għudizzjarju jikkonstata dan fl-avviż tas-servizz. F'dan il-każ, in-notifika permezz tal-uffiċjal għudizzjarju (signification) hija meqjusa li tkun saret fil-jum tal-preżentazzjoni tal-att lid-destinatarju.

Jekk l-uffiċjal għudizzjarju jsib id-destinatarju tal-att fid-domiċilju tiegħu, huwa jtiħ kopja ċertifikata tad-dokument. Huwa jstabilixxi minuti tat-tweqqif ta' din il-formalita li jiġu mehmuża mal-att oriġinali u ritornati ma' dan tal-aħħar lill-parti li ħadet l-inizjattiva tan-notifika.

Ma jeżistux modi alternattivi applikati barra min-notifika permezz tal-uffiċjal għudizzjarju (signification) jew min-notifika indiretta msemmija fil-punt 7 iktar 'l isfel.

#### **6 Hija permessa n-notifika elettronika ta' dokumenti (notifika ta' dokumenti għudizzjarji jew extra-għudizzjarji permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, bħall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa permess dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatarju (professjonist tal-liġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?**

In-notifika elettronika tal-atti mhijiex awtorizzata mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Għid ta' Proċedura Ċivili (Nouveau Code de Procédure civile).

#### **7 Notifika "indiretta"**

##### **7.1 Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika fejn ma jkunx possibbli li d-dokument jkun nnotifikat lid-destinatarju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamar)?**

##### **In-notifika permezz tal-uffiċjal għudizzjarju (signification) fid-domiċilju**

Jekk in-notifika permezz tal-uffiċjal għudizzjarju (signification) ma tistax issir lid-destinatarju personalment, il-kopja tal-att hija kkonsenjata fid-domiċilju tad-destinatarju. Jekk huwa ma jgħix hemm jew fin-nuqqas ta' domiċilju, il-kopja tal-att hija kkonsenjata fil-post tar-residenza prinċipali tiegħu. F'każ ta' persuna ġuridika, in-notifika permezz tal-uffiċjal għudizzjarju (signification) issir fl-uffiċċju reġistrat jew amministrattiv tagħha.

Il-kopja tal-att tingħata lil kwalunkwe persuna li jkun hemm, sakemm din il-persuna taċċettaha, tiddikjara kunjomha, l-ismijiet, ir-rwol u l-indirizz tagħha u tagħti konferma tar-riċevuta. Din tingħata f'envelopp magħluq li jgħib biss indikazzjoni tal-kunjom, ismijiet, ir-rwol u l-indirizz tad-destinatarju u t-timbru tal-uffiċjal għudizzjarju fuq is-siġill tal-envelopp.

Il-kopja ma tistax tingħata la lil minuri ta' anqas minn 15-il sena u lanqas lil dak li jkun talab in-notifika tal-att.

L-uffiċjal għudizzjarju jħalli rispettivament fid-domiċilju tad-destinatarju, fir-residenza prinċipali ta' dan tal-aħħar jew fl-uffiċċju reġistrat jew amministrattiv tal-persuna ġuridika, f'envelopp magħluq, avviż datat li fih konferma tal-konsenja tal-kopja tal-att u li jsemmi l-indikazzjonijiet dwar il-persuna li lilha tkun ingħatat il-kopja.

L-uffiċjal jehmeż ukoll kopja tal-att. Isir l-istess f'każ ta' notifika f'indirizz li jsewvi għan-notifiki.

F'dawn il-każijiet kollha, in-notifika permezz tal-uffiċjal għudizzjarju (signification) hija meqjusa li tkun saret fil-jum tal-konsenja tal-att.

Skont l-Artikolu 161 tal-Kodiċi Għid ta' Proċedura Ċivili (Nouveau Code de Procédure civile), "Titqies bħala notifika fid-domiċilju, in-notifika magħmula fl-indirizz li taħtu d-destinatarju huwa rreġistrat fir-reġistru tal-popolazzjoni."

L-Artikolu 164 tal-Kodiċi Għid ta' Proċedura Ċivili jispeċifika li "In-notifiki jsiru:

1 lill-Istat, fl-uffiċċju tal-Prim Ministru;

2 lill-istituzzjonijiet pubbliċi, fl-uffiċċji tagħhom;

3 lill-muniċipalitajiet, fl-uffiċċji muniċipali;

4 lill-kumpaniji, assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' profitt u stabilimenti pubbliċi, fl-uffiċċju reġistrat tagħhom jew personalment lill-manijer tagħhom. "

##### **In-notifika permezz tal-uffiċjal għudizzjarju (signification) ta' kopja tal-avviż tan-notifika**

Il-paragrafu 6 tal-Artikolu 155 tal-Kodiċi Għid ta' Proċedura Ċivili (Nouveau Code de Procédure Civile) jipprovdi li "jekk l-att ma setax jiġi nnotifikat permezz tal-uffiċjal kif previst aktar 'il fuq u jekk jirriżulta mill-verifiki mwettqa, li għandhom jiġu nnotati fl-att mill-uffiċjal għudizzjarju, li d-destinatarju jgħix fl-indirizz imsemmi, l-uffiċjal iħalli hemmhekk kopja tal-att f'envelopp magħluq u jehmeż avviż li jinforma lid-destinatarju li ma nstab ħadd fl-indirizz indikat jew li l-persuni preżenti rrifjutaw li jaċċettaw il-kopja tal-att.

In-notifika permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju (signification) hija meqjusa li tkun saret fil-jum tat-trażmissjoni tiegħu. Fl-istess jum jew mhux aktar tard mill-ewwel jum ta' xogħol segwenti, l-uffiċjal ġudizzjarju jibgħat b'ittra sempliċi kopja tal-att u tal-avviż fuq imsemmi fl-indirizz indikat fl-att.

#### **In-notifika permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju (signification) f'indirizz mhux magħruf**

L-Artikolu 157 tal-Kodiċi Ġdid ta' Proċedura Ċivili (Nouveau Code de Procédure Civile) jipprovdi għall-mod ta' notifika permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju (signification) fejn id-destinatarju ma għandux la domiċilju jew residenza magħrufin u lanqas ufficiju reġistrat magħruf billi jippreċiża li "Meta l-persuna li trid tiġi nnotifikata bl-att permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju ma għandha la domiċilju u lanqas residenza magħrufin, l-uffiċjal ġudizzjarju jistabbilixxi avviż ta' notifika, fejn jippreċiża l-passi li huwa jkun ħa sabiex isib id-destinatarju tal-att. L-avviż ta' notifika jsemmi n-natura tal-att u l-isem tar-rikorrent.

Fl-istess jum, jew mhux aktar tard mill-ewwel jum ta' xogħol segwenti, l-uffiċjal ġudizzjarju jibgħat lid-destinatarju, fl-aħħar indirizz magħruf, b'ittra rreġistrata u b'konferma tar-riċevuta, il-kopja tal-att u kopja tal-avviż ta' notifika. L-istess formalità titwettaq b'ittra sempliċi mibgħuta fl-istess jum.

Il-kopja tal-avviż ta' servizz mibgħuta lid-destinatarju tindika lil dan tal-aħħar li huwa jkun jista' jikseb kopja tad-dokument fi żmien tliet xhur mill-uffiċċji tal-uffiċjal ġudizzjarju jew li jista' jawtorizza għal dan il-għan kwalunkwe persuna tal-għażla tiegħu. "

Il-paragrafu 3 tal-Artikolu 157 tal-Kodiċi Ġdid ta' Proċedura Ċivili (Nouveau Code de Procédure Civile) jippreċiża li "Id-dispożizzjonijiet preċedenti huma applikabbli għan-notifika permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju (signification) ta' att li jirrigwarda persuna morali li ma għandhix aktar stabbiliment magħruf fil-post indikat bħala ufficiju reġistrat mir-reġistru tal-kummerċ u tal-kumpaniji. "

#### **Modi oħra ta' notifika permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju (signification)**

Il-paragrafu 4 tal-Artikolu 157 jipprovdi *inter alia* li "Meta att promotur jew att ekwivalenti ġie nnotifikat permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju skont id-dispożizzjonijiet preċedenti u l-parti konvenuta ma titlax, l-imħallef jista', jekk ikun il-każ, jordna l-pubblikazzjoni ta' avviż f'gazzetta Lussemburġiża jew barranija. "

L-Artikolu 158 tal-Kodiċi Ġdid ta' Proċedura Ċivili (Nouveau Code de Procédure Civile) iżid li "Jekk id-destinatarju tal-att ma jinstabx jew mhuwiex ippruvat li huwa ġie effettivament informat, l-imħallef jista' jordna, fuq l-inizjattiva tiegħu stess, miżuri addizzjonali kollha, barra mill-miżuri provviżorji jew protettivi meħtieġa għas-salvagwardja tad-drittijiet tal-applikant."

#### **In-notifika permezz ta' ittra reġistrata b'konferma tar-riċevuta**

Meta l-att jiġi trażmess mir-reġistru tal-qorti, in-notifika ssir permezz ta' ittra reġistrata b'konferma tar-riċevuta. Jekk id-destinatarju ma għandux indirizz magħruf, in-notifika permezz ta' ufficijal ġudizzjarju.

#### **7.2 Jekk japplikaw metodi oħrajn, id-dokumenti meta jitqiesu li ġew innotifikati?**

Meta l-att ikun trażmess **permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju (signification)**, l-avviż tan-notifika jrid jindika d-data tan-notifika permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju li tikkorrispondi għall-jum tal-konsenja tal-avviż lid-destinatarju jew għall-jum meta d-dokument ikun ġie trażmess fid-domiċilju tad-destinatarju.

Meta l-att huwa trażmess **bil-posta (notification)**, il-Lussemburgu tapplika sistema ta' data dopja.

Fil-fatt, id-data li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fir-rigward tal-ispeditur tal-att hija differenti mid-data li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fir-rigward tad-destinatarju tal-att.

Fir-rigward tal-ispeditur, hija d-data ta' spedizzjoni li hija meqjusa bħala d-data ta' notifika (notification).

#### **7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika huwa d-depożitu tad-dokumenti f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatarju kif ikun informat b'dak id-depożitu?**

Fir-rigward tan-notifika **permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju (signification)** b'kopja ta' avviż tan-notifika, ara aktar 'l isfel: In-notifika permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju (signification) ta' kopja tal-avviż tan-notifika.

Fir-rigward tan-notifika **permezz tal-posta (notification)** b'ittra reġistrata b'konferma tar-riċevuta, ara iktar 'l isfel: Mistoqsija Nru 3.3:

#### **7.4 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokumenti, xi jkun l-konsegwenzi? Id-dokumenti jitqiesu bħala effettivament innotifikati jekk ir-rifjut ma jkunx leġittimu?**

Meta t-trażmissjoni tal-att issir b'**notifika permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju (signification)**, id-destinatarju ma għandux il-possibbiltà li joġġezzjona għal dan, barra mir-raġuni ta' rifjut imsemmi fl-Artikoli 5 u 8 tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 iċċitat iktar 'il fuq (eżiġenza ta' traduzzjoni).

Meta t-trażmissjoni tal-att issir b'**notifika permezz tal-posta (notification)**, mhuwiex possibbli għad-destinatarju li joġġezzjona għal notifika b'ittra reġistrata b'konferma tar-riċevuta.

Madankollu, id-destinatarju ta' notifika permezz ta' ittra reġistrata b'konferma tar-riċevuta jista' jikkontesta sussegwentement il-validità ta' din in-notifika jekk jipprova li huwa ma kellu la d-domiċilju tiegħu, la r-residenza tiegħu u lanqas id-domiċilju tiegħu użat għal skopijiet ta' notifiċi fl-indirizz indikat fuq l-ittra reġistrata. In-notifika permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju (signification) hija għalhekk legalment aktar żgura min-notifika permezz tal-posta (notification) b'ittra reġistrata b'konferma tar-riċevuta. Fil-fatt, f'każ ta' notifika permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju (signification), l-uffiċjal ġudizzjarju jivverifika l-indirizz tad-destinatarju fir-Reġistru nazzjonali tal-persuni fiżiċi jew mal-uffiċċju tal-popolazzjoni tal-awtorità muniċipali. Barra minn dan, id-data tan-notifika permezz tal-posta (notification) b'ittra reġistrata ma tkun tista' tkun stabbilita b'ċertezza jekk id-destinatarju ma jkunx iddata u ffirma l-konferma tar-riċevuta fuq (l-ewwel) preżentazzjoni tal-ittra reġistrata tiegħu, ir-residenza tiegħu u d-domiċilju tiegħu użat għal skopijiet ta' notifiċi. Kuntrarjament, id-data tan-notifika permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju (signification) hija dejjem indikata fuq l-avviż tan-notifika.

Barra minn hekk, id-destinatarju li jirrifjuta l-aċċettazzjoni tal-att ma jaffettwa bl-ebda mod il-validità u d-data tan-notifika permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju (signification) jew permezz tal-posta (notification).

#### **8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki)**

##### **8.1 Jekk is-servizz postali jwassal dokument mibgħut minn barra lil destinatarju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn tal-aċċettazzjoni tal-irċevuta (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki), is-servizz postali jista' jħalli d-dokument biss mad-destinatarju stess jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-posta, iħalli d-dokument ukoll ma' persuna oħra fl-istess indirizz?**

L-Artikolu 8.1 tal-Kundizzjonijiet ġenerali ta' provvista tas-servizzi offerti fil-kuntest tas-servizz postali universali jistipula li "L-ittri reġistrati għandhom jiġu reġistrati, barra mid-destinatarju u l-avukat tiegħu:

fid-domiċilju, lil kull maġġorenni li jaċċetta l-ittra fisem id-destinatarju

fl-uffiċċju postali, lil kull maġġorenni li jippreżenta l-konferma tan-nuqqas ta' konsenja korrispettiva.

##### **8.2 Skont ir-regoli tal-posta f'dan l-Istat Membru kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tan-Notifiki Nru 1393/2007, jekk la d-destinatarju u lanqas ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-posta – ara fuq) ma jkun instab fl-indirizz fejn tkun intbagħtet?**

L-ittri postali huma d-distribwiti fl-indirizz indikat, h'ief f'każ ta' żball manifest (eżempji: isem ta' triq miktub ħażin, numru ta' residenza inkorrett, kodiċi postali manifestament żbaljat,...).

Jekk id-destinatarju ma jistax jinsab fl-indirizz indikat, l-ittra reġistrata ma tiġix ikkonsenjata.

L-ittri postali li ma jistgħux jiġu impostati fil-kaxxa tal-ittri tad-destinatarju u li ma setgħux jingħataw lil persuna awtorizzata mal-passaġġ tad-distributur, jinżammu għad-destinatarju fl-uffiċċju postali lokali tiegħu għall-perjodu stabbilit mill-kumpanija postali u indikat fuq l-avviż tan-nuqqas ta' konsenja li tħalla fl-ittra postali tad-destinatarju. Ladarba t-terminu taż-żamma jiskadi, l-ittri jintbagħtu lura lill-ispeditur jekk ikun magħruf.



### 8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perjodu speċifiku għall-ġbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għax ma twasslux? Jekk iva, kif ikun infurmat id-destinatarju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?

L-ittri postali li ma jistgħux jiġu impostati fil-kaxxa tal-ittri tad-destinatarju u li ma setgħux jingħataw lil persuna awtorizzata mal-passaġġ tad-distributur, jinżammu għad-destinatarju fl-uffiċċju postali lokali tiegħu għall-perjodu stabbilit mill-kumpanija postali u indikat fuq l-avviż tan-nuqqas ta' konsenja li tħalla fl-ittra postali tad-destinatarju. Ladarba t-terminu taż-żamma jiskadi, l-ittri jintbagħtu lura lill-ispeditur jekk ikun magħruf.

#### 9 Ikun hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun ġie nnotifikat?

F'każ ta' notifika permezz tal-posta, il-konferma tar-riċevuta sservi bħala prova. F'każ ta' notifika permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju, dan tal-aħħar jieħu nota tal-miżuri meħuda. L-uffiċjal huwa uffiċjal ġudizzjarju. In-noti tal-uffiċjal iservi bħala prova fin-nuqqas ta' prova ta' falsifikazzjoni.

#### 10 X'jiġri jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirċevix id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi nnotifikat lil terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika ġdida tad-dokument?

Il-ksur tar-regoli proċedurali għan-notifika jwasslu għan-nullità tan-notifika permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju (signification) jew tan-notifika permezz tal-posta (notification).

Madankollu, in-nullità abbażi ta' żball proċedurali tista' tiġi ddiġarata biss jekk jiġi ppruvat li dan l-iżball proċedurali kkawża dannu lid-destinatarju tal-att. Il-valutazzjoni ta' dan issir mill-imħallef.

Meta n-notifika permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju (signification) jew permezz tal-posta (notification) ma setgħetx issir f'idejn id-destinatarju stess u dan tal-aħħar ma jidherx, l-imħallef jista' jitlob lill-applikant sabiex jinnotifika l-att mill-ġdid. Din il-formalità tippermetti sabiex jitneħħa kwalunkwe dubju fuq l-interpretazzjoni li għandha tingħata fin-nuqqas tal-parti kkonċernata.

Fi proċeduri fejn il-partijiet jiġu ġeneralment imħarrka mir-reġistru tal-qorti, l-imħallef jista' ukoll jitlob lill-applikant sabiex jipproċedi għal taħrika permezz ta' uffiċjal ġudizzjarju jekk ikun hemm dubji dwar il-validità tat-taħrika nnotifikata permezz ta' ittra reġistrata.

Fl-aħħar nett, l-imħallef jista' jagħti sentenza *inter partes* kontra parti li ma tkunx telgħet għas-seduta biss jekk huwa ppruvat li din tal-aħħar ġiet innotifikata personalment. Jekk dan mhuwiex il-każ (pereż. jekk it-taħrika ġiet ikkonsenjata lil persuna oħra fuq il-post), is-sentenza tingħata bħala regola, u jistgħu jintlaqgħu l-oġġezzjonijiet.

#### 11 Hemm xi ħlas għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-ħlas?

In-notifiki magħmula mir-reġistru tal-qorti jiġu b'xejn. Meta n-notifika ssir minn uffiċjal ġudizzjarju, dan tal-aħħar jitħallas miżata abbażi ta' tariffa stabbilita permezz ta' regolament gran-dukali.

#### Ħoloq relatati

[Legilux](#)

[Registre de Commerce et des Sociétés](#)

L-aħħar aġġornament: 10/01/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

#### In-notifika ta' atti - Ungerja

##### 1 F'termini prattiċi xi jfisser it-terminu legali "notifika ta' dokumenti"? Għaliex hemm regoli speċifiċi dwar in-"notifika ta' dokumenti"?

Skont l-[Att CXXX tal-2016 dwar il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#) ("l-Att CXXX tal-2016"), sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi, id-dokumenti tal-qorti għandhom jiġu nnotifikati bil-posta, skont il-leġiżlazzjoni relatata man-notifika ta' dokumenti uffiċjali. Id-destinatarju jista' ukoll jiġbor id-dokument destinat għalih fl-uffiċċju tal-qorti, wara li jippreżenta prova tal-identità. Fil-każ ta' komunikazzjoni elettronika obligatorja jew fakultattiva, id-dokumenti jiġu nnotifikati elettronicament.

Ara t-taqsima dwar l-[l-proċessar awtomatiku](#).

L-għan li jiġu nnotifikati d-dokumenti uffiċjali huwa li d-destinatarji jiġu informati bil-kontenut tad-dokumenti, iżda b'mod li jippermetti lill-ispedituri li jipprovaw li d-dokumenti ġew trażmessi lid-destinatarji. L-att innifuss, id-data tiegħu u r-riżultat tan-notifika jridu jkunu murija. Id-dokumenti uffiċjali jistgħu jintbagħtu b'ittra reġistrata bil-konferma tar-riċevuta intiża b'mod speċjali għal dan it-tip ta' notifika.

##### 2 Liema dokumenti jeħtieġ li jkunu nnotifikati b'mod formali?

Skont l-[I-Att CLIX tal-2012 dwar is-servizzi postali](#) ("Att CLIX tal-2012"), id-dokumenti li jridu jkunu nnotifikati uffiċjalment huma dawk li fil-każ tagħhom l-ispeditazzjoni jew in-notifika (tentattiv ta' notifika) jew id-data tagħhom ikollhom konsegwenzi ġuridiċi bil-liġi, dawk li jipprovdu l-bażi għal kalkolu tal-iskadenzi statutorji jew dawk li huma kklassifikati bħala dokumenti uffiċjali permezz tal-liġi.

Skont l-Att CXXX tal-2016, fi proċedimenti ta' kawżi ċivili, is-segwenti jridu jiġu kkomunikati permezz ta' notifika:

- sentenzi u inġunzjonijiet lill-partijiet;
- ordnijiet li jingħataw matul il-proċess, lill-parti li ma ġietx imħarrka debitament għall-proċess;
- ċerti ordnijiet speċifikati mill-Att CXXX tal-2016 u li ngħataw waqt il-proċess, lill-parti li naqset milli tidher waqt il-proċess;
- ordnijiet mogħtija barra mill-proċess, lill-parti kkonċernata;
- id-deċiżjonijiet kollha maħruġa matul il-proċedura, lill-persuna li fl-interess tagħha tressqu l-proċedimenti mill-prosekutur jew mill-persuna awtorizzata li tibda l-proċedimenti.

##### 3 Min hu responsabbli biex jinnotifika dokument?

Il-qorti u l-fornitur tas-servizz postali huma responsabbli min-notifika ta' dokumenti, abbażi tal-leġiżlazzjoni applikabbli għalihom.

#### 4 Tifitx tal-indirizz

4.1 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, l-awtorità rikjesta f'dan l-Istat Membru tipprova u tistabbilixxi hi bl-inizjattiva tagħha fejn tinsab il-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokumenti ladarba din ma tkunx għadha toqgħod fl-indirizz magħruf mill-awtorità rikjedenti?


Ma hemm ebda tali obbligu, iżda mhuwiex eskluż, pereżempju, li l-qorti tista' tivverifika l-indirizz kurrenti tal-kumpanija mniżżla fir-reġistru kummerċjali u tirranġa għan-notifika konsegwentement.

4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-indirizz attwali tal-persuna? Jekk iva, x'reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhil l-proċedura li trid tiġi segwita? Xi ħlas irid isir, jekk hemm?

L-indirizz residenzjali ta' persuni fiżiċi:

Fl-Ungerja, ir-reġistru ċentrali tal-indirizzi residenzjali jinżamm mill-Uffiċċju tal-Viċi Segretarju tal-Istat għaż-Żamma tar-Reġistri tal-Ministeru tal-Intern (Belügyminisztérium Nyilvántartások Vezetéséért Felelős Helyettes Államtitkársága, 'BM NYHÁT') [http://nyilvantarto.hu/hu/adatszolgaltatas\\_szemelyi](http://nyilvantarto.hu/hu/adatszolgaltatas_szemelyi).

Huwa possibbli li dan ir-reġistru jintuża biex jinkisbu d-dettalji tal-indirizz ta' persuni identifikabbli b'mod individwali. It-tali rikorsi jistgħu jitressqu minn persuni privati jew legali jew entitajiet mingħajr personalità ġuridika, sakemm dawn jiġġustifikaw l-iskop u l-bażi ġuridika għall-użu ta' din id-data.

Ir-rikors jista' jiġi ppreżentat personalment fi kwalunkwe uffiċċju distrettwali jew barra mill-pajjiż fir- **rappreżentanza diplomatika Ungeriża** kompetenti għall-indirizz residenzjali barrani.

Jista' jiġi ppreżentat rikors bil-miktub fi kwalunkwe uffiċċju distrettwali. Jekk id-*data* mitluba ma tkunx disponibbli fl-uffiċċju tad-distrett, f'dan il-każ - talbiet minn awtoritajiet pubbliċi u rikorsi għal żvelar ta' *data* minn awtoritajiet pubbliċi jistgħu jiġu ppreżentati lid-Dipartiment BM NYHÁT għar-Rekords Personali u ta' Ġestjoni), Taqsima ta' Assistenza Legali Domestika (BM NYHÁT Személyi Nyilvántartási és Igazgatási Főosztály Belföldi Jogsegélyügyek Osztály), indirizz postali: H-1476 Budapest, Pf. 281.;

- it-talbiet l-oħra kollha minn rikorrenti li mhumiex inklużi hawn fuq (eż. individwi privati, kumpaniji, eċċ.) jistgħu jiġu ppreżentati mid-Dipartiment BM NYHÁT għas-Servizz Personali tal-Klijenti u għall-Verifika tad-Dokumenti ((BM NYHÁT Személyes Ügyfélszolgálati és Okmányügyi Főosztály), indirizz postali: H-1553 Budapest, Pf. 78.

- Rikors bil-miktub jista' jiġi ppreżentat barra mill-pajjiż fir- **rappreżentanza diplomatika Ungeriża** kompetenti għall-indirizz residenzjali barrani.

Ir-rikors irid ikun fih is-segwenti:

- id-dettalji tar-rikorrent, l-isem, l-indirizz, l-uffiċċju registar jew il-post tan-negozju tar-rikorrent jew ir-rappreżentant tiegħu;
- l-enumazzjoni eżatta tad-*data* mitluba;
- l-għan li għalih se tintuża d-*data*;
- id-dettalji ta' identifikazzjoni ta' persuna fiżika li jistgħu jintużaw sabiex tiġi identifikata l-persuna msemmija fir-rikors (isem, post u data tat-twelid, kunjom tal-omm xebba) jew l-isem u l-indirizz residenzjali magħruf mir-rikorrent (isem tal-lokalità, isem tat-triq, numru tad-dar).

Id-dokumenti li jridu jiġu ppreżentati mar-rikors:

- Id-dokument li jiġġustifika l-bażi ġuridika għall-użu ta' din id-*data*.
- Ir-rappreżentant awtorizzat irid jippreżenta prokura, sakemm ma tkunx diġà mdaħħla fir-Reġistru tas-Servizz ta' Verifika tal-Klijenti ("rendelkezési nyilvántartás"). Il-prokura trid tkun dokument uffiċjali jew dokument privat iċċertifikat, inkella trid tkun irreġistrata.

Sakemm il-prokura ma ttiprovdi mod ieħor, hija tkopri d-dikjarazzjonijiet u l-atti kollha relatati mal-proċedura.

Jekk ikun hemm xi dubju dwar l-awtentikità jew il-kontenut ta' dokument uffiċjali maħrūg barra mill-pajjiż, l-awtorità titlob lir-rikorrent biex jippreżenta d-dokument barrani uffiċjali b'apostille.


Jekk ir-rikorrent jissottometti t-traduzzjoni fil-lingwa Ungeriża ċċertifikata ta' dokument maħrūg f'lingwa oħra, l-awtorità taċċettaha abbażi tal-kontenut tat-traduzzjoni.

Il-proċedura hija suġġetta għal tariffa ta' servizz amministrattiv pagabbli sussegwentement:

- għall-forniment ta' *data* li tirrigwarda minn persuna waħda sa ħames persuni: HUF 3 500;
- għall-forniment ta' *data* li tirrigwarda aktar minn ħames persuni: in-numru ta' persuni kkonċernati multiplikat bir-rata ta' HUF 730 għal kull oġġett.

Fil-każ ta' rikorsi trażmessi minn barra jew permezz tar-rappreżentanza diplomatika Ungeriża li hija akkreditata għall-post tar-residenza tar-rikorrent, it-tariffa trid tiġi ħallas sussegwentement b'ħala tariffa konsulari fir-rappreżentazzjoni Ungeriża kompetenti.


Kumpaniji:

Fil-każ ta' kumpaniji, l-informazzjoni l-aktar importanti fir-reġistru kummerċjali, inkluż l-indirizz, hija disponibbli mingħajr ħlas fuq is-sit web segwenti, bl-Ungeriż:  <https://www.e-ceggyezek.hu/>

### **4.3 L-awtoritajiet f'dan l-Istat Membru kif jitrattaw talba mibgħuta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali bl-għan li jinstab l-indirizz attwali ta' persuna?**

Ir-Regolament mhuwiex ċar dwar jekk it-talbiet immirati għall-iskoperta tal-indirizzi residenzjali jaqgħux fl-ambitu tiegħu. Għalhekk, hija l-qorti li għandha tiddeċiedi jekk taċċetta it-tali talbiet. Madankollu, il-qrati Ungeriżi jistgħu jitolbu d-dettalji tal-indirizz mill-BM NYHÁT, u għalhekk l-aċċettazzjoni tat-tali talba għal assistenza legali mhijiex eskluża fil-prattika.

### **5 Fil-prattika, normalment kif jiġi notifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (ħlief in-notifika indiretta msemmija fil-punt 6 iktar 'l isfel)?**

Skont  *id-Digriet Governattiv Nru 335/2012 tal-4 ta' Diċembru 2012* li jistabbilixxi regoli dettaljati li jirregolaw is-servizzi postali u n-notifika ta' dokumenti uffiċjali ("id-Digriet Governattiv Nru 335/2012"), il-fornitur tas-servizzi postali jinnotifika d-dokumenti uffiċjali, mibgħuta b'konferma tar-riċevuta, billi jikkonsenjaha personalment lid-destinatarju jew lil riċevitur awtorizzat ieħor.

Jekk id-destinatarju huwa persuna fiżika u huwa assenti mill-post fil-ħin tat-tentattiv ta' notifika, id-dokument irid jiġi nnotifikat l-ewwel lir-rappreżentant tad-destinatarju preżenti hemmhekk. Jekk fil-ħin tat-tentattiv ta' konsenja kemm id-destinatarju u kif ukoll ir-rappreżentant tiegħu huma assenti mill-post, skont id-dikjarazzjoni tar-reċipjent sostitut, id-dokument jista' jiġi nnotifikat lir-reċipjent sostitut preżenti hemmhekk.

Fil-każ ta' organizzazzjoni, il-persuna intitolata li tirċievi d-dokumenti huwa r-rappreżentant tal-organizzazzjoni.


Impjegat li ma jikkwalifikax b'ħala rappreżentant tal-organizzazzjoni jista' jitqies mill-fornitur tas-servizzi postali b'ħala li jkun intitolat li jieħu l-konsenja tal-posta b'ħala riċevitur okkażjonali.

Il-fornitur ta' servizz jinnotifika l-ittra permezz tal-organizzazzjoni li topera fil-post indikat fl-indirizz (servizz indirett), jekk l-indirizz, il-post tar-residenza jew il-post tax-xogħol tad-destinatarju huwa wieħed mis-segwenti: il-Forzi tad-Difiża Ungeriżi, is-Servizz ta' Intelliġenza Militari, l-Aġenzija tal-Infurzar tal-Iġi, is-servizz ta' priġunerija, iċ-ċentru ta' detenzjoni għaż-żgħażgħ, l-entitajiet tal-kura tas-saħħa jew dawk soċjali, il-lukandi, il-hostels għall-istudenti, il-hostels għall-ħaddiema jew iċ-ċentri għall-vaganzi.

Skont id-Digriet Governattiv Nru 335/2012, il-fornitur ta' servizz jagħmel żewġ tentattivi sabiex jinnotifika l-ittra mibgħuta b'ħala dokument uffiċjali. Jekk l-ewwel tentattiv ifalli billi d-destinatarju jew ir-riċevitur awtorizzat ma jkunx preżenti fl-indirizz, il-fornitur ta' servizz iħalli avviż, jagħmel id-dokument uffiċjali disponibbli fil-punt tal-konsenja indikat fl-avviż, u jagħmel tentattiv ieħor fil-ħames jum ta' xogħol li jiġi wara n-notifika li ma tkunx imnax. Jekk it-tieni tentattiv ifalli, il-fornitur ta' servizz jerġa' iħalli warajh avviż għad-destinatarju u jagħmel id-dokument uffiċjali disponibbli fis-servizz tal-punt tal-konsenja indikat fl-avviż għal ħamest ijiem ta' xogħol mid-data tat-tieni tentattiv tan-notifika. Sakemm isir it-tieni tentattiv tan-notifika, id-dokument uffiċjali jista' jinġabar mill-punt tal-konsenja indikat, wara li jippreżentaprova tal-identità. Jekk id-dokument uffiċjali mhuwiex ikkonsenjat sad-data tal-iskadenza indikata fit-tieni avviż, fil-jum ta' xogħol li jmiss il-fornitur ta' servizz jirritorna d-dokument uffiċjali bl-indikazzjoni "ma nġabarx".

F'dan il-każ, skont id-dispożizzjonijiet tal-Att CXXX tal-2016, id-dokument irid jitqies b'ħala li jkun ġie nnotifikat fil-ħames jum ta' xogħol mid-data tat-tieni tentattiv ta' notifika, sakemm ma jiġix ipprovat mod ieħor. In-notifika ma tkunx ikkonsiderata legali jekk id-dokument ikun ġie nnotifikat lil riċevitur alternattiv minflok lid-destinatarju, u r-riċevitur alternattiv kien il-parti li qed toponi jew ir-rappreżentant tiegħu fil-proċedura ġudizzjarja. F'każ ta' notifika ta' dokument li jiftaħ il-proċedimenti jew deċiżjoni sostantiva li tikkonkludi l-proċedimenti, il-qorti tinnotifika lid-destinatarju fi żmien tmint ijiem mill-preżunzjoni li d-dokument ikun ġie nnotifikat. Jekk indirizz elettroniku jkun disponibbli, in-notifika trid tintbagħat ukoll fl-indirizz elettroniku.

Id-destinatarju jista' ukoll jiġbor id-dokument destinat għalih fl-uffiċċju tal-qorti, wara li jippreżenta prova tal-identità.

 *L-Att LIII tal-1994 dwar il-proċedimenti ta' infurzar* ("ATT LIII tal-1994") jirregola n-notifika mill-Bailiff b'ħala metodu alternattiv ta' notifika permess fil-każ ta' deċiżjonijiet sostantivi li jikkostitwixxu l-bażi għall-infurzar, fejn il-preżunzjoni tan-notifika tkun daħlet fis-seħħ u l-parti intitolata li tressaq it-talba għall-infurzar tkun espressament talbet dan u tkun ħallset parti mill-ispejjeż bil-quddiem. Skont l-Att LIII tal-1994, il-Bailiff jista' ukoll jinnotifika d-dokumenti ta' infurzar

personalment, f'konformità ma' leġiżlazzjoni speċifika. Jekk il-proċedura tfalli, id-dokumenti jistgħu jiġu notifikati skont proċedura ġdida f'konformità mar-regoli ġenerali applikabbli għan-notifika ta' dokumenti uffiċjali.

L-Att CXXX tal-2016 u [l-Att L tal-2009 dwar il-proċedura tal-ordni ta' ħlas](#) jispeċifikaw każijiet oħra fejn in-notifika tista' issir mill-Bailiff.

Barra minn dak li ntqal hawn fuq, fil-każijiet speċifikati mil-liġi, in-notifika tista' titwettaq minn entitajiet speċjali ta' notifika, pereż. permezz ta' persunal tal-qorti (pereż. bin-notifika ta' taħrikiet għall-komparazzjoni fi proċessi ċivili jekk dawn ikunu urġenti).

**6 Hija permessa n-notifika elettronika ta' dokumenti (notifika ta' dokumenti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, bħall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa permess dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatarju (professjonist tal-liġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?**

Skont l-Att CXXX tal-2016, issir distinzjoni bejn komunikazzjoni elettronika obbligatorja u fakultattiva.

Skont [l-Att CCXXII tal-2015 dwar ir-regoli ġenerali applikabbli għal amministrazzjoni elettronika u għas-servizzi fiduċjarji](#) ("Att CCXXII tal-2015"), dawk li huma legalment meħtieġa jużaw il-komunikazzjoni elettronika (eż. rappreżentanti legali u kumpaniji) iridu jissottomettu r-rikorsi kollha lill-qorti b'mezzi elettroniċi biss, bil-mod previst fl-Att CCXXII tal-2015 u d-digriet ta' implimentazzjoni tiegħu. Il-qorti tinnotifikahom ukoll bid-dokumenti permezz ta' mezzi elettroniċi.

Il-partijiet fil-proċedimenti li mhumiex obbligati jużaw komunikazzjoni elettronika, jew ir-rappreżentanti tagħhom jekk ma jkunux ikklassifikati bħala rappreżentanti legali, jistgħu - bl-eċċezzjonijiet stipulati fl-Att CXXX tal-2016 - jippreżentaw id-dokumenti kollha b'mod elettroniku jekk jixtiequ, skont id-dispożizzjonijiet tal-Att CCXXII tal-2015 u d-digriet ta' implimentazzjoni tiegħu. Jekk parti jew ir-rappreżentant tiegħu jagħmel komunikazzjoni elettronika, il-qorti sservi d-dokumenti kollha tal-qorti b'mod elettroniku.

Fil-każ ta' komunikazzjoni elettronika, jiġi żgurat kuntatt kontinwu mal-qorti permezz tas-sistema ta' notifika elettronika. Il-parti li tagħmel komunikazzjoni elettronika hija notifikata dwar jekk is-sottomissjoni tagħha tikkonformax mar-rekwiżiti tal-IT.

In-notifika ta' konsenja sigura tiggarrantixxi, fost affarijiet oħra, li l-ispeditur jiġi nnotifikat bil-wasla tal-messaġġi tiegħu, u jekk il-konsenja ma tkunx imnaxxiet. Il-fornitur tas-servizzi huwa meħtieġ li joħroġ ċertifikazzjoni immedjata lill-ispeditur, li għandha tintbagħat fl-indirizz elettroniku pprovdut, li tikkonferma l-informazzjoni relatata mal-avveniment ta' notifika tad-dokument.

Għal dokumenti nnotifikati bl-użu ta' servizzi ta' konsenja siguri, jenħteġ li jiġu permessi ħamest ijiem ta' xogħol għar-riċevuta, sakemm mhux previst mod ieħor mil-leġiżlazzjoni. Jekk id-destinatarju ma jiġi konsenja tal-posta f'dak il-limitu ta' żmien iżda lanqas ma jirrifjuta l-konsenja, tintbagħat t-tieni notifika ta' servizz fl-ewwel jum ta' xogħol wara l-perjodu ta' ħamest ijiem ta' xogħol.

Sa mill-introduzzjoni tal-komunikazzjoni elettronika fil-liġi proċedurali, id-dispożizzjonijiet tal-Att CXXX tal-2016 li jikkonċernaw il-preżunzjoni tan-notifika (fid-dettall hawn taħt) japplikaw mhux biss għall-konsenja bil-posta iżda għall-mezzi legali kollha għan-notifika ta' dokumenti, inkluż b'mezzi elettroniċi.

F'każijiet urġenti, it-taħrikiet għal proċessi ċivili jistgħu jitqassmu bil-posta elettronika anki fin-nuqqas ta' komunikazzjoni elettronika.

## **7 Notifika "Indiretta"**

**7.1 Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika fejn ma jkunx possibbli li d-dokumenti jkun nnotifikati lid-destinatarju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamar)?**

Skont l-Att CXXX tal-2016, jekk il-post ta' residenza tal-parti mhux magħruf u d-dokument tal-qorti lanqas ma jista' jiġi nnotifikat lill-parti b'mezzi elettroniċi, jew jekk il-parti tirrisjedi fi stat li ma jipprovdix assistenza legali għan-notifika, jew jekk hemm ostakoli oħra li ma jinqalgħux li jipprekludu n-notifika, jew jekk il-liġi hekk tipprovdi, in-notifika trid issir permezz ta' reklamar fuq il-powsters. Bħala regola ġenerali, il-qorti tista' tordna notifika permezz ta' reklamar fuq powsters fuq talba tal-parti, sakemm ikun hemm raġunijiet fondati għal dan.

Ir-reklamar fuq powsters irid jintwera għal ħmistax-il jum fuq is-sit web ċentrali tal-qorti, fuq l-avviżiera tal-qorti, u fuq l-avviżiera tas-sindku lokali jew tal-uffiċċju tal-kunsill fil-post tal-aħħar residenza magħrufa tal-parti. Jekk l-indirizz elettroniku tal-parti jkun disponibbli, ir-reklamar fuq powsters irid jintbagħat ukoll fl-indirizz elettroniku.

**7.2 Jekk japplikaw metodi oħrajn, id-dokumenti meta jitqiesu li ġew innotifikati?**

Fil-każ ta' notifika permezz ta' reklamar fuq powsters, bħala regola ġenerali, id-dokumenti jridu jitqiesu li jkun għew innotifikati fil-ħmistax-il jum li fih ir-reklam ikun deher fis-sit web ċentrali tal-qorti.

**7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika huwa d-depożitu tad-dokumenti f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatarju kif ikun infurmat b'dak id-depożitu?**

Skont l-Att CLIX tal-2012, il-fornitur ta' servizzi u d-destinatarju jistgħu jaqblu li jenħteġ li l-ittra għad-destinatarju tiġi nnotifikata mhux fl-indirizz indikat fuq l-ittra iżda fl-indirizz ieħor. Skont id-Digriet Governattiv Nru 335/2012, il-fornitur tas-servizz postali jipprovdi informazzjoni mal-wasla ta' dokumenti uffiċjali destinati għal kaxxa postali billi jħalli avvizj fil-kaxxa anki jekk id-dokument uffiċjali huwa destinat għall-kaxxa postali iżda mhux għal-lokatarju tal-kaxxa postali.

**7.4 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokumenti, xi jkun l-konsegwenzi? Id-dokumenti jitqiesu bħala effettivament innotifikati jekk ir-rifjut ma jkun leġittimu?**

Skont l-Att CXXX tal-2016, id-dokumenti tal-qorti jridu jitqiesu bħala li jkun nnotifikati fid-data tat-tentattiv tan-notifika jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika.

## **8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki)**

**8.1 Jekk is-servizz postali jwassal dokument mibgħut minn barra lill-destinatarju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn tal-aċċettazzjoni tal-riċevuta (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki), is-servizz postali jista' jħalli d-dokument biss mad-destinatarju stess jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-posta, iħalli d-dokument ukoll ma' persuna oħra fl-istess indirizz?**

Fil-każ ta' notifika skont l-Artikolu 14 tar-Regolament, il-fornitur tas-servizz postali fl-Ungerija ma jkollu ebda informazzjoni li l-ittra riċevuta minn barra 'il pajjiż jkun dokument uffiċjali. Għalhekk, huwa ma japplikax ir-regoli partikolari applikabbli għan-notifika ta' dokumenti uffiċjali iżda biss ir-regoli domestiċi ġenerali applikabbli għal ittri reġistrati (bil-konferma tar-riċevuta).

L-informazzjoni fil-punt 5 dwar il-persuni awtorizzati li jirċievu d-dokumenti tapplika fir-rigward ta' dokumenti uffiċjali.

**8.2 Skont ir-regoli tal-posta f'dan l-Istat Membru kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tan-Notifiki Nru 1393/2007, jekk la d-destinatarju u lanqas ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-posta – ara fuq) ma jkun instab fl-indirizz fejn tkun intbagħtet?**

Jekk id-destinatarju jew riċevitur awtorizzat ieħor mhux preżenti fl-indirizz fil-ħin tat-tentattiv ta' notifika, il-fornitur ta' servizz iħalli warajh avvizj li jinforma lid-destinatarju li d-dokument huwa disponibbli għad-destinatarju fil-punt ta' konsenja tal-fornitur ta' servizz. Id-dokument jista' jinġabar f'dak l-indirizz mid-destinatarju, ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jew riċevitur alternattiv li għandu d-domiċilju jew il-post tar-residenza tiegħu f'dak l-indirizz. Jekk id-destinatarju jew riċevitur awtorizzat ieħor ma jgħorx l-ittra sal-iskadenza indikata fl-avvizj, il-fornitur ta' servizz jirritorna d-dokument bħala mhux ikkonsenjat.

### 8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perjodu speċifiku għall-ġbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għax ma twasslux? Jekk iva, kif ikun infurmat id-destinatarju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?

Il-perjodu ta' disponibbiltà huwa stabbilit mill-fornitur tas-servizz postali. Fil-każ ta' Magyar Posta Zrt., dan huwa ta' għaxart ijiem ta' xogħol mit-tentattiv ta' notifika. Għall-metodu ta' komunikazzjoni, ara l-punt preċedenti.

### 9 Ikun hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun ġie nnotifikat?

Il-prova bil-miktub tan-notifika hija l-konferma tar-riċevuta, li tindika r-riżultat tal-proċedura ta' notifika, jiġifieri r-riċevitur, il-funzjoni tar-riċevitur jekk huwa mhuwix id-destinatarju (pereż. rappreżentant awtorizzat), id-data tar-riċevuta jew, jekk ma jkunx hemm konsenja, l-ostakolu li pprekludietha (pereż. riċevuta rifjutata, "mhux miġbura"). Il-fornitur ta' servizz jirritorna l-konferma tar-riċevuta lill-ispeditur fi kwalunkwe każ.

### 10 X'jiġri jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirċievi id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi nnotifikat lil terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika ġdida tad-dokument?

Skont l-Att CXXX tal-2016, jekk il-preżunzjoni tan-notifika tkun daħlet fis-seħħ (id-destinatarju rrifjuta li jirċievi d-dokument jew ma laqax il-konsenja tad-dokument minkejja żewġ tentattivi ta' notifika), id-destinatarju jista' jqajjem oġġezzjoni mal-qorti li tmexxi l-proċedimenti li taħtha tkun saret in-notifika, abbażi ta' xi waħda mir-raġunijiet stabbiliti hawn taħt, fi żmien ħmistax-il jum minn meta kellu konjizzjoni dwar il-preżunzjoni ta' twettiq tan-notifika jew minn meta kellu konjizzjoni dwar in-notifika fil-każ ta' dokument meqjus bħala nnotifikat mingħajr preżunzjoni ta' notifika. Bħala regola ġenerali, l-ebda oġġezzjoni ma tista' tiġi ppreżentata aktar minn tliet xhur wara d-data li fiha l-preżunzjoni ta' notifika ssir effettiva jew id-data tan-notifika. Jekk il-preżunzjoni tan-notifika jew in-notifika tikkonċerna dokument li jiftaħ il-proċedimenti, l-oġġezzjoni tista' tiġi ppreżentata waqt li l-proċedimenti jkunu għaddejnin, fi żmien ħmistax-il jum mill-konjizzjoni dwar il-preżunzjoni ta' notifika jew mill-konjizzjoni dwar in-notifika attwali tad-dokument.

Il-Qorti tilqa' l-oġġezzjoni jekk id-destinatarju ma kienx f'pożizzjoni li jirċievi d-dokument tal-qorti minħabba li:

(a) in-notifika saret bi ksur tal-leġiżlazzjoni applikabbli għan-notifika ta' dokumenti uffiċjali jew ma kinitx legali għal raġunijiet oħra, jew

(b) id-destinatarju ma setax jirċievi d-dokument għal raġunijiet oħra mhux imsemmija fil-punt (a) mingħajr ebda tort min-naħa tiegħu.

L-oġġezzjoni kontra l-preżunzjoni ta' notifika għal raġunijiet koperti taħt il-punt (b) tista' titqajjem minn persuni fiżiċi biss.

Jekk il-qorti tilqa' l-oġġezzjoni, il-konsegwenzi ġuridiċi konnessi man-notifika isiru nulli u n-notifiki u l-miżuri u l-azzjonijiet proċedurali li diġà ttehdju jridu jiġu ripetuti kif meħtieġ.

Tista' titqajjem ukoll oġġezzjoni fil-kors ta' proċedimenti ta' infurzar. Fil-każ li d-deċiżjoni kkunsidrata bħala li ġiet innotifikata ssir finali, id-destinatarju jista' - abbażi tar-raġunijiet diġà deskritti - jissottometti oġġezzjoni lill-qorti li tkun ħarġet id-deċiżjoni fl-ewwel istanza matul il-proċedimenti ta' infurzar, fi żmien ħmistax-il jum mill-konjizzjoni dwar il-proċedimenti għall-infurzar tad-deċiżjoni.

Bħala regola ġenerali, il-qorti tista' tordna notifika permezz ta' reklamar fuq powsters fuq talba tal-parti, sakemm ikun hemm raġunijiet fondati għal dan. Jekk il-fatti ppreżentati fir-rikors għal reklamar fuq powsters jirriżultaw li huma foloz u l-parti rikorrenti kienet konxja jew kellha raġunijiet raġonevoli biex tkun taf dwar dan, il-parti trid tiġi ordnata tħallas l-ispejjeż imġarba b'rabta mar-reklamar fuq powsters, irrispettivament mill-eżitu tal-proċedimenti, u l-qorti timponi wkoll multa.

Sentenza finali tista' tkun suġġetta għal rieżami fejn id-dokument li jibda l-proċedimenti jew dokument ieħor kien innotifikat lill-parti permezz ta' reklamar fuq powsters bi ksur tar-regoli applikabbli għan-notifika permezz ta' reklamar fuq powsters.

### 11 Hemm xi ħlas għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-ħlas?

It-tariffi tal-qorti jinkludu wkoll l-ispejjeż tan-notifika ta' dokumenti. Għalhekk, il-parti ma jkollhiex tħallas l-ispejjeż tan-notifika fil-proċedimenti tal-qorti. L-unika eċċezzjoni hija n-notifika mill-Bailiff skont l-Att LIII tal-1994, fejn il-persuna li titlob l-infurzar trid tħallas l-ispejjeż relatati bil-quddiem. Skont il-liġi, il-Bailiff huwa intitolat għal tariffa ta' HUF 6 000 u somma f'daqqa ta' HUF 1 500 biex ikopri l-ispejjeż, irrispettivament mill-għadd ta' tentattivi ta' notifika.

Jekk il-proċedimenti ta' infurzar jinbwev abbażi tad-dokument li jrid jiġi nnotifikat, l-ispejjeż jiġihallu mid-debitur. L-ispejjeż relatati man-notifika permezz ta' reklamar fuq powsters iridu jiġihallu bil-quddiem mill-persuna li qed titlob in-notifika permezz ta' reklamar fuq powsters.

L-aħħar aġġornament: 19/11/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## In-notifika ta' atti - Malta

### 1 F'termini prattiċi xi fisser it-terminu legali "notifika ta' dokumenti"? Għalhekk hemm regoli speċifiċi dwar in-"notifika ta' dokumenti"?

In-notifika ta' dokumenti tfisser il-konsenja ta' dokumenti ġudizzjarji lil persuna ġuridika jew fiżika. Il-mod tan-notifika huwa rregolat b'mod speċifiku mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta).

Regoli speċifiċi rigward in-notifika ta' dokumenti ddaħħlu fil-liġi nazzjonali biex tinholq proċedura standard ta' kif id-dokumenti jiġu nnotifikati u jkun żgurat li l-partijiet ikkonċernati kollha jirċievi d-dokumenti ġuridiċi relatati magħhom jew mal-kawża tagħhom. Barra minn hekk, dawn ir-regoli joħolqu ċertezza, għall-benefiċċju tal-qorti, li d-dokumenti jkunu laħqu d-destinatarju tagħhom.

### 2 Liema dokumenti jeħtieġ li jkunu nnotifikati b'mod formali?

Id-dokumenti kollha ppreżentati l-qorti jridu jiġu nnotifikati formalment. Dawn jinkludu ittri uffiċjali, protesti ġudizzjarji, rikorsi, ċitazzjonijiet, appelli, risposti, mandati kawtelatorji u eżekuttivi, u ordnijiet mogħtija mill-Qrati, l-Imħallfin u l-Maġistrati.

### 3 Min hu responsabbli biex jinnotifika dokument?

Malli ssir il-preżentata ta' dokument il-qorti, hija l-qorti li tkun responsabbli għan-notifika tad-dokumenti. Il-parti li tippreżenta t-talba trid tippreżenta d-dokument il-qorti u tindika l-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokument u l-indirizz għan-notifika. F'każ ta' iktar minn destinatarju wieħed, il-parti li tippreżenta d-dokument trid tiżgura li jkun hemm biżżejjed kopji għad-destinatarji kollha.

### 4 Tiftix tal-indirizz

#### 4.1 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, l-awtorità rikjesta f'dan l-Istat Membru tipprova u tistabbilixxi hi bl-inizjattiva tagħha fejn tinsab il-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokumenti ladarba din ma tkunx għadha toqgħod fl-indirizz magħruf mill-awtorità rikjedenti?

L-awtorità Maltija li tirċievi tivverifika l-indirizz ipprovdut jekk in-notifika ma timexxi; madankollu, biex dan isir, l-awtorità Maltija trid tkun ipprovduta b'numru tal-karta tal-identità tad-destinatarju fil-każ ta' persuna fiżika. Jekk l-aġenzija li tirċievi tista' tipprova tistabbilixxi residenza alternattiva.

Fil-każ ta' kumpaniji, l-awtorità li ssirilha t-talba tivverifika l-indirizz irreġistrat tal-kumpanija destinatarja permezz ta' sistema onlajn operata mir-Reġistru tal-Kumpaniji fi ħdan l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA). Jekk l-indirizz ipprovdut mill-awtorità li twassal ikun differenti minn dak indikat ikun hemm tentattiv ieħor biex id-dokumenti jiġu nnotifikati fl-indirizz irreġistrat.

Meta l-marixxall tal-qorti jindika li ma jkunx sab lid-destinatarju fl-indirizz ipprovdut jew li ħadd ma fetaħlu, l-awtorità li ssirilha t-talba tippreżenta rikors fil-qorti xierqa biex tikseb permess biex tinnotifika lill-persuna (güridika jew fiżika) fl-istess indirizz imma wara l-ħinijiet stabbiliti mil-liġi tagħna. Drabi oħra in-notifika tirnexxi.

#### **4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-indirizz attwali tal-persuna? Jekk iva, x'reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhi l-proċedura li trid tiġi segwita? Xi f'as irid isir, jekk hemm?**

Biex jiġi stabbilit l-indirizz ta' persuna fiżika, l-awtorità li tirċievi biss għandha aċċess għal dettalji li għandhom x'jaqsmu mal-indirizz tal-persuna sakemm l-aġenzija li twassal tipprovi numru ta' identifikazzjoni. Din il-bażi ta' dejta mhix disponibbli għall-pubbliku ġenerali jew għall-awtoritajiet barranin. Mill-banda l-oħra, informazzjoni essenzjali dwar il-kumpaniji bħall-isem korrett tal-kumpanija, in-numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpanija u l-uffiċċji rreġistrati tagħna, jista' jarahom kulħadd, bla f'as, permezz ta' sistema onlajn taħt [ir-Reġistru tal-Kumpaniji](#) fi f'dan l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta. Informazzjoni speċifika bħal isem id-diretturi, ir-rappreżentanti legali, is-segretarju tal-kumpanija, eċċ, jistgħu jinkisbu onlajn fl-istess sit, imma jkollok toflok kont, u biex tara din l-informazzjoni trid tħallas għaliha.

#### **4.3 L-awtoritajiet f'dan l-Istat Membru kif jitrattaw talba mibgħuta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qorti tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali bl-għan li jinstab l-indirizz attwali ta' persuna?**

Ir-raġunijiet għal din it-talba jridu jingħataw lill-Awtorità Ċentrali meta ssir talba dwar l-indirizz ta' xhud. L-Awtorità Ċentrali madankollu mhix obligata tipprovi din l-informazzjoni.

#### **5 Fil-prattika, normalment kif jiġi notifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (f'leif in-notifika indiretta msemmija fil-punt 6 iktar 'l isfel)?**

Protesti ġudizzjarji u dokumenti güridici li ma jkunux parti minn kawża jiġu nnotifikati bil-posta rreġistrata fejn "karta roża" turi jew il-firma tar-riċevitur jew li d-dokument ma aċċettah ħadd. Il-"karta r-roża" tinhemeż mad-dokument oriġinali (pereżempju mal-ittra uffiċjali).

Dokumenti oħra ppreżentati għall-fini tal-ftuħ ta' proċedimenti legali jew li jkunu ppreżentati waqt l-andament ta' kawża jiġu nnotifikati permezz tal-marixxall tal-Qorti billi d-dokument jitwassal għand id-destinatarju, fl-indirizz indikat mill-parti li tippreżenta d-dokument, jew billi titfahha kopja tiegħu fil-post tax-xogħol jew fir-residenza tiegħu, jew ma' persuna fis-servizz tiegħu jew lill-prokuratur tiegħu jew persuna awtorizzata li tirċievi l-posta tiegħu. Madankollu, id-dokumenti ma jistgħux jitħallew ma' persuna li jkollha inqas minn erbatax-il sena jew ma' persuna li, fil-mument tan-notifika, ikollha diżordni mentali jew kundizzjoni oħra li tagħmilha inkapaċi li tagħti xhieda ta' dik in-notifika.

#### **6 Hija permessa n-notifika elettronika ta' dokumenti (notifika ta' dokumenti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji permezz ta' mezz ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, bħall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa permess dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatarju (professjonist tal-liġi, persuna güridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?**

Id-dokumenti ma jistgħux jiġu nnotifikati elettronikament fi proċedimenti ċivili.

#### **7 Notifika "indiretta"**

##### **7.1 Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika fejn ma jkunx possibbli li d-dokumenti jkunu nnotifikati lid-destinatarju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamari)?**

L-aġenzija li tirċievi għandha twassal id-dokument li għandu jiġi nnotifikat billi tehmżu ma' ittra uffiċjali ppreżentata fir-Reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-każ ta' dokumenti li jridu jiġu nnotifikati fil-gżira ta' Malta, u fir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-ġurisdizzjoni superjuri tagħna, fil-każ ta' dokumenti li jridu jiġu nnotifikati fil-gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna. Dawn id-dokumenti, flimkien mal-ittra uffiċjali jiġu nnotifikati mill-marixxall tal-Qorti lill-persuna destinatarja. L-Artikolu 187 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jistipula l-metodu ta' kif iridu jiġu nnotifikati d-dokumenti:

(a) In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata jew billi dik il-kopja titfahha fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħna jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħna: iżda, il-kopja ma tistax titfahha f'idejn persuni ta' età anqas minn erbatax-il sena, jew f'idejn persuna li għandha diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilha inkapaċi li tagħti xhieda ta' dik in-notifika. Persuna titqies li hija kapaċi li tagħti dik ix-xhieda, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju; u n-notifika ma tistax tiġi attakkata bħala irregolari, għal waħda minn dawk ir-raġunijiet, jekk jinsab illi fil-fatt il-kopja tkun waslet f'idejn il-persuna li lilha kellha tkun innotifikata;

(b) Fil-każ ta' persuni li jgħixu abbord ta' bastimenti merkantili, jew li jagħmlu parti mill-ekwipaġġ u ma jkollhomx darhom f'Malta, in-notifika tista' ssir billi titfahha kopja f'idejn il-kaptan jew f'idejn min jagħmel floku;

(c) Fil-każ ta' korp li jkollu personalità güridika distinta, in-notifika lil dak il-korp għandha ssir billi titfahha kopja tal-iskrittura: (i) fl-uffiċċju reġistrat, fl-uffiċċju prinċipali, tiegħu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f'idejn xi ħadd mill-persuni li jkollhom ir-rappreżentanza güridika jew ġudizzjarja tiegħu jew mas-segretarju tal-kumpanija jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp jew (ii) f'idejn xi ħadd mill-persuni msemmija qabel bil-mod stipulat fil-paragrafu (a).

##### **7.2 Jekk japplikaw metodi oħrajn, id-dokumenti meta jitqiesu li għew innotifikati?**

Id-dokument jitqies li għe nnotifikat meta l-persuna li tirċievi d-dokumenti taċċetta n-notifika.

##### **7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika huwa d-depożitu tad-dokumenti f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatarju kif ikun infurmat b'dak id-depożitu?**

mhux applikabbli

##### **7.4 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokumenti, xi jkunu l-konsegwenzi? Id-dokumenti jitqiesu bħala effettivament innotifikati jekk ir-rifjut ma jkunx leġittimu?**

F'termini tal-liġi Maltija, meta persuna li lilha tkun indirizzata skrittura tirrifjuta li tircivha personalment mingħand uffiċjal eżekuttiv tal-qorti, il-qorti tista' fuq rikors tal-parti interessata u wara li tisma' lill-uffiċjal eżekuttiv tal-qorti u tikkonsidra ċ-ċirkostanzi kollha tal-inċident, tiddikjara b'digriet li n-notifika tkun saret lil dik il-persuna fil-jum u l-ħin tar-rifjut u tali digriet għandu jitqies bħala prova tan-notifika għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.

Barra minn hekk, jekk persuna xjentement tevita, tfixxel jew tirrifjuta s-servizz ta' xi att jew ordni tal-qorti jew l-eżekuzzjoni ta' xi mandat jew ordni li ssir minn uffiċjal eżekuttiv tal-qorti, ikun ħati ta' disprezz tal-qorti u jista' jeħel, meta jinstab ħati, (a) ċanfir, (b) tkeċċija mill-qorti, (c) arrest għal mhux aktar minn erbgħa u għoxrin siegħa f'lok ġewwa l-edifizzju fejn il-qorti toqgħod, jew (d) ammenda jew multa.

#### **8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki)**

##### **8.1 Jekk is-servizz postali jwassal dokument mibgħut minn barra lill-destinatarju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn tal-aċċettazzjoni tal-irċevuta (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki), is-servizz postali jista' jħalli d-dokument biss mad-destinatarju stess jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-posta, iħalli d-dokument ukoll ma' persuna oħra fl-istess indirizz?**

Is-servizz tal-posta ta' Malta jwassal il-posta lill-kull individwu li jinsab fl-indirizz u li jkun lest jaċċetta l-posta, sakemm dan ikun f'sensu u ma jkunx għadu tifel. Hemm il-preżunzjoni li ladarba individwu jkun instab fl-istabbiliment tal-indirizz u jaċċetta l-posta, dan ikun awtorizzat jagħmel hekk mid-destinatarju. Jekk dan ma jkunx awtorizzat, ma għandux jaċċetta l-posta, u jekk jaċċettaha, ikun qed jassumi r-responsabbiltà li jgħaddiha lid-destinatarju. Ir-riċevitur jiffirma malli ssir il-konsenja. Din il-proċedura hija konformi mar-Regolament 33 tar-Regolamenti dwar Servizzi Postali (Ġenerali) tal-2005.

**8.2 Skont ir-regoli tal-posta f'dan l-Istat Membru kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tan-Notifiki Nru 1393/2007, jekk la d-destinatarju u lanqas ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-posta – ara fuq) ma jkun instab fl-indirizz fejn tkun intbagħtet?**

Jekk ma jkun hemm ħadd biex iwieġeb u jaċċetta l-posta f'każ ta' b'żonn ta' firma mal-konsenja, titħalla nota fl-indirizz ikkonċernat li tavża lid-destinatarju bit-tentattiv tal-konsenja. Il-posta tkun tista' tinġabar mill-eqreb Uffiċċju Postali. Hija fid-diskrezzjoni tal-fornitur tas-servizz postali jsirux iktar tentattivi għall-konsenja. Jekk il-posta tibqa' ma tinġabarx, tiġi rritornata lil min ikun bagħtha b'ħala "mhux miġbura". Jekk il-posta tiġi rrifjutata mid-destinatarju jew ir-rappreżentant tiegħu, din tiġi rritornata lill-mittent minnufih immarkata b'ħala "irrifjutata".

**8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perjodu speċifiku għall-ġbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għax ma twasslux? Jekk iva, kif ikun infurmat id-destinatarju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?**

Jekk ma jkun hemm ħadd fl-indirizz biex jirċievi l-posta, titħalla nota fl-indirizz ikkonċernat li tavża lid-destinatarju bit-tentattiv, u tinfirmah ukoll li l-oġġett postali jista' jinġabar mill-eqreb Uffiċċju Postali. Jekk il-posta tibqa' ma tinġabarx, il-fornitur tas-servizz postali, fid-diskrezzjoni tiegħu, jibgħat nota finali lid-destinatarju, fejn javżah li l-oġġett postali għadu qed jistenna li jinġabar. Ġeneralment, dan isir wara 5 ijiem għall-posta rreġistrata lokali u wara 10 ijiem għall-posta rreġistrata barranija. Jekk din il-posta tibqa' ma tinġabarx wara dawn il-perjodi, wara stennija ta' 5 ijiem oħra, il-posta tintbagħat lura lill-mittent u tkun immarkata b'ħala "mhux miġbura". Il-ġbir ta' oġġett(i) postali mill-Uffiċċju Postali jsir biss mid-destinatarju jew minn rappreżentant awtorizzat wara l-preżentazzjoni tan-nota flimkien ma' dokument ta' identifikazzjoni (passaport jew karta tal-identità) tad-destinatarju.

**9 Ikun hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun ġie nnotifikat?**

Jinħareġ ċertifikat li n-notifika saret jew li ma saritx.

Id-dokumenti oriġinali nnotifikati bil-posta rreġistrata jkollhom "karta roża" mehmuża magħhom. Ladarba din tasal lura l-Qorti, id-dokumenti oriġinali jkunu ttimbrati jew b'linka sewda jew b'linka ħamra. Il-linka s-sewda tintuża biex tindika li n-notifika saret, u tindika wkoll ma' min tħalla d-dokument. Jekk id-dokument ma jkunx ġie nnotifikat, it-timbru jsir b'linka ħamra, u fih ikun hemm ukoll ir-raġuni għala ma ġiex innotifikat.

Id-dokumenti li jiġu nnotifikati mill-marixxall tal-qorti jiġu ttimbrati jew b'linka sewda jekk in-notifika tkun saret jew b'linka ħamra jekk ma tkunx, u jkollha l-firma tal-marixxall tal-Qorti li kien inkarigat li jwettaq in-notifika.

**10 X'jiġri jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirċevix id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi nnotifikat lil terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika ġdida tad-dokument?**

Jekk id-destinatarju ma jirċevix id-dokumenti imma d-dokumenti jkunu ġew innotifikati b'mod validu billi titħalla kopja fl-indirizz, fid-dar jew fil-post tax-xogħol tad-destinatarju, in-notifika titqies li tkun saret b'mod validu. Notifika li tkun saret bi ksur tal-liġi tista' tiġi attakkata b'azzjoni ġudizzjarja. Jekk fin-nuqqas ta' notifika valida, il-parti li kellha tiġi nnotifikata tippreżenta risposta jew tidher il-qorti, in-notifika titqies li kienet valida.

**11 Hemm xi ħlas għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-ħlas?**

Permezz tal-Avviż Legali 148 tal-2014, l-aġenzija li tirċievi f'Malta għandha tariffa fissa skont l-Artikolu 11 tar-Regolament 1393/2007 ta' EUR 50 għal kull dokument innotifikat f'Malta. Din it-tariffa trid titħallas qabel ma jingħata s-servizz. Il-ħlas tat-tariffi għandu jsir permezz ta' trasferiment bankarju li għandu jthallas lill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, fid-dettalji tal-kont bankarju li ġejjin:

Isem tal-Bank: Il-Bank Ċentrali ta' Malta

Isem il-kont: AG Office - Receipt of Service Documents

Numru tal-kont: 40127EUR-CMG5-000-Y

IBAN: MT24MALT011000040127EURCMG5000Y

Kodiċi Swift: MALTMTMT

L-aħħar aġġornament: 16/10/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

**In-notifika ta' atti - Olanda**

**1 F'termini prattiċi xi jfisser it-terminu legali "notifika ta' dokumenti"? Għaliex hemm regoli speċifiċi dwar in-"notifika ta' dokumenti"?**

**2 Liema dokumenti jeħtieġ li jkunu nnotifikati b'mod formali?**

Kull dokument li ntbagħat lill-awtorità rikjedenti taħt Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar in-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali.

**3 Min hu responsabbli biex jinnotifika dokument?**

L-uffiċjal ġudizzjarju ġie nminat fin-Netherlands b'ħala l-aġenzija li tirċievi u li tittrażmetti.

**4 Tifix tal-indirizz**

**4.1 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, l-awtorità rikjesta f'dan l-Istat Membru tipprova u tistabbilixxi li bl-inizjattiva tagħha fejn tinsab il-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokumenti ladarba din ma tkunx għadha toqgħod fl-indirizz magħruf mill-awtorità rikjedenti?**

L-uffiċjal ġudizzjarju huwa meħtieġ li jiċċekkja d-domiċilju tad-destinatarju fir-reġistru tal-popolazzjoni Netherlandiża (BRP). Din il-verifika obbligatorja għandha turi wkoll kwalunkwe indirizz ġdid jekk id-destinatarju ma jibqax residenti fl-indirizz indikat.

**4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-indirizz attwali tal-persuna? Jekk iva, x'reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhil l-proċedura li trid tiġi segwita? Xi ħlas irid isir, jekk hemm? Le.**

**4.3 L-awtoritajiet f'dan l-Istat Membru kif jittrattaw talba mibgħuta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali bl-għan li jinstab l-indirizz attwali ta' persuna?**

Fin-Netherlands, il-qrati huma l-awtorità kompetenti fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001. Madankollu, il-qrati Netherlandiżi mhumiex kompetenti sabiex jirkupraw l-indirizz ta' parti (fuq talba).

**5 Fil-prattika, normalment kif jiġi notifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (ħliet in-notifika indiretta msemmija fil-punt 6 iktar 'l isfel)?**

In-notifika tad-dokument hija waħda mid-dmirijiet uffiċjali tal-uffiċjal ġudizzjarju (l-Artikolu 2 tal-Att dwar l-Uffiċjali Ġudizzjarji (*Gerechtsdeurwaarderswet*)).

Wara l-verifika, kif deskritt fid-domanda 4.1, l-uffiċjal ġudizzjarju għandu jinnotifika d-dokument riċevut għan-notifika lid-destinatarju tiegħu. Fil-prinċipju, id-dokumenti huma nnotifikati personalment. M'hemmx metodi alternattivi apparti min-"notifika sostitwita" imsemmija fid-domanda 7.

**6 Hija permessa n-notifika elettronika ta' dokumenti (notifika ta' dokumenti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, b'hall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa permess dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatarju (professjonist tal-liġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?**

In-notifika elettronika tad-dokumenti mhix awtorizzata fin-Netherlands.

## **7 Notifika "indiretta"**

**7.1 Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika fejn ma jkunx possibbli li d-dokumenti jkunu nnotifikati lid-destinatarju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamar)?**

Le, jew għallinqas biss jekk din il-forma speċifika ma tmurx kontra l-liġi Netherlandiża. In-notifika hija possibbli wkoll għal indirizz barra dak tad-domiċilju tad-destinatarju, sakemm l-uffiċjal ġudizzjarju jiltaqa' u jtkellem mad-destinatarju personalment. Jekk id-destinatarju ma jkollux domiċilju jew residenza magħrufa fin-Netherlands, dokument jista' jiġi depożitat fl-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku.

L-uffiċjali ġudizzjarji ma jinnotifikawx dokumenti bil-posta, għalkemm l-aġenzija li tittrażmetti fi Stat Membru ieħor tista' tibgħat id-dokument lid-destinatarju direttament bil-posta.

**7.2 Jekk japplikaw metodi oħrajn, id-dokumenti meta jitqiesu li ġew innotifikati?**

Mhux applikabbli.

**7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika huwa d-depożitu tad-dokumenti f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatarju kif ikun infurmat b'dak id-depożitu?**

Mhux applikabbli.

**7.4 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokumenti, xi jkunu l-konsegwenzi? Id-dokumenti jitqiesu bħala effettivament innotifikati jekk ir-rifjut ma jkunx leġittimu?**

1. Rifjut ta' aċċettazzjoni tad-dokument

Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta d-dokument notifikat mill-uffiċjal ġudizzjarju, l-uffiċjal ġudizzjarju huwa intitolat li jħalli d-dokument fl-indirizz irregiſtrat f' envelop issiġillat (l-Artikolu 47 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (*Wetboek van Burgerlijke Rechtsvordering*)). In-notifika titqies li saret dak il-ħin.

2. Rifjut minħabba traduzzjoni

Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta d-dokument minħabba traduzzjoni (l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007), l-uffiċjal ġudizzjarju għandu jirregiſtra dan ir-rifjut fiċ-ċertifikat u jinnominah bħala nuqqas ta' notifika. Skont il-ġurisprudenza l-aktar riċenti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, hija l-qorti li għandha tiddeċiedi sa fejn huwa validu r-rifjut (is-sentenza *Novo Banco*).

**8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki)**

**8.1 Jekk is-servizz postali jwassal dokument mibgħut minn barra lill-destinatarju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn tal-aċċettazzjoni tal-irċevuta (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki), is-servizz postali jista' jħalli d-dokument biss mad-destinatarju stess jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-posta, iħalli d-dokument ukoll ma' persuna oħra fl-istess indirizz?**

In-notifika bil-posta tista' wkoll tiġi kkonsenjatha lill-persuna oħra. Tintalab identifikazzjoni skont il-forma ta' dispaċċ magħżula.

**8.2 Skont ir-regoli tal-posta f'dan l-Istat Membru kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tan-Notifiki Nru 1393/2007, jekk la d-destinatarju u lanqas ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-posta – ara fuq) ma jkun instab fl-indirizz fejn tkun intbagħtet?**

Jekk ikun intbagħtat permezz ta' posta rregiſtrata, id-dokument jiġi depożitat fl-uffiċċju postali għal perjodu ta' żmien speċifiku. Il-pustier iħalli avviż dwar dan fil-kaxxa tal-ittri tad-destinatarju.

**8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perġodu speċifiku għall-ġbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għax ma twasslux? Jekk iva, kif ikun infurmat id-destinatarju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?**

Jekk dokument rregiſtrat ma jkunx jista' jiġi kkonsenjat, il-pustier iħalli messaġġ li d-destinatarju jista' jiġbor id-dokument mill-uffiċċju postali indikat. Id-dokument jinżamm għal tliet ġimgħat. Jekk ma jinġabarx, jiġi rritornat lill-mittent.

**9 Iku hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun ġie nnotifikat?**

Iva, barra mir-rekord tan-notifika, l-awtorità mitluba (l-uffiċjal ġudizzjarju) tabbozza wkoll ċertifikat ta' notifika (l-Artikolu 10 tar-Regolament tan-Notifika) u tibagħtu flimkien mar-rekord lill-awtorità rikjedenti.

**10 X'jiġri jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirċevix id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi notifikat lill-terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika ġdida tad-dokument?**

Notifika illegali ta' dokument mhix possibbli jekk kien involut uffiċjal ġudizzjarju. In-nullità hija possibbli, kif imsemmi fl-Artikolu 66 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

**11 Hemm xi ħlas għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-ħlas?**

Jekk in-notifika saret permezz ta' awtorità rikjedenti fin-Netherlands, il-ħlas għan-notifika jikkonsisti f'ammont fiss ta' EUR 65 għal kull notifika.

L-aħħar aġġornament: 02/03/2021

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## **In-notifika ta' atti - Awstrija**

**1 F'termini prattiċi xi jfisser it-terminu legali "notifika ta' dokumenti"? Għalhekk hemm regoli speċifiċi dwar in-"notifika ta' dokumenti"?**

In-"notifika" hija l-proċess ta' għotja ta' dokument lill-destinatarju fil-forma prekritta mil-liġi u b'mod dokumentat biex huwa jsir konxju tad-dokument.

In-notifika huwa att legali li huwa ordnat mill-qorti fil-kuntest ta' proċedimenti legali u mwettqa b'mod awtomatiku (Artikolu 87 tal-Kodiċi Awstrijakk tal-Proċedura Ċivili) (*Zivilprozessordnung* - ZPO). In-notifika trid tkun iddokumentata b'mod uffiċjali sabiex ikun possibbli li jiġi vverifikat meta tkun saret in-notifika u lill-min tkun saret. Xi effetti proċedurali jistgħu biss jidhru fis-seħħ jekk ikun hemm prova li d-dokumenti ġew debitament innotifikati.

**2 Liema dokumenti jeħtieġ li jkunu notifikati b'mod formali?**

Bħala prinċipju bażiku, id-deċiżjonijiet tal-qorti kollha (pereż. taħrikiet, digriet u sentenzi) u l-petizzjonijiet kollha minn parti (pereż. talba, difiża, appell) u dikjarazzjonijiet oħra li huma indirizzati (ukoll) lill-parti li qedha toġġezzjona jridu jiġu nnotifikati formalment.

**3 Min hu responsabbli biex jinnotifika dokument?**

In-notifika ta' dokumenti u l-metodu ta' notifika huma ordnati mill-korp deċiżjonali (imħallef, uffiċjal ġudizzjarju). Dan l-ordni jissejjaħ digriet għan-notifika (*Zustellverfügung*) u jrid jinħareġ mill-korp deċiżjonali fuq il-kopja oriġinali tad-dokument li għandu jiġi nnotifikat. Il-proċess tan-notifika attwali nnifsu jitwettaq minn servizz ta' konsenja. Dan ikun ġeneralment is-servizz postali iżda jista' ikun ukoll xi fornitur ta' servizz universali ieħor (Artikolu 2(7) tal-Att Awstraljan dwar in-Notifika tad-Dokumenti (*Zustellgesetz* - *ZustG*) flimkien mal-Artikolu 3(4) tal-Att Awstraljan dwar is-Suq Postali (*Postmarktgesetz*)). Għan-notifiki elettroniċi mill-qorti ara l-punt 6.

**4 Tiffix tal-indirizz**

**4.1 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, l-awtorità rikjesta f'dan l-Istat Membru tipprova u tistabbilixxi hi bl-inizjattiva tagħha fejn tinsab il-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokumenti ladarba din ma tkunx għadha toqgħod fl-indirizz magħruf mill-awtorità rikjedenti?**

Bħala prinċipju, ir-risposta hija le. Madankollu, skont liema riżorsi umani huma disponibbli, jistgħu jsiru domandi sempliċi, pereż. domanda għar-reġistru (għal aktar dettalji, ara l-punt 4.2 hawn isfel).

#### **4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-indirizz attwali tal-persuna? Jekk iva, x'reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhil l-proċedura li trid tiġi segwita? Xi fl-as irid isir, jekk hemm?**

Iva. Kull persuna, inkluża awtorità barranija, tista' tikkuntatta l-[awtoritajiet ta' reġistrazzjoni](#) Awstrijakk (uffiċċju municijali, awtoritajiet municijali, ufficiċċju distrettwali municijali (*Gemeindeamt, Maġistrat, Magistratisches Bezirksamt*)) biex titlob [informazzjoni ta' reġistrazzjoni](#) dwar ir-[residenza prinċipali](#) irreġistrata għal persuna fiżika. Id-*data* ta' reġistrazzjoni hija ssejvjata fir-reġistru ċentrali (*Zentrales Melderegister – ZMR*). Dan huwa reġistru pubbliku li jkun fih l-ismijiet ta' kull min huwa reġistrat fl-Awstrija flimkien mad-dettalji tar-[residenza prinċipali](#) tiegħu u - fejn applikabbli - it-tieni residenza tiegħu. Fl-Awstrija, huwa obbligatorju li [tirreġistra / tiddereġistra](#) r-residenza tiegħek.

Sabiex tressaq domanda għar-reġistru, huwa meħtieġ li jkollok id-dettalji segwenti dwar il-persuna li qed tftitex bħala minimu assolut: Isem u kunjom kif ukoll karatteristika addizzjonali li tippermetti lill-persuna li tiġi ċarament identifikata (pereż. data tat-twelid, post tat-twelid, nazzjonalità jew indirizz preċedenti). It-tariffa għas-sottomissjoni ta' domanda għar-reġistru bil-miktub hija ta' EUR 14,30. Domanda orali jew elettronika li tuża l-Karta ta' Ċittadin hija mingħajr fl-as. Ikollok ukoll tħallas imposta federali ta' EUR 3,30.

Aktar informazzjoni dwar it-trażmissjoni ta' domanda għar-reġistru tista' tinstab fuq <http://www.help.gv.at> taħt [Dokumente und Recht \(dokumenti u informazzjoni legali\)](#) / [Personen-Meldeauskunft \(informazzjoni personali / ta' reġistrazzjoni\)](#).

#### **4.3 L-awtoritajiet f'dan l-Istat Membru kif jitrattaw talba mibgħuta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qorti tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali bl-għan li jinstab l-indirizz attwali ta' persuna?**

Meta l-awtorità rikjesta tikklassifika t-talba bħala t-teħid ta' evidenza fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 1 tar-Regolament, pereż. minħabba li huwa meħtieġ li jiġi ċertifikat l-indirizz għal proċedura legali (b'mod partikolari n-notifika ta' dokumenti), l-awtorità tipproċedi f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament u tipprova tiddetermina l-indirizz attwali billi tuża ir-riżorsi għad-dispożizzjoni tagħha, pereżempju, billi tagħmel domanda lir-reġistru ċentrali jew tagħmel domanda lir-reġistri l-oħra.

#### **5 Fil-prattika, normalment kif jiġi notifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (ħlief in-notifika indiretta msemmija fil-punt 6 iktar 'l isfel)?**

Bħala regola, in-notifika ssir permezz ta' servizz ta' konsenja, jiġifieri s-servizz postali jew xi fornitur ieħor ta' servizz universali (ara l-punt 3 hawn fuq), jew minn ufficiċċjali tal-qorti (Artikolu 88 tal-Kodiċi Awstrijakk tal-Proċedura Ċivili).

Madankollu, is-segwenti proċeduri ta' notifika alternattivi jeżistu wkoll:

Notifika b'dikjarazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 25 tal-Att Awstrijakk tan-Notifika ta' Dokumenti u l-Artikolu 115 tal-Kodiċi Awstrijakk tal-Proċedura Ċivili:

In-notifika lil persuni b'post ta' konsenja mhux magħruf jew b'maġġoranza ta' persuni li mhumiex magħrufa mill-awtoritajiet u li għalihom l-ebda riċevitur awtorizzat ma ġie maħtur tista' ssir billi tiġi inkluża notifika fil-fajl editt (*Ediktsdatei*) (tista' tiġi aċċessata minn żjara fuq <http://www.justiz.gv.at/> u l-għażla tal-Gvern Elettroniku/*Ediktsdatei*) li tgħid li d-dokument li għandu jiġi notifikat ġie ppreżentat lill-qorti. In-notifika trid ikun fiha wkoll dettalji fil-qosor tas-segwenti: il-kontenuti tad-dokument li għandu jiġi nnotifikat, l-isem tal-qorti li qed tisma' il-kawża, il-kwistjoni kkontestata u l-għażliet għall-ġbir tad-dokument flimkien mal-informazzjoni dwar il-konsegwenzi legali ta' din id-dikjarazzjoni. In-notifika hija meqjusa li tkun saret hekk kif in-notifika tiddaħħal fil-fajl tal-editt.

In-notifika permezz ta' amministratur maħtur mill-qorti (Artikoli 116-118 dwar il-Kodiċi Awstrijakk tal-Proċedura Ċivili):

Meta l-uniku mod li ssir in-notifika huwa permezz ta' dikjarazzjoni pubblika (inklużjoni fil-fajl tal-editt), il-qorti trid taħtar amministratur fuq talba jew mill-inizjattiva tagħha stess jekk il-persuna kkonċernata jkollha normalment tiegħu passi legali biex tiddefendi d-drittijiet tagħha fil-kuntest tad-dokument li għandu jiġi nnotifikat lilha, b'mod partikolari jekk id-dokument li għandu jiġi nnotifikat ikun fih taħrika għal din il-persuna. Il-ħatra tal-amministratur trid tiġi ddikjarata fil-fajl tal-editt (Artikolu 117 tal-Kodiċi Awstrijakk tal-Proċedura Ċivili). Kif jiġi dan u d-dokument jiġi sussegwentement trażmess lill-amministratur, in-notifika hija meqjusa li tkun saret (Artikolu 118 tal-Kodiċi Awstrijakk tal-Proċedura Ċivili).

Għan-notifiki elettroniċi mill-qorti ara l-punt 6.

#### **6 Hija permessa n-notifika elettronika ta' dokumenti (notifika ta' dokumenti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, bħall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa permess dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatarju (professjonist tal-liġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?**

Hemm sistema speċjali li tippermetti n-notifika elettronika ta' dokumenti mill-qorti. Din hija msejħa s-sistema ta' *Elektronischer Rechtsverkehr* (korrispondenza legali elettronika) jew ERV fil-qasir. L-uniċi persuni li huma meħtieġa li jipparteċipaw f'din is-sistema huma avukati u avukati għad-difiża, nutara, istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji, kumpaniji Awstrijaċi tal-assigurazzjoni, fornituri ta' sigurtà soċjali, entitajiet għal pensjoni, il-Fond għal-Liv tal-ħaddiema fil-Kostruzzjoni u għal fl-asijiet ta' Terminazzjoni (*Bauarbeiter-Urlaubs- und Abfertigungskasse*), il-fond għas-salarju tal-ispiżjara (*Pharmazeutische Gehaltskasse*), il-fond ta' kontinġenza f'każ ta' falliment (*Insolvenz-Entgelt-Fonds*) u IEF-Service GmbH, l-Assoċjazzjoni Prinċipali tal-Entitajiet Awstrijaċi għas-Sigurtà Soċjali (*Hauptverband der österreichischen Sozialversicherungsträger*), l-uffiċċju tal-avukati ġenerali fil-ministeru tal-finanzi (*Finanzprokuratur*) u l-assoċjazzjonijiet tal-avukatura. Persuni oħra jistgħu jipparteċipaw ukoll f'din is-sistema iżda mhuma taħt ebda obbligu li jagħmlu dan.

Meta n-notifika ssir bl-użu tal-ERV, ir-riżoluzzjonijiet ġudizzjarji u l-petizzjonijiet legali trażmessi elettronicament (Artikolu 89a(2) tal-Att dwar l-Organizzazzjoni tal-Qorti) (*Gerichtsorganisationsgesetz – GOG*) huma meqjusa li ġew notifikati fil-jum ta' xogħol li jiġi immedjatament wara l-wasla tagħhom fil-posta elettronika tad-destinatarju (is-Sibt mhux ikklassifikat bħala jum ta' xogħol għal dan il-għan).

Jekk in-notifika permezz tal-ERV mhijiex possibbli, tista' issir ukoll permezz tas-servizzi elettroniċi ta' konsenja f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar in-Notifika ta' Dokumenti (Artikolu 89a(3) tal-Att dwar l-Organizzazzjoni tal-Qorti flimkien mal-Artikoli 28 *et seq* tal-Att Awstrijakk tan-Notifika ta' Dokumenti).

#### **7 Notifika "indiretta"**

##### **7.1 Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika fejn ma jkunx possibbli li d-dokument jkun nnotifikat lid-destinatarju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamar)?**

Notifika alternattiva:

Filwaqt li l-liġi espressament tipprojbixxi lill-persuna li qedha twestaq in-notifika milli tikkonsenja d-dokument lil riċevitur alternattiv, il-proċedura tissejjaħ notifika personali, jiġifieri meta d-dokument għandhom jiġu trażmessi personalment lill-persuna li għandha tiġi nnotifikata. Dan japplika biss f'każijiet eċċezzjonali.

Fil-każijiet l-oħra kollha, in-notifika alternattiva hija permessa. Dan ifisser li jekk id-destinatarju ma jinstabx fil-lokazzjoni tal-konsenja, id-dokument jistgħu - bħala regola - jiġu kkonsegnati lil kull adult li jgħix fl-istess lokazzjoni ta' konsenja bħad-destinatarju jew lil kull impjegat jew impjegatur tad-destinatarju li jaqbel li jirċievi d-dokument (Artikolu 16(2) tal-Att Awstrijakk tan-Notifika ta' Dokumenti). Il-leġiżlazzjoni tirreferi għal din il-persuna bħala r-riċevitur alternattiv (*Ersatzempfänger*).

Madankollu, in-notifika alternattiva hija permessa biss jekk il-persuna li qedha twestaq in-notifika għandha raġuni biex temmen li d-destinatarju huwa regolarment preżenti fil-lokazzjoni tal-konsenja.



Skont l-Artikolu 103 tal-Kodiċi Awstrijakk tal-Proċedura Ċivili, persuna ma tistax taġixxi bħala riċevitur alternattiv jekk hija parti fit-tilwima ġuridika bħala parti li qedha toġġezzjoni lid-destinatarju.

Skont l-Artikolu 16(5) tal-Att Awstrijakk tan-Notifika ta' Dokumenti, in-notifika alternattiva mhijiex meqjusa li tkun saret jekk id-destinatarju ma setax isir jaf dwar id-dokumenti nnotifikati fil-ħin għax huwa kien assenti mil-lokazzjoni tal-konsenja (pereż. minħabba li huwa kien qed jivvjaġġa, fi spart jew il-ħabs).

Madankollu, in-notifika ssir effettiva fil-jum li ssegwi immedjatament ir-ritorn tad-destinatarju fil-lokazzjoni tal-konsenja.

#### Depożitu:

Jekk id-dokument ma jistax jiġi nnotifikat fil-post tal-konsenja (minħabba li la d-destinatarju u lanqas is-sostitut ma jistgħu jinstabu) u n-notifikatur għandu raġuni biex jemmen li d-destinatarju jkun regolarment preżenti fil-post tal-konsenja, id-dokument irid jiġi ddepożitat, fejn in-notifika issir permezz ta' servizz ta' konsenja, fil-bini tan-negozju rilevanti tiegħu, u fil-każijiet l-oħra kollha għand il-kunsill lokali jew l-awtorità, jekk j/tinsab fl-istess municiċipalitá (l-Artikolu 17 tal-Att Awstrijakk tan-Notifika ta' Dokumenti).

#### **7.2 Jekk japplikaw metodi oħrajn, id-dokumenti meta jitqiesu li ġew innotifikati?**

Għal dettalji, ara l-punti 7.1 u 7.3 hawn fuq.

#### **7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika huwa d-depożitu tad-dokumenti f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatarju kif ikun infurmat b'dak id-depożitu?**

Id-destinatarju jrid ikun konxju li d-dokumenti jkunu ġew trażmessi permezz ta' avviż ta' trażmissjoni (li jkun intqegħed fil-kaxxa postali jew imwaħħal fuq il-bibien ta' dħul). Dan irid isemmi l-lokazzjoni fejn id-dokumenti ġew trażmessi, jispeċifika l-bidu u d-durata tal-perjodu ta' għbir, u jindika l-effetti tad-dokumenti li qedgħin jiġu trażmessi (Artikolu 17(2) tal-Att Awstrijakk tan-Notifika ta' Dokumenti). Skont l-Artikolu 17(3) tal-Att Awstrijakk tan-Notifika ta' Dokumenti, il-perjodu ta' għbir jiskatta fil-jum meta d-dokument isir l-ewwel disponibbli għall-għbir u jrid idum għallinqas ġimgħatejn. Id-dokument trażmess jitqies li jkun ġie nnotifikat fl-ewwel jum ta' dan il-perjodu (notifika nozzjonali). Madankollu, dan ma japplikax jekk id-destinatarju ma setax isir jaf tempestivament dwar id-dokumenti nnotifikati minħabba li hu kien assenti mil-lokazzjoni tal-konsenja. Madankollu, anki f'dan il-każ, is-sentenza finali tal-Artikolu 17(3) tal-Att Awstrijakk tan-Notifika ta' Dokumenti tistipula li n-notifika hija meqjusa effettiva fil-jum li jsegwi immedjatament ir-ritorn tad-destinatarju fil-lokazzjoni tal-konsenja matul il-perjodu ta' għbir, meta hu seta' jiġbor id-dokument trażmess. Jekk id-dokument trażmess ma jinġabarx (li b'ebda mod ma jbidel kif in-notifika tkun saret effettiva permezz ta' trażmissjoni tagħha), dan għandu jiġi rritornat lill-qorti li b'għatitu fit-tmien tal-perjodu ta' għbir.

#### **7.4 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokumenti, xi jkunu l-konsegwenzi? Id-dokumenti jitqiesu bħala effettivament innotifikati jekk ir-rifjut ma jkun leġittimu?**

Jekk id-destinatarju jew ir-riċevitur alternattiv li qed jgħix fl-istess dar jirrifjuta li jirċievi d-dokument mingħajr raġuni legali valida talli jagħmel hekk, id-dokument irid jiġi jitħalla fil-lokazzjoni tal-konsenja jew, jekk dan mhux possibbli, jiġi trażmess mingħajr kwalunkwe notifika bil-miktub. Il-fatt tat-tħallija jew tat-trażmissjoni tad-dokument jirrendi n-notifika effettiva (Artikolu 20 tal-Att Awstrijakk tan-Notifika ta' Dokumenti).

#### **8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki)**

##### **8.1 Jekk is-servizz postali jwassal dokument mibgħut minn barra lill-destinatarju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn tal-aċċettazzjoni tal-irċevuta (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki), is-servizz postali jista' jħalli d-dokument biss mad-destinatarju stess jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-posta, iħalli d-dokument ukoll ma' persuna oħra fl-istess indirizz?**

In-notifika bil-posta trid issir f'konformità mal-Konvenzjoni dwar l-Unjoni Postali Universali u mal-konferma tar-riċevuta internazzjonali. Id-dokument irid jiġi kkonsenjat lid-destinatarju jew - jekk ma jistax jiġi nnotifikat lillu - lill-persuna oħra li hija awtorizzata li tirċieviha skont il-liġi tal-pajjiż fejn din tkun qed tiġi kkonsenjata (pereż. riċevitur awtorizzat, riċevitur alternattiv). Fl-Awstrija, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16 tal-Att Awstrijakk tan-Notifika ta' Dokumenti li jikkonċernaw riċevituri alternattivi huma applikabbli (ara 'l-punt 7.1 hawn fuq).

##### **8.2 Skont ir-regoli tal-posta f'dan l-Istat Membru kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tan-Notifiki Nru 1393/2007, jekk la d-destinatarju u lanqas ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-posta – ara fuq) ma jkun instab fl-indirizz fejn tkun intbagħtet?**

Il-Konvenzjoni dwar l-Unjoni Postali Universali ma fihiex xi dispożizzjonijiet biex tiġi indirizzata l-kwistjoni dwar jekk hux permissibbli li d-dokument jiġi trażmess u, jekk iva, taħt liema kundizzjonijiet. Għalhekk, dawn il-kwistjonijiet huma bbażati fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-pajjiż fejn id-dokument qed jiġi kkonsenjat. Skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi Awstrijaka, id-dokument jista' jiġi trażmess sakemm il-kundizzjonijiet meħtieġa huma ssodisfatti (ara 'l-punt 7 hawn fuq).

##### **8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perjodu speċifiku għall-għbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għax ma twasslux? Jekk iva, kif ikun infurmat id-destinatarju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?**

Ara l-punt 7.3 hawn fuq.

#### **9 Ikun hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun ġie nnotifikat?**

Iva. L-aġent tal-konsenja jrid jiċċertifika li d-dokument ikun ġie nnotifikat billi jirreġistra dan fuq il-prova tal-konsenja (konferma tal-konsenja, konferma tar-riċevuta). Il-persuna li taċċetta l-konsenja d-dokument trid tikkonferma n-notifika billi tiffirma l-prova tal-konsenja, iddaħħal id-data u, jekk hija mhijiex id-destinatarju attwali, tiddikjara r-relazzjoni tagħha ma' dan tal-aħħar. Jekk il-persuna li taċċetta l-konsenja tirrifjuta li tipprovi l-konferma, l-aġent tal-konsenja jrid jinnota dan il-fatt fuq il-prova tal-konsenja flimkien mad-data u, fejn applikabbli, tiddikjara kif il-persuna li taċċetta l-konsenja hija relatata mad-destinatarju. Il-prova tal-konsenja trid tiġi ritornata lill-ispeditur mingħajr dewmien.

Minflok ma tibgħat il-prova tal-konsenja, huwa possibbli li tintbagħat kopja elettronika tal-prova tal-kunsinna jew tal-kontenut tagħha, sakemm l-awtorità ma tiddeċidix kontra dan billi twaħħal nota f'dak is-sens mal-prova tal-konsenja. Il-prova oriġinali tal-konsenja trid tinżamm għal mill-inqas ħames snin wara li tintbagħat il-kopja elettronika u trid tintbagħat minnufih lill-awtorità jekk din titlob dan.

#### **10 X'jiġi jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirċevix id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi nnotifikat lill-terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika ġdida tad-dokument?**

Għalkemm in-notifika mhijiex meqjusa bħala effettiva jekk issir kuntrarjament għar-regolamenti legali, dan jista' jiġi rimedjat. L-ewwel, meta l-proċedura ta' notifika hija difettuża, ir-regola bażika tal-Artikolu 7 tal-Att Awstrijakk tan-Notifika ta' Dokumenti timplika li n-notifika hija meqjusa li tkun saret meta d-dokument kien riċevut attwalment mid-destinatarju. Jekk ikun inħatar riċevitur awtorizzat, din il-persuna trid tiġi maħtura bħala d-destinatarju; inkella, in-notifika ssir effettiva biss meta d-dokument jiġi riċevut fil-fatt mir-riċevitur awtorizzat. Barra minn dan, l-Att dwar in-Notifika ta' Dokumenti (Artikoli 16(5) u 17(3)) jistipula regoli speċifiċi għar-rimedju ta' difetti fin-notifika ta' dokumenti fis-sitwazzjonijiet segwenti: meta d-destinatarju ma jistax isir jaf tempestivament dwar id-dokumenti nnotifikati minħabba li huwa assenti mil-lokazzjoni tal-konsenja, meta n-notifika alternattiva hija ineffettiva jew meta d-dokumenti jiġu trażmessi. Id-difett huwa rimedjat fil-jum li jsegwi immedjatament ir-ritorn tad-destinatarju fil-lokazzjoni tal-konsenja, iżda f'każijiet fejn id-dokumenti jkunu ġew trażmessi l-fattur kruċjali huwa li d-destinatarju jrid jirritorna fil-perjodu ta' għbir u jkun jista' jiġbor id-dokument trażmess fil-jum segwenti. Filwaqt li ma hemm ebda limitu ta' skadenza għar-rimedju tad-difetti fil-każ ta' notifika alternattiva ineffettiva, meta n-notifika permezz ta' trażmissjoni ta' dokumenti hija ineffettiva, dan ma jistax aktar jiġi rimedjat jekk id-destinatarju jirritorna biss wara t-tmien tal-perjodu ta' għbir. Jekk id-destinatarju jirritorna kmieni biżżejjed biex ikun jista' jiġbor il-konsenja fl-ewwel jum tal-perjodu ta' għbir, in-notifika tkun meqjusa bħala effettiva f'dan il-jum billi l-perjodu intier ta' għbir ikun għadu intatt. Jekk huwa

jirritorna aktar tard minn hekk, in-notifika permezz ta' trażmissjoni tad-dokument mhijiex meqjusa li tkun effettiva sal-jum li jsegwi immedjatament ir-ritorn tad-destinatarju; il-perjodi li jiskattaw permezz tan-notifika tad-dokumenti, b'mod partikolari l-perjodi tal-appell, iridu dejjem jingħataw interament lir-riċevitur.

## **11 Hemm xi ħlas għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-ħlas?**

Le.

L-aħħar aġġornament: 11/03/2021

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

### **In-notifika ta' atti - Polonja**

#### **1 F'termini prattiċi xi jfisser it-terminu legali "notifika ta' dokumenti"? Għaliex hemm regoli speċifiċi dwar in-"notifika ta' dokumenti"?**

In-"notifika ta' dokumenti" tfisser li persuni speċifiċi jiġu pprovduti b'aċċess għal korrispondenza intiża għalihom f'konformità mal-liġi.

Il-konformità mal-prinċipju kostituzzjonali tat-trasparenza tal-aġġudikazzjoni, il-garanzija tad-drittijiet proċedurali tal-partijiet u l-possibbiltà tad-difiża tagħhom, il-validità tal-proċedimenti, il-kalkolu korrett ta' termini preskrittivi, u permezz ta' dan, il-validità ta' sentenzi kollha jiddependu fuq dokumenti li jiġu nnotifikati korrettament.

Ir-regoli dwar in-notifika ta' dokumenti huma mandatorji u l-partijiet ma għandhom ebda setgħa diskrezzjonali f'dan ir-rigward. Dawn ir-regoli huma mniżżla fl-Artikoli minn 131 sa 147 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ("il-Kodiċi") u fl-atti ta' implimentazzjoni segwenti:

Ir-Regolament tal-Ministeru tal-Ġustizzja tat-23 ta' Frar 2007 – Ir-Regoli ta' Proċedura għall-Qrati Ordinarij ("ir-Regoli ta' Proċedura");

Ir-Regolament tal-Ministeru tal-Ġustizzja tat-12 ta' Ottubru 2010 dwar il-proċedura dettaljata u l-metodu għan-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji fi proċedimenti ċivili ("ir-Regolament").

In-notifika ta' dokumenti extraġudizzjarji hija rregolata permezz tal-Att Postali tat-23 ta' Novembru 2012 u atti ta' implimentazzjoni maħruġa taħtu, inkluż ir-Regolament tal-Ministeru għall-Amministrazzjoni u d-Diġitalizzazzjoni tad-29 ta' April 2013 dwar il-kundizzjonijiet għall-provvista ta' servizzi universali mill-fornitur ta' servizzi magħżul ("ir-Regolament dwar il-Posta").

#### **2 Liema dokumenti jeħtieġ li jkunu nnotifikati b'mod formali?**

Id-dokumenti ġudizzjarji (dokumenti mibgħuta minn qorti lill-partijiet u persuni oħra involuti fi proċedimenti tal-qorti) huma nnotifikati formalment. Dawn id-dokumenti jinkludu:

Kopji ta' petizzjonijiet, flimkien ma' annessi

Notifiki

Taħrikiet

Avviżi ta' drittijiet u obbligi

Kopji ta' sentenzi, flimkien mar-raġunijiet.

#### **3 Min hu responsabbli biex jinnotifika dokument?**

Fil-Polonja, id-dokumenti huma nnotifikati formalment, li jfisser li kważi d-dokumenti kollha huma nnotifikati fuq bażi ta' *ex officio*. Matul il-proċedimenti, id-dokumenti huma nnotifikati mill-qrati. L-awtoritajiet ta' notifika huma l-operatur postali, bailiffs u l-aġenzija ta' notifika tal-qorti. Bħala regola, id-dokumenti huma nnotifikati mill-operatur postali. Il-kostijiet u l-effettività tan-notifika jittieħdu inkunsiderazzjoni meta jintgħażel il-mod li bih id-dokumenti ġudizzjarji għandhom jiġu nnotifikati. Id-dokumenti jistgħu jiġu nnotifikati mill-aġenzija ta' notifika tal-qorti, ir-reġistraturi tal-qorti, il-pulizija ġudizzjarja jew bailiffs (Artikolu 68 tar-Regoli ta' Proċedura) jekk dan il-metodu ta' notifika huwa aktar effettiv f'ċirkostanzi speċifiċi. Matul il-proċedimenti ta' infurzar, id-dokumenti huma nnotifikati mill-bailiffs. Il-Ministru tal-Ġustizzja jista' jistabbilixxi aġenzija ta' notifika tal-qorti u jiddetermina kemm l-istruttura organizzazzjonali tagħha kif ukoll proċedura dettaljata għan-notifika ta' dokumenti.

Skont l-Artikolu 132 tal-Kodiċi, l-avukati u l-konsulenti legali huma eżenti mill-prinċipju ta' notifika uffiċjali ta' dokumenti u jistgħu jinnotifikaw dokumenti lill-xulxin direttament b'konferma datata tar-riċevuta. Il-prova li kopja tat-trattazzjoni għet innotifikata lill-parti l-oħra jew prova li din tkun intbagħtet permezz ta' ittra reġistrata hija inkluża mat-trattazzjonijiet mressqa lill-qorti. It-trattazzjonijiet li ma jinkludux prova ta' notifika jew prova tal-posta reġistrata jiġu rritornati. Id-dokumenti jistgħu wkoll jiġu nnotifikati direttament f'sekretarjat tal-qorti lill-destinatarji li jkunu ppruvaw l-identità tagħhom u taw konferma tar-riċevuta.

Skont l-Artikolu 70 tar-Regoli ta' Proċedura, il-president tal-qorti jista' jordna li d-dokumenti ġudizzjarji jiġu nnotifikati direttament lil istituzzjonijiet lokali u avukati u li dokumenti trażmessi minn istituzzjonijiet lokali lill-qorti jiġu aċċettati direttament. Jekk dokument preparatorju għet trażmess tant tard li ma setgħetx tiġi nnotifikata kopja tiegħu flimkien ma' taħrika għal seduta ta' smiġħ, dak id-dokument jista' jiġi nnotifikat matul dik is-seduta.

Skont l-Artikolu 71 tar-Regoli ta' Proċedura u l-Artikolu 135 tal-Kodiċi, jekk id-destinatarju jkun indika biss numru ta' kaxxa postali bħala l-indirizz tal-korrispondenza, huwa jista' jiġi nnotifikat bil-wasla ta' dokument ġudizzjarju wkoll permezz ta' din il-kaxxa postali.

#### **4 Tifix tal-indirizz**

##### **4.1 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, l-awtorità rikjesta f'dan l-Istat Membru ttiprova u tistabbilixxi hi bl-inizjattiva tagħha fejn tinsab il-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokumenti ladarba din ma tkunx għadha toqgħod fl-indirizz magħruf mill-awtorità rikjedenti?**

L-awtorità rikjesta tista' tistabbilixxi l-indirizz billi tuża r-reġistri rilevanti, fejn hija tikkunsidra dan xieraq. Ir-reġistri li jeżistu fil-Polonja huma elenkati fil-punt 4.2.

##### **4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-indirizz attwali tal-persuna? Jekk iva, x-reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhi l-proċedura li trid tiġi segwita? Xi ħlas irid isir, jekk hemm?**

L-informazzjoni inkwistjoni tista' tinkiseb mis-Sistema Elettronika Komuni tar-Reġistru tal-Popolazzjoni (PESEL) fuq it-talba tal-qorti li quddiemha jkun tressaq il-każ jew fuq it-talba ta' persuna li għandha interess leġittimu (dokumenti li jikkonfermaw interess leġittimu jinkludu petizzjonijiet, ittri tal-bailiffs u ftehimiet).

Parti jew persuna li għandha interess leġittimu għandha tagħmel talba billi tuża l-formularju disponibbli fuq <http://www.mswia.gov.pl/portal/pl/381/32/>.

It-tariffa hija ta' PLN 31. It-talbiet kollha jenħtieġ li jiġu akkumpanjati minn prova ta' ħlas tat-tariffa.

It-tariffa tiffallas fil-kont segwenti:

Ministry of the Interior and Administration

Ul. Batorego 5

00-951 Warsaw

Numru tal-kont: NBP O/O Warszawa Nr 67 1010 0031 3122 3100 0000

Jekk ikun għet maħtur avukat, il-prokura jenħtieġ li tiġi inkluża mat-talba.

It-talbiet jenħtieġ li jiġu trażmessi fl-indirizz segwenti:

Wydział Udostępniania Informacji

Departamentu Spraw Obywatelskich MSWiA

Fil-Polonja, l-indirizzi tal-impriżi (sħubiji rreġistrati, sħubiji professjonali, soċjetajiet limitati, soċjetajiet limitati b'responsabbiltà limitata u kumpaniji b'ishma konġunti, koperattivi, impriżi tal-gvern, korpi tar-riċerka u l-iżvilupp, impriżi barranin u l-fergħat tagħhom, kif ukoll soċjetajiet reċiproċi) huma disponibbli f'reġistru onlajn miżmum mir-Reġistru tal-Qorti Nazzjonali. Ir-reġistru jinżamm f'konformità mal-prinċipju tal-aċċess miftuħ (kulħadd jista' jaċċedi d-dejta ssejvjata fih).

L-informazzjoni disponibbli onlajn tista' tinsab fuq:

<http://bip.ms.gov.pl/rejstry-i-ewidencje-okrajowy-rejestr-sadowy/elektroniczny-dostep-do-krajowego-rejestru-sadowego/>

Magna tat-tiftix: <https://ems.ms.gov.pl/krs/wyszukiwaniepodmiotu>

Id-dejta ta' persuni fiżiċi li jaħdmu f'attivitajiet kummerċjali hija ssejvjata fir-Reġistru Ċentrali ta' Attività Kummerċjali u Rekord tal-Infommazzjoni (CEIGD), li huwa miftuħ għall-pubbliku.

Il-magni tat-tiftix tar-Reġistru Ċentrali ta' Attività Kummerċjali u Rekord tal-Infommazzjoni: <https://prod.ceidg.gov.pl/ceidg.cms.engine/>

#### **4.3 L-awtoritajiet f'dan l-Istat Membru kif jitrattaw talba mibgħuta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali bl-għan li jinstab l-indirizz attwali ta' persuna?**

Il-qrati jeżaminaw jekk kull talba individwali hijiex ammissibbli. Ma hemm ebda Prattika uniformi f'dan ir-rigward. Il-modi kif id-destinatariji jiġu stabbiliti huma diskussi fil-punt 4.2.

#### **5 Fil-prattika, normalment kif jiġi notifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (ħlief in-notifika indiretta msemmija fil-punt 6 iktar 'l isfel)?**

Fil-prattika, id-dokumenti ġudizzjarji normalment jintbagħtu b'ittra reġistrata bil-konferma tar-riċevuta (ara l-punt 3).

Skont l-Artikolu 133 tal-Kodiċi, jekk id-destinatariji huma persuni fiżiċi, id-dokumenti huma nnotifikati lilhom personalment, jiġifieri trażmessi lilhom, jew jekk ma għandhomx il-kapaċità ġuridika, lir-rappreżentanza ġudizzjarja tagħhom. Id-dokumenti intiżi għal persuni ġuridiċi u entitajiet mingħajr personalità ġuridika huma nnotifikati lil korpi awtorizzati li jirrapreżentahom fil-qorti jew trażmessi lill-impjegati li jkun awtorizzati li jirċievu dokumenti mill-kap tal-unità kkonċernat. Jekk tkun inħatret rappreżentanza ġudizzjarja jew tkun għet awtorizzata persuna biex tirċievi dokumenti ġudizzjarji, id-dokumenti jiġu nnotifikati lil dawn il-persuni.

Skont l-Artikolu 135 tal-Kodiċi, fuq it-talba ta' parti, id-dokumenti jistgħu jiġu kkonfermati f'indirizz ta' kaxxa postali indikat minn dik il-parti.

Skont l-Artikolu 137 tal-Kodiċi, id-dokumenti huma nnotifikati lill-soldati li jkun qegħdin jagħmlu servizz militari obbligatorju u lill uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija u tas-Servizz tal-Fabs permezz tal-kapijiet immedjati tagħhom. Id-dokumenti huma nnotifikati lil prigioniera permezz tal-korpijiet governattivi tal-istituzzjoni rilevanti.

In-notifika alternattiva u n-notifika fittizja huma diskussi fil-punt 7.

#### **6 Hija permessa n-notifika elettronika ta' dokumenti (notifika ta' dokumenti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, bħall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa permess dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatariju (professjonist tal-liġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?**

Skont l-Artikolu 1311 tal-Kodiċi, fil-proċedimenti għar-rikorsi tal-ħlas, id-dokumenti huma nnotifikati lir-rikorrenti permezz ta' sistema ta' ICT li hija kompatibbli ma' dawn il-proċedimenti (notifika elettronika). Id-dokumenti huma nnotifikati lil partijiet konvenuti jekk dawn ikunu ressuq xi talbiet b'mod elettroniku.

Jekk dokument jiġi nnotifikat b'mod elettroniku, huwa meqjus li jkun għe nnotifikat fid-data indikata fil-konferma elettronika tar-riċevuta. Fin-nuqqas tat-tali konferma, in-notifika titqies li tkun saret 14-il jum wara li d-dokument kien għe mdaħħal fis-servizz tal-ICT.

Id-dokumenti li għandhom jiġu nnotifikati ma jintbagħtux lid-destinatariji tal-posta elettronika, iżda avvizz li ddaħħal messaġġ fis-sistema tal-ICT jitħalla fl-inbox tad-destinatariju.

#### **7 Notifika "indiretta"**

##### **7.1 Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika fejn ma jkunx possibbli li d-dokumenti jkunu nnotifikati lid-destinatariju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamar)?**

Jekk id-destinatariju mhux fi-unità domestika, il-persuna li qedha tittrażmetti d-dokument tista' tagħti d-dokument ġudizzjarju lil membru adult tad-dar jew, jekk ebda tali persuna ma hija preżenti, tħalli dak id-dokument mal-assoċjazzjoni tar-residenti, mal-persuna li tkun inkarigata li tiegħu ħsieb il-proprjetà jew mal-kap tal-villaġġ jekk dawn il-persuni mhux partijiet opposti fil-każ u jkunu qablu li jagħtu d-dokument lid-destinatariju (Artikolu 138 tal-Kodiċi).

Jekk id-dokument ma jistax jiġi nnotifikat bil-mod deskritt aktar 'il fuq, dan għandu jitħalla f'uffiċċju tal-posta jew fil-muniċipalità lokali. Jitħalla avvizz għal dan il-għan fuq il-bieb tad-destinatariju jew fil-kaxxa tal-ittri tiegħu.

Jekk id-dokumenti ma jistgħux jiġu nnotifikati lil persuni ġuridiċi, lil entitajiet jew lil persuni fiżiċi suġġetta għar-rekwiżit ta' reġistrazzjoni minħabba li ma jkunx għe rreġistrat tibdil fl-indirizz, dawn jitħallew fil-fajl tal-kawża u jitqiesu li jkunu għew effettivament innotifikati, sakemm l-indirizz il-ġdid ma jkunx magħruf lill-qorti (Artikolu 139 tal-Kodiċi).

Id-dokumenti jistgħu wkoll jiġu nnotifikati personalment lil kustodju *ad litem* maħtur mill-qorti li tiddeċiedi dwar ir-rikors mill-persuna kkonċernata. Dan jiġri meta talba li twassal għall-ħtieġa li d-drittijiet ta' persuna jiġu mħarsa tkun trid tiġi nnotifikata lil parti li l-post tar-residenza tagħha mhux magħruf. Kustodju jista' wkoll jinħatar għall-organizzazzjonijiet jekk dawn ma jkollhomx entitajiet rappreżentattivi jew jekk il-post tar-residenza tal-membri ta' dawn l-entitajiet ma jkunx magħruf (Artikolu 143 tal-Kodiċi).

Jekk il-post tar-residenza ta' parti ma jkunx magħruf u d-dokument li għandu jiġi nnotifikat ma jwassalx għall-ħtieġa li jiġu mħarsa d-drittijiet ta' dik il-persuna, dan id-dokument jiġi nnotifikat billi jiġi eżibit fil-bini tal-qorti (Artikolu 145 tal-Kodiċi).

Jekk il-partijiet u r-rappreżentazzjonijiet tagħhom jonqsu milli jinnotifikaw tibdil fl-indirizz, id-dokument ġudizzjarju jitħalla fil-fajl tal-kawża u jitqies li jkun għe effettivament innotifikat, sakemm l-indirizz il-ġdid ma jkunx magħruf lill-qorti (Artikolu 136 tal-Kodiċi).

##### **7.2 Jekk japplikaw metodi oħrajn, id-dokumenti meta jitqiesu li għew innotifikati?**

Skont l-Artikolu 139 tal-Kodiċi, avvizz li dokument ikun tħalla f'uffiċċju tal-posta jew fil-muniċipalità lokali jrid jindika li d-dokument għandu jinġabar fi żmien sebat ijiem. Jekk id-destinatariju ma jiġborx id-dokument sa dik l-iskadenza, il-persuna li tittrażmetti d-dokument terġa' tipprova għal darb'oħra tinnofika d-dokument lid-destinatariju. Jekk dan it-tentattiv ma jirnexxi, il-persuna li qiegħda tittrażmetti d-dokument terġa' tħalli avvizz li d-dokument ikun tħalla f'uffiċċju tal-posta jew muniċipalità lokali u d-destinatariju jerġa' jingħata sebat ijiem biex jiġbor id-dokument. Fil-ġurisprudenza, id-dokumenti jitqiesu li jkunu għew innotifikati fl-aħħar jum ta' dak il-perjodu (ara l-punt 7.3).

Fil-każ ta' notifika alternattiva (ara l-ewwel subparagrafu tal-punt 7.1), id-dokumenti ġudizzjarji li jiġu trażmessi lil membru adult tal-unità domestika u li, jekk ebda tali persuna ma tkun preżenti, jitħallew mal-assoċjazzjoni tar-residenti, mal-persuna li tkun inkarigata li tiegħu ħsieb il-proprjetà jew mal-kap tal-villaġġ, jitqiesu li jkunu għew innotifikati meta dawn jiġu trażmessi lil dawn il-persuni.

##### **7.3 Jekk metodju ieħor ta' notifika huwa d-depożitu tad-dokumenti f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatariju kif ikun infurmat b'dak id-depożitu?**

Jitħalla avviż fuq il-bieb tad-destinatarju jew fil-kaxxa tal-ittri. Avviż mudell huwa stabbilit fir-Regolament. Dan jindika, *inter alia*, li jekk dokument ġudizzjarju mibgħut b'ittra reġistrata ma jinġabarx anki jekk id-destinatarju jkun ġie nnotifikat darbtejn, dan id-dokument jiġi rritornat lill-qorti li bgħatitu. F'dan il-każ, id-dokument ikun meqjus li jkun ġie nnotifikat fl-aħħar jum li fih id-destinatarju seta' jiġbru. In-notifika ta' dokumenti tista' tirriżulta f'termini preskrittivi li jibdw jiskattaw.

Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament, avviż ta' trażmissjoni ta' dokument jifhejja mill-uffiċċju postali tal-operatur jew mill-persuna li tittrażmetti d-dokument, li tindika l-uffiċċju postali tal-operatur jew il-municipalitá fejn id-dokument għandu jinġabar fi żmien sebat ijiem, li jibdw jgħoddu mid-data li tiġi wara l-jum li fih jitħalla l-avviż. L-avviżi jitħallew fil-kaxxi tal-ittri tad-destinatarji.

Wara li jitħalla avviż li jinforma lid-destinatarju li d-dokument jista' jinġabar mill-uffiċċju postali tal-operatur jew mill-municipalitá lokali, il-persuna li tittrażmetti d-dokument:

- 1) tġindika fuq formularju tal-konferma tar-riċevuta li d-dokument ma ġiex innotifikat, timmarka "avviż mogħti" fuq in-naħa tal-indirizz tal-ittra u tiffirmah;
- 2) minnufih tħalli d-dokument fil-post tal-uffiċċju tal-operatur jew fil-municipalitá lokali.

L-uffiċċju postali tal-operatur jew il-municipalitá tikkonferma r-riċevuta tad-dokument trażmess, li jiġi ttimbrat bid-data u ffirmat mill-persuna li qed taċċettah. Id-dokument trażmess jinżamm fl-uffiċċju postali tal-operatur jew fil-municipalitá għas-sebat ijiem li jsegwu, li jibdw jgħoddu mill-jum li jiġi wara l-jum li fih tħalla l-avviż.

#### **7.4 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokumenti, xi jkunu l-konsegwenzi? Id-dokumenti jittqiesu bħala effettivament innotifikati jekk ir-rifjut ma jkunx leġittimu?**

Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika ta' dokument, dak id-dokument jittqies li ġie nnotifikat.

F'dak il-każ, il-persuna li tittrażmetti d-dokument tindika d-data tan-notifika hija stess u r-raġunijiet għaliex il-konferma tar-riċevuta ma ġiex iffirmata (Artikolu 139 tal-Kodiċi).

#### **8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki)**

##### **8.1 Jekk is-servizz postali jwassal dokument mibgħut minn barra lill destinatarju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn tal-aċċettazzjoni tal-irċevuta (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki), is-servizz postali jista' jħalli d-dokument biss mad-destinatarju stess jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-posta, iħalli d-dokument ukoll ma' persuna oħra fl-istess indirizz?**

Id-dokumenti huma ġeneralment innotifikati fuq din il-bażi mill-operatur tal-posta bħala ittri regolari, mhux dokumenti ġudizzjarji.

Skont l-Artikolu 37 tal-Att Postali, safejn konsenja postali ma tintbagħtx *poste restante*, din tista' ukoll tiġi trażmessa lill-persuni segwenti u hija meqjusa li tkun ġiet effettivament innotifikata:

1. lid-destinatarju:
  - a. fil-kaxxa tal-ittri tiegħu, barra mill-ittri reġistrati,
  - b. f'uffiċċju postali jekk id-destinatarju ma kienx preżenti fl-indirizz indikat fuq il-konsenja postali, ordni postali jew ftehim għal servizzi postali meta l-konsenja postali tkun ġiet ikkonsenjata jew il-konsenja postali ma tkunx tistax tiġi kkonsenjata f'kaxxa tal-ittri,
  - c. f'post miftiehem mid-destinatarju u l-operatur postali;
2. ir-rappreżentanza ġudizzjarja jew avukat awtorizzat permezz ta' prokura li tkun ingħatat fuq termini ġenerali jew b'awtorizzazzjoni postali:
  - a. fl-indirizz indikat fuq il-konsenja postali, ordni postali jew ftehim għal servizzi postali,
  - b. f'uffiċċju postali;
3. lil adult li jgħix flimkien mad-destinatarju jekk id-destinatarju ma ħalliex struzzjonijiet dwar il-konsenja ta' ittri reġistrati jew ordnijiet postali f'uffiċċju postali:
  - a. fl-indirizz indikat fuq il-konsenja postali, ordni postali jew ftehim għal servizzi postali,
  - b. f'uffiċċju postali; wara li l-persuna inkwistjoni tagħmel dikjarazzjoni bil-miktub li hija tgħix mad-destinatarju;
4. lil persuna awtorizzata li tirċievi konsenji postali fl-uffiċċju ta' awtoritá pubblika jekk il-konsenja postali hija trażmessa lill-awtoritá pubblika kkonċernata;
5. lil persuna awtorizzata li tirċievi konsenji postali fi stabbilimenti li huma persuni ġuridiċi jew unitajiet organizzazzjonali mingħajr personalitá ġuridika jekk il-konsenja postali hija trażmessa lil:
  - a. persuna ġuridika jew unitá organizzazzjonali mingħajr personalitá ġuridika kkonċernata,
  - b. persuna fiżika li mhijiex membru tal-bord maniġerjali jew impjegat tal-persuna ġuridika jew unitá organizzazzjonali mingħajr personalitá ġuridika kkonċernata u li tkun preżenti f'dik l-entitá;
6. lill-kap ta' unitá organizzazzjonali jew persuna fiżika li hija awtorizzata minn dak il-kap jekk il-konsenja postali hija trażmessa lil persuna fiżika preżenti f'unitá fejn huwa diffiċli ħafna jew impossibbli li tiġi trażmessa konsenja postali lid-destinatarju minħabba n-natura ta' dik l-unitá jew prassi ġeneralment aċċettata.

Skont l-Artikolu 30 *et seq.* tar-Regolament Postali, il-fornitur ta' servizz imsemmi jipprovdvi servizzi b'tali mod li jippermetti lill-ispeditur sabiex jikseb dokument li jikkonferma l-irċevuta ta' ittra reġistrata biss fuq it-talba bil-miktub tal-ispeditur.

Fl-uffiċċji postali tiegħu kollha, il-fornitur ta' servizz imsemmi jaċċetta t-talbiet bil-miktub mid-destinatarji sabiex jibgħat konsenji postali lid-destinatarji indikati f'dawn it-talbiet matul it-terminu preskrittiv speċifikat fir-regoli ta' proċedura.

Il-fornitur ta' servizz imsemmi jaċċetta mid-destinatarji istruzzjonijiet bil-miktub dwar in-nuqqas ta' konsenja ta' ittri reġistrati lil adulti li jgħixu mad-destinatarji.

##### **8.2 Skont ir-regoli tal-posta f'dan l-Istat Membru kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tan-Notifiki Nru 1393 /2007, jekk la d-destinatarju u lanqas ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-posta – ara fuq) ma jkun instab fl-indirizz fejn tkun intbagħtet?**

Jekk id-destinatarju jew persuni oħra awtorizzati li jirċievu ittra reġistrata mhumiex preżenti fil-ħin tal-konsenja, il-fornitur ta' servizz imsemmi jħalli fil-kaxxa tal-ittri tad-destinatarju avviż ta' tentattiv ta' konsenja tal-ittra reġistrata, flimkien ma' informazzjoni dwar it-terminu preskrittiv għall-ġbir ta' din l-ittra u l-indirizz tal-uffiċċju postali fejn din tkun ġiet trażmessa. Dan l-avviż jiġi f'forma stampata.

##### **8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perjodu speċifiku għall-ġbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għax ma twasslux? Jekk iva, kif ikun infurmat id-destinatarju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?**

Il-fornitur ta' servizzi imsemmi jitrażmetti l-konsenji postali lid-destinatarji fl-uffiċċji postali matul 14-il jum ("it-terminu preskrittiv għall-ġbir"). Wara l-iskadenza ta' dan it-terminu preskrittiv, konsenja postali tista' tiġi maħżuna jekk id-destinatarju jagħmel talba bil-miktub għal dan l-għan.

It-terminu preskrittiv għall-ġbir jibda jiskatta fil-jum li jiġi wara l-jum tal-konsenja tal-avviż.

Il-konsenji postali li ma jinġabru matul it-terminu preskrittiv jintbagħtu lura lill-ispeditur.

##### **9 Ikun hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun ġie nnotifikat?**

Il-konferma tar-riċevuta, ġeneralment formularju inkluż mal-konsenja, isservi bħala prova tan-notifika u d-data tagħha. Skont l-Artikolu 142 tal-Kodiċi, il-persuna li tirċievi dokument tikkonferma l-irċevuta tiegħu u d-data tal-irċevuta bil-firma tagħha. Jekk dik il-persuna ma tistax jew ma trid tagħmel dan, il-persuna li tittrażmetti d-dokument tindika hija stess id-data tan-notifika u r-raġunijiet għaliex ebda firma ma ġiet ipprovduta. Il-persuna li tittrażmetti d-dokument tindika kif id-dokument ġie nnotifikat fuq il-konferma tar-riċevuta, tispeċifika d-data tan-notifika fuq id-dokument innotifikat u tiffirmah.

Il-konferma tar-riċevuta ta' dokument ġudizzjarju huwa dokument uffiċjali li jikkonferma n-notifika u d-data tagħha. Persuna li tallega li dokument ġie nnotifikat f'data differenti trid tipprovi evidenza affawr ta' dik l-allegazzjoni.

### **10 X'jiġri jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirċevix id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi nnotifikat lil terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika ġdida tad-dokument?**

Jekk il-persuna li tittrażmetti d-dokument tikser it-termini tan-notifika, in-notifika titqies bħala invalida.

Jekk dokument ma jiġix innotifikat lid-destinatarju t-tajjeb, dan jittqies li jkun ġie nnotifikat validament meta d-destinatarju fil-fatt jirċevih.

Madankollu, parti li ma setgħetx tiegħu azzjoni minħabba li dokument kien innotifikat lill-persuna l-ħażina tista' titlob għall-kontinwazzjoni tal-proċedimenti fi żmien tliet xhur (Artikoli 401 u 407 tal-Kodiċi).

### **11 Hemm xi ħlas għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-ħlas?**

Mhux direttament. Ma jeżistu ebda tariffi għan-notifika fil-Polonja, sakemm ma tiġix applikata proċedura speċjali għal talba (Artikolu 11(2)(2) tar-Regolament Nru 1393/2007).

L-aħħar aġġornament: 13/09/2019

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [pt](#) ġiet

emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment

qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

### **In-notifika ta' atti - Portugall**

#### **1 F'termini prattiċi xi jfisser it-terminu legali "notifika ta' dokumenti"? Għaliex hemm regoli speċifiċi dwar in-"notifika ta' dokumenti"?**

**In-notifika** hija att li permezz tagħha persuna (konvenut, rikorrent, debitur ġudizzjarju) tiġi infurmata illi nfetħet kawża kontriha. Hija tintuża biex tħarrikhom għall-ewwel darba sabiex jiddefendu ruħhom. In-notifika tiġi wżata wkoll għall-ewwel taħrika ta' persuna li għandha interess fil-proċedimenti li ma kinitx inizjalment involuta fihom, biex tidher għar-rikorrent jew għall-konvenut.

**In-notifika** tiġi wżata biex tħarrek persuna biex tidher il-qorti jew biex tinfirmaha bil-fatti.

Hemm regoli speċifiċi fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Portugiż dwar kif għandha ssir in-notifika, u jispeċifikaw l-informazzjoni li trid tiġi trażmessa b'rabta mad-destinatarji, in-natura tal-fatti u l-għan tat-trażmissjoni. Ir-raġuni għal dawn ir-regoli hija sabiex il-komunikazzjoni verament tasal għand id-destinatarju, u jekk ikunu partijiet fil-proċedimenti, biex jiggarantixxu d-dritt għad-difiża.

#### **2 Liema dokumenti jeħtieġ li jkun notifika b'mod formali?**

**Fin-notifika jkun hemm din l-informazzjoni li ġejja:**

- Il-kopja tar-rikors inizjali li bih fetaħ il-kawża r-rikorrent u kopji tad-dokumenti li akkumpanjawh, li jinbagħatu lill-konvenut
- Avviż illi l-persuna qed tiġi mħarrka għal dik il-kawża
- Indikazzjoni tal-qorti, diviżjoni u taqsima li quddiemha se jinstemgħu l-proċedimenti, l-iskadenza għas-sottomissjoni ta' risposta, u tal-bżonn li jitqabbaq rappreżentant legali, jekk huwa obligatorju
- Twissija tal-konsegwenzi f'każ ta' nuqqas ta' difiżtal-kawża

**Jiġu notifika:**

- L-ordnijiet u sentenzi tal-qorti
- Dikjarazzjonijiet dwar il-każ sottomessi mill-partijiet, rikorsi u dokumenti inklużi fil-fajl tal-każ u l-iskadenza għall-partijiet biex jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal proċedimenti kontenzjużi
- Taħrika tal-partijiet, xhieda, esperti, konsulent tekniku jew avukat biex ikun preżenti waqt **il-proċedimenti ġudizzjarji**;
- Talba għal esperti, provi oħra jew informazzjoni lil entitatijiet li għandhom l-obbligu jikkooperaw mal-qorti.

#### **3 Min hu responsabbli biex jinnotifika dokument?**

Fi proċedimenti li għaddejnin, in-notifika tista' ġeneralment ssir minn uffiċjali ġudizzjarji, uffiċjali tal-eżekuzzjoni jew minn rappreżentant legali ta' waħda mill-partijiet, skont il-każijiet indikati fit-tweġiba għad-domanda 5.

In-notifika tista' ssir minn nutara pubbliċi fi proċedimenti dwar wirt.

F'ċerti każijiet previsti fil-Liġi I-Ġdida dwar il-Kiri Urban (Novo Regime do Arrendamento Urbano), in-notifika tista' ssir minn avukati, solicitors jew uffiċjali tal-eżekuzzjoni qabel ma tinfetaħ kawża.

In-notifika tista' ssir minn reġistraturi ċivili fi proċedimenti b'għuridizzjoni volontarja li jinstemgħu quddiem ir-Registatur Ċivili, partikolarment fi kwistjonijiet tal-familja u tal-minorenni.

#### **4 Tiffix tal-indirizz**

##### **4.1 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, l-awtorità rikjesta f'dan l-Istat Membru tipprova u tistabbilixxi hi bl-inizjattiva tagħha fejn tinsab il-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokumenti ladarba din ma tkunx għadha toqgħod fl-indirizz magħruf mill-awtorità rikjedenti?**

Skont il-liġi Portugiża huwa l-obbligu tal-uffiċjali ġudizzjarji li jwettqu, *ex officio* u mingħajr bżonn ta' ordni tal-qorti, il-passi kollha meħtieġa biex jinnotifikaw lil xi ħadd.

Għal dan il-għan, l-uffiċjali ġudizzjarji jikkonsultaw informazzjoni li hija disponibbli elettronikament f'dipartimenti oħra tal-gvern sabiex jaraw kienx hemm tibdil fir-residenza u jistabbilixxu l-indirizz attwali tal-persuna li trid tiġi nnotifikata. Dan jikkostitwixxi r-regola "*ex officio*" għall-miżuri li jridu jittieħdu minħabba n-notifika.

L-istess regola tapplika f'ċerti każijiet li huma espliċitament previsti mil-liġi għan-notifika tal-partijiet jew tar-rappreżentanti tagħhom.

L-uffiċjali tal-eżekuzzjoni għandhom ukoll aċċess għal ċerti bażijiet tad-dejta tad-dipartimenti tal-gvern li jippermettuhom jivverifikaw ir-residenza għall-finijiet ta' taxa tad-debituri ġudizzjarji, pereżempju, fi proċedimenti ta' eżekuzzjoni.

Skont il-liġi Portugiża, kull meta parti tiddikjara b'mod ġustifikat illi għandha diffikultà serja biex tikseb xi informazzjoni - partikolarment rigward bdil fir-residenza ta' persuna li trid tiġi nnotifikata - xi ħaġa li għandha impatt fuq l-eżerċizzju effettiv ta' dritt, obbligu jew talba proċedurali, il-qorti tista' tordna lil kull persuna jew entità biex jikkooperaw sabiex tinkiseb din l-informazzjoni. Irrispettivament mill-fatt jekk humiex partijiet fil-proċedimenti jew le, għandhom obbligu jikkooperaw mal-qorti billi jagħtu l-informazzjoni ordnata minnha.

##### **4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-indirizz attwali tal-persuna? Jekk iva, x'reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhil l-proċedura li trid tiġi segwita? Xi ħlas irid isir, jekk hemm?**

Le. Din il-possibiltà teżisti biss għall-awtoritajiet nazzjonali u l-entitajiet imsemmija fit-tweġiba għad-domanda 4.1.

#### 4.3 L-awtoritajiet f'dan l-Istat Membru kif jitrattaw talba mibgħuta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qorti tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali bl-għan li jinstab l-indirizz attwali ta' persuna?

Il-qorti tikkonsulta l-bażijiet tad-dejta ta' dipartimenti tal-gvern oħra u, jekk dan ma jkunx biżżejjed, tordna lil persuni u entitajiet oħra jew anke lill-awtoritajiet tal-pulizija biex jgħid u/jew jagħtu informazzjoni dwar l-indirizz attwali ta' persuna, kif imsemmi fit-tweġiba għad-domanda 4.1.

#### 5 Fil-prattika, normalment kif jiġi notifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (nleif in-notifika indiretta msemmija fil-punt 6 iktar 'l isfel)?

Id-diversi modi kif jista' jiġi notifikat dokument huma indikati hawnhekk. Il-każijiet fejn tintuża n-notifika diġà ssemmev fit-tweġiba għad-domanda numru wieħed.

##### Notifika

Dokument jista' jiġi notifikat lil **persuna** jew notifikat **permezz tal-pubblikazzjoni**. Kull waħda minn dawn il-forom ta' notifika jistgħu jiġu indirizzati lil persuni **fiżiċi** jew **ġuridiċi**. Ir-regoli dwar in-notifika lil persuni fiżiċi japplikaw, *mutatis mutandis*, għal persuni ġuridiċi, sakemm xi aspekk tan-notifika lil persuni fiżiċi ma jkunx regolat b'mod speċifiku, fejn f'dak il-każ japplikaw dawn ir-regoli speċifiċi.

*In-notifika lil persuni*

Fil-prattika, dokument jista' jiġi notifikat lil persuna:

**Bit-trażmissjoni ta' dejta elettronika** pereżempju lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku meta jkun il-parti ewlenija fil-kawża

**Bil-posta** fil-forma ta' ittra b'rikonossiment tal-irċevuta bl-indirizz tar-residenza jew post tax-xogħol tal-persuna li trid tiġi notifikata, f'każ ta' persuna fiżika, jew tal-uffiċċju registral fir-Reġistru Nazzjonali tal-Persuni Ġuridiċi, f'każ ta' persuna ġuridika.

**B'kuntatt personali tal-uffiċjal tal-eżekuzzjoni** mal-persuna li trid tiġi notifikata, meta n-notifika bil-posta ma tkunx possibbli jew ir-rikorrent jiddikjara illi din hija xewqta fir-rikors inizjali tiegħu

**B'kuntatt personali tal-uffiċjal ġudizzjarju** mal-persuna li trid tiġi notifikata, jekk ir-rikorrent jiddikjara illi din hija xewqta fir-rikors inizjali tiegħu u jħallas it-tariffa għaliha

##### Permezz ta' rappreżentant legali:

Ir-rappreżentanti legali jridu jiddikjaraw minnufih fir-rikors inizjali illi se jwettqu n-notifika huma stess, permezz ta' rappreżentant ieħor jew permezz ta' avukat.

Ir-rappreżentanti legali jistgħu jitolbu n-notifika f'data ulterjuri jekk kull mezz ieħor għan-notifika ma jkunx possibbli.

Ir-regoli dwar in-notifika mill-uffiċjali tal-eżekuzzjoni jew uffiċjali ġudizzjarji japplikaw għan-notifika minn rappreżentanti legali.

In-notifika lil persuni tista' ssir:

##### Lil persuna li trid tiġi notifikata:

**Lil persuna li mhix il-persuna li trid tiġi notifikata** li għandha l-kompitu tittrażmetti l-kontenut tad-dokument lilhom, jekk hekk ikun previst mil-liġi;

**Lir-rappreżentant legali tal-persuna li trid tiġi notifikata** jekk ikun ingħata prokura inqas minn erba' snin ilu, li biha għandu setgħa speċjali biex jirċievi d-dokument notifikat;

**Lil kuratur temporanju** tal-persuna li trid tiġi notifikata, maħtur mill-qorti meta l-uffiċjal ta' eżekuzzjoni jew uffiċjal ġudizzjarju jaf illi l-persuna li trid tiġi notifikata ma tistax tirċievi d-dokument minħabba l-inkapaċità ġuridika tagħha (mard mentali magħruf jew inkapaċità ġuridika temporanja jew permanenti oħra).

*Notifika permezz tal-pubblikazzjoni*

Fil-prattika, in-notifika bil-pubblikazzjoni tista' sseħħ:

meta **l-persuna li trid tiġi notifikata hija nieqsa** u ma tistax tinsab;

meta **l-identità tal-persuni** li jridu jiġu notifikati mhix magħrufa.

In-notifika bil-pubblikazzjoni ssir billi:

jiġi mehmuż avviż fuq il-bieb tad-dar tal-aħħar residenza jew uffiċċju registral fil-Portugall tal-persuna li trid tiġi notifikata;

imbagħad permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż fuq sit elettroniku aċċessibbli mill-pubbliku provdut mil-liġi.

##### In-notifika

Matul il-proċedimenti, in-notifika tista' sseħħ b'wieħed minn dawn il-modi li ġejjin:

In-notifika lil partijiet li jgħaddu rappreżentant legali u/jew avukat dejjem issir lil dawn tal-aħħar, kif deskritt fit-tweġiba għas-sitt domanda.

In-notifika li hija maħsuba biex tħarreġ lil parti biex tidher personalment tintbagħat lilha permezz ta' ittra reġistrata (jitħarreġ ukoll ir-rappreżentant legali kif deskritt fit-tweġiba għas-sitt domanda).

In-notifika lil partijiet li ma jgħaddux rappreżentant legali tintbagħat lil parti nnifisha b'ittra reġistrata fl-indirizz tad-dar, uffiċċju registral jew post magħżul għal dan il-għan.

Barra minn hekk, in-notifika ta' deċiżjonijiet finali ssir dejjem lill-partijiet b'ittra reġistrata fl-indirizz tad-dar, uffiċċju registral jew post magħżul għal dan il-għan.

In-notifika li hija maħsuba biex tħarreġ lix-xhieda, esperti jew persuni oħra involuti b'mod mhux kostanti fil-proċedimenti biex jidheru l-qorti ssir permezz ta' posta reġistrata;

In-notifika ma tintbagħatx jekk parti beħsiebha ttella' lil xi ħadd ieħor, iżda l-parti tista' titlob illi r-reġistru tal-qorti jibgħatilha l-avviż dwar il-persuni li beħsiebha ttella'

Id-deċiżjonijiet finali mogħtija f'kawża dejjem jiġu notifikati lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku kif deskritt fit-tweġiba għas-sitt domanda.

Kif spjegat fit-tweġiba għas-sitt domanda, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku jiġi notifikat bid-deċiżjonijiet interim li jistgħu iwasslu għall-preżentazzjoni ta' appell kif rikjest mil-liġi.

Il-komunikazzjonijiet u stedinet mibgħuta f'dokument proċedurali lil partijiet interessati preżenti jitqiesu bħala notifikati, sakemm ikunu dokumentati u ordnati mill-entità presjedenti.

In-notifikati bejn ir-rappreżentanti legali jsiru minnhom nfushom, permezz ta' trasferiment elettroniku tad-dejta jew kif indikat mod ieħor fit-tweġiba għas-sitt domanda.

#### 6 Hija permessa n-notifika elettronika ta' dokumenti (notifika ta' dokumenti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, bħall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa permess dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatarju (professjonist tal-liġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?

Iva, dawn li ġejjin preferibbilment isiru **bit-trażmissjoni elettronika tad-dejta** mis-sistema kompjuterizzata tal-qorti:

In-notifika tad-dokumenti lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku

In-notifikati lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku, avukati, solicitors u uffiċjali tal-eżekuzzjoni

Is-sottomissjoni lill-qorti ta' dokumenti proċedurali u dokumenti minn avukati, solicitors u uffiċjali tal-eżekuzzjoni

Prova ta' n-las bil-quddiem tat-tariffa tal-qorti (li hija parti mill-ispejjeż legali)

Prova ta' jew talba għall-għajjnuna legali

Meta d-daqs tad-dokument proċedurali li jrid jiġi sottomess mhux kompatibbli mat-trażmissjoni elettronika, jew jekk id-dokumenti li jridu jintbagħtu hemm kopja fiżika biss tagħhom, jew jekk il-kawża ma teħtieġ rappreżentant legali u l-parti ma qabbditx wieħed, jew f'każ ta' raġuni ġustifikabbli:

Id-dokumenti proċedurali jistgħu jintbagħtu lir-reġistru tal-qorti, bil-posta jew b'faks

Id-dokumenti proċedurali jistgħu jiġu notifikati b'rekord tal-konsenja, bil-posta jew b'faks

Barra minn hekk, is-servizzi tal-qrati jistgħu:

Jitrażmettu l-messaġġi bil-posta, faks jew mezzi elettroniċi

F'każijiet urġenti jistgħu jintużaw telegrammi, telefonati jew mezzi simili tat-telekomunikazzjoni

Il-komunikazzjoni bit-telefown dejjem tiġi mniżżla fl-atti tal-kawża u segwiti minn konferma b'mezzi bil-miktub

B'rabta mal-partijiet fil-proċedimenti, il-komunikazzjoni bit-telefown tista' tintuża biss biex tiġi trażmessa taħrika jew biex tikkanċella taħrika għal atti ta' proċedura legali.

Dawn ir-regoli japplikaw fi proċedimenti ġudizzjarji ta' natura ċivili jew kummerċjali quddiem il-qrati tal-prim'istanza. Huma japplikaw ukoll f'ċerti każijiet għal proċedimenti quddiem in-nutara (pereżempju wirtijiet) jew reġistraturi ċivili (pereżempju kwistjonijiet tal-familja fejn ikun hemm ftehim).

## **7 Notifika "indiretta"**

### **7.1 Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika fejn ma jkunx possibbli li d-dokumenti jkunu nnotifikati lid-destinatarju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamar)?**

Barra minn hekk, il-liġi Portugiża tipprovdi wkoll għan-notifika ta' dokumenti fi żmien preċiż kif ġej:

Għan-notifika ta' persuna jekk l-uffiċjal tal-eżekuzzjoni jew uffiċjal ġudizzjarju jinduna illi l-persuna li trid tiġi notifikata tgħix jew taħdem f'post partikolari iżda ma jstax iwettaq in-notifika għaliex ma jsibhiex.

Għandu jitħalla avviż li jindika l-ħin li fih se sseħħ in-notifika;

L-avviż jista' jintbagħat lill-persuna li hija fl-aħjar pożizzjoni biex tgħaddih lill-persuna li trid tiġi notifikata jew, meta dan ma jkunx possibbli, irid jiġi impustat fl-aktar post xieraq

Fid-data u l-ħin speċifikat fl-avviż, l-uffiċjal tal-eżekuzzjoni jew uffiċjal ġudizzjarju jinnotifika lill-persuna bid-dokument u jekk ma jkunx jista' jsibha, jinnotifika d-dokument lil parti terza li hija fl-aħjar pożizzjoni biex twassal l-ittra lill-persuna soġġetta għan-notifika u li għandha l-obbligu tagħmel dan

Jekk ma tistax tinkiseb il-kooperazzjoni ta' partijiet terzi, in-notifika ssir bil-pubblikazzjoni ta' avviż fl-aktar post adattat u fil-preżenza ta' żewġ xhieda, li jindika li l-persuna għet notifikata, quddiem liema qorti qed jinstemgħu l-proċedimenti u li l-kopja u d-dokumenti huma disponibbli lill-persuna soġġetta għan-notifika fir-reġistru tal-qorti

## **N.B.**

F'każijiet fejn:

(i) ir-rikonoxximent tal-wasla ma jiġix iffirmat mill-persuna li trid tiġi notifikata (servizz postali);

(ii) notifika lil persuna fi żmien preċiż issir lil terza persuna;

(iii) jew in-notifika lil persuna fi żmien preċiż ssir bil-pubblikazzjoni ta' avviż tan-notifika fuq il-post

L-uffiċjal ta' eżekuzzjoni jew ir-reġistru tal-qorti jridu dejjem jibgħatu **ittra reġistrata** lill-persuna soġġetta għan-notifika, fi żmien jumejn tax-xogħol, biex jinnotifikawha, kif xieraq, :

tad-data u l-mod li bih in-notifika għet meqjusa li saret;

tal-iskadenza għad-difiża u l-konsegwenzi f'każ ta' nuqqas ta' difiża tal-kawża;

fejn jinsabu l-kopji tar-rikors u d-dokumenti li jridu jiġu notifikati;

l-identità tal-persuna li għet notifikata.

### **7.2 Jekk japplikaw metodi oħrajn, id-dokumenti meta jitqiesu li ġew innotifikati?**

**In-notifika bil-posta** titqies li saret fil-ġurnata meta jidher li ġie ffirmat ir-rikonoxximent tan-notifika, jew mill-persuna soġġetta għan-notifika jew minn persuna terza (jekk wieħed jassumi f'dan il-każ illi l-persuna terza wasslet l-ittra lill-persuna soġġetta għan-notifika, sakemm mhemmx provi mod ieħor).

**In-notifika lill persuna** minn uffiċjali tal-eżekuzzjoni, uffiċjali ġudizzjarji u rappreżentanti legali titqies li seħħet fid-data meta jtfassal ir-rekord tan-notifika.

**In-notifika bil-posta ta' avviż ta' notifika** titqies li seħħet fid-data indikata fl-avviż.

### **7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika huwa d-depożitu tad-dokumenti f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatarju kif ikun infurmat b'dak id-depożitu?**

F'każ ta' notifika b'ittra reġistrata - bi jew mingħajr rikonoxximent tan-notifika - jitħalla avviż tal-konsenja fil-kaxxa tal-ittri jekk il-pustier ma jista' jsib lill-ħadd f'dak l-indirizz.

L-avviż tan-notifika javża lid-destinatarju illi l-ittra tħalliet fl-uffiċċju tal-posta, flimkien mal-indirizz, ħinijiet tal-ftuħ u skadenza għall-ġbir tagħha.

Jekk l-ittra ma tinġabarx fiż-żmien speċifikat (u ma jkunx hemm talba għall-estensjoni ta' dan il-perjodu jew biex terġa' tintbagħat l-ittra f'indirizz ieħor), tintbagħat lura lil min bagħatha.

### **7.4 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokumenti, xi jkunu l-konsegwenzi? Id-dokumenti jitqiesu bħala effettivament innotifikati jekk ir-rifjut ma jkunx leġittimu?**

**Meta n-notifika ssir bil-posta** u hemm provi illi kien hemm rifjut tal-ittra jew biex jiġi ffirmat ir-rikonoxximent tal-irċevuta, in-notifika titqies li saret kif ġej u f'dawn iċ-ċirkostanzi:

Permezz ta' avviż miktub mill-pustier li jiċċertifika r-rifjut minn persuna fiżika, ir-rappreżentant ta' persuna ġuridika, jew impjegat tagħha, li tiffirma r-rikonoxximent tal-irċevuta jew li tiegħu l-ittra

F'każijiet fejn il-partijiet jistgħu jaqblu fuq l-indirizz għan-notifika:

(i) meta titħalla ittra reġistrata oħra b'rikonoxximent tal-irċevuta fl-indirizz maqbul, meta l-ewwel ittra reġistrata bir-rikonoxximent mibgħuta f'dak l-indirizz tiġi ritornata jew

(ii) permezz ta' ċertifikat, miktub mill-pustier, tar-rifjut tal-persuna li trid tiġi notifikata li taċċetta l-ittra jew li tiffirma r-rikonoxximent tal-irċevuta, meta din tintbagħat fl-indirizz maqbul

**Meta n-notifika ssir personalment minn** uffiċjal tal-eżekuzzjoni jew l-uffiċjal ġudizzjarju, u hemm provi tar-rifjut mill-persuna li trid tiġi notifikata li tiffirma ċ-ċertifikat tan-notifika jew li tirċievi kopja tiegħu, in-notifika titqies li saret, b'hekk:

L-uffiċjal tal-eżekuzzjoni jew l-uffiċjal ġudizzjarju jinforma lill-persuna soġġetta għan-notifika illi l-kopja tiegħu hija disponibbli fir-reġistru tal-qorti u jniżżel din l-informazzjoni u l-fatt li kien hemm rifjut fiċ-ċertifikat tan-notifika.

Barra minn hekk, ir-reġistru jinnotifika lill-persuna soġġetta għan-notifika b'ittra reġistrata fejn jindika għal darb'oħra illi l-kopja tar-rikors inizjali u d-dokumenti ta' akkumpanjament huma disponibbli fir-reġistru.

In-notifika titqies li ma saritx biss jekk ir-rifjut ikun leġittimu. Ir-rifjut huwa leġittimu meta l-persuna soġġetta għan-notifika ma tistax tinstab għaliex ma tgħix jew mhix stabbilita fl-indirizz indikat, jew jekk persuna terza tgħid illi mhix f'pożizzjoni li twassalha l-ittra.

F'ċerti każijiet japplikaw l-istess regoli fejn il-liġi tipprovdi illi n-notifika personali tal-partijiet jew tar-rappreżentanti tagħhom trid issir bil-formalitajiet tan-notifika.

## **8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki)**

**8.1 Jekk is-servizz postali jwassal dokument mibgħut minn barra lil destinatarju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn tal-aċċettazzjoni tal-irċevuta (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki), is-servizz postali jista' jħalli d-dokument biss mad-destinatarju stess jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-posta, iħalli d-dokument ukoll ma' persuna oħra fl-istess indirizz?**

Meta notifika li ssir bil-posta, b'rikonossiment tal-irċevuta, toriġina minn barra, is-servizz tal-posta tal-Portugall jistgħu jwasslu l-ittra u d-dokumenti lil persuna soġġett għal notifika jew lil terza parti fl-istess indirizz li tiddikjara li hija f'pożizzjoni li twassal l-ittra lid-destinatarju.

**8.2 Skont ir-regoli tal-posta f'dan l-Istat Membru kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tan-Notifiki Nru 1393/2007, jekk la d-destinatarju u lanqas ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-posta – ara fuq) ma jkun instab fl-indirizz fejn tkun intbagħtet?**

Ara t-tweġiba għad-domanda 7.3.

**8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perjodu speċifiku għall-ġbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għax ma twasslux? Jekk iva, kif ikun infurmat id-destinatarju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?**

Fil-prinċipju, id-destinatarju għandu **sitt lijem tax-xogħol** biex jiġbor id-dokumenti mill-uffiċċju tal-posta.

Id-destinatarju jiġi nfurmat b'dan il-perjodu u l-fatt illi jista' jiġbor id-dokumenti mill-uffiċċju tal-posta permezz ta' **avviż ta' konsenja** illi s-servizz tal-posta jħalli fil-kaxxa tal-ittri meta l-pustier ma jsib lil ħadd id-dar.

**9 Ikun hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun ġie nnotifikat?**

Iva, f'każ ta' notifika, ir-rikonossiment tal-irċevuta, iċ-ċertifikat tan-notifika jew l-avviż tan-notifika huma provi bil-miktub illi saret in-notifika.

F'każ ta' notifika, ir-reġistrazzjoni tar-rikonossiment, ir-reġistrazzjoni tal-ittra jew tal-fajl jew rekord imfassal fil-proċedimenti huma kollha provi bil-miktub illi saret in-notifika.

F'każ ta' notifika bit-trażmissjoni elettronika tad-dejta, is-sistema kompjuterizzata tal-qrati tiċċertifika d-data u l-ħin tal-ħruġ.

**10 X'jiġi jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirċevix id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi nnotifikat lil terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika ġdida tad-dokument?**

In-nuqqas ta' suċċess ta' notifika huwa difett ewleni li jwassal għall-invalidità tal-proċedura kollha minn, iżda mhux inkluż, ir-rikors inizjali.

In-nuqqas ta' suċċess ta' notifika iseħħ fl-każijiet li ġejjin:

in-notifika ma ssirx għal kollox;

isir żball fl-identifikazzjoni tal-persuna li trid tiġi nnotifikata;

notifika bil-pubblikazzjoni mhux kif suppost;

notifika li ssir wara l-mewt tal-persuna fiżika jew it-terminazzjoni tal-persuna ġuridika li trid tiġi nnotifikata;

provi illi d-destinatarju tan-notifika ma kienx jaf bid-dokumenti għal raġunijiet mhux attribwibbli lilu;

Din l-invalidità titqies rettifikata biss jekk il-konvenut jew l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku (fejn huwa parti ewlenija) jaġixxi fil-proċedimenti mingħajr ma jopponi minnufih għan-nuqqas ta' notifika.

Minbarra l-każijiet imsemmija aktar il-fuq, in-nuqqas ta' kull att jew formalità rikjesta mil-liġi rigward in-notifika jikkostitwixxi irregolarità sempliċi. Jekk din l-irregolarità tiġi mqajma jew jekk il-qorti ssir taf biha matul il-proċedimenti, hija tordna li tiġi rettifikata. F'każijiet oħra, irregolarità fin-notifika tfisser illi l-att huwa invalidu biss meta l-liġi hekk tiddikjara jew meta hija tista' taffettwa l-eżami jew deċiżjoni fil-kawża. F'dan il-każ, l-atti proċedurali l-oħra mhux affettwati mill-att invalidu jibqgħu validi.

**11 Hemm xi f'has għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-f'has?**

Iva, f'xi każijiet, kif imsemmi aktar l-isfel, l-ispejjeż tan-notifika jiġu stmati f'UA (Unità tal-Kontinentali). Il-valur tal-UA fl-2015 kien ta' EUR 102.

Għalhekk:

In-notifika ta' persuni minn ufficiali tal-eżekuzzjoni tqum 0.5 UA meta tirnexxi u 0.25 UA meta ma tirnexxi.

In-notifika lil persuni u n-notifika bil-pubblikazzjoni minn ufficiali ġudizzjarji tqum 0.5 UA meta tirnexxi u b'xejn meta ma tirnexxi.

L-ispejjeż tat-trasport, meta l-att isir minn ufficiali ġudizzjarji, u l-VAT, meta huwa dovut, jista' jiġi magħdud ma' dawn l-ammonti.

**Nota finali**

**Din l-informazzjoni hija ta' natura ġenerali, mhix eżawrjenti u mhix vinkolanti fuq il-Punt ta' Kuntatt, in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fl-oqsma ċivili u kummerċjali, il-qrati jew destinatarji oħra. Il-liġi applikabbli trid tiġi konsultata dejjem.**

L-aħħar aġġornament: 27/12/2019

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

**In-notifika ta' atti - Rumanija**

**1 F'termini prattiċi xi jfisser it-terminu legali "notifika ta' dokumenti"? Għalhekk hemm regoli speċifiċi dwar in-"notifika ta' dokumenti"?**

Il-qorti tista' tiddeċiedi dwar rikors jekk il-partijiet ikun ġew imħarrka jew huma preżenti personalment jew abbażi ta' prokura. In-notifika ta' dokumenti barra mill-pajjiż u minn barra l-pajjiż hija proċedura li għibhom għall-attenzjoni tad-destinatarji: il-partijiet, ix-xhieda jew il-parteċipanti fi proċess fl-istat rikjedenti.

(Artikolu 3(1) tal-Liġi Nru 189/2003 dwar l-assistenza ġudizzjarja internazzjonali fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali).

**2 Liema dokumenti jeħtieġ li jkunu nnotifikati b'mod formali?**

Id-dokumenti ġudizzjarji li għandhom jiġu nnotifikati formalment huma d-dokumenti maħruġa fi proċess ċivili jew kummerċjali u li n-notifika tagħhom tiġi ordnata mill-qorti (ċitazzjonijiet, sentenzi, talbiet għal rimedju, eċċ.).

**3 Min hu responsabbli biex jinnotifika dokument?**

In-notifika ta' dokumenti proċedurali ssir mingħajr f'has, *ex officio*, mill-aġenti proċedurali tal-qorti jew minn impjegat ieħor tagħha. Jekk dan ma jkunx possibbli, jiġu nnotifikati bil-posta bħala ittri reġistrati bil-kontenut iddikjarat u bil-konferma tar-riċevuta, f'envelopp siġillat, u magħhom għandhom jiġu mehmuża l-prova tar-riċevuta / rapport u avviż. In-notifika tista' ukoll issir minn bailiffs jew permezz tal-posta rapida fuq it-talba u bl-ispejjeż tal-parti interessata (Artikolu 154(1), (4) u (5) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

**4 Tiftix tal-indirizz**

**4.1 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, l-awtorità rikjesta f'dan l-Istat Membru tipprova u tistabbilixxi hi bl-inizjattiva tagħha fejn tinsab il-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokumenti ladarba din ma tkunx għadha toqgħod fl-indirizz magħruf mill-awtorità rikjedenti?**

Ir-rikors inizjali jrid jinkludi l-indirizz tal-parti (Artikolu 194 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Fil-proċedura preliminari ta' verifika u emenda tar-rikors, il-qorti tista' titlob lir-rikorrent biex jipprovdi informazzjoni ulterjuri li ma kinitx imsemmija fir-rikors (Artikolu 200 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).



Il-qorti mhijx obligata li tinvestiga *ex officio* l-indirizz attwali tar-rikorrent. Madankollu, l-obbligu ġenerali tal-qorti huwa li jkollha rwoł attiv (Artikolu 22 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) u li tiegħu l-miżuri meħtieġa għal deċiżjoni sostanzjata.

**4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-indirizz attwali tal-persuna? Jekk iva, x'reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhil l-proċedura li trid tiġi segwita? Xi fl-as irid isir, jekk hemm? L-indirizz ta' ċittadin Rumen jista' jinkiseb permezz tal-Ministeru tal-Affarijiet Interni ( – Spettorat Nazzjonali għal Rekords Nazzjonali u Amministrazzjoni tal-Bażijiet tad-Dejta - INEPABD, Triq: Obcina Mare nr. 2, Sector 6, Bucharest, Tel: +40214135442, +40217467047/8/9, Faks +40214135049, Indirizz elettroniku [depabd@mai.gov.ro](mailto:depabd@mai.gov.ro); sit web: [http://depabd.mai.gov.ro/furnizari\\_date.html](http://depabd.mai.gov.ro/furnizari_date.html)) jew permezz tal-uffiċċju tar-rekords tal-persunal lokali.**

Il-partijiet interessati jistgħu jkunu ċerta dejta personali ta' ċittadini Rumeni mir-Reġistru Nazzjonali tar-Rekords Personali, dwar id-domiċilju jew il-post tar-residenza tagħhom, billi jressqu talba motivata bil-miktub lill-uffiċċju lokali tar-rekords personali li huwa kompetenti fiż-żona li fiha tinsab il-kumpanija legali / il-persuna ġuridika. It-tali dejta tista' tiġi pprovduta biss bil-kunsens preliminari tal-persuni kkonċernati.

Il-kunsens mhuwiex meħtieġ meta jkun hemm bażi ġuridika ġustifikata u r-rikors isir minn xi awtoritajiet (pulizija, difiża, ġustizzja, protezzjoni soċjali, eċċ.) jew minn individwi li l-interess leġittimu tagħhom huwa pprovat b'dokumenti li juru l-bażi ġuridiku ġustifikat. Il-korpjiet kompetenti li jiddeċiedu dwar ir-rikorsi magħmula minn persuni ġuridiċi huma l-uffiċċji lokali tar-rekords personali u l-INEPABD.

Għal talbiet speċifiċi jew talbiet ta' volum baxx, it-tariffa hija ta' RON 1 għal kull persuna, li hija trasferita għall-baġit tal-istat fil-kont Nru RO35TREZ70620330108XXXXX (IBAN), miftuħ fit-Teżor għas-Settur 6, Bucharest, numru ta' reġistrazzjoni tat-taxxa 26362870 (fejn id-dejta hija pprovduta mill-INEPABD) jew fil-kontijiet tal-kunsilli lokali (fejn id-dejta hija pprovduta mill-uffiċċju lokali tar-rekords personali).

Trid tiġi tal-istat ta' RON 5 fuq kull applikazzjoni. Għal applikazzjonijiet ta' volum għoli, it-tariffa hija ta' RON 120 għal kull siegħa ta' operazzjoni fis-sistema ċentrali kompjuterizzata jew ta' RON 7 għal kull siegħa ta' operazzjoni fis-sistema lokali kompjuterizzata. L-istituzzjonijiet pubbliċi li huma kompetenti f'oqsma speċifiċi (difiża, ordni pubbliku, sikurezza nazzjonali, ġustizzja, finanza, saħħa, eċċ) huma eżenti mill-flas ta' tariffi għad-dejta mitluba għall-iskop tal-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet ġuridiċi tagħhom.

**Il-kisba tal-indirizz tal-uffiċċju registral ta' persuna ġuridika permezz tal-Uffiċċju Nazzjonali għar-Reġistru tal-Kumpaniji** (Bd. Unirii nr. 74, sections 2+3, bl. J3B, Sector 3, Bucharest; <https://portal.onrc.ro/>) **jew permezz tal-Uffiċċji għar-Reġistru tal-Kummerċ marbutin mat-tribunali**

Il-kopji ċertifikati tar-rekords fir-reġistru u tad-dokumenti mressqa jistgħu jinħarġu bl-ispejjeż tal-applikant, kif ukoll informazzjoni relatata mad-dejta rreġistrata u ċ-ċertifikati li jattestaw li dokument jew fatt partikolari huwa jew mhuwiex irreġistrat. Id-dokumenti jistgħu wkoll jintalbu u jiġu trażmessi bil-posta. Fuq talba, id-dokumenti jinħarġu f'forma elettronika u jintbagħtu onlajn, b'firma elettronika estiża li tiġi inkluża, li tinhemeż jew tiġi assoċjata b'mod loġiku magħhom.

Il-formularji, it-tariffi u l-flasijiet imposti għall-provvista ta' informazzjoni speċifika (bażika jew estiża), rapporti storiċi jew ċertifikati jistgħu jinsabu fi <https://www.onrc.ro/index.php/en/>, taħt Informazzjoni.

Meta jkun hemm protokoll ta' kollaborazzjoni, jistgħu jinħarġu dokumenti u informazzjoni b'xejn lil uħud mill-awtoritajiet u istituzzjonijiet pubbliċi, persuni ġuridiċi, ġurnalisti u rappreżentanti tal-mezzi tal-komunikazzjoni tal-massa, u lil missjonijiet diplomatiċi akkreditati.

Is-servizz ta' InfoCert huwa disponibbli sabiex jinħarġu ċertifikati onlajn u sabiex tiġi pprovduta informazzjoni permezz tal-portal <https://portal.onrc.ro/>. Id-dokumenti pprovduti permezz ta' dan is-servizz huma suġġetti għad-dispożizzjonijiet dwar il-firem u kronogrammi elettroniċi. Dawn jinkludu elementi ta' sigurtà: firem elettroniċi kwalifikati, kronogrammi, marki tal-ilma (marki grafiċi fl-isfond tal-paġna) u barcodes. Il-kampjun tad-dokumenti maħruġa permezz ta' dan is-servizz jistgħu jinsabu fuq <https://portal.onrc.ro/ONRCPortalWeb/appmanager/myONRC/signup?p=infoCert>.

Huwa possibbli li tiġi żvelata dejta personali dwar membri, azzjonisti jew persuni oħra, meta d-dejta hija mitluba permezz ta' applikazzjoni u tinħareġ b'mod personali, jew tinħareġ elettronikament permezz tas-servizz onlajn ta' RECOM, u tintbagħat onlajn, b'firma elettronika estiża li tiġi inkluża, li tinhemeż jew tiġi assoċjata b'mod loġiku magħha, jew permezz ta' ċertifikati. L-awtoritajiet pubbliċi fil-qasam tal-ġustizzja, id-difiża nazzjonali jew il-finanzi, u l-likwidaturi u l-bailiffs jistgħu jaċċedu wkoll dejta oħra.

**4.3 L-awtoritajiet f'dan l-Istat Membru kif jitrattaw talba mibgħuta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpulazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali bl-għan li jinstab l-indirizz attwali ta' persuna?**

L-ammissibilità tal-ipproċessar ta' tali talbiet tiġi deċiża mill-qorti. Il-qrati Rumeni jirċievu numru mnaqqas ta' ittri rogatorji li jitolbu l-indirizz / l-uffiċċju registral ta' persuna, u huwa diffiċli li jiġi evalwat jekk hemmx prattika uniformi. L-informazzjoni disponibbli tindika li, b'mod ġenerali, il-qrati Rumeni jaċċettaw it-tali talbiet.

**5 Fil-prattika, normalment kif jiġi notifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (ħlief in-notifika indiretta msemmija fil-punt 6 iktar 'l isfel)?**

Ara t-tweġiba għad-domanda 3.

**6 Hija permessa n-notifika elettronika ta' dokumenti (notifika ta' dokumenti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, bħall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-Internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa permess dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatarju (professjonist tal-liġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?**

Id-dokumenti proċedurali jistgħu jiġu nnotifikati mir-reġistratur tal-qorti u bil-faks, bil-posta elettronika / b'mezzi oħra li jiżguraw it-trażmissjoni tal-kontenut tad-dokument u l-konferma tar-riċevuta tiegħu, meta l-parti kkonċernata indikat lill-qorti d-dettalji tagħha għal dan l-iskop. Għal skopijiet ta' konferma, meta hija tibgħat dokument proċedurali l-qorti tibgħat ukoll formularju li għandu jmintala mid-destinatarju bid-data tar-riċevuta, l-isem miktub ċar u l-firma tal-persuna responsabbli mir-riċeviment tal-korrispondenza. Il-formularju jiġi rritornat lill-qorti b'konferma tal-faks, posta elettronika jew mezzi oħra (Artikolu 154(6) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

**7 Notifika "indiretta"**

**7.1 Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika fejn ma jkunx possibbli li d-dokumenti jkunu nnotifikati lid-destinatarju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamar)?**

Ara t-tweġiba għad-domanda 3.

Il-konsenja ssir personalment lill-persuna mħarrka. Fil-każ ta' persuni li jirrisjedu f'lukanda / hostel, id-dokument jiġi trażmess lill-amministratur jew lill-purtinar (Artikolu 161 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Id-dokument jiġi trażmess lill-entità fejn jista' jinsab id-destinatarju (il-korp militari, il-kap tal-port fil-każ ta' ekwipaġġ ta' bastiment, l-amministrazzjoni tal-ħabs fil-każ ta' prigionieri jew l-amministrazzjoni ta' spatar fil-każ ta' pażjenti), u l-entità inkwistjoni tittrażmetti sussegwentement id-dokument lid-destinatarju u tippreżenta l-konferma tar-riċevuta lill-aġenzja jew tibgħatha direttament lill-qorti (Artikoli 161 u 162 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Id-dokumenti jistgħu jiġu kkonsejntati lill-persuna responsabbli għar-riċeviment tal-korrispondenza, l-amministratur tal-binja, il-gwardjan, il-gwardjan ta' sigurtà jew fl-uffiċċji ċentrali tal-entitajiet segwenti (għad-destinatarji msemmija fil-parenteżi): il-Ministeru tal-Finanzi Pubbliċi / korpjiet imsemmija oħra (l-istat), rappreżentanti ġudizzjarji (awtoritajiet amministrattivi lokali, persuni ġuridiċi rregolati permezz tal-liġi pubblika), uffuċċju prinċipali / sussidjarju tar-rappreżentanti (persuni ġuridiċi rregolati permezz tal-liġi privata), rappreżentant imsemmi (assoċazzjonijiet, kumpaniji, entitajiet mingħajr personalità ġuridika), l-indirizz tad-dar / l-uffiċċju registral tagħhom (persuni li qegħdin taħt proċedimenti ta' insolvenza u kredituri), il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (persunal ta' missjonijiet diplomatiċi / uffuċċji konsulari, ċittadini Rumeni li ġew trasferiti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u l-membri familjari tagħhom li

igħixu magħhom waqt li huma barra mill-pajjiż), il-korpjiet ċentrali li ttrasferew il-ħaddiema jew li għandhom awtorità fuq l-entità li ttrasferithom barra mill-pajjiż (ċittadini Rumeni oħra li jinsabu barra l-pajjiż għal skopijiet ta' xogħol, inklużi l-membri familjari tagħhom li jakkumpanjawhom).

Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta d-dokument, l-aġent iqiegħdu fil-kaxxa tal-ittri tiegħu. Fin-nuqqas ta' kaxxa tal-ittri, tiġhalla **notifika** mal-bieb tad-destinatarju, li trid tinkludi, fost l-oħrajn, l-indikazzjoni li d-destinatarju jrid ikun **preżenti** ġurnata wara iżda mhux aktar tard minn sebat ijiem wara d-data tan-notifika (tliet ijiem fil-każ ta' emerġenza) **fl-uffiċċju tal-qorti / tas-sindku li jkun kompetenti fejn huwa jirrisjedi / għandu l-uffiċċju registar tiegħu** (jekk id-destinatarju mhux fil-lokalità fejn il-qorti għandha s-sede tagħha) **għad-dokument li għandu jiġi nnotifikat lilu**.

Jekk id-destinatarju ma jistax jinsab, l-aġent jittrażmetti d-dokument lil persuna oħra (membru adult tal-familja li jgħix mad-destinatarju u jirċievi l-korrispondenza). Meta d-destinatarju jirrisjedi fl-ukanda / bini ta' appartamenti u ma jinstabx id-dar, l-aġent jinnotifika d-dokument lill-amministratur / purtinar. Il-persuna li tirċievi d-dokument tiffirma l-konferma tar-riċevuta, u l-aġent jiċċekkja l-identità u l-firma tagħha, u jħejji rapport. Jekk hija tirċievi d-dokument iżda jirrifjuta li tiffirma l-konferma tar-riċevuta jew ma tistax tiffirma, l-aġent iħejji rapport. Jekk dawn il-persuni huma assenti jew huma preżenti iżda jirrifjutaw li jaċċettaw id-dokument, id-dokument jitqiegħed fil-kaxxa tal-ittri tagħhom. Fin-nuqqas ta' kaxxa tal-ittri, tiġhalla notifika fuq il-bieb tagħhom.

Fil-każijiet kollha, l-aġent għandu obbligu li jittrażmetti d-dokument u r-rapport, fi żmien 24 siegħa mit-trażmissjoni / tħallija tan-notifika, lill-uffiċċju tal-qorti / tas-sindku, li imbagħad jinnotifika d-dokument. Meta parti tirċievi d-dokument minn uffiċjal mill-uffiċċju tas-sindku, dan tal-aħħar iressaq il-prova tal-konsenja u r-rapport lill-qorti matul 24 siegħa. Jekk it-terminu preskrittiv jiskadi u l-parti tibqa' ma tmurx hija stess fl-uffiċċju tas-sindku sabiex tirċievi d-dokument, uffiċjal mill-uffiċċju tas-sindku jittrażmetti d-dokument u r-rapport lill-qorti (Artikolu 163 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Meta l-mentatur ma jistax isib l-indirizz tal-intimat, il-qorti tista' tapprova **taħrika permezz ta' reklamar**, billi teżebixxi d-dokument fuq il-bieb tal-qorti, fuq il-portal tal-qorti u fl-aħħar indirizz magħruf. Skont il-każ, il-qorti tista' tordna l-pubblikazzjoni tat-taħrika fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija jew f'gazzetta mifruxa fuq skala nazzjonali. Meta tkun qed tapprova t-taħrika permezz ta' reklamar, il-qorti taħtar ukoll **kuratur** minn fost l-avukati tal-Kamra, li jiġu konvokati biex jirrapreżentaw l-interessi tal-parti konvenuta fis-smiġh.

## 7.2 Jekk japplikaw metodi oħrajn, id-dokumenti meta jitqiesu li ġew innotifikati?

Il-proċedura tkun kompluta fil-ħin tal-iffirmar tal-prova tal-konsenja jew mal-abbozzar tar-rapport, irrispettivament minn jekk il-parti rċevitx id-dokument proċedurali personalment jew le. Fil-każ tan-notifika tad-dokument permezz tal-posta / konsenja espress, il-proċedura tkun kompluta fil-ħin tal-iffirmar tal-konferma tar-riċevuta jew meta l-impjegat tal-posta / kurjer jirreġistra r-rifjut tad-destinatarju biex jirċievi l-korrispondenza. Fil-każ ta' notifika bil-faks, posta elettronika jew b'mezz ieħor, il-proċedura tkun kompluta fid-data li tidher fuq il-kopja stampata tal-prova tal-ipostjar, iċċertifikata mir-reġistratur tal-qorti li jkun imposta d-dokument (Artikolu 165 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta d-dokument jew ma jkollux kaxxa tal-ittri, l-aġent iħalli notifika fuq il-bieb tiegħu li teżiġi li huwa jmur personalment fl-uffiċċju tal-qorti / tas-sindku sabiex jiġbor id-dokument. Jekk id-destinatarju ma jmurx personalment, id-dokument jitqies li jkun ġie nnotifikat mal-iskadenza tat-terminu preskrittiv (Artikolu 163 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Fil-każ ta' taħrik permezz ta' reklamar, il-proċedura titqies bħala li tkun ġiet eżegwita fil-15-il jum wara l-pubblikazzjoni tat-taħrikiet (Artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

## 7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika huwa d-depożitu tad-dokumenti f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatarju kif ikun infurmat b'dak id-depożitu?

Jekk id-destinatarju ma jistax jinsab, l-aġent proċedurali jew l-impjegat tal-posta jista' jittrażmetti d-dokument lil persuna oħra jew, jekk it-tali persuna hija preżenti iżda jirrifjuta li taċċetta d-dokument, id-dokument jista' jitqiegħed fil-kaxxa postali tagħha. Fin-nuqqas ta' kaxxa tal-ittri, tiġhalla notifika fuq il-bieb tad-destinatarju jew ta' persuna oħra. F'24 siegħa mit-trażmissjoni / tħallija tan-notifika, l-aġent proċedurali jittrażmetti d-dokument u r-rapport lill-uffiċċju tal-qorti / tas-sindku li huwa kompetenti fiż-żona fejn id-destinatarju għandu r-residenza / l-uffiċċju registar tiegħu, li jrid jinnotifika t-taħrika.

## 7.4 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokumenti, xi jkunu l-konsegwenzi? Id-dokumenti jitqiesu bħala effettivament innotifikati jekk ir-rifjut ma jkunx leġittimu?

Il-proċedura titqies li tkun ġiet imwettqa fil-ħin tal-abbozzar tar-rapport, irrispettivament minn jekk il-parti rċevitx id-dokument personalment. Fil-każ ta' notifika permezz tal-posta jew konsenja rapida, il-proċedura tkun kompluta meta l-impjegat tal-posta / il-kurjer jiffirma r-rifjut tal-parti li tirċievi l-korrispondenza (Artikolu 165 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Jekk id-destinatarju jirċievi d-dokument iżda jirrifjuta li jiffirma l-konferma tar-riċevuta, jew ma jistax jiffirma, l-aġent iħejji rapport. Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta d-dokument, l-aġent iqiegħdu fil-kaxxa tal-ittri tiegħu. Fin-nuqqas ta' kaxxa tal-ittri, tiġhalla notifika fuq il-bieb tad-destinatarju u jitħejja rapport. Id-destinatarju huwa informat fin-notifika li huwa jrid imur personalment il-qorti jew fl-uffiċċju tas-sindku biex jiġbor id-dokument, inkella n-notifika titqies li tkun ġiet eżegwita (Artikolu 163 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Il-parti li tidher personalment jew permezz tal-avukat tagħha jew rappreżentant ieħor quddiem il-qorti għandha l-obbligu li tirċievi d-dokumenti proċedurali li jiġu nnotifikati matul is-smiġh. Jekk hija jirrifjuta li tirċievi d-dokumenti, dawn jitqiesu li jkunu ġew innotifikati billi jiġu inklużi fil-fajl tal-każ. Il-parti kkonċernata tista' tiksibhom fuq talba minn hemm, billi tiffirma l-riċevuta (Artikolu 170 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

## 8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki)

### 8.1 Jekk is-servizz postali jwassal dokument mibgħut minn barra lill destinatarju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn tal-aċċettazzjoni tal-riċevuta (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki), is-servizz postali jista' jħalli d-dokument biss mad-destinatarju stess jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-posta, iħalli d-dokument ukoll ma' persuna oħra fl-istess indirizz?

Jekk id-destinatarju ma jistax jinstab, id-dokument jista' jiġi trażmess lil persuna oħra (membru adult tal-familja li jgħix mad-destinatarju u li jirċievi l-korrispondenza). Jekk id-destinatarju jirrisjedi fl-ukanda / bini ta' appartamenti u ma jistax jinstab id-dar, id-dokument jista' jiġi nnotifikat lill-amministratur jew lill-purtinar (punti 6 u 7 tal-Artikolu 163 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

### 8.2 Skont ir-regoli tal-posta f'dan l-Istat Membru kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tan-Notifiki Nru 1393 /2007, jekk la d-destinatarju u lanqas ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-posta – ara fuq) ma jkun instab fl-indirizz fejn tkun intbagħtet?

Il-konsenja bil-posta issir darba biss. Jekk id-destinatarju jew il-persuna awtorizzata li tirċievi l-korrispondenza ma tistax tinstab, tiġhalla notifika għaliha biex tmur tiġborha mill-uffiċċju postali fi żmien għaxart ijiem. Meta d-destinatarju ma jiġix tiġborha, tiġhalla notifika oħra wara jumejn xogħol biex imur tiġborha mill-uffiċċju postali fi żmien għaxart ijiem.

### 8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perġodu speċifiku għall-ġbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għax ma twasslux? Jekk iva, kif ikun infurmat id-destinatarju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?

Wara t-tieni notifika, id-dokumenti jinżammu fl-uffiċċju postali għal għaxart ijiem qabel ma jintbagħtu lura lill-ispeditur. Id-destinatarju jiġi informat fin-notifika atwali li hemm korrispondenza indirizzata lilu li għandha tinġabar mill-uffiċċju postali.

## 9 Ikun hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun ġie nnotifikat?

Il-prova tal-konsenja jew ir-rapport tal-konsenja m'ħejji mill-aġent (Artikolu 164 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) u l-riċevuta postali ffirmata fil-każ ta' dokumenti ta' notifika permezz tal-posta reġistrata bil-konferma tar-riċevuta (punt 13 tal-Artikolu 155 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

**10 X'jiġri jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirreżix id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi notifikat lil terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika ġdida tad-dokument?**

- il-posponiment tal-proċess; il-qorti tipposponi l-proċess u tordna ta-taħrikiet meta ssib li l-parti assenti ma ġietx imħarrka f'konformità mal-liġi, taħt il-penalità tal-annullament (Artikolu 153 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);
- l-annullament ta' kull dokument proċedurali mħejji wara n-nuqqas ta' taħrika jew wara taħrika illegali; oġġezzjoni proċedurali għal nuqqas ta' taħrika jew għal taħrika illegali;
- ir-raġunijiet għat-tressiq ta' appell straordinarju (appell għall-annullament jew għal rieżami);
- ir-raġunijiet għar-rifjut tar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi (*exequatur*).

**11 Hemm xi ħlas għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-ħlas?**

Ara t-tweġiba għad-domanda 3.

L-aħħar aġġornament: 12/01/2017

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

**In-notifika ta' atti - Slovenja**

**1 Ko praksē nozīmē juridiskais termins "dokumentu izsniegšana"? Kāpēc pastāv īpaši noteikumi attiecībā uz rakstisku dokumentu izsniegšanu?**

Fil-prattika, in-notifika tad-dokumenti tfisser il-konsenja ta' karti u dokumenti lil persuni fiżiċi u ġuridīċi li huma parti mill-proċedimenti u t-fassil ta' dokumenti li jiddeskrivu u jikkonfermaw il-konsenja jew in-notifika. Min-naħa waħda dan ifisser illi d-destinatarju jiġi notifikat bl-attivitajiet proċedurali tal-qorti jew parti, u min-naħa l-oħra l-qorti tikseb konferma ta' min joqgħod fuqha illi l-partijiet irċewew id-dokumenti. Il-konferma li d-dokumenti ġew verament u korrettament notifikati hija l-kundizzjoni għal-implimentazzjoni normali tal-proċedura, u fl-istess ħin in-notifika korretta lill-partijiet tassigura illi jiġi osservat il-prinċipju ta' *audi alteram partem*. Għalhekk in-notifika hija miżuri proċedurali tal-qorti, bl-għan illi tiġi notifikata parti dwar il-proċedimenti, il-miżuri proċedurali tal-parti opposta u tal-qorti, u fl-istess ħin tiggarrantixxi d-dritt tal-parti li twieġeb.

Huma meħtieġa regoli speċifiċi dwar in-notifika ta' dokumenti sabiex jiġu osservati diversi prinċipji tar-regoli tal-proċedura ċivili u sabiex jagħtu protezzjoni ġudizzjarja effettiva mingħajr dewmien bla bżonn, għalix in-notifika tad-dokumenti tiżgura illi l-parteċipanti kollha jiġu notifikati bil-miżuri proċedurali tal-qorti u /jew tal-partijiet. Regoli speċifiċi dwar in-notifika ta' dokumenti tipprovdi wkoll salvagwardja f'każ ta' notifika skorretta.

**2 Kādi dokumenti ir formāli jāizsniedz?**

Il-partijiet jew il-parteċipanti għandhom jiġi nnotifikati bid-dokumenti ġudizzjarji kollha, fejn l-Artikolu 142 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili (minn issa l'quddiem ZPP; Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja, Nru. [E 73/07](#) – test uffiċjali konsolidat, [E 45/08](#) – ZArbit, [E 45/08](#), [E 111/08](#) – Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, [E 57/09](#) – Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, [E 12/10](#) – Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, [E 50/10](#) – Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, [E 107/10](#) – Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, [E 75/12](#) – Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, [E 40/13](#) – Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, [E 92/13](#) – Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, [E 10/14](#) – Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, [E 48/15](#) – Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, [E 6/17](#) – Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, u [E 10/17](#)) jistipula li l-miżuri u deċiżjonijiet ġudizzjarji li jistgħu jkunu soġġetti għal appell, ir-rimedji legali straordinarji u l-ordnijiet ta' ħlas għat-tariffi tal-qorti għall-preżentata ta' kawżi, kontrokawzi, rikorsi ta' divorzju bonarju, kawżi bi proposta għall-ħruġ ta' ordni ta' ħlas, rikorsi għall-ftuħ mill-ġdid ta' kawża, rikorsi għall-ġbir ta' provi qabel jibdew proċedimenti ċivili, rikorsi għal tentattiv biex jintlaħaq ftehim fuq kawża, rikorsi għan-notifika ta' appell, appelli, rikorsi għal reviżjoni, reviżjonijiet u stedina lill-partijiet għal seduti ta' smiġ biex jintlaħaq ftehim, jew jekk ma tiġi skedata l-ebda seduta ta' smiġ sabiex jintlaħaq ftehim, għandhom jiġu nnotifikati lill-partijiet personalment, fejn kemm in-notifika b'mod personali kif ukoll in-notifika permezz ta' mezzi elettroniċi għandhom jitqiesu bħala notifika personali tad-dokumenti, skont id-dispożizzjonijiet taz-ZPP. Dokumenti oħra jiġu notifikati personalment biss jekk hekk ikun previst mil-liġi jew jekk il-qorti tkun tal-fehma illi hija meħtieġa aktar kawtela minħabba d-dokumenti mehmuża mal-oriġinal, jew għal raġunijiet oħra.

**3 Kas ir atbildīgs par dokumentu izsniegšanu?**

Id-dokumenti jiġu notifikati bil-posta, minn marixxall, permezz ta' posta elettronika sikura jew b'mezzi oħra previsti mil-liġi. Fuq proposta tal-parti avversarja, il-qorti jistgħu jordnaw li n-notifika ta' dokumenti ssir minn investigatur jew eżekutor propost minn parti, fejn il-fondi għal din in-notifika jiġu koperti mill-propoent tan-notifika (l-Artikolu 132 taz-ZPP). Il-partijiet jistgħu jgħidu lill-qorti li jixtiequ li n-notifika tad-dokumenti ssir permezz ta' mezzi elettroniċi sikuri, f'kaxxa tal-posta sikura, jew f'indirizz tal-posta elettronika rreġistrat fis-sistema ta' informazzjoni ġudizzjarja u indikata fl-applikazzjoni. L-indirizz tal-posta elettronika sikur indikat huwa ekwivalenti għall-indirizz tad-dar jew uffiċċju rreġistrat tal-parti. Jekk parti minnhom tissottometti dokumenti b'mezzi elettroniċi, huwa mifhum illi hija trid li n-notifika ssir ukoll b'mezzi elettroniċi sikuri, sakemm ma tiddikjarax mod ieħor. Il-qorti tista tinnotifika d-dokumenti lil parti wkoll permezz ta' mezzi elettroniċi sikuri fi proċedura oħra jekk, skont l-informazzjoni fuq dik il-parti li għandha l-qorti, hija tista b'mod affidabbli tistabbilixxi li din il-parti diġa' rreġistrat kaxxa postali sikura jew indirizz tal-posta elettronika u jekk il-parti ġiet innotifikata personalment b'avviż bil-miktub li se tiġi nnotifikata b'aktar dokumenti matul il-proċedura permezz ta' mezzi elettroniċi sikuri, sakemm ma jipprovdwx mod ieħor. Jekk il-qorti tara illi n-notifika sikura elektronika tad-dokumenti mhix possibbli, hija tinnotifikahom f'forma fiżika u tagħti r-raġunijiet għal dan it-tip ta' notifika. Il-korpi tal-istat, l-avukati, in-nutara, l-eżekutori, ir-ricevitori u persuni oħra, kif imfissra mil-liġi, għandhom dejjem jiġu nnotifikati permezz ta' mezzi elettroniċi sikuri. Dawn il-korpi u persuni jridu jirreġistraw il-kaxxa postali elettronika tagħhom jew l-indirizz tal-posta elettronika fis-sistema ta' informazzjoni ġudizzjarja.

Għall-korpi tal-istat, il-korpi ta' komunitajiet lokali li jiggvernaw lilhom infushom, persuni ġuridīċi, kummerċjanti uniċi, avukati u nutara, id-dokumenti jiġu nnotifikati b'konsenja lil persuna awtorizzata li taċċetta l-posta, jew impjegat uffiċċju, stabbiliment ta' negozju jew uffiċċju rreġistrat, jew lil rappreżentant statutorju jew detentur ta' prokura. (l-Artikolu 133 taz-ZPP). Id-dokumenti għall-persunal militari u l-uffiċċjali tal-pulizija jistgħu jiġu notifikati wkoll permezz tal-kmandanti jew superjuri tagħhom; fejn meħtieġ, b'dan il-mod jistgħu jiġu notifikati dokumenti oħra lilhom (l-Artikolu 134 ZPP). Persuni l-ħabs għandhom jiġu notifikati mill-bord tal-maniġment tal-ħabs jew istituzzjoni oħra li fiha qed jiskontaw sentenza jew kaħda tal-libertà (l-Artikolu 136 ZPP).

Meta parti għandha rappreżentant legali jew proxy, id-dokumenti għandhom jiġu nnotifikati lil dak ir-rappreżentant jew proxy sakemm ma jiġix determinat mod ieħor f'dan l-Att (l-Artikolu 137 taz-ZPP).

**4 Tifitx tal-indirizz**

**4.1 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, l-awtorità rikjesta f'dan l-Istat Membru tipprova u tistabbilixxi hi bl-inizjattiva tagħha fejn tinsab il-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokumenti ladarba din ma tkunx għadha toqgħod fl-indirizz magħruf mill-awtorità rikjedenti?**

In-notifika fl-Istati Membri għandha issir skont ir-regolamenti nazzjonali. L-Artikolu 143(3) tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili jistipula l-obbligu tal-qorti li tikseb informazzjoni dwar jekk l-indirizz li fi ħax saret in-notifika hux l-istess indirizz bħal dak irreġistrat skont il-liġi dwar ir-reġistrazzjoni tar-residenza. Dan ifisser li l-qorti, kull meta tfalli notifika f'indirizz speċifiku (għal kwalunkwe raġuni) trid tiċċekkja l-indirizz tad-destinatarju fir-reġistru ċentrali tal-popolazzjoni (Centralni register prebivalstva) jew l-indirizz tal-impjegatur tad-destinatarju fir-reġistru tal-Istitut tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa (Zavod za zdravstveno zavarovanje Slovenije). Jekk in-notifika ma sarix, il-qorti mbagħad tibgħat id-dokument għan-notifika fl-indirizz mir-reġistru ċentrali tal-popolazzjoni jew fl-indirizz tal-impjegatur tad-destinatarju. Jekk din in-notifika ma kinitx possibbli jew falliet, il-qorti mbagħad tistieden lill-parti avversarja biex tikkomunika l-indirizz ta'

residenza l-ġdid tad-destinatariju f'perjodu ta' żmien speċifiku, jekk il-parti avversarja jkollha dan l-indirizz f'idejha. Fl-istess ħin, il-qorti tipproponi li tibda proċedura biex tiddetermina r-residenza attwali skont il-liġi dwar ir-reġistrazzjoni u d-dereġistrazzjoni tar-residenza permanenti u temporanja, jew issaqsi lill-qraba, membri tal-familja, ġirien jew il-gwardjan tal-bini mill-aħħar indirizz magħruf, is-servizzi soċjali, l-aħħar impjegatur jew sid il-post, lill-pulizija jew l-isptarjiet. Madankollu, il-proċedura kif deskritta ma tapplikax jekk id-dokument irid jiġi nnotifikat fuq korpi tal-gvern, korpi ta' komunitajiet li jiggvernew lilhom infushom, persuni ġuridiċi, kummerċjanti uniċi, avukati u nutara.

Il-qorti tmexxi b'dan il-mod kemm waqt li għaddejji il-proċedimenti fis-Slovenja kif ukoll meta' ssir in-notifika tad-dokumenti fuq talba ta' qorti fi Stat Membru ieħor (il-prinċipju tal-awtonomija proċedurali nazzjonali).

**4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-indirizz attwali tal-persuna? Jekk iva, x'reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhil l-proċedura li trid tiġi segwita? Xi ħlas irid isir, jekk hemm?** Ma għandhomx aċċess għal din l-informazzjoni; minħabba l-protezzjoni tad-data personali dan l-aċċess huwa strettament limitat. Jekk awtorità barranija tixtieq tikseb informazzjoni dwar ir-residenza ta' individwu, skont l-informazzjoni mingħand l-unitajiet amministrattivi, ir-rikors irid jiġi ppreżentat lilhom bis-Sloven (l-ebda tariffi jew miżati oħra ma jiġihallu għal dan is-servizz) u mbagħad l-awtorità amministrattiva tiddeċiedi fuq ir-rikors skont ir-regoli tal-liġi nazzjonali. Jekk il-parti li qed titlob l-informazzjoni hija persuna fiżika, it-talba hija ħafna aktar diffiċli. Skont l-informazzjoni mill-unitajiet amministrattivi, huma ma jagħtux din it-tip ta' informazzjoni lill-partijiet. Barra minn hekk, hemm ukoll il-possibilità li t-talbiet isiru b'mezzi diplomatiki.

Kif iddikjarat aktar 'il fuq, fuq talba ta' qorti barranija, il-qorti Slovena li għandha ġurisdizzjoni sempliċment tivverifika u tikseb informazzjoni dwar l-indirizz tal-persuna.

**4.3 L-awtoritajiet f'dan l-Istat Membru kif jitrattaw talba mibgħuta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qorti tal-Istati Membri fil-kompilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali bl-għan li jinstab l-indirizz attwali ta' persuna?**

Il-qorti ttwettaq tiftixa dwar ir-residenza ta' individwu (ara t-tweġiba fil-punt 4.1) meta tirċievi talba għall-preżentazzjoni tal-provi.

**5 Fil-prattika, normalment kif jiġi nnotifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (ħlief in-notifika indiretta msemmija fil-punt 6 iktar 'il isfel)?**

Bħala regola ġenerali, id-dokumenti jiġu nnotifikati bil-posta, filwaqt li jistgħu jiġu nnotifikati wkoll permezz ta' mezzi elettroniki sikuri, minn uffċjal tal-qorti, fil-qorti jew b'mod ieħor kif stipulat mil-liġi, kif ukoll minn investigatur jew eżekutor propost mill-parti.

**6 Hija permessa n-notifika elettronika ta' dokumenti (notifika ta' dokumenti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, bħall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa permess dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatariju (professjonist tal-liġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?**

Iva. In-notifika tad-dokumenti ssir permezz tas-sit elettroniku tal-Ġustizzja elettronika (e-Sodstvo) li huwa amministrat mill-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja (Vrhovno sodišče RS), fl-indirizzi tal-posta elettronika sikuri tal-utenti.

In-notifika elettronika hija permessa fil-proċedura ċivili u fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili oħrajn fejn ir-regoli tal-Att ta' Proċedura Ċivili japplikaw għan-notifika elettronika tad-dokumenti, pereżempju fi proċedimenti dwar it-tilwim kummerċjali, industrijali u soċjali, proċeduri mhux ċivili, proċedimenti dwar il-wirt (għadha ma tintużax f'dawn il-proċeduri kollha) u proċeduri tar-reġistru tal-artijiet, proċedimenti ta' falliment u ta' eżekuzzjoni (in-notifika elettronika diġà tintuża f'dawn il-proċeduri kollha).

Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tal-gruppi li fihom jiġu kklassifikati l-utenti. L-ewwel huma maqsuma fi gruppi ġenerali:

utenti li ma għandhomx għalfejn jipprovdu prova tal-identità tagħhom meta jużaw is-sistema tal-Ġustizzja elettronika (utenti ordinarji),

utenti li jidħlu fis-sistema tal-Ġustizzja elettronika b'username u password (utenti reġistrati), u

utenti li jidħlu fis-sistema tal-Ġustizzja elettronika b'username u password u ċertifikat diġitali kwalifikat (utenti kwalifikati).

L-utenti kwalifikati jinkludu:

utenti kwalifikati interni (imħallfin u uffċjali tal-qorti li huma awtorizzati jwettqu kompiti f'ċerti tipi ta' proċedimenti ġudizzjarji ċivili), u

utenti kwalifikati esterni (nutara, avukati, eżekutori, riċevituri, l-Uffċju tal-Avukat Ġenerali, l-Uffċju tal-Prosekutor Pubbliku, il-kumpaniji tal-propjetà immobbli u l-uffċji tal-avukat muniċipali, jiġifieri entitajiet li għandhom ir-rwol ta' rappreżentant jew korp ġudizzjarju fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili, u utenti /partijiet, jiġifieri persuni ġuridiċi, persuni fiżiċi jew awtoritajiet statali jew lokali li għandhom ir-rwol ta' parti fil-proċedimenti ġudizzjarji ċivili).

## **7 Notifika "Indiretta"**

**7.1 Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika fejn ma jkunx possibbli li d-dokumenti jkunu nnotifikati lid-destinatariju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamar)?**

F'każ ta' notifika ta' dokumenti ġudizzjarji, irridu nagħmlu distinzjoni bejn notifika ordinarja u notifika personali.

F'każ ta' **notifika ordinarja**, l-ewwel irid isir tentattiv ta' notifika ta' sostituzzjoni. Dan ifisser illi f'każ illi l-persuni li lilha jridu jiġu nnotifikati d-dokumenti ma jkunux fir-residenza tagħhom, id-dokumenti jiġu nnotifikati b'mod illi jaslu għand xi ħadd mill-membri adulti tal-familja, li għandhom obbligu jaċċettawhom (l-Artikolu 140(1) taz-ZPP). Jekk id-dokument jiġi nnotifikat fuq il-post tax-xogħol tad-destinatariju u d-destinatariju ma jkunx hemm, jew ikun f'post mhux aċċessibbli għal min qiegħed iwettaq in-notifika, id-dokument jiġi nnotifikat lill-persuna awtorizzata tirċievi l-posta jew persuna li turi ruħha disponibbli. Jekk id-destinatariju jgħix fi faċilità ta' akkomodazzjoni (pereżempju residenza għall-istudenti, residenza għal persuni mhux miżżewġa, sptar) u m'għandux kaxxa postali propja tiegħu, min iwettaq in-notifika jagħmel dan lill-persuna awtorizzata li tirċievi posta f'isem min jokkupa l-faċilità. Huwa biss meta din in-notifika ma tkunx possibbli li ssir notifika lil persuna fiżika fejn il-persuna li ttwettaq in-notifika tiddepożita d-dokumenti fil-kaxxa tal-ittri fl-indirizz tad-dar. F'dan il-każ, in-notifika dejjem titqies li saret fil-jum li d-dokument tħalla fil-kaxxa tal-ittri, fejn issir nota speċifika ta' dan fuq id-dokument biex jaraha id-destinatariju.

F'każ illi d-destinatariju ma jkollux kaxxa tal-ittri jew jekk ma tistax tintuża, id-dokumenti jintbagħtu lill-qorti li ordnat in-notifika, u f'każijiet ta' notifika bil-posta, fl-uffċju tal-posta tal-post ta' residenza tad-destinatariju, u jitħalla avviż tan-notifika mal-bieb tad-dar tad-destinatariju, li jindika fejn jinsabu d-dokumenti (l-Artikolu 141(1)(2) ZPP). In-notifika dejjem titqies li saret fil-jum li l-avviż tan-notifika twaħħal mal-bieb, fejn issir nota speċifika ta' dan fuq l-avviż tan-notifika biex jaraha id-destinatariju. L-uffċju tal-posta jżomm id-dokument għal 30 jum. Jekk id-destinatariju ma jiġborx id-dokumenti fi żmien 30 jum, id-dokumenti jmorru lura għand il-qorti. Id-dokumenti jiġu nnotifikati fuq il-korpi tal-istat, fuq il-korpi ta' komunitajiet lokali li jiggvernew lilhom infushom, fuq persuni ġuridiċi, kummerċjanti uniċi, avukati u nutara bl-istess mod kull meta l-eżekutor ma jistax jinnotifikahom fl-indirizz imniżżel fir-reġistru.

In-**notifika personali** ifisser illi d-dokumenti jingħataw lill-persuna personalment. Skont l-Artikolu 142 ZPP, dawn li ġejjin jitqiesu dokumenti ġudizzjarji: miżuri, deċiżjonijiet ġudizzjarji li kontrihom jista' jsir appell, rimedji legali straordinarji u ordnijiet għall-ħlas ta' tariffi tal-qorti għar-rikorsi skont l-Artikolu 105 ZPP (miżuri, kontrollbriet, proposti għal divorzju bonarju, eċċ) u stedinet lill-partijiet għal seduti ta' riżoluzzjoni, jew għall-ewwel seduta jekk ma tkunx prevista seduta ta' riżoluzzjoni. Dokumenti oħra jiġu nnotifikati personalment biss jekk hekk ikun previst mil-liġi jew jekk il-qorti tkun tal-fehma illi hija meħtieġa aktar kawtela minħabba d-dokumenti mehmuża mal-oriġinal, jew għal raġunijiet oħra. In-notifika ta' dokumenti f'forma elettronika (l-Artikolu 141a taz-ZPP) li tista' ssir permezz tan-notifika ta' kopja ċċertifikata tad-dokument f'forma fiżika jew permezz ta' mezzi elettroniċi sikuri, tikkostitwixxi wkoll notifika personali. Fl-aħħar każ, id-dokumenti jiġu nnotifikati permezz tas-sistema ta' informazzjoni ġudizzjarja direttament fl-indirizz irregiſtrat jew fil-kaxxa postali elettronika sikura minn persuni ġuridiċi jew fiżiċi li jwettqu n-notifika ta' dokumenti permezz ta' mezzi elettroniċi sikuri bħala attività regiſtrata bis-saħħa ta' permess speċjali mill-Ministeru tal-Ġustizzja.

F'każ illi d-destinatarju ma jistax jiġi notifikat personalment, in-notifika personali lil persuna fiżika ssir mill-persuna li tkun qed twestaq in-notifika li twassal id-dokumenti lill-qorti li ordnat in-notifika, u f'każijiet ta' notifika bil-posta, fl-uffiċċju tal-posta tal-post ta' residenza tad-destinatarju, u jitħalla avvizz tan-notifika fil-kaxxa tal-ittri jew mal-bieb tal-appartament, li jindika fejn jinsabu d-dokumenti u l-perjodu ta' ħmistax il-ġurnata sa meta jistgħu jinġabru mid-destinatarju. Jekk in-notifika elettronika mhix possibbli, id-dokumenti jintbagħtu fl-indirizz irregiſtrat fis-sistema ta' informazzjoni ġudizzjarja jew fil-kaxxa postali elettronika sikura, fejn trid issir nota speċifika dwar dan fuq id-dokument biex jara d-destinatarju.

Il-partijiet jew ir-rappreżentanti legali tagħhom għandhom l-obbligu, f'każ illi jibiddu l-indirizz tagħhom qabel in-notifika ta' deċiżjoni tat-tieni istanza li biha ġew konklużi l-proċedimenti, jinfurmu lill-qorti bil-bidla mingħajr dewmien. Fin-nuqqas, il-qorti tordna illi kull notifika futura tad-dokumenti fil-proċedimenti lill diġi parti ssir bil-pubblikazzjoni tad-dokumenti fuq il-bord tal-bullettini tal-qorti. Id-dokumenti jitqiesu notifikati tmint ijiem wara li jkun għad meħmuża mal-bord tal-bullettini tal-qorti (l-Artikolu 145 ZPP).

## **7.2 Jekk japplikaw metodi oħrajn, id-dokumenti meta jitqiesu li ġew innotifikati?**

F'każ ta' notifika ordinarja, in-notifika dejjem titqies li saret fil-jum li d-dokument tħalla fil-kaxxa tal-ittri, fejn issir nota speċifika ta' dan fuq id-dokument biex jara d-destinatarju. F'każ illi d-destinatarju ma jkollux kaxxa tal-ittri, id-dokumenti jitqiesu notifikati fid-data li fiha jkun twaħħal mal-bieb l-avvizz tan-notifika tad-dokumenti.

F'każ ta' notifika personali, id-dokumenti jitqiesu notifikati fid-data li fiha jinġabru mid-destinatarju. Jekk id-destinatarju ma jgħorhomx fi żmien ħmistax, id-dokumenti jitqiesu notifikati wara li tiskadi dik l-iskadenza. Wara l-iskadenza, il-persuna li twestaq in-notifika tiddepożita d-dokumenti fil-kaxxa tal-ittri tad-destinatarju; jekk id-destinatarju ma jkollux kaxxa tal-ittri jew jekk ma tistax tintuża, id-dokumenti jintbagħtu lura lill-qorti.

## **7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika huwa d-depożitu tad-dokumenti f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatarju kif ikun infurmat b'dak id-depożitu?**

F'każ ta' notifika personali, meta d-dokumenti jiġu depożitati fil-kaxxa tal-ittri, il-persuna li twestaq in-notifika twissi lid-destinatarju bil-konsegwenzi legali tad-dokumenti, u tniżżel ir-raġuni għall-kawża u d-data li fiha ġew depożitati d-dokumenti fil-kaxxa tal-ittri fuq in-nota ta' konsenja u d-dokumenti, u tiffirmahom. Jekk id-destinatarju ma għandux kaxxa tal-ittri, u d-dokumenti ġew konsenjati lill-qorti/uffiċċju tal-posta, il-persuna li twestaq in-notifika tħalli avvizz ta' notifika mal-bieb tar-residenza, fejn tindika fejn qiegħdin id-dokumenti u meta d-dokumenti jitqiesu notifikati.

F'każ ta' notifika personali, il-persuna li twestaq in-notifika tħalli avvizz fil-kaxxa tal-ittri li jindika fejn ġew depożitati d-dokumenti, l-iskadenza għall-ġbir tad-dokumenti, u l-konsegwenzi legali jekk id-destinatarju ma jgħorhomx qabel dik l-iskadenza. Il-persuna li twestaq in-notifika tniżżel ir-raġuni għall-kawża u d-data li fiha ġew depożitati d-dokumenti mad-destinatarju kemm fuq l-avvizz u fuq id-dokumenti soġġetti għan-notifika, u tiffirmahom.

## **7.4 Jekk id-destinatarju jirrifuta li jaċċetta n-notifika tad-dokumenti, xi jkun l-konsegwenzi? Id-dokumenti jitqiesu bħala effettivament innotifikati jekk ir-rifjut ma jkunx leġittimu?**

F'każ illi l-persuna li lilha huma indirizzati d-dokumenti, jew persuna li għandha l-obbligu tiġbor id-dokumenti, għal xi raġuni mhux skont il-liġi ma taċċetta li tirċievi d-dokumenti, il-persuna li qed twestaq in-notifika tiddepożitalhom id-dar tagħha jew fil-post tax-xogħol jew fil-kaxxa tal-ittri tagħha, u jekk ma jkunx hemm kaxxa tal-ittri, tħalli d-dokumenti mal-bieb tad-dar. Hija tniżżel id-data, il-ħin u r-raġuni għar-rifjut tan-notifika, u l-post fejn tħallew id-dokumenti, fuq in-nota tan-notifika. Id-dokumenti mbagħad jiġu meqjusa notifikati (l-Artikolu 144 ZPP).

## **8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki)**

### **8.1 Jekk is-servizz postali jwassal dokument mibgħut minn barra lill destinatarju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn tal-aċċettazzjoni tal-irċevuta (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki), is-servizz postali jista' jħalli d-dokument biss mad-destinatarju stess jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-posta, iħalli d-dokument ukoll ma' persuna oħra fl-istess indirizz?**

L-Att dwar il-Servizz tal-Posta (minn issa 'l quddiem iz-ZPSto-2; Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja [Uradni list RS], Nru 51/09, 77/10 u 40/14 – ŻIN-B) jistipula illi l-posta regiſtrata u assigurata għandha tiġi konsenjata lid-destinatarji personalment fl-indirizz tagħhom. Jekk dan ma jkunx possibbli, il-posta regiſtrata u assigurata titwassal lill wieħed mill-membri adulti tal-familja jew persuna awtorizzata biex tirċieviha (l-Artikolu 41 ZPSto-2), fejn membru adulta tal-familja huwa persuna li għandha aktar minn ħmistax-il sena u taqsam id-dar mad-destinatarju (Termini u Kundizzjonijiet Ġenerali għall-Provvista ta' Servizzi Postali Universali tal-1 ta' Settembru 2014; minn issa l-quddiem il-GT).

### **8.2 Skont ir-regoli tal-posta f'dan l-Istat Membru kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tan-Notifiki Nru 1393 /2007, jekk la d-destinatarju u lanqas ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-posta – ara fuq) ma jkun instab fl-indirizz fejn tkun intbagħtet?**

Jekk il-posta regiſtrata ma tistax titwassal lill-persuni msemmija hawn fuq (id-destinatarju fil-persuna/membru adult tal-familja jew il-parti awtorizzata) minħabba assenza, il-persuna tal-konsenja tiddepożita avvizz fil-kaxxa tal-ittri fejn tindika l-post tal-ġbir u l-iskadenza għall-ġbir tal-konsenja. Jekk id-destinatarju ma jgħorx il-konsenja sa-ż-żmien indikat fl-avvizz postali, il-posta tintbagħat lura lill min bagħta. Jekk id-destinatarju ma jixtieqx jaċċetta l-posta regiſtrata u assigurata, il-persuna tal-konsenja tniżżel id-data u r-raġuni għar-rifjut fuq il-posta nnifisha jew fuq in-nota ta' konsenja u tibgħat il-posta lura lill min bagħta.

### **8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perjodu speċifiku għall-ġbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għax ma twasslux? Jekk iva, kif ikun infurmat id-destinatarju li għandu l-posta x'jgħor mill-uffiċċju tal-posta?**

Il-konsenja tista' tinġabar mill-uffiċċju tal-posta fi żmien ħmistax mid-data li fiha d-destinatarju ġie notifikat bil-wasla tagħha. Eċċezzjoni għal dak li għadu kif intqal tapplika għall-pakketti li jaslu minn barra fejn min bagħthom stabbilixxa skadenza ta' inqas minn ħmistax meta bagħthom. L-iskadenzi għall-ġbir tal-posta jiġu determinati bil-kalendarju, ibda mill-ġurnata ta' wara dik li fiha d-destinatarju rċieva avvizz tal-konsenja. Għal posta miżmuma fl-uffiċċju tal-posta bħala *poste restante* u posta għall-utenti tal-kaxxi postali fl-uffiċċju tal-posta, l-iskadenza tiġi determinata bil-kalendarju, ibda mid-data ta' wara dik li fiha waslet il-posta fl-uffiċċju tal-posta (l-Artikolu 27 GT).

Fuq il-kaxxa tal-ittri tad-destinatarju jitħalla avvizz bil-post u l-iskadenza għall-ġbir.

### **9 Ikun hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun ġie nnotifikat?**

In-nota ta' konsenja hija prova bil-miktub li d-dokument ġie notifikat. In-nota ta' konsenja tiġi ffirmata mid-destinatarju u l-mittent, bid-destinatarju jimgħad personalment id-data tal-wasla bil-kliem fuq in-nota ta' konsenja. Jekk id-destinatarju ma jafx jikteb jew jiffirma, il-persuna li twestaq il-konsenja ddaħħal ismu u d-data tal-konsenja fi kliem, u żżid nota li tgħid għalfejn ma ffirmax id-destinatarju.

Jekk id-destinatarju ma jixtieqx jiffirma n-nota ta' konsenja, il-persuna li twestaq in-notifika tniżżel dan il-fatt fuq in-nota ta' konsenja kif ukoll id-data tan-notifika fi kliem; id-dokumenti mbagħad jiġu meqjusa notifikati. Jekk in-notifika ssir skont l-Artikolu 142(3) taz-ZPP (notifika sostitwita jew "fittizja"; ara wkoll il-punti 8.2 u 7.3), id-data li fiha ġiet depożitata n-notifika mad-destinatarju u d-data li fiha d-dokumenti waslu l-qorti jew fl-uffiċċju tal-posta jtnizzlu fuq in-nota ta' konsenja.

Jekk, skont id-dispożizzjonijiet taz-ZPP id-dokumenti jaslu għand persuna li mhix il-persuna li lilha kellhom jiġu notifikati, il-persuna li twestaq in-notifika tniżżel ir-relazzjoni bejniethom fuq in-nota ta' konsenja (l-Artikolu 149(5) ZPP).

### **10 X'jiġri jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirċievi id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi notifikat lill terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika ġdida tad-dokument?**

In-nota ta' konsenja fiha l-elementi kollha ta' dokument pubbliku u għalhekk hija turija tal-veraċità tal-fatti kkonfermati fiha. Madankollu jista' jiġi ppruvat illi l-fatti kontenuti fiha mhumiex il-verità.

F'każ illi d-destinatariju ma jirreċivi id-dokumenti, jew jiġi allegat li saret notifika skorretta, huwa minnhu illi ċerti nuqqasijiet jew żbalji fin-notifika tad-dokumenti jistgħu jiġu eliminati. Għalhekk id-destinatariju ma jistgħux jalleġaw illi saret notifika skorretta jekk ikun ċar daqs il-kristall mill-imġiba tagħhom illi minkejja n-notifika skorretta saru jafu bil-kontenut tad-dokumenti xorta waħda. Dan jgħodd ukoll f'każ illi d-dokumenti verament waslu f'idejn id-destinatariju (pereżempju jekk id-destinatariju jiġbor id-dokumenti wara li jiskadi ż-żmien għall-ġbir). Dan huwa stipulat ukoll fiz-ZPP, li jgħid illi ma jistax jiġi allegat ksur tar-regoli tan-notifika jekk id-destinatariju jiġbor id-dokumenti minkejja l-ksur. F'dak il-każ id-dokumenti jitqiesu notifikati fil-mument tal-ġbir tagħhom mid-destinatariju (l-Artikolu 139(5) ZPP).

L-eliminazzjoni jew korrezzjoni tal-iżbalji fin-notifika jistgħu jsiru wkoll permezz tar-restitutio ad integrum, fejn huwa possibbli ritorn għall-istatus preċedenti *vrnitev v prejšnje stanje*, jekk id-dewmien fl-eliminazzjoni ta' ċerta miżura proċedurali jikkawża sitwazzjoni li parti, minkejja t-turija suffiċjenti ta' diliġenza xierqa, ma tkunx tista' tobsor jew tipprevjeni. Jekk il-parti tiffet seduta jew skadenza għal miżura legali u b'hekk tiffet id-dritt biex twestaq dik il-miżura, fuq proposta tagħha l-qorti tħalliha tagħmilha aktar tard (ritorn għal status preċedenti), jekk tirrikonoxxi illi l-parti tiffet is-seduta jew skadenza minħabba raġuni leġittima. Jekk jitħalla r-restitutio ad integrum, il-miżura tmur lura għall-istat li kienet fiha qabel id-dewmien, u d-deċiżjonijiet kollha tal-qorti mogħtija minħabba d-dewmien jitħassru (l-Artikolu 116 ZPP).

Il-proposta tista' tiġi preżentata fi żmien ħmistax mid-data tat-tmiem tal-kawża li għielgħet lill-parti tiffet is-seduta jew skadenza; jekk il-parti ssir taf bid-dewmien aktar tard, allura mid-data li saret taf biha. Restitutio ad integrum ma jistax jintuża wara li jkun għaddew sitt xhur mid-data tad-dewmien (l-Artikolu 117 ZPP). Kemm l-iskadenzi soġġetti u oġġettivi huma skadenzi legalment prekluzivi u ma jistgħux jiġu estiżi.

## **11 Hemm xi f'has għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-f'has?**

In-notifika bil-posta, bħala metodu ġeneralment aċċettat ta' notifika tad-dokumenti, ma għibx magħha spejjeż separati għall-partijiet. In-notifika b'metodi oħra (pereżempju b'notifika speċjali li hija notifika tad-dokumenti bħala attività kummerċjali reġistrata) tiffisser aktar spejjeż, allura l-qorti tista' tordnaha biss fuq proposta ta' xi ħadd mill-partijiet, li jridu jiddepożitaw ammont suffiċjenti bil-quddiem biex ikopri l-ispejjeż. Kif previst fir-Regoli speċjali dwar l-Operat tal-Persuni li Jwettqu n-Notifika ta' Dokumenti fi Proċedimenti Ċivili u Kriminali, dawn il-persuni għandhom dritt għal kumpens u rimborż għall-ispejjeż ta' xogħolhom skont il-ftehim konkluż mal-qorti, fejn il-qorti tistabbillixxi l-ammont ta' f'has u rimborż tal-ispejjeż.

L-aħħar aġġornament: 10/02/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## **In-notifika ta' atti - Slovakkja**

### **1 F'termini prattiċi xi f'fisser it-terminu legali "notifika ta' dokumenti"? Għaliex hemm regoli speċifiċi dwar in-"notifika ta' dokumenti"?**

#### *Notifika ta' dokumenti*

Skont l-interpretazzjoni tal-prattika ġudizzjarja, "in-notifika ta' dokumenti" hija mifftehma bħala pass proċedurali meħud mill-qorti biex jinnotifika parti fil-proċedimenti, jew terza persuna li l-kooperazzjoni tagħha fil-proċedimenti hija meħtieġa, bil-progress ta' dawn il-proċedimenti ġudizzjarji. Il-fatt li l-partijiet jinżammu informati pjenament u effettivament bil-progress tal-proċedimenti huwa prekundizzjoni essenzjali għall-andament u l-konklużjoni tajba tal-proċedimenti tal-qorti – qorti tista' tagħxi biss u tiegħu deċiżjonijiet bil-kundizzjoni li l-partijiet ingħataw id-dokumenti kollha li l-irċevuta u l-għarfien tagħhom hija prekundizzjoni għall-pass li jmiss fil-proċedimenti, l-applikazzjoni ta' rimedju, id-difiża jew protezzjoni proċedurali, u attijiet oħra li huma ammissibbli biss f' terminu preskrittiv stipulat mil-liġi jew mill-qorti. B'mod partikolari, in-notifika tad-deċiżjonijiet tal-qorti dwar il-merti hija prekundizzjoni essenzjali għall-għeluq finali tal-każ u għall-eżegwibbiltà tad-deċiżjoni tal-qorti. Huwa importanti li jiġi mifhum li l-Artikolu 105 et seq. tal-Att Nru 160/2015, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Kontenzjuża (Zákon ċ. 160/2015 Z.z., Civilný sporový poriadok) jiddefinixxi biss l-aspetti proċedurali tan-notifika ta' dokumenti (ġudizzjarji); in-notifika ta' att skont liġi sostantiva, jiġifieri li tinkludi espressjoni ta' volontà fil-forma ta' dokument, hija rregolata permezz tal-Artikolu 45 tal-Att Nru 40/1964, il-Kodiċi Ċivili (Zákon ċ. 40/1964 Zb., Občiansky zákonník). Hemm differenza sostanzjali bejn in-notifika skont ir-regolamentazzjoni sostantiva u proċedurali, speċjalment dwar l-effett ta' notifika, it-tweqqi tal-proċess ta' notifika u l-inizjar tal-konsegwenzi ġuridiċi.

#### *L-eżistenza ta' regoli speċifiċi għan-notifika ta' dokumenti*

L-għan tar-regoli speċifiċi għan-notifika ta' dokumenti fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Kontenzjuża huwa tentattiv mil-leġiżlatura li jitħares il-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet u l-prinċipju tal-kuntradittorju fil-proċedimenti ġudizzjarji. Ħadd fil-proċedimenti ġudizzjarji ma jista' jiġi żvantaġġat, u kull parti trid tkun informata ugwalment bil-progress tal-proċedimenti ġudizzjarji. Il-partijiet irid ikollhom opportunità li jipprovdu l-kooperazzjoni meħtieġa fil-proċedimenti, u biex jiffamiljarizzaw ruħhom mad-dikjarazzjonijiet u mal-evidenza tal-parti l-oħra, ma' kwalunkwe att proċedurali mill-qorti marbuta mal-proċedimenti, u mal-merti tal-każ. Il-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet u l-prinċipju tal-kuntradittorju fil-proċedimenti huwa element fundamentali u element li jiddefinixxi d-dritt għal proċess ġust, li fir-Repubblika Slovakkja huwa dritt kostituzzjonali (l-Artikoli 46-48 tal-Kostituzzjoni jew Ústava Slovenskej republiky) ibbażat fuq l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

### **2 Liema dokumenti jeħtieġ li jkun notifikati b'mod formali?**

B'mod ġenerali, in-notifiki kollha mwettqa f'konformità mal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża jistgħu jitqiesu bħala notifika formali, jiġifieri notifika fil-kaxxa postali elettronika (metodu ppreferut), notifika f'indirizz elettroniku (biss fuq it-talba tal-parti), notifika personali minn persuna leġittima oħra li twestaq n-notifika (kumpanija tas-servizzi postali, notifikatur ta' ipproċessar) jew b'mod ieħor milli permezz ta' notifika personali, notifika fil-forma ta' avviż pubbliku jew forma speċjali ta' notifika minn persuni leġittimi oħra li jwettqu n-notifika (id-dipartiment tal-Pulizija kkonċernat, il-pulizija municijali, marixxall, is-Servizz tal-Gwardja tal-Ħabs u tal-Qorti (*Zbor väzenskej a justičnej stráže*), faċilità għal kura istituzzjonali jew protettiva, il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, il-Ministeru tad-Difiża). Fis-sens dejjaq, in-notifika formali jew ufficijali tirreferi biss għan-notifika personali ta' proċess ġudizzjarju.

Il-qorti tuża l-proċedura stabbilita għal notifika ordinarja għal dokumenti li għaliha l-liġi ma teħtieġx notifika personali.

Id-diversi dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża jistipulaw liema dokumenti jeħtieġu notifika personali. Barra minn hekk, in-notifika personali tintuża wkoll f'każijiet fejn il-qorti tordna notifika personali skont iċ-ċirkostanzi ta' każ speċifiku (il-qorti normalment jużaw notifika personali, pereżempju għal ċitazzjoni għal smiġ minħabba ċertezza proċedurali). Il-fatt li l-leġiżlatur speċifika din in-notifika privileġġjata għad-diversi dokumenti huwa xhieda tal-importanza ta' dawn id-dokumenti u tal-ħtieġa li l-parti tkun familjari mal-kontenut tagħhom, u b'hekk id-dritt għal proċess ġust jiġi eżerċitat. Bil-liġi, in-notifika personali hija meħtieġa għad-dokumenti li ġejjin: digriet li permezz tiegħu l-qorti laqgħet modifika tar-rikors jekk il-partijiet ma kinux preżenti waqt is-seduta li matulha ġie mmodifikat ir-rikors (l-Artikolu 142(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża); rikors bl-annessi (l-Artikolu 167(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża); dikjarazzjoni ta' difiża (replika) jekk il-konvenut ma jirrikonoxxi il-livell sħiħ tal-pretensjoni li saret (l-Artikolu 167(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża); dikjarazzjoni mir-rikorrent dwar ir-replika skont l-Artikolu 167(3) (kontro replika) (l-Artikolu 167(4) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Kontenzjuża); ċitazzjoni għal seduta preliminari (l-Artikolu 169(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża); sentenza (l-Artikolu 223(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża); digriet għall-f'has b'rikors skont l-Artikolu 266(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża; digriet biex jiġi annullat digriet għall-

ħlas skont l-Artikolu 267(4) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża; digriet skont l-Artikolu 273 (c) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża dwar l-obbligu li ssir dikjarazzjoni bil-miktub dwar ir-rikors f'terminu ta' żmien stabbilit, u li jiġu indikati fid-dikjarazzjoni l-fatti ewlenin tad-difiża tal-parti, li jiġi meħmuż kull dokument li ssir referenza għalih, u li tiġi indikata l-evidenza li tipprova dawn il-pretensjonijiet fl-ambitu tad-difiża tal-Artikolu 273 (a) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża.

### **3 Min hu responsabbli biex jinnotifika dokument?**

Il-qorti nfisha hija responsabbli għan-notifika tal-proċess ġudizzjarju, u hija awtorizzata li tinnotifika d-dokumenti bil-miktub permezz tal-persuni leġittimi li jwettqu n-notifika meta jkun meħtieġ. Interpretazzjoni sistematika tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża tiżvela l-ordni ta' prijorità li ġeġja għan-notifika ta' dokumenti bil-miktub:

mill-qorti f'seduta jew att ieħor;

lejn kaxxa postali elettronika skont l-Att Nru 305/2013 dwar il-forma elettronika ta' governanza mill-awtoritajiet pubbliċi u li temenda ċerti atti (l-Att dwar il-Gvern elettroniku) (*zákon ċ. 305/2013 Z.z. o elektronickej podobe výkonu pôsobnosti orgánov verejnej moci a o zmene a doplnení niektorých zákonov, zákon o e-Governmente*);

in-notifika għal indirizz elettroniku fuq talba tal-parti, jekk id-dokumenti ma jkunux jeħtieġu notifika personali;

notifika minn persuni leġittima li twestaq in-notifika:

- ġeneralment kumpanija tas-servizzi postali jew notifikatur ta' ipproċessar;
- jekk il-qorti tqis li jkun meħtieġ, hija tista' tordna notifika mid-dipartiment rilevanti tal-Pulizija, minn bailiff jew mill-pulizija muniċipali;
- f'każijiet speċjali l-qorti tinnotifika d-dokumenti permezz: tas-Servizz tal-Ħabsijiet u l-Gwardja tal-Qorti (notifika lil persuni fiżiċi li qed iservu pieni ta' kustodja jew li huma f'kustodja), faċilitajiet għal kura istituzzjonali u protettiva (notifika lil persuni fiżiċi li tqegħdu f'tali faċilitajiet), il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej (notifika lil persuni fiżiċi li jgawdu minn privileġġi diplomatiki u immunità, jew persuni fl-unità domestika ta' xi ħadd li jgawdi minn privileġġi u immunità diplomatiki, jew persuni li għandhom jiġu nnotifikati b'dokumenti fi stabbilimenti protetti minn immunità diplomatika), u l-Ministeru tad-Difiża (notifika lil suldati professjonali u dokumenti li ma jistgħux jiġu nnotifikati b'mod ieħor);
- każ speċjali hija n-notifika permezz ta' avviż pubbliku jekk stabbilit fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża (pereżempju jekk l-indirizz ta' persuna fiżika ma jkun magħruf) jew f'leġiżlazzjoni oħra (eż. l-Artikolu 199 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Mhux Kontenzjuża (*Civilný mimosporový poriadok*)).

### **4 Tifix tal-Indirizz**

#### **4.1 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, l-awtorità rikjesta f'dan l-Istat Membru tipprova u tistabbilixxi hi bl-inizjattiva tagħha fejn tinsab il-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokumenti ladarba din ma tkunx għadha toqgħod fl-Indirizz magħruf mill-awtorità rikjedenti?**

Fit-tali każijiet, il-qorti Slovakki dejjem jipprova b'mod attiv li jstabbilixxu fejn jinsab preżentement id-destinatarju, primarjament billi jirreferu għar-Reġistru tal-Abitanti tar-Repubblika Slovakka (*Register obyvateľov Slovenskej republiky*), li huwa konness b'mod elettroniku mas-sistemi ta' informazzjoni tal-qorti. Il-qorti tista' tistabbilixxi mill-ewwel il-post tar-residenza permanenti jew temporanju elenkat f'dan ir-reġistru (jekk it-tali indirizz ikun jeżisti). L-Aġenzija tal-Assigurazzjoni Soċjali (*Sociálna poisťovňa*) tikkooopera wkoll attwalment b'mod elettroniku mal-qorti Slovakki permezz tar-reġistru tal-qorti, u qorti tista' titlob xi informazzjoni rreġistrata mill-Aġenzija tal-Assigurazzjoni Soċjali, b'mod partikolari l-Indirizz ta' parti fil-proċedimenti kif elenkat fl-Aġenzija tal-Assigurazzjoni Soċjali u l-isem tal-impjegatur preżenti jew preċedenti tal-parti (li permezz tiegħu f'xi każijiet il-post fejn tkun tinsab il-parti jkun jista' jiġi stabbilit, jew dokument ikun jista' jiġi nnotifikat direttament fil-post tax-xogħol jekk iċ-ċirkustanzi tal-każ jippermettu dan). Il-qorti hija wkoll awtorizzata mil-liġi biex titlob il-kooperazzjoni tal-uffiċċju tad-taxxa, il-municipalitá, ħabs, eċċ., u jekk possibbli l-qorti tistaqsi wkoll lil persuni oħra (eż. qraba) li jistgħu jkunu jafu fejn jinsab id-destinatarju.

#### **4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-Indirizz attwali tal-persuna? Jekk iva, x'reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhi l-proċedura li trid tiġi segwita? Xi ħlas irid isir, jekk hemm?**

Kif intqal aktar 'il fuq, permezz tar-reġistru tal-qorti l-qorti Slovakki għandhom aċċess dirett għad-*data* elenkata fir-Reġistru tal-Abitanti tar-Repubblika Slovakka. Il-partijiet għall-proċedimenti ġudizzjarji għandhom l-għażla li jitolbu d-*data* mir-Reġistru tal-Abitanti tar-Repubblika Slovakka (l-għoti tal-konferma jew tan-notifika bil-miktub tal-post fejn il-persuna tkun tinsab) għal tariffa amministrattiva ta' ħames ewro.

#### **4.3 L-awtoritajiet f'dan l-Istat Membru kif jitrattaw talba mibgħuta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qorti tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali bl-għan li jinstab l-Indirizz attwali ta' persuna?**

Skont l-informazzjoni disponibbli għall-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Slovakka, il-qorti Slovakki jaċċettaw ġeneralment it-tali talbiet u jieħdu passi sabiex jistabbilixxu l-Indirizz attwali tad-tali persuna u b'dan il-mod jissodisfaw it-talba. Għal dan l-għan, huma jużaw il-proċeduri deskritti fil-punti preċedenti.

#### **5 Fil-prattika, normalment kif jiġi notifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (ħlief in-notifika indiretta msemmija fil-punt 6 iktar 'il isfel)?**

Kif iddikjarat fil-punt 3, il-qorti jagħtu prijorità lin-notifika personali f'seduta jew matul att ieħor. Huma jistgħu jużaw ukoll:

notifika għal kaxxa postali elettronika skont l-Att dwar il-Gvern elettroniku;

notifika għal indirizz elettroniku fuq talba tal-parti, jekk id-dokumenti ma jkunux jeħtieġu notifika personali;

permezz tal-persuni leġittimi li jwettqu n-notifika (l-uffiċċju postali, notifikatur ta' ipproċessar; jekk meħtieġ permezz tad-dipartiment rilevanti tal-Pulizija, bailiff jew il-pulizija muniċipali; f'każijiet speċjali s-Servizz tal-Gwardja tal-Ħabsijiet u l-Qorti, faċilitá għal kura istituzzjonali jew protettiva, il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Ministeru tad-Difiża);



permezz ta' avviż pubbliku.

Il-qorti tispeċifika l-proċedura għan-notifika ta' dokumenti skont it-tip ta' dokument, u minbarra notifika personali hija tippreferi n-notifika lil kaxxa postali elettronika, fejn dokumenti li jeħtieġu notifika personali jistgħu jiġu nnotifikati wkoll (mhux bħal notifika f'indirizz elettroniku, jiġifieri posta elettronika, li ma tistax tintuża biex jiġu nnotifikati dokumenti li jeħtieġu notifika personali). Kif ġie nnotat hawn fuq, għal ċerti persuni, il-liġi teħtieġ notifika speċjali minn wieħed mill-persuni leġittimi elenkati li jwettqu n-notifika, u hawnhekk in-notifika f'kaxxi tal-posta elettroniċi ma tistax tintuża (is-Servizz tal-Gwardja tal-Ħabsijiet u l-Qorti, faċilitá għal kura istituzzjonali jew protettiva, il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Ministeru tad-Difiża), u l-leġiżlazzjoni tistabbilixxi wkoll każijiet fejn in-notifika trid tkun permezz ta' avviż pubbliku (biex jiġi notifikat grupp indefinit ta' persuni b'deċiżjoni). BI-istess mod, kif ġie nnotat hawn fuq, għal raġunijiet prattiċi qorti tista' tagħżel li ssir notifika mid-dipartiment rilevanti tal-Pulizija, bailiff jew mill-pulizija muniċipali.

Bħalissa, il-qorti jinnotifikaw l-akbar kwantitá ta' dokumenti bil-posta, permezz ta' ittri reġistrati (notifika ordinarja) jew ittri uffiċjali (notifika personali). Aħna nantiċipaw li wara l-1 ta' Lulju 2017 (sa liema data l-kaxxi postali elettroniċi kollha jenħtieġ li jiġu attivati skont l-Att dwar il-Gvern elettroniku), parti kbira min-notifika se ssir f'kaxxi postali elettroniċi, li se jkunu obligatorji għall-persuni ġuridiċi kollha (il-qorti mhux se jibqgħu jibgħatu dokumenti fiżiċi għajr għall-eżenzjonijiet permessi mil-liġi), filwaqt li għan-notifika ta' persuni fiżiċi, in-notifika ssir biss f'kaxxi postali elettroniċi fuq talba tagħhom.

Meta jintbagħtu dokumenti fl-Indirizz postali tad-destinatarju (jekk in-notifika ma tkunx tista' ssir f'kaxxa postali elettronika), għal notifika ordinarja u għal notifika personali l-qorti tinnotifika d-dokumenti fl-Indirizz li ġie speċifikat mid-destinatarju. Jekk in-notifika ma ssir b'suċċess, il-qorti mbagħad tinnotifika d-dokumenti:

lil persuna fiżika fl-indirizz imniżżel fir-Reġistru tal-Abitanti tar-Repubblika Slovacka jew fl-indirizz għal ċittadin barrani fis-Slovackja skont l-*istatus* ta' residenza tiegħu/tagħha;

lil persuna ġuridika fl-indirizz tal-uffiċċju reġistrat tal-persuna ġuridika elenkata fir- **Reġistru Kummerċjali** (*Obchodný register*), jew reġistru pubbliku ieħor (eż. ir- **Reġistru tal-Liċenzi Kummerċjali**, *Živnostenský register*).

*Metodi alternattivi oħra għajr in-notifika ta' sostituzzjoni*

Il-Kodiċi I-ġdid ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża ma jipprovdix għal metodi alternattivi minbarra n-notifika ta' sostituzzjoni, u bl-introduzzjoni tar-responsabbiltà oġġettiva stretta tal-partijiet għad-*data* rreġistrata fir-reġistri pubbliċi, in-notifika ta' sostituzzjoni f'dan is-sens fil-fatt ma baqgħetx teżisti.

**6 Hija permessa n-notifika elettronika ta' dokumenti (notifika ta' dokumenti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, bħall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa permess dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatarju (professjonist tal-liġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?**

Il-Qorti tista' tinnotifika dokumenti elettronikament (bil-posta elektronika) jekk parti fil-proċedimenti titlob dan bil-miktub u tinnotifika lill-qorti bl-indirizz fejn għandhom jintbagħtu d-dokumenti b'mod elettroniku. Dokument jittqies li jkun ġie nnotifikat fit-tielet jum minn meta dan ikun intbagħat, anki jekk id-destinatarju ma jkunx qrah. Tali notifika ma tapplikax għal dokumenti li huma nnotifikati personalment. Dan il-metodu mhuwiex għalhekk ristrett bit-tip ta' proċedimenti jew b'min id-destinatarju jista' ikun, iżda bit-tip ta' dokument innotifikat. Din il-forma ta' notifika lanqas ma tista' tintuża jekk il-qorti tista' tuża notifika personali jew notifika f'kaxxa postali elektronika.

Kif jidher ċar mill-ispejgazzjoni preċedenti, il-qorti Slovacki jridu jippreferu notifika f'kaxxi postali elettroniċi, li huma obligatorji għall-persuni ġuridiċi u aċċessibbli għall-persuni fiżiċi. Sat-30 ta' Ġunju 2017, kull persuna ġuridika (Slovacka) trid tkun attivata kaxxa postali elektronika, u minn dak inhar 'il quddiem in-notifika lil persuni ġuridiċi ssir biss f'kaxxi postali elettroniċi, sakemm ma jkunx hemm leġiżlazzjoni separata li tipprojbixxi notifika bħal din - bħalissa dan jikkonċerna prinċipalment dokumenti li jistgħu jiġu nnotifikati biss bħala dokumenti fiżiċi jew permezz ta' avviżi pubbliċi (inċidentalment, l-Att dwar il-Gvern elettroniku jirregola wkoll "l-avviżieri elettroniċi"). Bħalissa l-qorti huma obligati wkoll li jippreferu servizz ta' kaxxi postali elettroniċi, iżda xi persuni ġuridiċi għad iridu jattivaw il-kaxxi postali elettroniċi tagħhom u għalhekk id-dokumenti xorta jridu jiġu nnotifikati lil dawn il-persuni bl-użu tal-metodi klassiċi. Ġew stabbiliti wkoll kaxxi elettroniċi għal persuni fiżiċi, iżda huma attivati biss fuq it-talba tagħhom, li jfisser li jekk persuni fiżiċi ma jitolbux l-attivazzjoni tal-kaxxi postali elettroniċi tagħhom, id-dokumenti jkomplu jiġu nnotifikati bl-użu tal-metodi klassiċi. Madankollu, jekk persuni fiżiċi jitolbu l-attivazzjoni tal-kaxxi postali elettroniċi tagħhom, il-qorti jinnotifikaw biss dokumenti dwarhom bl-użu ta' dan il-metodu (sakemm ma jkunx hemm il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża li jirrikjedi forma speċjali ta' notifika permezz tas-Servizz tal-Gwardja tal-Fabs u l-Qorti, faċilità għal kura istituzzjonali jew protettiva, il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej jew il-Ministeru tad-Difiża (ara l-punt 3, paragrafu 4).

## **7 Notifika "indiretta"**

**7.1 Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika fejn ma jkunx possibbli li d-dokumenti jkunu nnotifikati lid-destinatarju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamar)?**

Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża jkopri notifika ta' sostituzzjoni għan-notifika ta' dokumenti fiżiċi, filwaqt li l-Att dwar il-Gvern elettroniku jkopri notifika għal kaxxi postali elettroniċi.

Rigward l-Att dwar il-Gvern elettroniku ma nistgħux nitkellmu dwar notifika ta' sostituzzjoni fil-veru sens tal-kelma, billi l-attivazzjoni stess ta' kaxxa postali elektronika (kemm jekk awtomatikament għal persuni ġuridiċi jew inkella b'għażla għal persuni fiżiċi) tfisser li l-indirizz tad-destinatarju ma jistax ikun "mhuw magħruf", u lanqas ma huwa possibbli li "d-dokument ma jistax jiġi kkonsenjat". Id-depożitu stess ta' messaġġ elettroniku uffiċjali (korrispondenza tal-qorti) fil-kaxxa postali elektronika jimplika li d-destinatarju huwa fil-pussess tiegħu. Messaġġ elettroniku uffiċjali jittqies li jkun ġie nnotifikat l-għada li jkun ġie ddepożitat fil-kaxxa postali elektronika. Madankollu, jekk dan ikun dokument li skont il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża jeħtieġ notifika personali, f'dan il-każ jekk id-destinatarju ma jiġbrux fis-sistema (u għalhekk ma jaqrah), jittqies li jkun ġie nnotifikat fi tmiem ta' terminu ta' skadenza ta' 15-il jum li jibda mill-jum wara dak li matulu jkun ġie ddepożitat il-messaġġ elettroniku uffiċjali. Dan il-metodu ma jistax jintuża meta ssir ordni ta' ħlas, meta n-notifika ta' sostituzzjoni hija pprojbita.

Għal notifika klassika skont il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża (li se tkompli tintuża għal persuni fiżiċi), l-applikazzjoni tal-kwistjoni tan-notifika hija identika irrispettivament mit-tip ta' notifika, jiġifieri kemm jekk fil-każ ta' notifika ordinarja jew notifika personali. Jekk l-indirizz tad-destinatarju jkun elenkat f' reġistru pubbliku (ir-Reġistru ta' Abitanti għal persuni fiżiċi u r-Reġistru Kummerċjali għal persuni ġuridiċi) u l-ittra tintbagħat lura lill-qorti bħala li ma tkunx ġiet nnotifikata, jittqies li n-notifika tkun saret fil-jum meta dak li fih l-ittra tkun ġiet irritornata lill-qorti. Jekk l-indirizz ta' persuna fiżika ma jiġix irreġistrat fir-Reġistru tal-Abitanti, in-notifika ssir permezz tat-tqegħid fuq l-avviżiera u s-sit web tal-qorti, u l-ittra tittqies li ġiet innotifikata 15-il jum wara l-pubblikazzjoni ta' din in-notifika. Dan il-metodu ta' notifika ta' sostituzzjoni ma jistax jintuża meta tiġi nnotifikata ordni ta' ħlas.

**7.2 Jekk japplikaw metodi oħrajn, id-dokumenti meta jittqiesu li ġew innotifikati?**

Ara r-risposta għad-domanda 5 – metodi alternattivi ta' notifika.

**7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika huwa d-depożitu tad-dokumenti f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatarju kif ikun infurmat b'dak id-depożitu?**

Dan mhuwiex metodu ieħor, iżda notifika ordinarja permezz ta' kumpanija tas-servizzi postali - jekk id-destinatarju mhuwiex id-dar, il-pustier jinforma lid-destinatarju li d-dokumenti (kemm jekk irreġistrati kif ukoll jekk destinati għal notifika personali) ġew iddepożitati fl-uffiċċju postali billi jħalli notifika bil-miktub fil-kaxxa tal-ittri (tad-dar) tad-destinatarju.

**7.4 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokumenti, xi jkunu l-konsegwenzi? Id-dokumenti jittqiesu bħala effettivament innotifikati jekk ir-rifjut ma jkunx leġittimu?**

Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta d-dokument mingħajr raġuni valida, id-dokument jittqies li jkun ġie nnotifikat fil-jum li fih l-aċċettazzjoni tiegħu ġiet irrifjutata; in-notifikatur ta' ipproċessar irid jinforma lid-destinatarju b'dan. Jekk in-notifika ma ġietx imwettqa leġittimament (pereż. in-notifikatur ta' ipproċessar ma informax lid-destinatarju bil-konsegwenzi tar-rifjut tal-aċċettazzjoni tad-dokument), din ma jkollha ebda effett legali.

**8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki)**

**8.1 Jekk is-servizz postali jwassal dokument mibgħut minn barra lil destinatarju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn tal-aċċettazzjoni tal-irċevuta (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki), is-servizz postali jista' jħalli d-dokument biss mad-destinatarju stess jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-posta, iħalli d-dokument ukoll ma' persuna oħra fl-istess indirizz?**

Jekk hemm bżonn ta' konferma tar-riċevuta, l-uffiċċju postali (*Slovenská pošta, a.s.*, bħala l-fornitur tas-servizzi postali tradizzjonali) jikkonsenja biss id-dokumenti jekk id-destinatarju jew ir-riċevitur awtorizzat (jekk id-dokumenti ma jistgħux jiġu kkonsenjati lid-destinatarju) jippreżenta prova tal-identità meta jmur jiġbor il-konsenja, iħalli li n-numru tad-dokument tal-identità jiġi rreġistrat u jikkonferma r-riċevuta. Ir-riċevitur awtorizzat għal dokumenti indirizzati lil persuna fiżika huma l-konjuġi tad-destinatarju u kull persuna ta' 15-il sena jew fuqhom li tgħix mad-destinatarju fl-istess dar jew flett. Madankollu, id-dokumenti għal notifika personali ma jistgħux jiġu kkonsenjati lil dawn il-persuni.



## 8.2 Skont ir-regoli tal-posta f'dan l-Istat Membru kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tan-Notifiki Nru 1393/2007, jekk la d-destinatarju u lanqas ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-posta – ara fuq) ma jkun instab fl-indirizz fejn tkun intbagħtet?

F'dan il-każ, il-pustier iħalli notifika bil-miktub fil-kaxxa tal-ittri (tad-dar) tad-destinatarju li d-dokumenti ġew trażmessi fl-uffiċċju postali. Id-destinatarju jew kull riċevitur awtorizzat jista' imur jiġbor id-dokumenti f'terminu ta' skadenza ta' 18-il jum kalendarju. Dan it-terminu tal-iskadenza jista' jiġi estiż fuq it-talba tad-destinatarju. Jekk id-dokumenti ma jinġabrux sat-terminu tal-iskadenza dawn ma jkunux jistgħu jiġu kkonsenjati, u s-servizz postali jirritorna d-dokumenti li ma jkunux jistgħu jiġu kkonsenjati lill-ispeditur.

## 8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perjodu speċifiku għall-ġbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għax ma twasslux? Jekk iva, kif ikun infurmat id-destinatarju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?

It-terminu preskrittiv huwa ta' 18-il jum kalendarju u jista' jiġi estiż fuq it-talba tad-destinatarju. Id-destinatarju jiġi infurmat permezz ta' notifika bil-miktub fil-kaxxa tal-ittri (id-dar) tad-destinatarju.

## 9 Ikkun hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun ġie nnotifikat?

Iva, skont il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża din hija konferma tar-riċevuta, li bħala prova tan-notifika ta' dokument ġudizzjarju tikkostitwixxi att pubbliku. L-informazzjoni fil-konferma tar-riċevuta hija meqjusa bħala vera sakemm ma hemmx evidenza għal kuntrarju. Il-parti fil-proċedimenti li tikkontesta l-preċiżjoni tal-informazzjoni fil-konferma tar-riċevuta (u targumenta li ma ġietx segwita l-proċedura legali għan-notifika) hija obbligata li tipprova evidenza lill-qorti biex tistabbilixxi dawn il-pretensjonijiet. Jekk il-qorti tinnofika dokument f'seduta ta' smiġh jew matul att proċedurali, tittieħed nota ta' dan fit-traskrizzjoni tas-seduta ta' smiġh.

L-Att tal-Gvern elettroniku jkopri l-konferma tar-riċevuta elettronika, li hija konferma tan-notifika personali ta' dokument (messaġġ uffiċjali) - ir-riċevitur huwa obligat li jikkonferma n-notifika ta' messaġġ elettroniku uffiċjali fil-forma ta' konferma elettronika; il-konferma ta' notifika hija prekundizzjoni sabieq il-kontenut ta' messaġġ elettroniku uffiċjali jkun aċċessibbli fil-kaxxa tal-ittri elettronika tar-riċevitur. Il-konferma elettronika telenka d-data, is-siegħa, il-minuta u s-sekonda tan-notifika tal-messaġġ uffiċjali. Bħal fil-każ ta' konferma tar-riċevuta "fiżika", id-data li jkun fiha hija meqjusa bħala korretta sakemm ma jiġix ipprovat mod ieħor, u, bl-istess mod, l-effetti tagħha jistgħu jiġu kkontestati.

## 10 X'jiġri jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirċevix id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi nnotifikat lil terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika ġdida tad-dokument?


Ara l-punti 5, 7.1 u 7.4 għal opzjonijiet għal notifika alternattiva. Jekk in-notifika tkun ġiet imwettqa bil-kontra ta' dak stipulat fil-liġi, in-notifika ripetuta tad-dokument hija meħtieġa; Il-liġi Slovakka ma tkoprix għall-possibbiltà ta' validazzjoni ta' notifika invalida. Kull notifika ta' dokumenti ġudizzjarji mwettqa b' metodu ieħor li mhuwiex wieħed mill-metodi legali ma għandhiex effett legali u ma tipproduċix l-effetti legali stipulati mil-liġi.

## 11 Hemm xi iħlas għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-iħlas?

Mhomm ebda tariffa għan-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji.

L-aħħar aġġornament: 16/02/2021

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherix fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabieq tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna  ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

## In-notifika ta' atti - Finlandja

### 1 F'termini prattiċi xi jfisser it-terminu legali "notifika ta' dokumenti"? Għalhekk hemm regoli speċifiċi dwar in-"notifika ta' dokumenti"?

"Notifika ta' dokumenti" tfisser notifika maħruġa fil-konfront ta' persuna fiżika jew ġuridika b'tali mod li tkun tista' tiġi vverifikata u f'forma rregolata mil-liġi. L-għan tar-regoli relatati man-notifika ta' dokumenti huwa li jkun żgurat li d-dokumenti jkunu nnotifikati b'mod kredibbli lill-persuna rilevanti u li dik in-notifika tkun tista' tiġi vverifikata.

### 2 Liema dokumenti jeħtieġ li jkunu nnotifikati b'mod formali?

Id-dokumenti li jiġu nnotifikati normalment ikunu dokumenti relatati ma' proċedimenti ġudizzjarji, bħal ċitazzjonijiet u taħrik tax-xhieda. Talba għal evidenza ta' notifika ta' dokumenti tista' tkun relatata wkoll ma' dokumenti li ma jkunux dawk għal proċedimenti ġudizzjarji, bħal testmenti.

### 3 Min hu responsabbli biex jinnotifika dokument?

Għal proċedimenti ġudizzjarji, il-qorti tkun ġeneralment responsabbli min-notifika tad-dokumenti. Malli saret talba mill-parti rilevanti, il-qorti tista' tafda lil dik il-parti bir-responsabbiltà għan-notifika tad-dokumenti jew il-qorti tqis li jkun hemm raġunijiet iġġustifikati għal dan.

F'każijiet oħrajn, il-parti li jkun fl-interess tagħha li d-dokumenti jkunu nnotifikati tkun responsabbli għan-notifika tad-dokumenti.

## 4 Tiftix tal-indirizz

### 4.1 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, l-awtorità rikjesta f'dan l-Istat Membru tipprova u tistabbilixxi hi bl-inizjattiva tagħha fejn tinsab il-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokumenti ladarba din ma tkunx għadha toqgħod fl-indirizz magħruf mill-awtorità rikjedenti?

Iva. Il-bailiffs tal-qorti distrettwali (*käräjäoikeus*) għandhom aċċess għas-sistema tad-dejta dwar il-popolazzjoni, fejn jistgħu jiċċekkjaw id-dettalji aġġornati tal-indirizzi.

### 4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-indirizz attwali tal-persuna? Jekk iva, x'reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhni l-proċedura li trid tiġi segwita? Xi iħlas irid isir, jekk hemm?

Is-Servizz tal-Indirizzi (*osoitepalvelu/adressstjänst*) jippermettilek tifttex indirizzi aġġornati għal kważi r-residenti permanenti kollha fil-Finlandja. L-indirizzi jistgħu jinstabu wkoll għall-Finlandiżi li jgħixu barra, jekk ikunu nnotifikaw ufficijuz tar-reġistru lokali bl-indirizz attwali tagħhom. L-informazzjoni tas-Servizz hija bbażata fuq l-informazzjoni fis-sistema ta' dejta dwar il-popolazzjoni miżmuma miċ-Ċentru tar-Reġistru tal-Popolazzjoni (*Väestörekisterikeskus*) u f'uffiċċji tar-reġistru lokali (*maistraatit*). L-indirizzi huma fomuti lill-persuni individwali, identifikati b'mod ċar ta' 'l fuq minn 15-il sena li ma jkunux irrifjutaw li jiġu pprovduti l-indirizzi tagħhom. L-indirizzi jiffittxu bl-użu ta' isem u kunjom l-individwu. Dan jista' jkun l-isem attwali jew isem preċedenti. Affarijiet bħall-età tal-individwu, id-data tat-twelid u l-post tad-domiċilju attwali jew preċedenti tiegħu jistgħu jintużaw biex jiġu ffiltrati t-termini tat-tiftixa.

Is-Servizz tal-Indirizzi huwa disponibbli bit-telefown u bl-internet. Is-Servizz tal-Indirizzi bit-telefown huwa aċċessibbli kuljum bejn it-8am u l-10pm bil-Finlandiż meta ċċempel 0600 0 1000 u bl-Iżvediż meta ċċempel 0600 0 1001. Is-servizz jiswa EUR 1.70/minuta + it-tariffa tan-netwerk lokali jew tal-mowbajl u t-tariffi tal-avviż ta' telefonata oħra tal-linja fissa jew tal-mowbajl. Biex iċċempel lis-servizz trid tkun qiegħed bilfors il-Finlandja. Is-sit osoitepalvelu.net jipprovdi s-servizz bil-Finlandiż fl-indirizz <http://vrk.fi/en/address-service> u bl-Iżvediż fl-indirizz <http://vrk.fi/en/address-service>. Is-servizz jippermettilek tifttex għal

minn 1 sa 20 indirizz ta' persuni fl-istess ħin. Indirizz wieħed jiswa EUR 1.24 li tifhallas bis-servizz bankarju onlajn. Is-servizz jista' jintuża wkoll minn barra jekk l-utent ikollu dettalji tas-servizz bankarju onlajn Finlandiż.

Talbiet ta' indirizzi jistgħu jintbagħtu lill-Uffiċċju tar-Reġistru ta' Helsinki (*Helsingin maistraatti*) bil-posta elettronika. Dawn jistgħu jintbagħtu bil-Finlandiż, bl-Iżvedizz jew bl-Ingliż bl-użu tal-indirizz elettroniku [vtj-otteet.helsinki@maistraatti.fi](mailto:vtj-otteet.helsinki@maistraatti.fi). It-talbiet jistgħu jsiru wkoll bil-miktub lill-Uffiċċju tar-Reġistru ta' Helsinki, Albertinkatu 25, 00180 Helsinki, il-Finlandja. Dawn is-servizzi jiswa EUR 12.50 għal kull estratt.

Għal aktar informazzjoni żur <https://www.maistraatti.fi/en/> (bil-Finlandiż) u <https://www.maistraatti.fi/en/> (bl-Iżvedizz).

L-indirizzi jistgħu jinstabu wkoll b'tiffixa tal-indirizzi kummerċjali.

L-Uffiċċju tal-Privattivi u tar-Reġistrazzjoni Finlandiż (*Patentti- ja rekisterihallitus*; PRH) u l-Awtorità tat-Taxxa Finlandiża (*Verohallinto*) għandhom servizz komuni fl-indirizz <https://www.ytj.fi/> fejn tista' tfittex għad-dettalji tan-negozju tal-kumpaniji u tal-organizzazzjonijiet. Dan is-servizz huwa disponibbli bil-Finlandiż, bl-Iżvedizz u bl-Ingliż. Għal iktar informazzjoni żur <https://www.prh.fi/fi/index.html> (bil-Finlandiż), <https://www.prh.fi/sv/index.html> (bl-Iżvedizz) u <https://www.prh.fi/en/index.html> (bl-Ingliż).

### **4.3 L-awtoritajiet f'dan l-Istat Membru kif jitttrattaw talba mibgħuta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qorti tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali bl-għan li jinstab l-indirizz attwali ta' persuna?**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 mhux il-proċedura ewlenija biex jinkisbu dettalji ta' indirizz.

Jekk jogħġbok ara l-mistoqsija 4.2 dwar is-sejbien tad-dettalji tal-indirizzi għal individwi jew organizzazzjonijiet fil-Finlandja.

### **5 Fil-prattika, normalment kif jiġi notifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (ħlief in-notifika indiretta msemmija fil-punt 6 iktar 'l isfel)?**

Skont l-Artikolu 3 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ġudizzjarja (*Oikeudenkäymiskaari*; 4/1734), meta l-qorti tkun responsabbli għan-notifika tad-dokumenti fil-proċedimenti ġudizzjarji, id-dokumenti jiġu nnotifikati primarjament bil-posta. Tista' tintbagħat ittra bil-posta rreġistrata bħala prova tal-irċevuta. Inkella, tista' tintbagħat direttament fid-dar tal-individwu. F'każijiet bħal dawn, il-prova tal-irċevuta tinhemeż mal-ittra, u r-riċevitur irid jiffirmaha u jirritornaha l-qorti.

Dokumenti relatati ma' proċedimenti ġudizzjarji, ħlief ċittazzjonijiet u l-ewwel talba għal tveġġiba, jistgħu jiġu nnotifikati billi jintbagħtu bil-posta standard fl-indirizz indikat mill-parti rilevanti lill-qorti. Ir-riċevitur jitqies li jkun għe nnotifikat b'dokument bil-posta standard fis-seba' jum wara li tiġi mpustata.

Skont l-Artikolu 4 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ġudizzjarja (4/1734), id-dokumenti jistgħu jiġu nnotifikati minn bailiff jekk in-notifika bil-posta x'aktarx li ma tirnaxxi.

Skont l-Artikolu 2 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ġudizzjarja (4/1734), bil-kunsens tal-parti rilevanti, il-qorti tista' tħalli r-responsabbiltà għan-notifika tad-dokumenti f'idejn dik il-parti jekk il-qorti tqis li jkun hemm raġunijiet iġġustifikati biex dan isir. F'każijiet bħal dawn, il-qorti tinnotifika lill-parti rilevanti bid-data ta' skadenza għan-notifika tad-dokumenti u biex tintbagħat prova tagħha l-qorti. Skont l-Artikolu 4 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ġudizzjarja (4/1734), id-dokumenti jistgħu jiġu nnotifikati minn bailiff f'każijiet bħal dawn.

Skont l-Artikolu 4 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ġudizzjarja (4/1734), jekk il-qorti tħalli f'idejn il-parti rilevanti r-responsabbiltà għan-notifika tad-dokumenti, u jekk il-parti rilevanti tkun rappreżentata minn avukat jew konsulent legali pubbliku, id-dokumenti jkunu jistgħu jiġu nnotifikati wkoll personalment minn dak l-avukat jew konsulent legali pubbliku lir-riċevitur. F'każijiet bħal dawn, ir-riċevitur jiffirma l-prova li rċieva d-dokumenti. Dan il-metodu ta' notifika ma jistax jintuża f'kawżi kriminali.

Dokumenti ħlief dawk relatati ma' proċedimenti ġudizzjarji jiġu nnotifikati minn bailiff wara talba mill-awtorità jew minn individwu.

### **6 Hija permessa n-notifika elettronika ta' dokumenti (notifika ta' dokumenti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, bħall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa permess dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatarju (professionist tal-liġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?**

Skont l-Artikolu 3b tal-Kodiċi ta' Proċedura Ġudizzjarja (4/1734), meta l-qorti tkun responsabbli għan-notifika tad-dokumenti, u jekk il-każ ikun relatat mar-riċeviment ta' ċertu ammont, ir-ritorn ta' għestjoni jew ta' kundizzjonijiet imxekkla, jew żgumbrament, u l-attur jiddikjara li ma jqisx li l-kawża tikkostitwixxi tilwima, id-dokumenti jkunu jistgħu jiġu nnotifikati bit-telefown. Rekwiżit addizzjonali huwa li n-notifika bit-telefown tkun xierqa fid-dawl tal-ambitu u l-kwalità tad-dokument ikkonċernat u li r-riċevitur ikun infurmat bid-dokument ikkonċernat u jifhem l-importanza tan-notifika tiegħu, mingħajr ebda dubju. Ladarba dokument jiġi nnotifikat bit-telefown, huwa jrid jintbagħat minnufih bħala ittra jew komunikazzjoni elettronika fl-indirizz speċifikat mir-riċevitur, sakemm dan ma jkunx manifestament inutili għal raġunijiet speċjali. Trid tiġi pprovduta wkoll evidenza li d-dokument għe nnotifikat bit-telefown.

Skont l-Artikolu 3 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ġudizzjarja (4/1734), meta l-qorti jew il-prosekutur ikunu responsabbli għan-notifika tad-dokumenti, id-dokument ikun jista' jiġi nnotifikat billi jintbagħat lill-parti rilevanti bħala komunikazzjoni elettronika bil-mod speċifikat mir-riċevitur, jekk ikun jista' jiġi preżunt li r-riċevitur ikun infurmat bid-dokument u jirritorna prova tal-irċevuta sal-iskadenza.

## **7 Notifika "indiretta"**

### **7.1 Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika fejn ma jkunx possibbli li d-dokumenti jkunu nnotifikati lid-destinatarju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marxxxall, bil-posta jew b'reklamar)?**

Skont l-Artikolu 7 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ġudizzjarja (4/1734), meta bailiff ikun fittex persuna għall-finijiet ta' notifika ta' dokumenti u li l-post tar-residenza tiegħu ikun fil-Finlandja imma l-bailiff ma jkunx sab lil dik il-persuna jew lil kwalunkwe persuna li tkun intitolata tirċievi dokumenti nnotifikati fisem dik il-persuna, u jkun jista' jiġi preżunt fuq il-bażi taċ-ċirkostanzi li l-persuna kkonċernata qed taħrab in-notifika tad-dokumenti, il-bailiff jista' jinnotifika d-dokumenti billi jikkonsenjohom lil kwalunkwe membru tal-istess abitazzjoni ta' età 15-il sena jew iktar jew, jekk ir-riċevitur tad-dokumenti jkollu negozju, lil kwalunkwe individwu impegat ma' dak in-negozju. Jekk ma jkun jista' jinstab ħadd minn dawk imsemmija fuq, id-dokumenti jkunu jistgħu jiġu nnotifikati billi jingħataw lill-forza tal-pulizija lokali.

Meta l-proċedura stabbilita fil-paragrafu 1 tkun għet segwita, il-bailiff irid jibgħat notifika ta' dan lir-riċevitur tad-dokumenti nnotifikati, bl-użu tal-indirizz tar-riċevitur. Id-dokumenti għandhom jitqiesu bħala li għew innotifikati meta n-notifika skont it-tifsira tal-paragrafu 2 tiġi mpustata.

Fil-kawżi kriminali, iċ-ċittazzjonijiet ma jistgħux jiġu nnotifikati lill-akkużat bl-użu tal-proċedura stabbilita f'dan il-paragrafu.

Skont l-Artikolu 9 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ġudizzjarja (4/1734), jekk ma tkun tista' tinstab l-ebda informazzjoni dwar fejn jinsab ir-riċevitur, il-qorti tkun responsabbli għan-notifika tad-dokumenti b'avviż pubbliku. Fil-kawżi kriminali, iċ-ċittazzjonijiet ma jistgħux jiġu nnotifikati lill-akkużat b'avviż pubbliku.

### **7.2 Jekk japplikaw metodi oħrajn, id-dokumenti meta jitqiesu li għew innotifikati?**

Ara l-mistoqsija 7.1.

### **7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika huwa d-depożitu tad-dokumenti f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatarju kif ikun infurmat b'dak id-depożitu?**

Ara l-mistoqsija 7.1.

### **7.4 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokumenti, xi jkunu l-konsegwenzi? Id-dokumenti jitqiesu bħala effettivament innotifikati jekk ir-rifjut ma jkunx leġittimu?**

Jekk ir-riċevitur ma jiġborx id-dokumenti notifikati u l-prova tal-irċevuta mill-uffiċċju postali jew jirrifjuta li jirċevihom, it-talba tintbagħat lura lill-mittent. F'każijiet bħal dawn, id-dokumenti jitqiesu li ma ġewx innotifikati (ara pereżempju, id-Deċiżjoni 50:1997 tal-Qorti Suprema (*korkein oikeus*)). Similarmet, jekk id-dokument li jrid jiġi notifikat ikun ġie mpustat direttament id-dar tar-riċevitur, titqies li ma ġietx innotifikata sakemm ir-riċevitur ma jirritornax prova ffirmata tal-irċevuta lill-qorti.

Ir-riċevitur jista' jirrifjuta biss li jirċievi dokumenti nnotifikati mill-bailiff jekk ikunu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet elenkati fil-liġi. Ir-riċevitur jista' jirrifjuta li jirċievi d-dokumenti nnotifikati *post l-oħrajn* meta d-dokumenti ma jkunux bil-Finlandiż jew bil-Lżvediz jew f'lingwa oħra li jifhem. Eżempji: L-Att dwar l-Għajnuna Legali f'Materji Kriminali (*Laki kansainvälisestä oikeusavusta rikosasioissa*) jew l-Att dwar l-Għajnuna Legali Internazzjonali u r-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi tad-Dritt Ċivili jew Kummerċjali (*Laki kansainvälisestä oikeusavusta sekä tuomioiden tunnustamisesta ja täytäntöönpanosta siviili- ja kauppa-oikeuden alalla*).

Jekk ikun hemm raġunijiet skont il-liġi għar-rifjut tan-notifika ta' dokumenti, il-bailiff jirritorna d-dokumenti. F'każijiet bħal dawn, il-bailiff jipprovi evidenza bil-miktub li turi li r-riċevitur irrifjuta n-notifika tad-dokumenti, u spjega tar-raġunijiet għal dan ir-rifjut.

## **8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki)**

**8.1 Jekk is-servizz postali jwassal dokument mibgħut minn barra lill-destinatarju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn tal-aċċettazzjoni tal-irċevuta (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki), is-servizz postali jista' jħalli d-dokument biss mad-destinatarju stess jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-posta, iħalli d-dokument ukoll ma' persuna oħra fl-istess indirizz?**

Meta jintbagħtu dokumenti il-Finlandja bil-posta għal notifika u għal prova tal-irċevuta, l-uffiċċju postali jżomm dawn id-dokumenti hu stess u jibgħat nota lir-riċevitur fejn jinfurmah li hemm oġġett x'jiġbor mill-uffiċċju postali. Huma biss ir-riċevitur jew persuna awtorizzata minnu li jistgħu jiġbru dawk id-dokumenti mill-uffiċċju postali. Huwa possibbli li d-dokumenti jingħaddew esklussivament lir-riċevitur personalment jekk il-parti li titlob in-notifika tad-dokumenti titlob li jsir hekk.

**8.2 Skont ir-regoli tal-posta f'dan l-Istat Membru kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tan-Notifiki Nru 1393/2007, jekk la d-destinatarju u lanqas ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-posta – ara fuq) ma jkun instab fl-indirizz fejn tkun intbagħtet?**

Jekk ir-riċevitur ma jiġborx id-dokumenti mill-uffiċċju postali, dawn jiġu rritornati lill-mittent.

F'każijiet bħal dawn, il-mittent jista' jibgħat id-dokumenti u t-talba għal notifika tad-dokumenti lill-qorti distrettwali (*käräjäoikeus*) għall-post tar-residenza jew tad-domiċilju tar-riċevitur. Ladarba tasal it-talba, il-bailiffs tal-qorti distrettwali jipprovaw jinnotifikaw id-dokumenti lir-riċevitur personalment.

**8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perjodu speċifiku għall-ġbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għax ma twasslux? Jekk iva, kif ikun infurmat id-destinatarju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?**

L-uffiċċju postali jibgħat nota lir-riċevitur fejn jinfurmah li hemm oġġett x'jiġbor mill-uffiċċju postali. In-notifika tiddikjara wkoll id-data sa meta r-riċevitur irid jiġbor id-dokumenti.

L-uffiċċju postali jżomm id-dokumenti tul il-ġimgħa ta' meta jkunu waslu u ġimagħtejn kalendarji sħaħ fuqhom.

## **9 Ikun hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun ġie nnotifikat?**

Il-bailiff jipprovi l-prova li nnotifika d-dokumenti. Il-prova tingħata anke jekk in-notifika tad-dokumenti tkun saret bil-posta.

**10 X'jiġri jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirċevix id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi notifikat lil terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika ġdida tad-dokument?**

Jekk id-dokumenti jkunu nnotifikati inkorrektament u l-persuna rilevanti ma tidhirx il-qorti jew ma ttiprovdx tweġiba bil-miktub kif mitlubha, id-dokumenti jkollhom jerġgħu jiġu nnotifikati. Madankollu, jekk l-iżball ikun minuri, ma hemmx għalfejn li d-dokumenti jerġgħu jiġu nnotifikati.

Jekk il-persuna rilevanti ssostni li d-dokumenti jkunu ġew innotifikati inkorrektament, il-kawża tiġi aġġornata sakemm dan ma jkunx meħtieġ minħabba li l-iżball kien wieħed żgħir.

## **11 Hemm xi ħlas għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-ħlas?**

In-notifika tad-dokumenti minn bailiff tiswa EUR 60.

L-aħħar aġġornament: 31/05/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## **In-notifika ta' atti - Svezja**

**1 F'termini prattiċi xi f'fisser it-terminu legali "notifika ta' dokumenti"? Għaliex hemm regoli speċifiċi dwar in-"notifika ta' dokumenti"?**

Fil-prattika, "notifika" tfisser li dokument jintbagħat jew jingħadda lil persuna u li hemm prova li din tkun irċeviet id-dokument jew li r-regoli tal-Att dwar in-Notifiki Ġudizzjarji (*delgivningslagen*) ġew segwiti. Ir-raġuni li jkun hemm regoli dwar in-notifiki tinkludi l-fatt li l-qorti għandhom ikunu jistgħu joqogħdu fuq li dokument jilħaq lil persuna li hu indirizzat lilha.

**2 Liema dokumenti jeħtieġ li jkunu notifikati b'mod formali?**

In-notifika trid issir jekk tkun stipulata speċifikament jew jekk dispożizzjoni relatata mal-informazzjoni tiddikjara li din għandha ssir minħabba l-għanijiet tad-dispożizzjoni kkonċernata; inkella, trid tintuża biss fejn tkun meħtieġa u minħabba l-konsiderazzjoni dovuta għaċ-ċirkostanzi, Eżempju ta' fejn in-notifika tkun stipulata speċifikament fil-liġi, jiġifieri id-dokumenti jridu jiġu nnotifikati, huwa meta tkun trid tiġi nnotifikata ċitazzjoni fuq konvenut f'kawża ċivili.

**3 Min hu responsabbli biex jinnotifika dokument?**

Spiss tkun l-awtorità jew il-qorti li tiżgura li d-dokumenti jiġu nnotifikati. Jista' jiġri, madankollu, li parti titlob li tiżgura hi stess li ssir in-notifika u l-awtorità jew il-qorti tippermettilha tagħmel hekk (notifika minn parti). Prerekwiżit għal notifika minn parti hija li dik in-notifika tkun skont il-liġi.

## **4 Tiftix tal-indirizz**

**4.1 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, l-awtorità rikjesta f'dan l-Istat Membru ttipprova u tistabbilixxi hi bl-inizjattiva tagħha fejn tinsab il-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokumenti ladarba din ma tkunx għadha toqgħod fl-indirizz magħruf mill-awtorità rikjedenti?**

L-awtorità li ssirilha t-talba tftitex għal dettalji ġossta tal-indirizz għar-riċevitur fuq inizjattiva tagħha stess jekk ir-riċevitur ikun ġarr mill-indirizz mogħti fiċ-ċitazzjoni.

**4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-indirizz attwali tal-persuna? Jekk iva, x-reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhi l-proċedura li trid tiġi segwita? Xi ħlas irid isir, jekk hemm?**

Kulħadd jista' jikkuntatta lill-Aġenzija tat-Taxxa Żvediża (*Skatteverket*), li żżomm reġistru tal-popolazzjoni li tgħix l-lżvezja u l-indirizz ta' fejn jgħixu. Ma hemm l-ebda proċedura speċjali, formali biex jinkiseb aċċess għal din l-informazzjoni. Wieħed jista, pereżempju, iċċempel lit-tim tas-servizzi għall-klijenti tal-Aġenzija tat-Taxxa Żvediża fuq + 46 8 564 851 60. Tista' ssib iktar informazzjoni fis-sit tal-Aġenzija fl-indirizz <https://www.skatteverket.se/servicelankar/otherlanguages/inenglish.4.12815e4f14a62bc048f4edc.html>. Il-ksib ta' informazzjoni mir-reġistru tal-popolazzjoni huwa bla ħlas.

#### 4.3 L-awtoritajiet f'dan l-Istat Membru kif jitrattaw talba mibgħuta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali bl-għan li jinstab l-indirizz attwali ta' persuna?

Diffiċli li tiftixa għal indirizz għan-notifika ta' dokumenti tista' tiġi ttrattata bħala l-ġbir ta' prova. Din hi madankollu kwistjoni li trid tiġi deċiża mill-qorti rikjesta; ja fejn nafu, l-ebda talba ta' dan it-tip ma qatt ġiet eżaminata.

#### 5 Fil-prattika, normalment kif jiġi notifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (nief in-notifika indiretta msemmija fil-punt 6 iktar 'l isfel)?

L-iktar mod komuni biex dokument jiġi nnotifikat huwa li jintbagħat bil-posta lill-persuna riċevienti (notifika standard). L-ittra tkun akkompanjata minn irċevuta tan-notifika, li r-riċevitur jintalab jiffirma u jibgħat lura.

Metodi alternattivi ta' notifika (flimkien ma' notifika sostitwita) huma notifika bit-telefown, notifika ssemplifikata, u notifika minn bailiff.

**Notifika bit-telefown** tfisser li l-kontenut tad-dokument li jrid jiġi nnotifikat jinqara fuq it-telefown lill-persuna li trid tiġi nnotifikata bih, u d-dokument, imbagħad, jiġi mpustat lilha. Ma hemm bżonn tal-ebda prova tal-irċevuta għal notifika bit-telefown. Id-dokument jitqies bħala li jkun ġie nnotifikat ladarba l-kontenut tiegħu ikun inqara.

**Notifika ssemplifikata** ssir bl-impustar tad-dokument fl-aħħar indirizz magħruf tal-persuna riċevienti u mbagħad billi jintbagħat avviż fl-istess indirizz fil-jum tax-xogħol segwenti, fejn jiġi ddiċjarat li d-dokument intbagħat. Ma hemm bżonn tal-ebda prova tal-irċevuta għal notifika ssemplifikata. Id-dokument jitqies li ġie nnotifikat ġimagħtejn wara li jintbagħat, sakemm l-avviż ikun intbagħat kif stipulat. Notifika ssemplifikata tista' tintuża biss jekk il-persuna riċevienti tkun ġiet infurmata li tista' tintuża notifika ssemplifikata fil-każ jew fil-materja ikkonċernata. Fil-prattika, dan ifisser pereżempju li parti f'kawża trid tiġi nnotifikata b'dokument darba biss bil-prova tal-irċevuta.

**Notifika speċjali għall-persuni ġuridiċi:** Il-persuni ġuridiċi jistgħu, skont ċerti kundizzjonijiet, jiġu nnotifikati billi jintbagħat dokument fl-indirizz irreġistrat tal-kumpanija u billi jintbagħat avviż fl-istess indirizz fil-jum tax-xogħol segwenti. Id-dokument jitqies li ġie nnotifikat ġimagħtejn wara li jintbagħat, sakemm l-avviż ikun intbagħat kif stipulat.

**Notifika minn bailiff** tfisser li dokument jiġi nnotifikat personalment minn persuna awtorizzata għall-eżekuzzjoni ta' dik in-notifika, jiġifieri bailiff jew impjegat tal-Awtorità tal-Pulizija Żvediża (*Polismyndigheten*), l-Awtorità tal-Prosekuzzjoni Żvediża (*Åklagarmyndigheten*), il-qorti, l-Awtorità ta' Eżekuzzjoni Żvediża (*Kronofogdemyndigheten*), jew kumpanija tan-notifiki lliċenzjata.

**6 Hija permessa n-notifika elettronika ta' dokumenti (notifika ta' dokumenti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, bħall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa permess dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatarju (professjonist tal-liġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?**

Notifika elettronika hija permessa biss meta l-awtoritajiet jew il-qrati jkollhom jinnotifikaw dokument lil xi ħadd b'mezz ta' notifika standard.

#### 7 Notifika "indiretta"

**7.1 Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika fejn ma jkunx possibbli li d-dokument jkun nnotifikat lid-destinatarju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamar)?**

Meta l-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokument ma tkunx tista' tinstab, id-dokument jistgħu jiġu kkomunikati fil-modi li ġejjin.

Notifika minn bailiff bl-użu ta' notifika "surrogatorja": Id-dokument jintbagħat lil xi ħadd li mhux il-persuna li trid tiġi nnotifikata. Pereżempju, dan jista' jkun membru adult tal-abitazzjoni tar-riċevitur jew min iħaddem lir-riċevitur. Ir-riċevitur surrogat dejjem irid, madankollu, jagħti l-kunsens li jirċievi d-dokument. Avviż tal-fatt li dokument ġie nnotifika u ta' min irċevieh irid jintbagħat fl-indirizz tar-riċevitur.

Notifika minn bailiff billi d-dokument jiġihalla fuq il-post: Id-dokument jiġihalla d-dar tar-riċevitur, pereżempju fil-kaxxa postali, jew f'post xieraq fid-dar, pereżempju jittwaħħal mal-bieb.

Notifika b'avviż: Dan isir billi d-dokument jibqa' disponibbli għand l-awtorità jew il-qorti li ddeċidiet dwar in-notifika, filwaqt li fl-istess ħin jiġi ppubblikat avviż dwar dan u dwar il-kontenuti ewlenin tad-dokument fil-Gazzetta Uffiċjali Żvediża (*Post- och Inrikes Tidningar*) u, jekk ikun hemm raġunijiet għal dan, fil-gazzetta lokali. Id-dokument jiġi simultanament mpustat fl-aħħar indirizz magħruf tal-persuna li trid tiġi nnotifikata.

#### 7.2 Jekk japplikaw metodi oħrajn, id-dokument meta jitqiesu li ġew innotifikati?

Meta bailiff jinnotifika dokument bl-użu ta' notifika "surrogata", id-dokument ikun ġie nnotifikat meta jiġi kkonsejnat u l-avviż jintbagħat lir-riċevitur.

Meta bailiff jinnotifika dokument billi d-dokument jiġihalla fuq il-post, id-dokument ikun ġie nnotifikat meta jiġihalla kif deskritt fil-mistoqsija 7.1.

Dokument ikun ġie nnotifikat b'avviż ladarba jkun għaddew ġimagħtejn mid-data tad-deċiżjoni b'effett li d-dokument irid ikun innotifikat b'avviż, sakemm l-avviż ikun ingħata u l-miżuri stipulati l-oħrajn ikunu saru fil-ħin (fi żmien għaxart ijiem).

#### 7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika huwa d-depożitu tad-dokument f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatarju kif ikun infurmat b'dak id-depożitu?

Jekk dokument ikun kbir wisq jew għal xi raġuni ma jkunx adatt biex jintbagħat lir-riċevitur jew jiġihalla għandu, l-awtorità tista' minflok tiddeċiedi li tħallih disponibbli għand l-awtorità kkonċernata jew f'post ieħor tal-għażla tagħha għal ċertu żmien. Ir-riċevitur irid jiġi pprovdut b'avviż tal-kontenut ta' deċiżjoni ta' dan it-tip.

#### 7.4 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokument, xi jkun l-konsegwenzi? Id-dokument jittqiesu bħala effettivament innotifikati jekk ir-rifjut ma jkunx leġittimu?

Jekk ir-riċevitur jirrifjuta li jirċievi dokument innotifikat minn bailiff, id-dokument xorta jitqies li ġie nnotifikat jekk jiġihalla fuq il-post.

#### 8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki)

**8.1 Jekk is-servizz postali jwassal dokument mibgħut minn barra lill-destinatarju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn tal-aċċettazzjoni tal-irċevuta (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki), is-servizz postali jista' jħalli d-dokument biss mad-destinatarju stess jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-posta, iħalli d-dokument ukoll ma' persuna oħra fl-istess indirizz?**

Dokument jista' jiġi nnotifikat bil-posta jekk jintbagħat bil-posta rreġistrata. L-oġġett ikun jista' jinġabar mill-uffiċċju postali, iċ-ċentri tan-negozju postali u mingħand il-ħaddiema tal-konsenji postali, u jridu jkun ffirmati mill-persuna mniżżla bħala r-riċevitriċi tad-dokument nnotifikati jew mir-rappreżentant ta' dik il-persuna; trid tintwera prova ta' identità. Huwa possibbli wkoll għall-parti li tordna n-notifika postali li tispeċifika li jiġi aċċettat biss li n-notifika ssir personalment.

**8.2 Skont ir-regoli tal-posta f'dan l-Istat Membru kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tan-Notifiki Nru 1393/2007, jekk la d-destinatarju u lanqas ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-posta – ara fuq) ma jkun instab fl-indirizz fejn tkun intbagħtet?**

Jekk in-notifika bil-posta rreġistrata ma timexxi, ma hemm l-ebda possibbiltà oħra disponibbli biex isir tentattiv li d-dokument jidur nnotifikati bil-posta. Minflok jistgħu jiġu kkunsidrati miżuri oħrajn ta' notifika, bħal notifika minn bailiff.

#### 8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perġodu speċifiku għall-ġbir tad-dokument qabel ma d-dokument jintbagħtu lura għax ma twasslux? Jekk iva, kif ikun infurmat id-destinatarju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?

Ir-riċevitur ta' dokument mibgħut bil-posta rreġistrata jkun infurmat bih b'avviż mibgħut fl-indirizz ta' dar ir-riċevitur, jew b'SMS jew b'ittra elettronika. L-oġġett normalment jibqa' fejn ikun tħalla għal perġodu ta' 14-il jum mid-data tal-wasla tiegħu.

### **9 Ikun hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun ġie nnotifikat?**

Normalment ikun hemm irċevuta mill-persuna li jkun ġie nnotifikat bid-dokument jew dokument imfassal mill-awtorità jew mill-qorti bħala prova li d-dokument ġie nnotifikat bit-telefown, b'notifika surrogata jew billi d-dokument jiġihalla fuq il-post.

### **10 X'jiġri jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirċevix id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi nnotifikat lil terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika ġdida tad-dokument?**

Hemm il-libertà li wieħed jibgħat provi u li dawn jiġu eżaminati mill-qorti Żvediżi. Jista' jkun ippruvat li persuna rat id-dokument, u l-kwistjoni ta' jekk id-dokument ikunx ġie nnotifikat skont il-liġi ikun immaterjali. Għalhekk, kull żball formali ma jfissirx fih innifsu li d-dokument irid jerġa' jiġi nnotifikat; il-fattur kruċjali huwa jekk id-dokument wasalx għand il-persuna indirizzata.

Jekk, mill-banda l-oħra, wieħed jista' jipprova li l-persuna kellha tkun innotifikata bid-dokument ma tkunx irċevietu jew jekk ir-regoli li jirregolaw in-notifika tad-dokumenti ma ġewx segwiti, deċiżjoni tista' tiġhassar permezz ta' rimedju legali straordinarju.

### **11 Hemm xi ħlas għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-ħlas?**

Meta awtorità tkun responsabbli għan-notifika ta' dokumenti, l-ispejjeż ta' dik in-notifika jġarrabhom l-Istat. Dan ifisser, pereżempju, li l-attur fi proċedimenti ċivili ma għandux għalfejn jirrimborża lill-qorti tal-ispejjeż imġarrba minnha għan-notifika ta' ċitazzjoni lill-konvenut.

Jekk persuna individwali jew parti tkun tixtieq tinnotifika dokument lil xi ħadd, hija għandha oġorr l-ispejjeż ta' dik in-notifika. Pereżempju, l-ispiża biex jitqabbd impjegat tal-Awtorità tal-Pulizija Żvediża bħala bailiff hija ta' SEK 1 000.

L-aħħar aġġornament: 10/01/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.